MANWAL



# Manwal dwar id-dritt tal-Unjoni relatat mal-aċċess għall-ġustizzja

FRA
EUROPEAN UNION AGENCY
FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

EUROPEAN COURT OF HUMAN RIGHTS
COUR EUROPÉENNE DES DROITS DE L'HOMME

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE

© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-Kunsill tal-Ewropa, 2016

Il-manuskritt għal dan il-manwal tlesta f' ta' Jannar 2016.

Fil-futur, l-aġġornamenti ser ikunu disponibbli fuq is-sit web tal-FRA fuq fra.europa.eu u fuq is-sit web tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem taħt il-menu tal-Każistika fuq echr.coe.int.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata diment li jiġi rikonoxxut is-sors.

*Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.*

**Numru tat-telefown waħdieni bla ħlas (*):**

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Kreditu għar-ritratt (qoxra u ġewwa): © iStockphoto

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2017

| | | | |
|---|---|---|---|
| KtE: | ISBN 978-92-871-9857-0 | | |
| FRA – print: | ISBN 978-92-9491-444-6 | doi:10.2811/82474 | TK-04-15-940-MT-C |
| FRA – web: | ISBN 978-92-9491-443-9 | doi:10.2811/203044 | TK-04-15-940-MT-N |


Dan il-manwal ġie abbozzat bl-Ingliż. Il-Kunsill tal-Ewropa (KtE) u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kwalità tat-traduzzjonijiet f'lingwi oħra. Il-fehmiet espressi f'dan il-manwal ma jorbtux lill-KtR u l-QEDB. Il-manwal jaċċenna għal għażla ta' kummentarji u manwali. Il-KtE u l-QEDB ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tagħhom, u l-inklużjoni tagħhom fuq din il-lista lanqas ma twassal għal kwalunkwe tip ta' approvazzjoni ta' dawn il-pubblikazzjonijiet. Aktar pubblikazzjonijiet huma elenkati fuq il-paġni tal-internet tal-librerija tal-QEDB fuq echr.coe.int.

FRA
EUROPEAN UNION AGENCY
FOR FUNDAMENTAL RIGHTS

EUROPEAN COURT OF HUMAN RIGHTS
COUR EUROPÉENNE DES DROITS DE L'HOMME

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE

# Manwal dwar id-dritt tal-Unjoni relatat mal-aċċess għall-ġustizzja

# Daħla

Dan il-manwal dwar l-aċċess għall-ġustizzja fl-Ewropa huwa mħejji b'mod konġunt mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Kunsill tal-Ewropa flimkien mar-Reġistru tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Huwa l-ħames minn serje ta' manwali dwar id-dritt tal-Unjoni preparati b'mod konġunt mill-organizzazzjonijiet tagħna. Il-manwali preċedenti ffukaw fuq il-liġi Ewropea dwar in-nondiskriminazzjoni, id-dritt tal-Unjoni dwar l-ażil, il-fruntieri u l-immigrazzjoni, il-liġi Ewropea tal-protezzjoni tad-data u l-liġi Ewropea dwar id-drittijiet tat-tfal.

Fid-dawl tar-rispons pożittiv għall-manwali preċedenti, iddeċidejna li nikkooperaw fuq suġġett ieħor – l-aċċess għall-ġustizzja. L-aċċess għall-ġustizzja mhuwiex biss dritt fih innifsu iżda wkoll għodda li tippermetti u li tagħti s-setgħa, ċentrali sabiex drittijiet oħra jsiru realtà.

Dan il-manwal jiġbor fil-qosor il-prinċipji legali Ewropej ewlenin fil-qasam tal-aċċess għall-ġustizzja. Dan ifittex li jqajjem kuxjenza u jtejjeb l-għarfien tal-istandards legali rilevanti stabbiliti mill-Unjoni Ewropea u mill-Kunsill tal-Ewropa, b'mod partikolari permezz tal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE) u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB). Il-manwal huwa mfassal sabiex iservi bħala gwida prattika għall-imħallfin, il-prosekuturi u l-ġuristi involuti f'litigazzjoni fl-UE u fl-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa. Organizzazzjonijiet nongovernattivi u korpi oħra li jassistu lill-vittmi fl-aċċess għall-ġustizzja wkoll ser isibu dan il-manwal utli.

Nixtiequ nirringrazzjaw liċ-Ċentru tad-Drittijiet Umani tal-Università ta' Nottingham, ir-Renju Unit, għall-kontribut tiegħu. Aħna grati wkoll lill-Kummissjoni Ewropea għall-Effikaċja tal-Ġustizzja tal-Kunsill tal-Ewropa (CEPEJ) għall-involviment tagħha fl-istadji bikrija tat-tħejjija ta' dan il-manwal u lid-DĠ Ġustizzja tal-Kummissjoni Ewropea talli tat kontribut matul l-abbozzar. Finalment, nixtieq nesprimu l-apprezzament tagħna lill-Imħallef Maria Berger tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għar-rispons siewi tagħha matul il-fażi finali tal-abbozzar.

**Philippe Boillat**

Id-Direttur Ġenerali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Istat tad-Dritt Kunsill tal-Ewropa

**Michael O'Flaherty**

Id-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali

# Kontenut


DAĦLA ... 3

PRATTIĊI PROMETTENTI ... 8

ABBREVJAZZJONIJIET U AKRONIMI ... 9

KIF GĦANDEK TUŻA DAN IL-MANWAL ... 11

1 XI JFISSER L-AĊĊESS GĦALL-ĠUSTIZZJA? ... 15
Punti ewlenin ... 16

2 SMIGĦ ĠUST U PUBBLIKU QUDDIEM TRIBUNAL INDIPENDENTI U IMPARZJALI U KORPI OĦRA ... 25
2.1. Aċċess għall-ġustizzja permezz tal-qrati ... 27
Punti ewlenin ... 27
2.1.1. Dritt ta' aċċess għal qorti ... 27
2.1.2. Definizzjoni ta' "tribunal" ... 32
2.2. L-indipendenza u l-imparzjalità tat-tribunali ... 37
Punti ewlenin ... 37
2.3. X'inhu smigħ ġust u pubbliku? ... 43
Punti ewlenin ... 43
2.3.1. Smigħ ġust ... 43
2.3.2. Smigħ pubbliku ... 48
2.4. Direzzjonijiet oħra għall-ġustizzja ... 51
Punti ewlenin ... 51
2.4.1. Korpi mhux ġudizzjarji ... 52
2.4.2. Soluzzjoni alternattiva għat-tilwim ... 53

3 GĦAJNUNA LEGALI ... 61
3.1. Għajnuna legali fi proċedimenti mhux kriminali ... 63
Punti ewlenin ... 63
3.1.1. Kamp ta' applikazzjoni ... 63
3.1.2. Testijiet finanzjarji u tal-mertu ... 68
3.2. Għajnuna legali fi proċedimenti kriminali ... 71
Punti ewlenin ... 71
3.2.1. Kamp ta' applikazzjoni ... 71
3.2.2. Test tal-mezzi finanzjarji ... 73
3.2.3. Test tal-interessi tal-ġustizzja ... 74

4 DRITT GĦAL PARIR, DIFIŻA U RAPPREŻENTANZA ... 77
4.1. Dritt għal parir, difiża u rappreżentanza fi proċedimenti mhux kriminali ... 79
Punti ewlenin ... 79
4.1.1. Kamp ta' applikazzjoni ... 79
4.1.2. Assistenza legali prattika u effettiva ... 80
4.2. Dritt għal parir, difiża u rappreżentanza fi proċedimenti kriminali ... 82
Punti ewlenin ... 82
4.2.1. Kamp ta' applikazzjoni ... 83
4.2.2. Kwalità tal-assistenza legali ... 88
4.2.3. Assistenza legali tal-għażla proprja ... 89
4.2.4. Żmien u faċilitajiet xierqa għat-tħejjija tad-difiża proprja ... 90
4.2.5. Rinunzja ... 92
4.3. Dritt għall-awtorappreżentanza ... 94
Punti ewlenin ... 94
5 DRITT GĦAL RIMEDJU EFFETTIV ... 97
5.1. X'inhuwa rimedju effettiv? ... 98
Punti ewlenin ... 98
5.1.1. Rekwiżiti sostantivi u proċedurali ta' rimedju effettiv ... 99
5.1.2. Rekwiżiti istituzzjonali ta' rimedju effettiv ... 105
5.2. Eżempji ta' rimedji speċifiċi ... 107
Punti ewlenin ... 108
5.2.1. Kumpens ... 108
5.2.2. Prestazzjoni Speċifika ... 113
5.2.3. Inġunzjonijiet ... 114
6 LIMITAZZJONIJIET FUQ L-AĊĊESS GĦALL-ĠUSTIZZJA IN ĠENERALI ... 117
6.1. Għan leġittimu u proporzjonalità ... 119
Punti ewlenin ... 119
6.2. Eżempji ta' restrizzjonijiet qabel is-sentenza jew id-deċiżjoni finali ... 122
Punti ewlenin ... 122
6.2.1. Spejjeż tal-qorti ... 123
6.2.2. Formaliżmu eċċessiv ... 126
6.2.3. Ostakli għall-evidenza ... 128
6.2.4. Perjodi ta' limitazzjoni ... 131
6.2.5. Immunitajiet ... 133
6.3. Dewmien fl-eżekuzzjoni tas-sentenzi finali ... 135
Punti ewlenin ... 135

7 LIMITAZZJONIJIET DWAR L-AĊĊESS GĦALL-ĠUSTIZZJA: TUL TAL-PROĊEDIMENTI ... 139
7.1. Determinazzjoni tat-tul tal-proċedimenti ... 140
Punti ewlenin ... 140
7.1.1. Determinazzjoni tat-tul ta’ proċeduri mhux kriminali ... 142
7.1.2. Determinazzjoni tat-tul tal-proċedimenti kriminali ... 144
7.2. Kriterji li jiddeterminaw ir-raġjonevolezza tat-tul tal-proċedimenti ... 145
Punti ewlenin ... 145
7.2.1. Kumplessità tal-każ ... 148
7.2.2. Il-kondotta tal-kwerelant ... 149
7.2.3. Il-kondotta tal-awtoritajiet domestiċi ... 150
7.2.4. X’hemm involut għall-ilmentatur ... 152
7.3. Rimedji għal proċedimenti eċċessivament twal ... 154
8 AĊĊESS GĦALL-ĠUSTIZZJA F’OQSMA TA’ FFUKKAR MAGĦŻULA ... 157
8.1. Persuni b’diżabilità ... 160
Punti ewlenin ... 160
8.1.1. Aċċess għall-ġustizzja ... 161
8.1.2. Kapaċità ... 164
8.2. Vittmi tal-kriminalità ... 167
Punti ewlenin ... 167
8.3. Priġunieri u detenuti qabel il-proċess ... 174
Punti ewlenin ... 174
8.3.1. Aċċess għal qorti u għal avukat ... 175
8.3.2. Id-dritt li tikkontesta ċaħda ta’ libertà ... 176
8.3.3. Kumpens għal detenzjoni illegali ... 182
8.4. Liġi ambjentali ... 183
Punti ewlenin ... 183
8.5. Ġustizzja elettronika ... 189
Punt ewlieni ... 189
AKTAR QARI ... 193
KAŻISTIKA ... 203
INDIĊI ... 211

# Prattiċi promettenti

L-iżgurar ta' proċess ġust permezz ta' ko-smigħ ........ 44
Titjib tal-aċċess għall-ġustizzja f'każijiet ta' diskriminazzjoni ........ 54
L-użu ta' medjazzjoni fi proċeduri familjari ........ 55
L-għoti ta' għajnuna legali lil gruppi vulnerabbli ........ 64
L-għoti ta' għajnuna legali onlajn għall-garanzija ta' aċċess għall-ġustizzja ........ 71
L-għoti ta' bosta tipi ta' pariri legali ........ 79
L-assistenza lill-partijiet awtorappreżentati ........ 94
Tnaqqis ta' spejjeż u proċeduri ta' simplifikazzjoni ........ 125
Il-promozzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja billi jitnaqqas il-formaliżmu eċċessiv. ........ 128
Infurzar tas-sentenzi b'mod effiċjenti ........ 138
Jitħaffu l-każijiet tal-familja ........ 141
Tnaqqis tat-tul tal-proċedimenti billi jinstemgħu l-utenti tal-qorti ........ 152
It-tħaffif tal-proċedimenti ........ 153
Niggwidaw il-pulizija fl-assistenza ta' persuni b'diżabilità ........ 161
Appoġġ lill-vittmi b'diżabilità fit-tagħlim ........ 170
Promozzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja għall-priġunieri b'diżabilitajiet intellettwali ........ 175
Il-promozzjoni tad-demokrazija ambjentali fil-prattika ........ 185
Viżwalizzazzjoni tas-sentenzi: għodda online biex tiffaċilità l-aċċess għall-ġustizzja ........ 191

# Abbrevjazzjonijiet u akronimi

| | |
|---|---|
| ADR | Soluzzjoni alternattiva għat-tilwim |
| CCJE | Kunsill Konsultattiv tal-Imħallfin Ewropej |
| CEPEJ | Kummissjoni Ewropea għall-Effikaċja tal-Ġustizzja |
| CETS | Serje ta' Trattati tal-Kunsill tal-Ewropa |
| CODEX elettroniku | Ġustizzja elettronika permezz tal-Iskambju ta' Data Online |
| CRPD | Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità |
| EEO | Ordni Ewropew ta' Infurzar |
| EIA | Direttiva tal-Impatt Ambjentali |
| e-SENS | Servizzi Elettroniċi Sempliċi f'Netwerk Ewropew |
| FRA | Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali |
| ICCPR | Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi |
| KE | Komunità Ewropea |
| KEDB | Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem |
| KtE | Kunsill tal-Ewropa |
| NGO | Organizzazzjoni nongovernattiva |
| NHRIs | Istituzzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem |
| NU | Nazzjonijiet Uniti |
| ODR | Soluzzjoni online għat-tilwim |
| QEDB | Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem |
| QtĠ-UE | Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (qabel Diċembru 2009, Qorti tal-Ġustizzja, QtĠ) |
| TFUE | Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| TUE | Trattat dwar l-Unjoni Ewropea |
| UDHR | Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem |
| UE | Unjoni Ewropea |

# Kif għandek tuża dan il-manwal

Dan il-manwal jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-aspetti ewlenin tal-aċċess għall-ġustizzja fl-Ewropa, b'referenza speċifika għad-drittijiet rilevanti stipulati fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) tal-Kunsill tal-Ewropa, kif interpretati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB), u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE).

L-aċċess għall-ġustizzja mhuwiex biss dritt fih innifsu iżda jagħti wkoll is-setgħa lill-individwi biex jinfurzaw drittijiet oħra. Dan il-manwal għandu ambitu wiesa' li jkopri l-liġi kriminali u dik ċivili. Il-manwali FRA-QEDB eżistenti dwar id-dritt tal-Unjoni relatat mal-ażil, il-fruntieri u l-immigrazzjoni u mad-drittijiet tat-tfal fihom analiżi dwar l-aċċess għall-ġustizzja minn dawk li qed ifittxu ażil u tfal; għaldaqstant, dawn l-oqsma mhumiex koperti f'dan il-manwal.

Il-manwal huwa mfassal sabiex jassisti lill-ġuristi li ma jispeċjalizzawx fi kwistjonijiet ta'aċċess għall-ġustizzja, b'hekk iservi bħala introduzzjoni għall-kwistjonijiet prinċipali involuti. Huwa maħsub għal avukati, imħallfin u ġuristi oħra, kif ukoll għal persuni li jaħdmu ma' entitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-amministrazzjoni ta' u l-aċċess għall-ġustizzja, inklużi organizzazzjonijiet non-governattivi (NGOs) involuti f'litigazzjoni. Il-manwal jista' jintuża wkoll għal riċerka legali jew skopijiet ta' rappreżentanza pubblika. Huwa mfassal sabiex jippermetti lill-ġuristi jirreferu direttament għal taqsimiet/suġġetti speċifiċi kif meħtieġ; mhux neċessarju li l-manwal jinqara kollu kemm hu. It-Taqsima ta' Qari Ulterjuri telenka materjal speċjalizzat li jista' jkun ta' interess għal dawk li qed ifittxu informazzjoni addizzjonali dwar kwistjoni partikolari.

Il-liġijiet rilevanti tal-Kunsill tal-Ewropa (KtE) u l-Unjoni Ewropea (UE) huma ppreżentati skont kif japplikaw għal kull suġġett. Madankollu, hemm trikkib sostanzjali bejn l-aċċess għad-drittijiet tal-ġustizzja stabbiliti fil-KEDB u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Il-Karta tirrikonoxxi espliċitament li, meta d-drittijiet stabbiliti fil-Karta jikkorrispondu għad-drittijiet fil-KEDB, għandhom jingħataw l-istess ambitu u tifsira. Għaldaqstant, meta tingħata ħarsa lejn l-ambitu u l-applikazzjoni tad-drittijiet stabbiliti fil-Karta, il-biċċa l-kbira tal-każistika tal-QEDB tista' titqies bħala rilevanti. Id-dritt tal-Unjoni għandu jkun preżunt bħala konsistenti mal-każistika tal-QEDB sakemm mhux esplicitament iddikjarat mod ieħor. Il-każistika tal-QtĠ-UE hi msemmija fejn ġurisprudenza rilevanti hija disponibbli, u toffri sorsi alternattivi għall-aċċess

għad-drittijiet tal-ġustizzja u, aktar importanti minn hekk, turi kif iż-żewġ ordinamenti ġuridiċi jaħdmu b'mod parallel. Bosta mis-sentenzi ċċitati tal-QtĠ-UE ngħataw matul proċedura għal deċiżjoni preliminari mibdija mill-qrati nazzjonali sabiex tinkiseb l-interpretazzjoni tal-QtĠ-UE tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni rilevanti sabiex tinstab soluzzjoni għal tilwim li għad irid jiġi kkunsidrat fuq livell nazzjonali. Skont il-proċedura għal deċiżjoni preliminari, ir-rwol tal-QtĠ-UE huwa li tagħti interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew tiddeċiedi dwar il-validità tagħha. Imbagħad huwa l-kompitu tal-qorti nazzjonali li tapplika dik il-liġi f'konformità mal-interpretazzjoni tal-QtĠ-UE għas-sitwazzjoni fattwali li fuqha huma bbażati l-proċedimenti domestiċi ewlenin. Sabiex tiġi evitata konfużjoni, dan il-manwal jirreferi għall-Qorti tal-Ġustizzja (QtĠ) bħala l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE), anke għal deċiżjonijiet maħruġa qabel Diċembru 2009.

Kull Kapitolu jibda b'tabella li tiddeskrivi l-kwistjonijiet indirizzati f'dak il-kapitolu. It-tabella tispeċifika wkoll id-dispożizzjonijiet legali applikabbli u telenka l-każistika rilevanti tal-QtĠ-UE u tal-QEDB. Dan għandu jgħin lill-utenti sabiex isibu malajr l-informazzjoni ewlenija li għandha x'taqsam mas-sitwazzjoni tagħhom. Il-ġuristi li huma soġġetti biss għal-liġi tal-KtE jistgħu jillimitaw l-evalwazzjoni tagħhom għal materjal li għandu x'jaqsam mal-KtE, filwaqt li dawk fi Stati Membri tal-UE jridu jikkonsultaw iż-żewġ kolonni għax dawn l-Istati huma marbuta biż-żewġ ordinamenti ġuridiċi.

Barra minn hekk, il-punti ewlenin huma ppreżentati fil-bidu ta' kull Taqsima sabiex tingħata ħarsa ġenerali rapida u aċċessibbli.

Il-liġi prinċipali tal-KtE hi ppreżentata f'kaxex li jenfasizzaw każijiet tal-QEDB partikolari kif ukoll f'referenzi fit-test ewlieni. Il-każijiet jipprovdu eżempji riċenti ta' kif il-QEDB tapplika l-prinċipji li stabbiliet fil-ġurisprudenza vasta tagħha. Ir-rakkomandazzjonijiet u r-rapporti tal-Kunsill tal-Ewropa huma wkoll referenzjati fejn rilevanti, anke jekk ma jistabbilixxux obbligazzjonijiet li huma legalment vinkolanti.

Id-dritt tal-Unjoni huwa ppreżentat kemm f'kaxex li jagħmlu enfasi fuq każijiet tal-QEDB kif ukoll permezz ta' referenzi għal-liġi primarja tal-UE u miżuri leġiżlattivi rilevanti, bħal direttivi u regolamenti, fit-test ewlieni. Il-każijiet tal-QtĠ-UE ntagħżlu b'mod simili sabiex juru applikazzjonijiet riċenti tal-liġi. In-noti f'qiegħ il-paġna jwasslu lill-ġuristi għal aktar eżempji. Barra minn hekk,

ir-referenzi għal strumenti tal-UE li mhumiex vinkolanti legalment isiru meta jkunu rilevanti għall-punti ewlenin li jkunu tqajmu.

Għalkemm il-manwal jiffoka fuq il-liġi, għandu kaxex li jagħmlu enfasi fuq "prattiki promettenti" fl-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa u l-UE. F'dawn l-Istati s-sistemi tal-ġustizzja jistgħu jvarjaw b'mod konsiderevoli, iżda dawn il-prattiki promettenti jinkludu inizjattivi li jistgħu jippromwovu l-aċċess għall-ġustizzja fuq terminu qasir jew twil. L-adegwatezza u l-effettività ta' dawn l-inizjattivi spiss ikun għadhom iridu jiġu ttestjati – għal għarfien sħiħ tal-valur tagħhom, tkun meħtieġa aktar riċerka dwar is-sorsi nazzjonali rilevanti.

Dan il-manwal jiffoka fuq il-liġi kriminali u dik ċivili. Filwaqt li l-liġi amministrattiva hija esplorata fir-rigward tal-liġi ambjentali (ara l-Kapitolu 8), ġeneralment din tmur lil hinn mill-ambitu tagħha. Il-manwal jirrigwarda l-applikazzjoni tal-liġi fuq livell nazzjonali, għalhekk ma jindirizzax kwistjonijiet ta' permanenza u ammissibilità quddiem il-QEDB u l-QtĠ-UE, ħlief meta dan jgħin fil-fehim tad-drittijiet individwali. B'mod simili, strumenti internazzjonali u każistika, u każistika nazzjonali, huma referenzjati biss meta dawn jgħinu fil-fehim tal-punti magħmula.

Il-manwal jibda b'deskrizzjoni qasira tat-tifsira legali ta' "aċċess għall-ġustizzja" u r-rwol taż-żewġ ordinamenti ġuridiċi kif stabbilit mill-KtE u d-dritt tal-Unjoni (Kapitolu 1). Fih seba' kapitoli sostantivi li jkopru l-kwistjonijiet li ġejjin:

- smigħ ġust u pubbliku quddiem tribunal indipendenti u imparzjali (inkluż id-dritt tal-aċċess għall-qrati, l-ambitu tad-dritt għal smigħ ġust u pubbliku, u direzzjonijiet alternattivi għall-ġustizzja);

- għajnuna legali (inkluż it-testijiet "finanzjari u tal-merti" u t-test "tal-interessi tal-ġustizzja" għal proċedimenti kriminali);

- id-dritt għal parir, difiża u rappreżentanza (inkluż il-kwalità tal-assistenza legali, id-dritt għal żmien u faċilitajiet xierqa għat-tħejjija tad-difiża proprja, u d-dritt li r-rappreżentanza tiġi rinunzjata);

- dritt għal rimedju effettiv (inkluż ir-rekwiżiti sostantivi u istituzzjonali tiegħu, kif ukoll eżempji tar-rimedji disponibbli);

- limitazzjonijiet fuq l-aċċess għall-ġustizzja inġenerali (inkluż in-natura ta' restrizzjonijiet permissibbli u eżempji ta' limitazzjonijiet);
- limitazzjonijiet fuq l-aċċess għall-ġustizzja: it-tul ta' żmien tal-proċedimenti (inkluż kriterji sabiex tiġi ddeterminata r-raġonevolezza tat-tul);
- aċċess għall-ġustizzja f'oqsma ta' prijorità partikolari (li dwarhom ġew żviluppati prinċipji speċifiċi, inkluż persuni b'diżabbiltà, vittmi tal-kriminalità, priġunieri u detenuti qabel il-proċess u l-liġi ambjentali u l-ġustizzja elettronika).

# 1 Xi jfisser l-aċċess għall-ġustizzja?



| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| **Aċċess għall-ġustizzja** | | |
| Karta tad-Drittijiet Fundamentali, Artikolu 47 (dritt għal rimedju effettiv)<br>Karta tad-Drittijiet Fundamentali, Artikolu 51 (kamp ta' applikazzjoni)<br>Karta tad-Drittijiet Fundamentali, Artikolu 52 (3) (l-ambitu ta' interpretazzjoni tad-drittijiet u l-prinċipji)<br>Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), Artikolu 4 (3)<br>TUE, Artikolu 19 | Kamp ta' applikazzjoni | QEDB, Artikolu 6 (dritt għal proċess ġust)<br>QEDB, Artikolu 13 (dritt għal rimedju effettiv)<br>QEDB, Artikolu 35 (kriterji ta' ammissibilità)<br>QEDB, Artikolu 46 (forza vinkolanti u eżekuzzjoni tas-sentenzi) |

Dan il-kapitolu jintroduċi t-terminu "aċċess għall-ġustizzja" b'referenza għall-istandards Ewropej ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem. Dan jippreżenta s-sistemi reġjonali Ewropej li jħarsu d-drittijiet individwali u jindirizza l-enfasi li ssir fuq l-iżgurar tal-protezzjoni tad-drittijiet fuq livell nazzjonali. Il-kapitlu jiġbor fil-qosor ukoll ir-relazzjoni bejn l-aċċess għad-drittijiet tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea (UE) u l-Kunsill tal-Ewropa (KtE), u l-Figura t'hawn taħt tiddeskrivi d-differenzi ewlenin.

## Punti ewlenin

- Skont il-liġi internazzjonali u Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem, il-kunċett ta' aċċess għall-ġustizzja jobbliga lill-Istati biex jiggarantixxu d-dritt ta' kull individwu li jitla' l-qorti – jew, f'ċerti ċirkostanzi, korp għas-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim – sabiex jinkiseb rimedju jekk jinstab li nkisru d-drittijiet tal-individwu. Għaldaqstant huwa wkoll dritt abilitanti li jgħin lill-individwi jinfurzaw drittijiet oħra.
- L-aċċess għall-ġustizzja jinkludi għadd ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem, bħad-dritt għal proċess ġust skont l-Artikolu 6 tal-KEDB u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u d-dritt għal rimedju effettiv skont l-Artikolu 13 tal-KEDB u l-Artikolu 47 tal-Karta.
- L-aċċess għad-drittijiet tal-ġustizzja fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jista' jikkorrispondi għal dawk li jinsabu fil-KEDB. Għaldaqstant, il-każistika tal-QEDB hija importanti għall-interpretazzjoni tad-drittijiet stabbiliti fil-Karta.
- Għalkemm sistemi differenti jirregolaw l-infurzar tal-KEDB u l-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-UE, it-tnejn li huma jenfasizzaw li d-drittijiet għal rimedju effettiv u għal proċess ġust għandhom jiġu infurzati primarjament fuq livell nazzjonali.

L-aċċess għall-ġustizzja jippermetti lill-individwi jipproteġu lilhom infushom kontra ksur tad-drittijiet tagħhom, jirrimedjaw inġustizzji ċivili, iżommu lil setgħat eżekuttivi responsabbli u jiddefendu lilhom infushom fi proċedimenti kriminali. Huwa element importanti tal-istat tad-dritt[1] u jolqot il-liġi ċivili, kriminali u amministrattiva. L-aċċess għall-ġustizzja huwa kemm proċess kif ukoll għan, u huwa kruċjali għall-individwi li jixtiequ jibbenefikaw minn drittijiet proċedurali u sostantivi oħra.

Fuq il-livell internazzjonali, il-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, sa mit-twaqqif tiegħu, witta t-triq fost il-korpi tat-trattati tan-NU għall-interpretazzjoni ta' kunċetti li jirrigwardaw l-aċċess għall-ġustizzja[2]. L-aċċess għall-ġustizzja huwa mħares ukoll fi strumenti tan-NU, bħall-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali tal-1998 u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tal-2006.

1 Kunsill tal-Ewropa (2015), *Factsheet on guaranteeing equal access of women to justice*, Strasburgu, Kunsill tal-Ewropa.

2 Nazzjonijiet Uniti (NU), Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem, Kumment Ġenerali Nru 32 (2007).

Fil-livell tal-politika tal-UE, l-aċċess għall-ġustizzja fi Stati Membri tal-UE – b'mod partikolari l-effiċjenza u l-kwalità ta' sistemi ġudizzjarji, u l-indipendenza tal-ġudikatura fl-UE – huwa vvalutat regolarment permezz tal-hekk imsejħa Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE[3]. Din hija msejsa prinċipalment fuq data mill-CEPEJ, korp espert tal-Kunsill tal-Ewropa, u tifforma parti mill-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-Kummissjoni Ewropea; dan tal-aħħar jagħti tagħrif dwar id-deliberazzjonijiet taċ-ċiklu politiku annwali tal-UE – is-Semestru Ewropew – li għandu impatt sinifikanti fuq il-finanzi nazzjonali[4].

Fil-liġi Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-kunċett ta' aċċess għall-ġustizzja huwa minqux fl-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, li jiggarantixxu d-dritt għal proċess ġust u għal rimedju effettiv, kif interpretat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE) rispettivament. Kif irrimarkat hawn fuq, dawn id-drittijiet huma stipulati wkoll fi strumenti internazzjonali, bħall-Artikoli 2 (3) u 14 tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR)[5] u l-Artikoli 8 u 10 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (UDHR)[6]. L-elementi prinċipali ta' dawn id-drittijiet jinkludu aċċess effettiv għal korp ta' soluzzjoni għat-tilwim, id-dritt għal proċedimenti ġusti u r-riżoluzzjoni f'waqtha tat-tilwim, id-dritt għal rimedju xieraq, kif ukoll l-applikazzjoni ġenerali tal-prinċipji ta' effiċjenza u effettività għall-kisba tal-ġustizzja[7].

Id-drittijiet imħarsa fil-KEDB u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE huma sovraposti. Id-drittijiet stabbiliti fil-Karta li jikkorrispondu għad-drittijiet tal-KEDB huma mogħtija l-istess tifsira u ambitu bħal dawk stabbiliti fil-KEDB,

3 Kummissjoni Ewropea (2015), *It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2015*, COM(2015) 116 final, Brussell, 9 ta' Marzu 2015.

4 L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) (2015), *Fundamental rights: challenges and achievements in 2014 – FRA Annual report,* il-Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, kapitolu Focus, p. 14.

5 NU, Assemblea Ġenerali (AĠ) (1966), Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), 16 ta' Diċembru 1966.

6 NU, AĠ (1948), Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (UNDHR), 10 ta' Diċembru 1948.

7 FRA (2011), *Access to justice in Europe: an overview of challenges and opportunities,* il-Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 9.

f'konformità mal-Artikolu 53 tal-Karta. L-Ispjegazzjonijiet tal-Karta[8] – li jservu bħala għodda interpretattiva sabiex jgħinu fil-fehim tal-kontenut tagħha, iżda mhumiex vinkolanti legalment – jipprovdu gwida addizzjonali dwar dan il-punt. Dan it-trikkib ifisser li l-każistika tal-QEDB spiss hi importanti għall-interpretazzjoni tad-drittijiet skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Madankollu, kif imsemmi hawn taħt, l-ordinamenti ġuridiċi tal-QEDB u l-QtĠ-UE huma differenti, li jista' jaffettwa l-ħarsien tad-drittijiet fil-livell nazzjonali.

## Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem

Il-KtE għandu 47 stat membru; kollha huma partijiet għall-KEDB li daħlet fis-seħħ fl-1953[9]. Skont l-Artikolu 1 tal-KEDB, l-Istati Partijiet huma marbuta legalment biex jiżguraw id-drittijiet tal-KEDB għal persuni fil-ġurisdizzjoni tagħhom. L-Istati Partijiet iridu jiżguraw li l-liġi u l-prattika tagħhom hija konformi mal-KEDB. Huma primarjament responsabbli għall-implimentazzjoni u l-infurzar tad-drittijiet u l-libertajiet garantiti mill-KEDB, għalkemm jista' jkollhom "marġni ta' apprezzament" sabiex jippermettu li l-interpretazzjonijiet ikunu konsistenti mal-ordinamenti ġuridiċi tagħhom stess.

Ir-rwol tal-QEDB huwa superviżorju: jiżgura li l-Istati Partijiet josservaw l-obbligi tagħhom billi jindirizzaw lmenti minn individwi dwar ksur tal-KEDB[10]. Skont l-Artikolu 35 tal-KEDB, l-individwi jridu juru li eżawrew ir-rimedji domestiċi kollha qabel il-QEDB tikkunsidra l-każ tagħhom[11]. Dan jirrifletti l-prinċipju tas-sussidjarjetà, li jfisser li l-qrati nazzjonali huma primarjament responsabbli biex jiggarantixxu u jipproteġu d-drittijiet umani fil-livell nazzjonali[12]. L-istandards tal-aċċess għall-ġustizzja rilevanti li l-istati għandhom isegwu huma stabbiliti f'kapitoli sussegwenti.

8 UE (2012), Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Art. 52 (3), ĠU 2012 C 326. Ara wkoll Spjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ĠU 2007 C 303/17.

9 Kunsill tal-Ewropa, Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, CETS Nru 5, 1950. Ara wkoll Kunsill tal-Ewropa, Karta Soċjali Ewropea, CETS Nru 35, 18 ta' Ottubru 1961, li tissorvelja l-konformità mad-drittijiet soċjali u ekonomiċi; u Kunsill tal-Ewropa, Karta Soċjali Ewropea (riveduta), CETS Nru 163, 3 ta' Mejju 1996.

10 L-Istati Partijiet jistgħu wkoll iressqu talbiet kontra xulxin.

11 QEDB, *Er u Oħrajn vs Turkey*, Nru 23016/04, 31 ta' Lulju 2012, para. 57.

12 QEDB, *Scordino vs L-Italja (Nru 1)* [QĠ], Nru 36813/97, 29 ta' Marzu 2006, para. 140.

Id-drittijiet tal-KEDB mhumiex dejjem limitati għat-territorji tal-Istati Partijiet; f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jistgħu japplikaw b'mod extraterritorjali – speċifikament għal sitwazzjonijiet 'il barra mill-pajjiż li fih l-uffiċjali tal-istat jeżerċitaw "kontroll u awtorità effettivi" fuq l-individwi[13].

Skont l-Artikolu 46 tal-KEDB, l-Istati Partijiet involuti fi proċedimenti quddiem il-QEDB iridu jirrspettaw is-sentenza finali tagħha.

## Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE

L-UE hija ordinament ġuridiku uniku. Id-dritt tal-Unjoni huwa parti integrali mill-ordinamenti ġuridċi tal-Istati Membri[14]. Dan jinkludi liġi primarja, li tinsab fit-trattati kif ukoll fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE; liġi sekondarja bħal regolamenti, direttivi u deċiżjonijiet; kif ukoll atti legali mhux vinkolanti, bħal opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet[15].

L-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni jsseħħu primarjament fuq livell nazzjonali. L-Artikolu 4 (3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jeħtieġ li l-Istati Membri tal-UE jieħdu miżuri xierqa sabiex jiżguraw li l-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni jiġu sodisfatti. Dan huwa l-prinċipju tal-kooperazzjoni leali. Barra minn hekk, l-Artikolu 19 tat-TUE jeħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu rimedji suffiċjenti li jiżguraw protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni.

Għaldaqstant, il-qrati nazzjonali huma l-garanti primarji tad-dritt tal-Unjoni, iżda biex tkun żgurata l-applikazzjoni konsistenti tiegħu jistgħu jitolbu lill-QtĠ-UE biex tiddeċiedi dwar kwistjonijiet ta' interpretazzjoni permezz tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari[16]. Dan joħloq djalogu bejn il-qrati nazzjonali u l-QtĠ-UE. Il-QtĠ-UE hija l-gwardjan tal-ordinament ġuridiku uniku tal-UE, li jinkludi obbligazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali ċari. Individwi jistgħu jsegwu azzjonijiet ta' annullament sabiex jirrevedu l-legalità tad-dritt tal-Unjoni (inkluż kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali), iżda l-kundizzjonijiet għall-preżentazzjoni ta' tali applikazzjonijiet huma restrittivi. B'mod ġenerali,

13 QEDB, *Al-Skeini u Oħrajn vs Ir-Renju Unit* [QĠ], Nru 55721/07, 7 ta' Lulju 2011, paragrafi 133.-137.
14 QtĠ-UE, C-6/64, *Flaminio Costa vs E.N.E.L.*, 15 ta' Lulju 1964.
15 Trattat dwar il-funzjonament tal-UE (TFUE), Art. 288, ĠU 2012 C 326.
16 *Ibid.* Art. 267

l-individwi jridu juru "tħassib dirett u individwali"[17]. Skont il-QtĠ-UE, din is-sistema għal reviżjoni ġudizzjarja ta' atti mill-istituzzjonijiet tal-UE hi kompleta[18].

B'konsegwenza, skont id-dritt tal-Unjoni huwa importanti wkoll li l-individwi jkunu jistgħu jinfurzaw id-drittijiet tagħhom fil-qrati nazzjonali. Oriġinarjament, it-trattati tal-Komunitajiet Ewropej ma kellhom l-ebda referenza għad-drittijiet fundamentali. Minflok, id-drittijiet fundamentali kienu identifikati mill-QtĠ-UE fil-każistika tagħha bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jirriżultaw mill-KEDB u t-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni tal-Istati Membri[19]. Il-QtĠ-UE applikat dawn il-prinċipji meta rrevediet il-legalità tal-miżuri leġiżlattivi u amministrattivi tal-UE, kif ukoll il-kompatibilità tal-miżuri adottati mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Il-każistika li tirrigwarda dawn il-prinċipji ġenerali hija rilevanti meta jiġi kkunsidrat id-dritt li wieħed ifittex ġustizzja, u tista' tkun utli għall-ġuristi.

Id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali issa huma stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, li saret vinkolanti legalment bħala liġi primarja tal-UE f'Diċembru 2009[20]. Il-Karta tinkludi drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali. F'xi każijiet, il-Karta tirreferi għal "prinċipji" minflok "drittijiet" (pereżempju, il-prinċipju ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Artikolu 23). Skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, meta d-dispożizzjonijiet jiġu kklassifikati bħala "prinċipji", il-qrati nazzjonali jużawhom biss biex jinterpretaw u jiddeċiedu dwar il-legalità tal-atti tal-Istati Membri li jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni[21].

Skont l-Artikolu 51, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE tapplika għall-istituzzjonijiet u korpi tal-UE mingħajr restrizzjonijiet, u għall-Istati Membri "meta jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni"[22]. L-Ispjegazzjonijiet li għandhom

---

17 TFUE, Art. 263 (4). Għal eżempju li juri l-kumplessità ta' dan il-qasam tal-liġi, ara QtĠ-UE, C-583/11 P, *Inuit Tapiriit Kanatami u oħrajn vs Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, 3 ta' Ottubru 2013.

18 *Ibid.*, b'mod partikolari l-paragrafu 92.

19 TUE, Art. 6 (3) (l-ex Art. 6 (2)).

20 Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ĠU 2012 C326. Ara TUE, Art. 6 (1).

21 Ara Art. 52 (5) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u l-gwida (limitata) provduta fi Spjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Ara wkoll QtĠ-UE, C-176/12, *Association de médiation sociale vs Union locale des syndicats CGT u Oħrajn*, 15 ta' Jannar 2014, paragrafi45–49. Qabbel ma' QtĠ-UE, C-555/07, *Kücükdeveci vs Swedex Gmbh & Co. KG,* 19 ta' Jannar 2010.

22 Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Art. 51.

x'jaqsmu mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jiddikjaraw li l-obbligi tagħha japplikaw biss meta l-Istati Membri jkunu qed jaġixxu "fl-ambitu tad-dritt tal-Unjoni". Il-QtĠ-UE kkonfermat li "jimplimentaw" u "fl-ambitu ta'" għandhom l-istess tifsira[23]. Dan ikopri sitwazzjonijiet li fihom Stati Membri jkunu, pereżempju, qed jimplimentaw id-direttivi u r-regolamenti tal-UE[24]. Madankollu, it-28 Stati Membri kollha huma wkoll Stati Partijiet għall-KEDB. Dan ifisser li, anke jekk il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ma tapplikax, il-KEDB tista' tapplika. Barra minn hekk, negozjati kontinwi dwar l-adeżjoni ppjanata tal-Unjoni Ewropea mal-KEDB jistgħu jaffettwaw is-sitwazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja[25].

## Ir-relazzjoni bejn l-aċċess għad-drittijiet tal-ġustizzja fil-KtE u d-dritt tal-Unjoni

L-Illustrazzjoni tiġbor fil-qosor il-bażijiet għall-aċċess għad-drittijiet tal-ġustizzja fl-UE u fil-KtE. Din tagħmel enfasi fuq iż-żewġ komponenti ewlenin tal-aċċess għall-ġustizzja – id-dritt għal proċess ġust u d-dritt għal rimedju effettiv – u tikkumpara l-ħarsien tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-offerta tal-KEDB. Ser isir aċċenn għaliha matul il-manwal.

23 QtĠ-UE, C-617/10, *Åklagaren vs Hans Åkerberg Fransson*, 7 ta' Mejju 2013, paragrafi 17–21.

24 QtĠ-UE, C-206/13, *Cruciano Siragusa/Regione Sicilia vs Soprintendenza Beni Culturali e Ambientali di Palermo*, 6 ta' Marzu 2014, paragrafi 24–25.

25 Ara l-opinjoni tal-QtĠ-UE dwar l-adeżjoni mal-KEDB proposta, Opinjoni 2/13 tal-Qorti, 18 ta' Diċembru 2014.

**Figura: Aċċess għad-drittijiet tal-ġustizzja skont id-dritt tal-Unjoni u l-liġi tal-KtE**

**Aċċess għall-ġustizzja**

**Dritt għal proċess ġust**

- L-Artikolu 6 tal-KEDB japplika għal akkużi kriminali, tilwim li jikkonċerna drittijiet ċivili u obbligi rikonoxxuti fil-liġi domestika.
- L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE japplika għad-drittijiet u l-libertajiet garantiti mid-dritt tal-Unjoni. Dan japplika biss meta l-Istati Membri jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni.

**Dritt għal rimedju effettiv**

- L-Artikolu 13 tal-KEDB japplika għad-drittijiet kollha tal-KEDB. Dan jirrikjedi l-għoti ta' rimedju quddiem awtorità nazzjonali.
- L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE japplika għad-drittijiet u l-libertajiet garantiti mid-dritt tal-Unjoni. Dan japplika biss meta l-Istati Membri jkunu qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni. Dan jirrikjedi l-għoti ta' rimedju quddiem tribunal.

Kif tindika l-Figura, l-Artikolu 6 tal-KEDB għandu ambitu limitat u japplika biss għal każijiet li jikkonċernaw akkużi kriminal, drittijiet ċivili u obbligi rikonoxxuti fil-liġi domestika (ara Taqsima 2.1). L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE mhuwiex limitat daqshekk u japplika għad-drittijiet u l-libertajiet kollha rikonoxxuti mid-dritt tal-Unjoni li jinkludu ċerti drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali addizzjonali. Madankollu, hemm differenza importanti f'termini tal-applikabilità. L-Artikolu 6 tal-KEDB japplika għas-sitwazzjonijiet kollha li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' "akkużi kriminali jew drittijiet ċivili u obbligi". L-Artikolu 47 tal-Karta japplika biss meta l-Istati Membri jkunu qed japplikaw id-dritt tal-Unjoni, bħal meta jimplimentaw id-Direttiva Kontra t-Traffikar. Għaldaqstant, jipprovdi sistema ta' ħarsien inqas komprensiva.

L-Artikolu 13 tal-KEDB jistabbilixxi d-dritt għal rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għal ksur kontestabbli tad-drittijiet tal-KEDB. Id-dritt

għal rimedju effettiv skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE japplika għad-drittijiet u l-libertajiet kollha garantiti mid-dritt tal-Unjoni: mhuwiex limitat għall-ksur tad-drittijiet inklużi fil-Karta. L-Artikolu 47 jiggarantixxi wkoll espliċitament l-aċċess għal rimedju quddiem "tribunal" u b'hekk joffri ħarsien aktar estensiv. Importanti li wieħed jinnota li, għall-Istati Membri tal-UE, jekk il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ma tapplikax, il-KEDB tista' tapplika, għax it-28 Stati Membri kollha huma wkoll Stati Partijiet għall-KEDB.

Għalkemm is-sistemi huma distinti, **kemm il-liġi tal-KtE kif ukoll id-dritt tal-Unjoni** jiggarantixxu d-dritt għal rimedju effettiv u d-dritt għal proċess ġust, sabiex ikunu infurzati primarjament fuq livell nazzjonali, fi ħdan il-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi taż-żewġ strumenti u f'konformità mar-regoli u l-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti mill-QtĠ-UE u l-QEDB. Bosta drittijiet fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE huma deskritti b'mod simili għad-drittijiet fil-KEDB. L-Artikolu 52 (3) tal-Karta jikkonferma li, meta d-drittijiet tal-Karta jikkorrispondu għad-drittijiet tal-KEDB, it-tifsira u l-ambitu ta' dawk id-drittijiet huma l-istess, għalkemm tista' tingħata protezzjoni aktar estensiva[26]. Dan ifisser li l-każistika tal-QtĠ-UE hija rilevanti għall-interpretazzjoni tad-drittijiet tal-Karta meta dawn id-drittijiet ikunu jikkorrispondu.

26 Spjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ĠU 2007 C303/17.

# 2 Smigħ ġust u pubbliku quddiem tribunal indipendenti u imparzjali u korpi oħra



| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
| --- | --- | --- |
| **Smigħ quddiem tribunal** | | |
| Karta tad-Drittijiet Fundamentali, Artikolu 47 (dritt għal rimedju effettiv)<br>QtĠ-UE, Kawżi konġunti C-128/09 sa C-131/09, *Antoine Boxus u Oħrajn vs Région wallonne*, 2011 | **Aċċess għall-qrati** | KEDB, Artikolu 6 (1)<br>KEDB, Protokoll 7<br>QEDB, *Golder vs Ir-Renju Unit*, Nru 4451/70, 1975 |
| QtĠ-UE, C-363/11, *Epitropos tou Elegktikou Synedriou sto Ypourgeio Politismou kai Tourismou vs Ypourgeio Politismou kai Tourismou - Ypiresia Dimosionomikou Elenchou*, 2012<br>QtĠ-UE, C-394/11, *Valeri Hariev Belov vs CHEZ Elektro Balgaria AD u oħrajn (Il-Bulgarija u l-Kummissjoni Ewropea intervjenew)*, 2013 | **Definizzjoni ta' tribunal** | QEDB, *Julius Kloiber Schlachthof GmbH u Oħrajn vs L-Awstrija*, Nri 21565/07 u oħrajn, 2013 |
| **L-indipendenza u l-imparzjalità tat-tribunali** | | |
| Karta tad-Drittijiet Fundamentali, Artikolu 47<br>QtĠ-UE, C-506/04, *Graham J. Wilson vs Ordre des avocats du barreau de Luxembourg*, 2006<br>QtĠ-UE, Kawżi konġunti C-341/06 u C-342/06, *Chronopost SA u La Poste vs Union française de l'express (UFEX) u Oħrajn*, 2008 | **Indipendenza u imparzjalità** | KEDB, Artikolu 6 (1)<br>QEDB, *Maktouf u Damjanović vs Il-Bożnija-Ħerzegovina*, Nri 2312/08 u 34179/08, 2013<br>QEDB, *Ibrahim Gürkan vs It-Turkija*, Nru 10987/10, 2012 |

| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| **Smigħ ġust u pubbliku quddiem tribunal** | | |
| Karta tad-Drittijiet Fundamentali, Artikolu 47<br>Direttiva dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (2012/13/UE)<br>Direttiva dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (2010/64/UE)<br>Direttiva dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat (2013/48/UE) | **Smigħ ġust** | KEDB, Artikolu 6 (1)<br>QEDB, *Užukauskas vs Il-Litwanja*, Nru 16965/04, 2010 |
| Karta tad-Drittijiet Fundamentali, Artikolu 47 | **Smigħ pubbliku** | KEDB, Artikolu 6 (1)<br>QEDB, *Khrabrova vs Ir-Russja*, Nru 18498/04, 2012 |
| **Direzzjonijiet oħra għall-ġustizzja** | | |
| | Korpi mhux ġudizzjarji | |
| QtĠ-UE, Kawżi konġunti C-317/08, C-318/08, C-319/08 u C-320/08, *Rosalba Alassini u Oħrajn vs Telecom Italia SpA*, 2010<br>Direttiva dwar il-Medjazzjoni (2008/52/KE)<br>Direttiva dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi (2013/11/UE)<br>Regolament dwar is-soluzzjoni online għal tilwim mal-konsumaturi (Nru 524/2013)<br>Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (2012/29/UE) | Soluzzjoni alternattiva għat-tilwim | QEDB, *Suda vs Ir-Repubblika Ċeka*, Nru 1643/06, 2010<br>KtE Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (Konvenzjoni ta' Istanbul) |

Dan il-kapitolu jagħti deskrizzjoni tad-dritt ta' aċċess għal qorti (imsemmi kemm fil-liġi tal-KtE kif ukoll fid-dritt tal-Unjoni bħala "tribunal"), li jirriżulta mid-dritt għal proċess ġust. Jesplora wkoll id-definizzjoni tat-terminu "tribunal". Ir-rekwiżiti rilevanti, inklużi aspetti ewlenin tad-dritt għal smigħ ġust u pubbliku quddiem tribunal indipendenti u imparzjali, huma diskussi. Direzzjonijiet għall-ġustizzja mhux ġudizzjarji huma kkunsidrati wkoll, inkluż korpi mhux ġudizzjarji u metodi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim.

# 2.1. Aċċess għall-ġustizzja permezz tal-qrati

**Punti ewlenin**

- L-Artikolu 6 tal-KEDB u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jiggarantixxu d-dritt għal proċess ġust.
- Il-QEDB sostniet li d-dritt għal proċess ġust jinkludi fi ħdanu d-dritt ta' aċċess għal qorti. L-Artikolu 6 japplika għal akkużi kriminali, tilwim dwar drittijiet ċivili u obbligi rikonoxxuti fil-liġi domestika.
- L-Artikolu 47 tal-Karta jinkludi d-dritt ta' aċċess għall-qrati. Dan mhuwiex limitat għal akkużi kriminali u drittijiet ċivili u obbligi; madankollu, il-Karta, tapplika b'mod domestiku biss meta l-Istati Membri jkunu qed jimplimentaw (jew jidderogaw minn) id-dritt tal-Unjoni.
- Kemm il-liġi tal-KtE kif ukoll id-dritt tal-Unjoni jużaw it-terminu "tribunal" u mhux "qorti", iżda dawn it-termini huma ekwivalenti. Tribunal għandu jkollu funzjonijiet ġudizzjarji, ikun kapaċi joħroġ deċiżjonijiet vinkolanti u jissodisfa kriterji oħra żviluppati mill-QEDB u l-QtĠ-UE, inkluż li jkun indipendenti u imparzjali. Il-QEDB u l-QtĠ-UE stabbilixxew prinċipji konsistenti sabiex jiġi ddeterminat jekk korp jikkwalifikax bħala tribunal.
- Id-dritt ta' aċċess għal qorti mhuwiex assolut. Jista' jkun limitat – iżda restrizzjonijiet ma jistgħux ixekklu l-essenza tad-dritt.

## 2.1.1. Dritt ta' aċċess għal qorti

**Kemm fil-liġi tal-KtE kif ukoll fid-dritt tal-Unjoni**, id-dritt ta' aċċess għal qorti jfisser li l-qrati għandhom ikunu aċċessibbli. L-aċċessibbiltà tista' tinvolvi d-disponibbiltà tal-qrati bil-ġurisdizzjoni rilevanti, id-disponibbiltà tal-interpretazzjoni, l-aċċess għall-informazzjoni u l-aċċessibbiltà tas-sentenzi tal-qorti. Tista' tinvolvi wkoll it-tbegħid ġeografiku ta' qorti, jekk il-lok tiegħu jżomm lir-rikorrenti milli jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċedimenti[27] (ara wkoll it-Taqsima 8.1 dwar persuni b'diżabbiltà).

27 QtĠ-UE, C-567/13, *Nóra Baczó u János István Vizsnyiczai vs Raiffeisen Bank Zrt,* 12 ta' Frar 2015, paragrafi 56-57. Ara wkoll QtĠ-UE, C-413/12, *Asociación de Consumidores Independientes de Castilla y León vs Anuntis Segundamano España SL*, 5 ta' Diċembru 2013, paragrafu41. Għal aktar informazzjoni, ara wkoll Kunsill tal-Ewropa, Kummissjoni Ewropea għall-Effikaċja tal-Ġustizzja (CEPEJ) (2013), *Guidelines on the Creation of Judicial Maps to Support Access to Justice within a Quality Judicial System*, 21 ta' Ġunju 2013; Kunsill tal-Ewropa, CEPEJ (2014), *Guidelines on the organisation and accessibility of court premises*, 12 ta' Diċembru 2014; Kunsill tal-Ewropa, CEPEJ (2008), *Checklist for promoting the quality of justice and the court*, 3 ta' Lulju 2008, eż. fil-paġni. 19-25, inklużi l-interpretazzjoni, l-aċċess għall-informazzjoni, l-aċċessibbiltà tas-sentenzi tal-qorti.

Id-dritt ta' aċċess għal qorti huwa element importanti tal-aċċess għall-ġustizzja diment li l-qrati jipprovdu ħarsien minn prattiki illegali u jirrispettaw l-istat ta' dritt[28]. **Skont il-liġi tal-KtE**, l-Artikolu 6 (1) tal-QEDB jirrikjedi li: "Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi". L-aċċess għal qorti huwa impliċitu fid-dritt għal smigħ ġust għax jissuġġerixxi li l-qrati għandhom jiddeċiedu dwar it-tilwim. L-istati mhumiex imġiegħla jistabbilixxu tipi ta' qrati speċifiċi – bħal, pereżempju qrati tal-appell. Madankollu, jekk Stat Parti jistabbilixxi tali qrati, l-Artikolu 6 japplika għalihom[29].

Eżempju: F'*Golder vs Ir-Renju Unit*[30], ir-rikorrent kien priġunier li ried iressaq proċedimenti ta' libell kontra uffiċjal tal-ħabs li akkużah b'parteċipazzjoni f'irvell ġewwa l-ħabs. Huwa ġie miċħud il-permess li jikkonsulta avukat, li sostna li dan xekklu milli jressaq azzjoni fil-qrati.

Il-QEDB sostniet li l-Artikolu 6 jistabbilixxi l-garanziji proċedurali disponibbli għall-partijiet f'litigazzjoni. Dan ma jkun ifisser xejn mingħajr aċċess għall-qorti. Għaldaqstant, id-dritt ta' aċċess għal qorti huwa implikat fid-dritt għal proċess ġust skont l-Artikolu 6 (1) tal-KEDB.

Skont il-KEDB, id-drittijiet iridu jkunu "prattiċi u effettivi" u mhux "teoretiċi u illużorji"[31]. Sabiex id-dritt ta' aċċess għal qorti jkun effettiv, l-istati jista' jkollhom jipprovdu għajnuna legali, traduzzjoni jew sostenn prattiku ieħor sabiex jippermettu lill-individwi jaċċessaw il-proċedimenti tal-qorti (ara Kapitolu 3 dwar l-għajnuna legali u Kapitolu 4 dwar id-dritt għal parir, difiża u rappreżentanza).

Fl-Artikolu 6 tal-KEDB, id-dritt ta' aċċess għal qorti huwa limitat għal tilwim li jirrigwarda akkużi kriminali fil-konfront tar-rikorrent jew drittijiet ċivili u obbligi.

28 QEDB, *Běleš și alții/Republica Cehă*, Nru 47273/99, 12 ta' Novembru 2002.

29 QEDB, *Khalfaoui vs Franza*, Nru 34791/97, 14 ta' Diċembru 1999, paragrafu37.

30 QEDB, *Golder vs Ir-Renju Unit*, Nru 4451/70, 21 ta' Frar 1975. Għad-dritt ta' aċċess għal qorti f'każijiet kriminali, ara pereżempju QEDB, *Janosevic vs L-Isvezja*, Nru 34619/97, 23 ta' Lulju 2002, paragrafu 80.

31 QEDB, *Artico vs L-Italja*, Nru 6694/74, 13 ta' Mejju 1980, paragrafu 33.

Iż-żewġ termini huma mogħtija tifsira awtonoma independentement mill-kategorizzazzjonijiet li jużaw l-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali[32].

Meta jiġi ddeterminat jekk "akkuża kriminali" teżistix jew le, għandhom jiġu kkunsidrati l-kriterji li ġejjin:

- il-klassifikazzjoni tar-reat fl-ordinament ġuridiku domestiku;
- in-natura tar-reat;
- in-natura u s-severità potenzjali tal-piena[33].

Il-kriterji huma alternattivi u mhux kumulattivi[34]. Jekk, madankollu ma tistax tintlaħaq konklużjoni ċara dwar kriterju uniku, jista' jkun neċessarju approċċ kumulattiv[35]. L-Istati jistgħu jiddistingwu bejn il-liġi kriminali u regolatorja jew dixxiplinari, iżda d-distinzjoni m'għandhiex idgħajjef l-għan u l-iskop tal-Artikolu 6[36]. Il-pieni kriminali normalment huma ta' karattru punittiv[37]. In-nuqqas ta' serjetà ta' piena, madankollu, ma jċaħħadx reat mill-"karattru inerentement kriminali" tiegħu[38]. Il-kriterji rilevanti jridu jiġu applikati qabel tittieħed deċiżjoni.

Fi proċedimenti mhux kriminali, sabiex l-Artikolu 6 tal-KEDB japplika, irid ikun hemm tilwima dwar dritt ċivili jew obbligu rikonoxxut fil-liġi domestika, irrispettivament minn jekk huwiex imħares mill-KEDB jew le. It-tilwima trid tkun waħda ġenwina u serja u l-eżitu tal-proċedimenti jrid ikun direttament deċiżiv għad-dritt[39]. Il-QEDB identifikat bosta proċedimenti bħala li huma 'l barra mill-ambitu tad-drittijiet ċivili u l-obbligi, inkluż proċedimenti ta' tassazzjoni

32 Għal akkużi kriminali, ara l-QEDB, *Engel u Oħrajn vs In-Netherlands*, Nri 5100/71, 5101/71, 5102/71, 5354/72 u 5370/72, 8 ta' Ġunju 1976, paragrafu 81. F'dak li jirrigwarda drittijiet ċivili u obbligi, ara QEDB, *König vs Il-Ġermanja*, Nru 6232/73, 28 ta' Ġunju 1978, paragrafi 88–89.

33 QEDB, *Engel u Oħrajn vs In-Netherlands*, Nri 5100/71, 5101/71, 5102/71, 5354/72 u 5370/72, 8 ta' Ġunju 1976, paragrafi 81–85.

34 QEDB, *Ziliberberg vs Il-Moldova*, Nru 61821/00, 1 ta' Frar 2005, paragrafu 31.

35 QEDB, *Ezeh u Connors vs Ir-Renju Unit* [QĠ], Nri 39665/98 u 40086/98, 9 ta' Ottubru 2003, paragrafu 86.

36 QEDB, *Weber vs L-Isvizzera*, Nru 11034/84, 22 ta' Mejju 1990, paragrafu 30.

37 QEDB, *Öztürk vs Il-Ġermanja*, Nru 8544/79, 21 ta' Frar 1984, paragrafu 53.

38 *Ibid.*, paragrafu 54.

39 QEDB, *Boulois vs Il-Lussemburgu* [QĠ], Nru 37575/04, 3 ta' April 2012, paragrafu 90.

mhux kriminali[40], deċiżjonijiet dwar id-dħul, soġġorn u deportazzjoni ta' stranġieri[41], u proċedimenti dwar id-dritt li wieħed joħroġ għall-elezzjoni[42].

Id-dritt ta' aċċess għal qorti mhuwiex assolut. Jista' jkun limitat. Pereżempju, l-impożizzjoni ta' limiti ta' żmien raġonevoli tista' tippromwovi l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Barra minn hekk, ir-rekwiżit li jitħallsu l-miżati tal-qorti jista' jelimina pretensjonijiet frivoli jew jiġi ġġustifikat għal raġunijiet baġitarji[43]. Madankollu, ir-restrizzjonijiet m'għandhomx ixekklu "l-essenza vera tad-dritt"[44]. Pereżempju, is-sospensjoni ta' proċedimenti għal żmien sinifikanti tista' tikser id-dritt ta' aċċess għal qorti għaliex iżżomm individwu milli jikseb "determinazzjoni" tat-tilwim[45]. Restrizzjonijiet permissibbli huma diskussi aktar fil-Kapitolu 6.

**Fid-dritt tal-Unjoni**, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jiddikjara: "Kull persuna għandha d-dritt għal smigħ ġust u pubbliku fi żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi. Kull persuna għandu jkollha l-possibbiltà ta' parir, difiża u rappreżentanza"[46]. L-Artikolu 47 japplika għad-drittijiet u l-libertajiet kollha li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, l-Ispjegazzjonijiet tal-Karta jikkonfermaw li jikkorrispondi għad-drittijiet fl-Artikolu 6 (1) tal-KEDB, mingħajr il-limitazzjoni tal-Artikolu 6 fuq id-drittijiet ċivili u l-obbligi[47]. Għaldaqstant, l-Artikolu 47 jiżgura, bħala minimu, il-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 6 tal-KEDB, fir-rigward tad-drittijiet u l-libertajiet kollha li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni[48]. Din il-konnessjoni espliċita tfisser li l-każijiet imsemmija fil-liġi tal-KtE ser ikunu rilevanti fid-dritt tal-Unjoni sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor. Madankollu, kif indikat fil-Kapitolu 1, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE tapplika b'mod domestiku biss

40 QEDB, *Ferrazzini vs L-Italja* [QĠ], Nru 44759/98, 12 ta' Lulju 2001, paragrafu 29.

41 QEDB, *Maaouia vs Franza* [QĠ], Nru 39652/98, 5 ta' Ottubru 2000, paragrafu 40.

42 QEDB, *Pierre-Bloch vs Franza*, Nru 24194/94, 21 ta' Ottubru 1997, paragrafi 49–52.

43 QEDB, *Ashingdane vs Ir-Renju Unit*, Nru 8225/78, 28 ta' Mejju 1985, paragrafu 57.

44 *Ibid.*

45 QEDB, *Kutic vs Il-Kroazja*, Nru 48778/99, 1 ta' Marzu 2002, paragrafu 25.

46 L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE huwa rilevanti wkoll għall-ħarsien ġudizzjarju mogħti mill-QtĠ-UE nnfisha.

47 QtĠ-UE, C-619/10, *Trade Agency Ltd vs Seramico Investments Ltd*, 6 ta' Settembru 2012, paragrafu 52.

48 QtĠ-UE, C-199/11, *Europese Gemeenschap vs Otis NV u Oħrajn*, 6 ta' Novembru 2012, paragrafu 47.

meta l-Istati Membri jkunu qed jimplimentaw (jew jidderogaw minn) id-dritt tal-Unjoni[49].

L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jħaddan il-prinċipju legali tal-UE li l-Istati Membri jridu jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet ta' individwi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni (inklużi d-drittijiet tal-Karta). Dan ifisser li d-dritt ta' aċċess għal qorti japplika kull meta huma involuti drittijiet u libertajiet garantiti mid-dritt tal-Unjoni. Huwa f'idejn l-Istati Membri tal-UE li jistabbilixxu sistema ta' rimedji u proċeduri legali li jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet tad-dritt tal-Unjoni[50]. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali m'għandhiex ixxekkel il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva ta' dawn id-drittijiet[51].

Eżempju: F'*Boxus vs Région wallonne*[52], qorti Belġjana għamlet mistoqsija dwar id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali wara li proġett ġie awtorizzat minn att leġiżlattiv (digriet) tal-Parlament tal-Vallonja li fil-konfront tiegħu, fil-liġi nazzjonali, l-ebda proċedura ta' reviżjoni sostanzjali ma kienet disponibbli.

Il-QtĠ-UE kkonfermat li s-setgħa li tiġi eżerċitata reviżjoni fuq l-att leġiżlattiv kienet neċessarja biex tiżgura l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva ta' drittijiet proċedurali individwali, anke jekk dan ma kienx previst bil-liġi nazzjonali.

Bħal fil-liġi tal-KtE, id-dritt ta' aċċess għal qorti fid-dritt tal-Unjoni mhuwiex assolut. Jista' jkun limitat minn proċeduri nazzjonali sabiex tiġi żgurata l-amministrazzjoni effiċjenti tal-ġustizzja. Ir-restrizzjonijiet permissibbli huma diskussi aktar fil-Kapitolu 6.

49 Dwar il-limiti tal-Art. 6, ara pereżempju, QEDB, *Maaouia vs Franza* [QĠ], Nru 39652/98, 5 ta' Ottubru 2000. Dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-Art. 47, ara QtĠ-UE, C-370/12, *Thomas Pringle vs Gvern tal-Irlanda, L-Irlanda u l-Avukat Ġenerali*, 27 ta' Novembru 2012, paragrafi 178–182.

50 QtĠ-UE, C-432/05, *Unibet (London) Ltd u Unibet (International) Ltd vs Justitiekanslern*, 13 ta' Marzu 2007, paragrafi 37-42.

51 QtĠ-UE, C-279/09, *DEB Deutsche Energiehandels- und Beratungsgesellschaft mbH vs Bundesrepublik Deutschland*, 22 ta' Diċembru 2010, paragrafu 59.

52 QtĠ-UE, Kawżi Konġunti, C-128/09 sa C-131/09, C-134/09 u C-135/09, *Antoine Boxus, Willy Roua, Guido Durlet u Oħrajn, Paul Fastrez, Henriette Fastrez, Philippe Daras, Association des riverains et habitants des communes proches de l'aéroport BSCA (Brussels South Charleroi Airport) (ARACh), Bernard Page, Léon L'Hoir, Nadine Dartois vs Région wallonne*, 18 ta' Ottubru 2011, paragrafi 49–57.

Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-qrati f'xenarji transfruntieri, ġew adottati bosta strumenti tal-liġi sekondarja tal-UE ta' natura ta' liġi internazzjonali privata sabiex jgħinu fid-determinazzjoni ta' liema qrati tal-Istati Membri huma kompetenti biex jiddeċiedu dwar tilwim tal-liġi ċivili. Dawn l-istrumenti jittrattaw il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, u r-rikonoxximent u l-infurzar fil-qasam tal-liġi ċivili; eżempji jinkludu r-regolamenti li jindirizzaw il-ġurisdizzjoni u r-regolamentazzjoni u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri u fi kwistjonijiet ta' suċċessjoni (ara wkoll Taqsima 6.3)[53].

## 2.1.2. Definizzjoni ta' "tribunal"

**Kemm il-liġi tal-KtE kif ukoll id-dritt tal-Unjoni** jużaw it-terminu tribunal u mhux qorti. Il-kelma "tribunal" tingħata tifsira awtonoma, u l-QEDB u l-QtĠ-UE applikaw prinċipji konsistenti sabiex jiddeterminaw jekk korp jikkwalifikax bħala tribunal jew le.

**Fil-liġi tal-KtE**, tribunal huwa kkaratterizzat mill-funzjoni ġudizzjarja tiegħu[54]. M'hemmx bżonn ikun qorti "tat-tip klassiku"[55]. Tribunal jista' jkun korp stabbilit sabiex jiddetermina numru limitat ta' kwistjonijiet speċifiċi (pereżempju, kumpens), diment li joffri l-garanziji xierqa[56].

53 Regolament (KE) Nru 44/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, ĠU 2001 L 12; Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni), ĠU 2012 L 351 (id-Danimarka ma ssiħbitx); Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, ĠU 2012 L 201/107; Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, ĠU 2003 L 338/1; jew Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment, ĠU 2009L 7/1.

54 QEDB, *Belilos vs L-Isvizzera*, Nru 10328/83, 29 ta' April 1988, paragrafu 64.

55 QEDB, *Campbell u Fell vs Ir-Renju Unit*, Nri 7819/77 u 7878/77, 28 ta' Ġunju 1984, paragrafu 76.

56 QEDB, *Lithgow u Oħrajn vs Ir-Renju Unit*, Nru 9006/80, 9262/81, 9263/81, 9265/81, 9266/81, 9313/81 u 9405/81, 8 ta' Lulju 1986, paragrafu 201.

Eżempju: F'*Julius Kloiber Schlachthof GmbH u Oħrajn vs L-Awstrija*[57], il-kumpaniji rikorrenti wettqu l-iskarnar ta' bhejjem tal-ifrat u ħnieżer, li għalih kellhom iħallsu imposti ta' kummerċjalizzazzjoni agrikola lill-bord tal-kummerċjalizzazzjoni agrikola nazzjonali (l-AMA). L-AMA ħareġ ordnijiet ta' ħlas u imponiet ħlas addizzjonali talli naqqsu milli jħallsu. Ir-rikorrenti appellaw u talbu smigħ orali. Il-ministru federali, li aġixxa bħala awtorità tal-appell, ċaħad l-appelli tagħhom mingħajr ma għamel seduta ta' smigħ. Ir-rikorrenti lmentaw li l-proċedimenti ma ġewx deċiżi minn tribunal.

Il-QEDB tenniet li t-tribunal kien ikkaratterizzat mill-funzjoni ġudizzjarja tiegħu, li kien ifisser li jiddetermina l-kwistjonijiet fil-kompetenza tiegħu billi japplika l-liġi u wara li jkun wettaq proċedimenti b'mod preskritt. Rekwiżiti ulterjuri kienu l-indipendenza, l-imparzjalità, it-terminu tal-mandat tal-membri tagħha u d-disponibbiltà ta' garanziji proċedurali – li ħafna minnhom dehru fit-test tal-Artikolu 6. Il-Qorti ddeċidiet li la l-AMA u lanqas il-ministri ma kkwalifikaw bħala tribunali u li kien hemm ksur tal-Artikolu 6 (1).

Garanziji xierqa jinkludu:

- is-setgħa li toħroġ deċiżjonijiet vinkolanti[58];
- il-kapaċità li tiddetermina kwistjonijiet fil-kompetenza tagħha abbażi tal-istat tad-dritt, wara proċedimenti li saru b'mod preskritt[59];
- li jkollha ġurisdizzjoni sħiħa fuq il-kawża[60];
- indipendenza u imparzjalità (ara t-Taqsima 2.2).

It-tribunali jridu jkunu wkoll "stabbiliti bil-liġi". Dan ifisser li l-istati huma obbligati jadottaw liġijiet speċifiċi li jistabbilixxu mbagħad jimmaniġġjaw il-funzjonament tal-qrati nazzjonali. Dan jeħtieġ permanenza, u għalhekk jeskludi korpi li jeżerċitaw funzjoni ġudizzjarja abbażi ta' ftehim bejn il-partijiet fil-kawża.

57 QEDB, *Julius Kloiber Schlachthof GmbH u Oħrajn vs L-Awstrija*, Nri 21565/07, 21572/07, 21575/07 u 21580/07, 4 ta' April 2013.

58 QEDB, *Benthem vs In-Netherlands*, Nru 8848/80, 23 ta' Ottubru 1985, paragrafi 40 u 43.

59 QEDB, *Sramek vs L-Awstrija*, Nru 8790/79, 22 ta' Ottubru 1984, paragrafu 36.

60 QEDB, *Galina Kostova vs Il-Bulgarija*, Nru 36181/05, 12 ta' Novembru 2013, paragrafu 59.

Madankollu, dan jista' jinkludi korp stabbilit sabiex jiddetermina numru limitat ta' kwistjonijiet speċifiċi, diment li joffri garanziji xierqa[61]. Jekk korp amministrattiv ma jipprovdix il-garanziji tal-Artikolu 6 (1), irid ikun hemm dritt ta' appell lil korp ġudizzjarju li jipprovdihom[62].

Korp xorta waħda jista' jkun tribunal jekk iwettaq funzjonijiet oħra minbarra dawk ġudizzjarji (eż. Funzjonijiet amministrattivi, dixxiplinari jew ta' konsulenza), iżda ma jistax iwettaq funzjonijiet kemm ġudizzjarji kif ukoll eżekuttivi[63]. B'mod simili, it-tribunali jistgħu jinkludu mħallfin li mhumiex avukati jew membri li għandhom funzjonijiet li mhumiex ġudizzjarji diment li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' indipendenza u imparzjalità[64].

Finalment, id-determinazzjoni ta' jekk korp jikkwalifikax bħala tribunal jiddependi mill-fatti tal-każ. Id-deċiżjoni ssir billi jiġu applikati l-prinċipji stabbiliti hawn fuq. Pereżempju, korp li jista' joħroġ biss opinjonijiet konsultattivi[65] ma jkunx jaqa' taħt id-definizzjoni ta' tribunal, filwaqt li korp arbitrali b'garanziji xierqa għad-determinazzjoni ta' kwistjonijiet speċifiċi jkun jaqa' taħt dik id-definizzjoni[66]. Għal diskussjoni ulterjuri, ara t-Taqsima 2.4 dwar direzzjonijiet aktar flessibbli għall-ġustizzja.

Fid-dritt tal-Unjoni, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jiggarantixxi d-dritt għal smigħ ġust quddiem tribunal. Il-QtĠ-UE indirizzat it-tifsira ta' "tribunal" fil-kuntest tad-deċiżjoni dwar jekk entità partikolari tistax tirreferi każ lill-QtĠ-UE għal deċiżjoni preliminari, xi ħaġa li l-qrati nazzjonali u t-tribunali jistgħu jagħmlu (ara l-Kapitolu 1 dwar l-aċċess għall-ġustizzja)[67]. Sabiex jikkwalifika bħala tribunal għal dan il-għan, il-korp li jkun qed jirreferi każ lill-QtĠ-UE jrid:

61 QEDB, *Lithgow u Oħrajn vs Ir-Renju Unit*, Nri 9006/80, 9262/81, 9263/81, 9265/81, 9266/81, 9313/81 u 9405/81, 8 ta' Lulju 1986, paragrafu 201.

62 QEDB, *Albert u Le Compte vs Il-Belġju*, Nri 7299/75 u 7496/76, 10 ta' Frar 1983.

63 QEDB, *Benthem vs In-Netherlands*, Nru 8848/80, 23 ta' Ottubru 1985, paragrafu43.

64 QEDB, *Campbell u Fell vs Ir-Renju Unit*, Nri 7819/77 u 7878/77, 28 ta' Ġunju 1984, paragrafu81. Dwar il-parteċipazzjoni ta' mħallfin onorarji, ara wkoll QEDB, *Ibrahim Gürkan vs It-Turkija*, Nru 10987/10, 3 ta' Lulju 2012, paragrafu18.

65 QEDB, *Benthem vs In-Netherlands*, Nru 8848/80, 23 ta' Ottubru 1985.

66 QEDB, *Lithgow u Oħrajn vs Ir-Renju Unit*, Nri 9006/80, 9262/81, 9263/81, 9265/81, 9266/81, 9313/81 u 9405/81, 8 ta' Lulju 1986.

67 TFUE, Art. 267. Ara wkoll QtĠ-UE, *Information note from national courts for a preliminary ruling*, 5 ta' Diċembru 2009, ĠU C 2009 C 297/01, paragrafu 9 (jikkonferma li "il-kwalifika ta' qorti hija interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni").

- ikun stabbilit bil-liġi;
- ikun permanenti;
- ikun indipendenti u imparzjali (ara hawn taħt);
- jinkludi proċedura *inter-partes*;
- ikollu ġurisdizzjoni obbligatorja;
- japplika l-istat tad-dritt[68].

Il-proċedimenti quddiem il-korp iridu jkunu maħsuba biex iwasslu għal deċiżjonijiet ta' natura ġudizzjarja[69].

Eżempju: F'*Epitropos tou Elegktikou Synedriou sto Ypourgio Politismou kai Tourismou vs Ypourgeio Politismou kai Tourismou - Ypiresia Dimosionomikou Elenchou*[70], ir-rikorrent (*Elegktiko Synedrio*, il-Qorti tal-Awdituri tal-Greċja) għamel mistoqsijiet dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' regoli nazzjonali li jippermettu lill-impjegati tas-settur pubbliku jieħdu l-liv minħabba xogħol sindakali. Il-QtĠ-UE kellha tikkunsidra jekk Elegktiko Synedrio kienx tribunal skont it-tifsira tal-Artikolu 267 tat-TFUE.

Il-QtĠ-UE ddeċiedet li ma kienx jikkostitwixxi tribunal għax: (i) kellu rabtiet ministerjali, li kien ifisser li ma kienx qed jaġixxi bħala parti terza fir-rigward tal-interessi involuti; (ii) il-ġurisdizzjoni tiegħu kienet limitata għal awditjar *a priori* tan-nefqa tal-istat, u ma kinitx tinkludi determinazzjoni; (iii) id-deċiżjoni tiegħu m'għaddietx bħala *res judicata* (sentenza finali) u l-proċedimenti tagħha ma kinux maħsuba biex iwasslu għal deċiżjoni ta' natura ġudizzjarja; u (iv) il-benefiċjarju tan-nefqa inkwistjoni ma kienx parti għall-proċedimenti quddiem *Elegktiko Synedrio*.

68 QtĠ-UE, C-54/96, *Dorsch Consult Ingenieurgesellschaft mbH vs Bundesbaugesellschaft Berlin mbH*, 17 ta' Settembru 1997, paragrafu 23.

69 QtĠ-UE, C-443/09, *Camera di Commercio, Industria, Artigianato e Agricoltura (CCIAA) di Cosenza vs Grillo Star Srl.*, 19 ta' April 2012, paragrafi 20–21.

70 QtĠ-UE, C-363/11, *Epitropos tou Elegktikou Synedriou sto Ypourgeio Politismou kai Tourismou vs Ypourgeio Politismou kai Tourismou - Ypiresia Dimosionomikou Elenchou*, 19 ta' Diċembru 2012, paragrafi 19-31.

Bħal fil-liġi tal-KtE, skont id-dritt tal-Unjoni, korpi tal-arbitraġġ ġeneralment mhumiex ikkunsidrati tribunali minħabba n-natura fakultattiva tal-proċedimenti u n-nuqqas ta' involviment mill-awtoritajiet tal-istat (ara Taqsima 2.4 dwar direzzjonijiet oħra għall-ġustizzja)[71].

Eżempju: F'*Valeri Hariev Belov vs CHEZ Elektro Balgaria AD u oħrajn* (bl-intervent tal-Bulgarija u tal-Kummissjoni Ewropea)[72], il-Kummissjoni Bulgara għall-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni (KZD) talbet deċiżjoni preliminari dwar bosta dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jirrigwardaw id-diskriminazzjoni u l-protezzjoni tal-konsumatur.

Il-QtĠ-UE kkonfermat li korp nazzjonali jista' jiġi kklassifikat bħala qorti jew tribunal fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 267 tal-TFUE meta jwettaq funzjonijiet ġudizzjarji, iżda ma jistax ikun rikonoxxut bħala tali meta jeżerċita funzjonijiet oħra, bħal dawk ta' natura amministrattiva. Għaldaqstant, kien neċessarju li jiġi ddeterminat f'liema kapaċità speċifika kien qed jaġixxi korp meta talab deċiżjoni mill-QtĠ-UE. F'dan il-każ, bosta fatturi wasslu biex il-qorti rrifjutat il-kontenzjoni li l-proċedimenti quddiem il-korp kienu maħsuba biex iwasslu għal deċiżjoni ta' natura ġudizzjarja; dawn kienu jinkludu: li l-KZD setgħet tipproċedi ex officio, u kellha setgħat investigattivi estensivi; is-setgħa tal-KZD li tingħaqad ma' persuni għall-proċedimenti fuq inizjattiva tagħha stess; li l-KZD tkun konvenut fi proċedimenti tal-qorti jekk id-deċiżjoni tagħha tiġi appellata; u li l-KZD tista' tirrevoka d-deċiżjonijiet tagħha.

71 QtĠ-UE, C-125/04, *Guy Denuit u Betty Cordenier vs Transorient - Mosaïque Voyages et Culture SA.*, 27 ta' Jannar 2005, paragrafu 13. Għal każ li fih korp arbitrali ġie meqjus bħala tribunal, ara QtĠ-UE, C-555/13*, Merck Canada Inc. vs Accord Healthcare Ltd u Oħrajn*, 13 ta' Frar 2014, paragrafi 18–25.

72 QtĠ-UE, C-394/11, *Valeri Hariev Belov vs CHEZ Elektro Balgaria AD u oħrajn (Il-Bulgarija u l-Kummissjoni Ewropea jintervejnu)*, 31 ta' Jannar 2013, para 26.

# 2.2. L-indipendenza u l-imparzjalità tat-tribunali

## Punti ewlenin

- Il-KtE u d-dritt tal-Unjoni jeħtieġu li t-tribunali jkunu indipendenti u imparzjali.
- Il-QtĠ-UE u l-QEDB stabbilixxew regoli dettaljati dwar l-indipendenza sabiex jiggarantixxu n-newtralità. Ir-regoli jirrigwardaw il-mod li bih jinħatru l-membri tat-tribunal, it-terminu tal-mandat tagħhom, u l-eżistenza ta' garanziji kontra pressjoni esterna.
- Tribunal huwa preżunt bħala imparzjali sakemm ma jkunx ippruvat mod ieħor. Il-preġudizzju jista' jkun soġġettiv (li jirrigwarda l-preġudizzju personali tal-imħallef individwali) jew oġġettiv (li jirrigwarda d-dehra ta' preġudizzju). Il-preġudizzju soġġettiv diffiċli tagħti prova tiegħu.

L-indipendenza u l-imparzjalità spiss jiġu eżaminati flimkien u huma marbutin mill-qrib, li jista' jagħmilhom diffiċli biex jiġu distinti[73]. Madankollu, l-indipendenza ġeneralment tirrigwarda l-istruttura ta' tribunal, filwaqt li l-imparzjalità hija karatteristika individwali ta' min jieħu deċiżjoni[74].

## Indipendenza

Fil-liġi tal-KtE, il-każistika dwar l-Artikolu 6 tal-KEDB tipprovdi regoli ddettaljati dwar l-indipendenza tal-ġudikatura, li huma mfassla sabiex jipproteġuha minn pressjoni esterna u jiggarantixxu n-newtralità[75]. Dawn ir-regoli jkopru l-mod li bih jinħatru l-membri tat-tribunal, it-terminu tal-mandat tagħhom, u l-eżistenza ta' garanziji kontra pressjoni esterna[76].

---

73 Pereżempju, ara QEDB, *Findlay vs Ir-Renju Unit*, Nru 22107/93, 25 ta' Frar 1997, paragrafu 73.

74 QEDB, *Parlov-Tkalčić vs Il-Kroazja*, Nru 24810/06, 22 ta' Diċembru 2009, paragrafi 86–87.

75 Għal aktar dettalji dwar id-dritt għal smigħ ġust u pubbliku minn tribunal kompetenti indipendenti u imparzjali, ara NU, Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem (HRC) (2007), *General Comment 32*, 23 ta' Awwissu 2007, paragrafi 19–23.

76 QEDB, *Campbell u Fell vs Ir-Renju Unit*, Nri 7819/77 u 7878/77, 28 ta' Ġunju 1984, paragrafu 78.

Eżempju: F'*Maktouf u Damjanović vs Il-Bożnija-Ħerzegovina*[77], iż-żewġ rikorrenti kienu nstabu ħatja b'delitti tal-gwerra mill-Qorti tal-Bożnija-Ħerzegovina (il-Qorti tal-Istat). Il-Qorti tal-Istat kienet tikkonsisti minn imħallfin internazzjonali u nazzjonali u kellha s-setgħa li tiddeċiedi dwar każijiet li jinvolvu delitti tal-gwerra. L-ewwel rikorrent sostna li l-Qorti tal-Istat ma kinitx indipendenti għax tnejn mill-membri tagħha nħatru mill-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli fil-Bożnija-Ħerzegovina għal perjodu ta' sentejn li jiġġedded.

Il-QEDB ċaħdet dan l-argument. Ma sabet l-ebda raġuni biex tiddubita li l-imħallfin internazzjonali tal-Qorti tal-Istat kienu indipendenti mill-korpi politiċi tal-Bożnija-Ħerzegovina, mill-partijiet għall-każ u mill-istituzzjoni tar-Rappreżentant Għoli. Il-ħatra tagħhom kienet immotivata minn xewqa li tissaħħaħ l-indipendenza tal-awli għad-delitti tal-gwerra tal-Qorti tal-Istat u sabiex terġa' tinkiseb il-fiduċja tal-pubbliku fis-sistema ġudizzjarja. Li l-imħallfin inkwistjoni ġew issekondati minn fost imħallfin professjonali fil-pajjiżi rispettivi tagħhom irrappreżenta garanzija addizzjonali kontra pressjoni esterna. Ma kien hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-KEDB.

L-imħallfin jistgħu jinħatru mill-eżekuttiv, iżda l-liġi trid tiżgura li ma jirċevux istruzzjonijiet dwar kif jeżerċitaw dmirijiethom[78]. M'għandu jkun hemm l-ebda interferenza fis-sentenzi finali, vinkolanti u infurzabbli ta' qorti[79].

It-tul ta' żmien tal-ħatriet ġudizzjarji jikkontribwixxi wkoll għall-indipendenza. Il-membri tat-Tribunal m'għandhomx għalfejn jinħatru għal ħajjithom kollha. Fuq kollox, il-mandat għandu jkun ta' tul ta' żmien stabbli u ħieles minn interferenzi esterni. Bħala minimu, membri ta' tribunal iridu jkunu protetti kontra tneħħija matul il-mandat tagħhom[80]. Nuqqas ta' garanziji adegwati kontra t-tneħħija jxekklu l-indipendenza ta' tribunal[81].

77 QEDB, *Maktouf u Damjanović vs Il-Bożnija-Ħerzegovina*, Nri 2312/08 u 34179/08, 18 ta' Lulju 2013, paragrafi 48–53.

78 QEDB, *Beaumartin vs Franza*, Nru 15287/89, 24 ta' Novembru 1994, paragrafu 38.

79 QEDB, *DRAFT - OVA a.s. vs Slovakia*, Nru 72493/10, 9 ta' Ġunju 2015, paragrafi 80–86.

80 QEDB, *Campbell u Fell vs Ir-Renju Unit*, Nri 7819/77 u 7878/77, 28 ta' Ġunju 1984, paragrafu 80.

81 QEDB, *Henryk Urban u Ryszard Urban vs Il-Polonja*, Nru 23614/08, 30 ta' Novembru 2010, paragrafi 49–53. Ara wkoll Kunsill tal-Ewropa, Kunsill Konsultattiv tal-Imħallfin Ewropej (CCJE) (2001), *Opinion N° 1 on standards concerning the independence of the judiciary and the irremovability of judges*, 23 ta' Novembru 2001.

Id-dehra ta' indipendenza hija importanti wkoll iżda mhux deċiżiva sabiex jiġi stabbilit nuqqas ta' indipendenza[82]. Fid-deċiżjoni dwar jekk hemmx raġuni leġittima għal biża' li qorti partikolari għandha nuqqas ta' indipendenza jew imparzjalità, il-fehmiet tal-partijiet għall-proċedimenti huma importanti iżda mhux deċisivi. Id-dubji jridu jiġu ġġustifikati oġġettivament[83]. Pereżempju, meta żewġ assessuri onorarji li kienu parti minn tribunal li qed jittratta talba għal reviżjoni ta' lokazzjoni nħatru minn assoċjazzjonijiet li kellhom interess fil-kontinwazzjoni tagħha, it-tħassib tar-rikorrent dwar l-imparzjalità kien iġġustifikat[84].

**Fid-dritt tal-Unjoni**, ir-rekwiżit ta' indipendenza jobbliga lil tribunal biex jaġixxi bħala parti terza li tieħu deċiżjonijiet, indipendentement mill-awtoritajiet amministrattivi u l-partijiet[85].

Eżempju: F'*Graham J. Wilson vs Ordre des avocats du barreau de Luxembourg*[86], is-Sur Wilson ressaq każ fil-qrati nazzjonali, jargumenta li bl-introduzzjoni ta' rekwiżit tal-lingwa, il-Lussemburgu kien qed joħloq ostakoli inġusti għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 98/5/KE dwar it-twaqqif professjonali ta' avukati fi Stati Membri għajr dak li fih kisbu l-grad ta' kwalifikazzjoni professjonali tagħhom[87]. Dan kien jeħtieġ li l-avukati jattendu smigħ orali mal-Kunsill tal-Avukati. Is-Sur Wilson irrifjuta li jattendi u, b'konsegwenza, il-Kunsill tal-Avukati rrifjuta li jirreġistrah. Huwa kkontesta d-deċiżjoni quddiem il-Kumitat Dixxiplinari u Amministrattiv, li kien magħmul esklussivament minn avukati ta' nazzjonalità Lussemburga. Il-qorti amministrattiva talbet deċiżjoni preliminari mill-QtĠ-UE dwar jekk korpi tal-appell bħall-Kumitat Dixxiplinari u Amministrattiv jikkostitwixxux rimedju quddiem qorti jew tribunal f'konformità mal-liġi domestika skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tad-direttiva.

82 QEDB, *Campbell u Fell vs Ir-Renju Unit*, Nri 7819/77 u 7878/77, 28 ta' Ġunju 1984, paragrafu 81.

83 QEDB, *Fruni vs Is-Slovakkja*, Nru 8014/07, 21 ta' Ġunju 2011, paragrafu 141.

84 QEDB, *Langborger vs L-Isvezja*, Nru 11179/84, 22 ta' Ġunju 1989, paragrafu 35.

85 QtĠ-UE, C-24/92, *Pierre Corbiau vs Administration des contributions*, 30 ta' Marzu 1993, paragrafu 15.

86 QtĠ-UE, C-506/04, *Graham J. Wilson vs Ordre des avocats du barreau de Luxembourg*, 19 ta' Settembru 2006, paragrafi 47–53.

87 Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni, ĠU 1998 L 77.

Il-QtĠ-UE ddikjarat li l-indipendenza, li hija inerenti fil-kompitu tal-aġġudikazzjoni, kienet tfisser li tribunal kellu jaġixxi bħala parti terza fir-rigward tal-awtorità li adottat id-deċiżjoni kkontestata. L-indipendenza għandha wkoll żewġ aspetti oħra: (i) it-tribunal huwa ħieles minn interventi jew pressjonijiet esterni; u (ii) "imparzjalità interna" li tiżgura li l-partijiet għall-proċedimenti għandhom kundizzjonijiet ekwi[88].

## Imparzjalità

**Fil-liġi tal-KtE u d-dritt tal-Unjoni**, l-imparzjalità hija marbuta mill-qrib mal-indipendenza. Teħtieġ li dak li jieħu d-deċiżjonijiet ikun moħħu miftuħ u mingħajr preġudizzji meta jiddeċiedi dwar tilwim.

Eżempju: F'*İbrahim Gürkan vs It-Turkija*[89], qorti kriminali militari tat lir-rikorrent is-sentenza ta' xahrejn u nofs priġunerija talli intenzjonalment ma obdiex lil superjur. Il-qorti kienet komposta minn uffiċjal militari mingħajr taħriġ legali u żewġ imħallfin militari.

Il-QEDB saħqet li l-parteċipazzjoni ta' mħallfin onorarji ma kinitx neċessarjament kuntrarja għall-Artikolu 6 u li n-nuqqas ta' kwalifiki legali tal-uffiċjal militari ma kinitx ta' xkiel għall-indipendenza jew l-imparzjalità tiegħu. Madankollu, l-uffiċjal militari baqa' fis-servizz tal-armata u kien soġġett għad-dixxiplina militari. Ġie maħtur mis-superjuri tiegħu u ma kienx igawdi mill-istess salvagwardji kostituzzjonali bħaż-żewġ imħallfin militari. Għaldaqstant, il-qorti kriminali militari ma setgħetx tkun ikkunsidrata bħala indipendenti u imparzjali.

L-imparzjalità għandha żewġ elementi:

- element soġġettiv li jirrigwarda l-preġudizzji jew preferenzi personali ta' mħallef individwali;

88 Dwar pressjonijiet esterni, ara QtĠ-UE, C-103/97, *Josef Köllensperger GmbH & Co. KG u Atzwanger AG vs Gemeindeverband Bezirkskrankenhaus Schwaz*, 4 ta' Frar 1999, paragrafu 21 (il-kundizzjonijiet li jirrigwardaw it-tneħħija ta' membri kienu*vagi wisq biex jagħtu garanzija kontra pressjoni żejda).* Dwar l-imparzjalità interna, ara QtĠ-UE, C-407/98, *Katarina Abrahamsson u Leif Anderson vs Elisabet Fogelqvist*, 6 ta' Lulju 2000, paragrafu 32 (protezzjonijiet oġġettivi fis-seħħ fil-kostituzzjoni tal-istat).

89 QEDB, *İbrahim Gürkan vs It-Turkija*, Nru 10987/10, 3 ta' Lulju 2012, paragrafu 19.

- element oġġettiv li jirrigwarda kwistjonijiet bħad-dehra ta' preferenza[90].

Tribunal huwa preżunt bħala ħieles minn preġudizzji personali sakemm ma jkunx ippruvat mod ieħor.[91]. Id-dimostrazzjoni ta' parzjalità soġġettiva teħtieġ li jkunu ddeterminati l-konvinzjonijiet personali ta' mħallef partikolari f'każ speċifiku, xi ħaġa diffiċli ħafna. Eżempji ta' parzjalità soġġettiva jinkludu t-turija ta' ostilità jew intenzjonijiet ħżiena mill-imħallef jew evidenza li l-imħallef irranġa sabiex każ ikun assenjat lilu/lilha għal raġunijiet personali[92]. Il-biċċa l-kbira tal-każijiet li jallegaw nuqqas ta' imparzjalità għaldaqstant iffukaw fuq it-test oġġettiv, li jinvolvi l-aċċertar dwar jekk imħallef offriex biżżejjed garanziji biex jeskludi kwalunkwe dubju leġittimu f'dan ir-rigward[93]. Eżempji ta' nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva jinkludu l-eżistenza ta' rabtiet familjari mill-qrib bejn l-avukat ta' parti opposta u l-imħallef[94], jew relazzjonijiet professjonali bejn l-imħallef u l-parti l-oħra għall-proċedimenti[95]. Li wieħed ikun oġġettivament imparzjali jfisser ukoll li joffri garanziji li huma suffiċjenti sabiex jiġi eskluż kwalunkwe dubju leġittimu f'dan ir-rigward[96]. Is-sempliċi fatt li qorti twettaq żewġ tipi ta' funzjonijiet fir-rigward tal-istess deċiżjoni (konsultattiva u ġudizzjarja) jista' jqajjem dubji dwar l-imparzjalità strutturali tagħha[97]. Barra minn hekk, il-preżenza ta' uffiċjal tal-gvern f'deliberazzjonijiet tal-qorti wkoll instabet bħala li tmur kontra l-Artikolu 6[98]. Il-proċeduri użati mill-qrati sabiex jikkunsidraw mozzjonijiet li jallegaw preġudizzji għandhom huma stess ikunu ħielsa minn preġudizzji (pereżempju, imħallfin akkużati bi preġudizzju m'għandhomx jintalbu jirrevedu l-merti tal-applikazzjoni)[99].

**Id-dritt tal-Unjoni**, mexa b'mod konsistenti mal-prinċipji stabbiliti mill-każistika tal-QEDB dwar iż-żewġ aspetti ta' imparzjalità meħtieġa: imparzjalità

90 Ara wkoll Kunsill tal-Ewropa, CCJE (2002), *Opinion N° 3 on ethics and liability of judges*, 19 ta' Novembru 2002.

91 QEDB, *Kyprianou vs Ċipru* [QĠ], Nru 73797/01, 15 ta' Diċembru 2005, paragrafu 119.

92 QEDB, *Morice vs Franza* [QĠ], Nru 29369/10, 23 ta' April 2015, paragrafu 74.

93 *Ibid.*, paragrafu 119. Ara wkoll, QEDB, *Gautrin u oħrajn vs Franza*, Nru 21257/93, 20 ta' Mejju 1998, paragrafu 58.

94 QEDB, *Micallef vs Malta* [QĠ], Nru 17056/06, 15 ta' Ottubru 2009, paragrafu 102.

95 QEDB, *Pescador Valero vs Spanja*, Nru 62435/00, 17 ta' Ġunju 2003, paragrafi 27–28.

96 QEDB, *Fey vs L-Awstrija*, Nru 14396/88, 24 ta' Frar 1993, paragrafu 28.

97 QEDB, *Procola vs Il-Lussemburgu*, Nru 14570/89, 28 ta' Settembru 1995, paragrafu 45. Ikkumpara ma' QEDB, *Kleyn u Oħrajn vs In-Netherlands*, Nri 39343/98, 39651/98, 43147/98 u 46664/99, 6 ta' Mejju 2003, paragrafu 27.

98 QEDB, *Martinie vs Franza* [QĠ], Nru 58675/00, 12 ta' April 2006, paragrafi 53–55.

99 QEDB, *A.K. vs Il-Liechentenstein*, Nru 38191/12, 9 ta' Lulju 2015.

soġġettiva u oġġettiva. L-indipendenza hi meqjusa bħala prerekwiżit tal-imparzjalità u huma meħtieġa regoli xierqa fir-rigward tal-kompożizzjoni ta' korp u l-istatus tal-membri tiegħu[100].

Eżempju: *Chronopost SA u La Poste vs Union française de l'express*[101], kienet tikkonċerna pretensjoni li l-assistenza infrastrutturali kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-istat. Il-każ kien darbtejn quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza (QPI), b'kompożizzjoni ġudizzjarja differenti iżda bl-istess Imħallef Relatur. Fit-tieni smigħ, il-QPI affermat l-ewwel deċiżjoni tagħha, jiġifieri li kien hemm għajnuna mill-istat. L-appellanti sostnew li t-tieni QPI ma kienx tribunal imparzjali għax kien jinkludi l-istess Imħallef Relatur u d-deċiżjoni kienet affettwata minn preġudizzju.

Il-QtĠ-UE stabbilixxiet it-test għall-imparzjalità kif ġej: (i) il-membri tat-tribunal iridu jkunu soġġettivament imparzjali, jiġifieri, ħadd minnhom m'għandu jkollu preferenzi jew preġudizzji personali (hemm preżunzjoni ta' imparzjalità personali fin-nuqqas ta' evidenza għall-kuntrarju); u (ii) it-tribunal irid ikun oġġettivament imparzjali billi joffri garanziji li huma suffiċjenti biex jeskludu kwalunkwe dubju leġittimu f'dan ir-rigward. Il-QtĠ-UE ċaħdet l-allegazzjoni ta' preġudizzju. Il-fatti ma stabbilixxewx li l-kompożizzjoni tal-Awla kienet illegali.

100 QtĠ-UE, C-506/04, *Graham J. Wilson vs Ordre des avocats du barreau de Luxembourg*, 19 ta' Settembru 2006, paragrafi 53.

101 QtĠ-UE, Kawżi konġunti C-341/06 P u C-342/06 P, *Chronopost SA u La Poste vs Union française de l'express (UFEX) u Oħrajn*, 1 ta' Lulju 2008, paragrafu 54.

# 2.3. X'inhu smigħ ġust u pubbliku?

**Punti ewlenin**

- L-aċċess għall-ġustizzja jeħtieġ smigħ li proċeduralment huwa ġust u pubbliku.
- Id-dritt għal smigħ ġust u pubbliku huwa minqux fl-Artikolu 6 (1) tal-KEDB u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Salvagwardji speċifiċi għal proċess ġust fi proċedimenti kriminali jinstabu wkoll fl-Artikolu 6 (2) u (3) tal-KEDB u l-Artikolu 48 tal-Karta.
- Id-dritt għal smigħ ġust essenzjalment jinkludi d-dritt għal opportunitajiet ugwali għall-partijiet, id-dritt għal proċedimenti kontenzjużi u d-dritt għal deċiżjoni motivata, kif ukoll id-dritt li tkun żgurata l-eżekuzzjoni ta' sentenza finali.
- Smigħ pubbliku jiżgura l-iskrutinju tal-ġudikatura. Id-dritt għal smigħ pubbliku jeħtieġ ukoll li individwu jkollu d-dritt li jattendi u jisma' l-evidenza.

Fil-liġi tal-KtE , id-dritt għal smigħ ġust u pubbliku skont l-Artikolu 6 tal-QEDB japplika fir-rigward ta' akkużi kriminali u tilwim li jikkonċernaw id-drittijiet ċivili u obbligi (ara Taqsima 2.1). **Fid-dritt tal-Unjoni**, skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, id-dritt japplika għal kull tip ta' proċediment li jirrigwarda d-drittijiet u l-libertajiet li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni.

Il-każistika dwar id-dritt għal proċess ġust hija vasta. Din it-Taqsima tiddiskuti bosta fatturi ewlenin tad-dritt, li jinkludu: id-dritt għal opportunitajiet ugwali għall-partijiet, id-dritt għal proċedimenti kontenzjużi u d-dritt għal deċiżjoni motivata. Kif imsemmi fil-Kapitolu 1, il-każistika tal-QEDB hija rilevanti għall-interpretazzjoni tad-drittijiet stabbiliti fil-Karta meta dawk id-drittijiet jikkorrispondu. Fuq dan il-punt, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jikkorrispondi għall-Artikolu 6 tal-KEDB.

## 2.3.1. Smigħ ġust

**Fil-liġi tal-KtE**, jekk smigħ huwiex ikkunsidrat bħala ġust jew le jiddependi mill-fatti kollha tal-każ, inkluż il-kapaċità tal-individwu li jaċċessa l-ġustizzja. Il-proċedimenti b'mod kumplessiv (jiġifieri mill-preżentazzjoni ta' proċedimenti, inkluż l-interrogazzjoni mill-pulizija f'każijiet kriminali,

sad-determinazzjoni finali ta' appell) iridu jiġu kkunsidrati[102]. L-Artikolu 6 tal-KEDB japplika wkoll għall-eżekuzzjoni tas-sentenzi għax, fl-aħħar mill-aħħar, jekk individwu ma jistax jiggarantixxi l-eżekuzzjoni ta' sentenza fit-tmiem tal-proċedimenti, id-dritt għal smigħ ġust huwa ta' ftit valur[103].

Prattika promettenti

### L-iżgurar ta' proċess ġust permezz ta' ko-smigħ

Ġewwa Tarascon, Franza, prattika speċjalizzata bl-isem ta' "ko-smigħ" ġiet żviluppata sabiex issaħħaħ il-parteċipazzjoni tat-tfal. Din tippermetti lill-assistenti soċjali biex jingħaqdu mat-tfal waqt seduti ta' smigħ ma' mħallfin fi proċedimenti ċivili. Il-preżenza tal-assistent soċjali tgħin lill-wild sabiex jesprimi l-perspettiva tiegħu/tagħha. Toħloq ukoll ambjent aktar favorevoli għat-tfal. Din il-prattika tiżgura wkoll li t-tweġibiet tal-wild ikunu jistgħu jiġu interpretati minn żewġ perspettivi (imħallef u assistent soċjali), u dan irendi s-seduti ta' smigħ aktar ġusti. Il-proġett ingħata rikonoxximent speċjali b'rabta mal-Premju "Miżien tal-Kristall" tal-2012.

*Sors: 2012 Crystal Scales of Justice Award, organizzat b'mod konġunt mill-Kunsill tal-Ewropa u l-Kummissjoni Ewropea.*

**Skont il-liġi tal-KtE u d-dritt tal-Unjoni**, wieħed mir-rekwiżiti ewlenin tad-dritt għal smigħ ġust huwa "opportunitajiet ugwali" bejn il-partijiet. L-opportunitajiet ugwali jinvolvu l-iżgurar li kull parti jkollha l-opportunità raġonevoli li tippreżenta l-każ tagħha f'kundizzjonijiet li ma jiżvantaġġjawx kwalunkwe waħda mill-partijiet. Kwalunkwe lment dwar in-nuqqas ta' opportunitajiet ugwali "ser jiġi kkunsidrat fid-dawl tal-Artikolu 6 (1) kollu għax il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali huwa biss karattersitika waħda mill-kunċett aktar wiesa' ta' proċess ġust, li jinkludi wkoll id-dritt fundamentali li l-proċedimenti għandhom ikunu kontenżjużi"[104]. Il-QtĠ iddefinixxiet l-prinċipju b'mod simili[105].

102 QEDB, *Edwards vs Ir-Renju Unit*, Nru 13071/87, 16 ta' Diċembru 1992, paragrafu 34.

103 QEDB, *Hornsby vs Il-Greċja*, Nru 18357/91, 19 ta' Marzu 1997, paragrafu 40. Ara wkoll NU, HRC (2005), *Kawża Nru 823/1998, Czernin vs Ir-Repubblika Ċeka*, 29 ta' Marzu 2005 (li jistipula li n-nuqqas ta' azzjoni u d-dewmien eċċessiv fl-impilimentazzjoni tad-deċiżjonijiet imorru kontra l-ICCPR Art. 14).

104 QEDB, *Ruiz-Mateos vs Spanja*, Nru 12952/87, 23 ta' Ġunju 1993, paragrafu 63; ara wkoll il-paragrafi 63-68.

105 QtĠ-UE, C-199/11, *Europese Gemeenschap vs Otis NV u Oħrajn*, 6 ta' Novembru 2012, paragrafu 71.

F'każijiet kriminali, il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet huwa salvagwardjat permezz tad-drittijiet ta' difiża speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6 (3) (d), jiġifieri "id-dritt li jiġi eżaminat jew li ġew eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jikseb l-attendenza u l-eżaminazzjoni tax-xhieda għan-nom tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu". L-Artikolu 6 (2) u (3) tal-KEDB u l-Artikolu 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jiddeskrivu garanziji ta' proċess ġust speċifiċi ulterjuri f'każijiet kriminali. Dawn jinkludu d-dritt li wieħed ikun infurmat minnufih dwar in-natura u l-kawża tal-akkuża fil-konfront tiegħu u dwar id-dritt għal żmien u faċilitajiet xierqa għat-tħejjija tad-difiża proprja.

**Fid-dritt tal-Unjoni**, il-leġiżlazzjoni sekondarja tagħti aktar dettalji dwar l-ambitu tad-drittijiet għal proċess ġust. Pereżempju, id-Direttiva 2012/13/UE dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali tistabbilixxi li l-Istati Membri jridu jinfurmaw lis-suspettati u lill-persuni akkużati dwar id-drittijiet tagħhom, inkluż id-dritt ta' aċċess għal avukat u d-dritt li persuna tibqa' siekta[106]. Taħt id-direttiva, suspettati u persuni akkużati li jiġu arrestati jridu jingħataw ukoll "Ittra tad-drittijiet" li tinkludi informazzjoni dwar drittijiet addizzjonali, inkluż id-dritt tagħhom li jaċċessaw dokumenti relatati mal-każ speċifiku tagħhom li huma fil-pussess tal-awtoritajiet kompetenti – bħal evidenza – u d-dritt tagħhom li jaċċessaw assistenza medika urġenti. Din id-direttiva hija parti minn "pjan direzzjonali" tal-UE għat-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali ta' suspettati u persuni akkużati fi proċedimenti kriminali[107]. Il-pjan direzzjonali ġie adottat sabiex jissaħħu d-drittijiet tal-individwi fi proċedimenti kriminali fl-UE kif ukoll sabiex tiġi żgurata fiduċja reċiproka fis-sistemi tal-ġustizzja kriminali ta' xulxin u tiġi promossa l-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri tal-UE. Il-pjan direzzjonali jinkludi wkoll id-Direttiva dwar id-dritt għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali[108], id-Direttiva dwar id-Dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta'

106 Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali, ĠU 2012 L 142.

107 Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar pjan direzzjonali għat-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali, ĠU 2009 C 295.

108 Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali, ĠU 2010 L 280.

mandat ta' arrest Ewropew[109], Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dritt għal għajnuna legali għall-persuni suspettati jew akkużati fi proċeduri kriminali[110], u Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-salvagwardji proċedurali għall-persuni vulnerabbli suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali[111]. Hemm ukoll Proposta għal Direttiva dwar is-salvagwardji proċedurali għat-tfal ssuspettati jew mixlija fi proċedimenti kriminali[112] u Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar għajnuna legali proviżorja u għajnuna legali fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew[113].

**Kemm fil-liġi tal-KtE kif ukoll fid-dritt tal-Unjoni**, komponent essenzjali ieħor tad-dritt għal smigħ ġust huwa d-dritt għal proċedimenti kontenzjużi[114]. Ir-rekwiżiti ta' dan id-dritt huma fil-prinċipju l-istess f'każijiet mhux kriminali u dawk kriminali[115]. Fil-prattika, id-dritt għal proċedimenti kontenzjużi jinkludi:

- id-dritt li wieħed ikollu għarfien ta', u jikkumenta dwar, l-evidenza kollha ppreżentata sabiex tinfluwenza d-deċiżjoni tal-qorti[116];
- id-dritt li wieħed ikollu biżżejjed żmien biex jiffamiljarizza ruħu mal-evidenza quddiem il-qorti[117];

109 Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà, ĠU 2013 L 294/1. Ir-Renju Unit u l-Irlanda ma pparteċipawx f'din id-direttiva u din ma tapplikax għad-Danimarka.

110 Il-Kummissjoni Ewropea (2013), Rakkomandazzjoni tas-27 ta' ta' Novembru 2013 dwar id-dritt għal għajnuna legali għall-persuni suspettati jew akkużati fi proċeduri kriminali, ĠU 2013 C 378.

111 Il-Kummissjoni Ewropea (2013), Rakkomandazzjoni tas-27 ta' Novembru 2013 dwar is-salvagwardji proċedurali għall-persuni vulnerabbli suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali, ĠU 2013 378.

112 Il-Kummissjoni Ewropea (2013), Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-salvagwardji proċedurali għat-tfal ssuspettati jew mixlija fi proċedimenti kriminali, COM(2013)822.

113 Il-Kummissjoni Ewropea (2013), Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar għajnuna legali proviżorja għal persuni ssuspettati jew mixlija li huma mċaħħda mil-libertà kif ukoll għajnuna legali fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, COM(2013) 824.

114 QEDB, *Ruiz-Mateos vs Spanja*, Nru 12952/87, 23 ta' Ġunju 1993, paragrafu 63; QtĠ-UE, C-300/11, *ZZ vs Secretary of State for the Home Department*, 4 ta' Ġunju 2013, paragrafu 55. Fir-rigward ta' proċedimenti kriminali, ara QEDB, *Brandstetter vs L-Awstrija*, Nri 11170/84, 12876/87 u 13468/87, 28 ta' Awwissu 1991, paragrafi 66–67.

115 QEDB, *Werner vs L-Awstrija*, Nru 21835/93, 24 ta' Novembru 1997, paragrafu 66.

116 QEDB, *Vermeulen vs Il-Belġju* [QĠ], Nru 19075/91, 20 ta' Frar 1996, paragrafu 33.

117 QEDB, *Krčmář u oħrajn vs Ir-Repubblika Ċeka*, Nru 35376/97 3 ta' Marzu 2000, paragrafu 42.

- id-dritt ta' produzzjoni ta' evidenza[118].

Il-qrati jridu jikkunsidaw jekk il-proċedura applikata b'mod sħiħ kinitx konformi mar-rekwiżiti tad-dritt għal proċedimenti kontenzjużi[119].

Eżempju: F'*Užukauskas vs Il-Litwanja*[120] l-awtoritajiet Litwani rrevokaw il-liċenzja tal-armi tan-nar tar-rikorrent għax l-informazzjoni fir-rekords tal-pulizija allegat li kien riskju għas-soċjetà. Intalab jagħti l-armi tiegħu lill-pulizija bi skambju ta' ħlas. Huwa kkontesta d-dħul ta' ismu fir-rekords operazzjonali, iżda din l-azzjoni ġiet miċħuda abbażi ta' materjal klassifikat sottomess mill-pulizija. L-informazzjoni ma ġietx żvelata lir-rikorrent.

Id-data fil-fajl kienet ta' importanza deċisiva għall-każ tar-rikorrent għax l-imħallfin kellhom jikkunsidrawha sabiex jiddeterminaw jekk kienx involut f'attività kriminali. Il-kondotta tal-pulizija kienet l-unika evidenza tal-allegat periklu għas-soċjetà tar-rikorrent. Billi r-rikorrent ma kienx infurmat dwar l-evidenza kontrih u ma kellux l-opportunità li jwieġeb għaliha (għall-kuntrarju tal-pulizija), il-proċedura għat-teħid ta' deċiżjoni ma kkonformatx mar-rekwiżiti ta' proċedimenti kontenzjużi jew ugwaljanza tal-opportunitajiet għall-partijiet, u ma kinitx tinkorpora salvagwardji xierqa sabiex jitħarsu l-interessi tar-rikorrent. Il-QEDB sostniet li dan imur kontra l-Artikolu 6 tal-KEDB.

Id-dritt għal deċiżjoni motivata huwa aspett ewlieni ieħor tad-dritt għal smigħ ġust[121]. Deċiżjoni motivata turi li każ instema' kif suppost u tippermetti lill-partijiet biex iressqu appell xieraq u effettiv[122]. Il-qrati mhumiex meħtieġa jagħtu tweġibiet dettaljati għal kull argument u d-dmir li jingħataw ir-raġunijiet ivarja skont in-natura tad-deċiżjoni u ċ-ċirkostanzi tal-każ[123]. Fi proċedimenti krimi-

118 QEDB, *Clinique des Acacias u Oħrajn vs Franza*, Nri 65399/01, 65406/01, 65405/01 u 65407/01, 13 ta' Ottubru 2005, paragrafu 37.

119 QEDB, *Rowe u Davies vs Ir-Renju Unit* [QĠ], Nru 28901/95, 16 ta' Frar 2000, paragrafu 62.

120 QEDB, *Užukauskas vs Il-Litwanja*, Nru 16965/04, 6 ta' Lulju 2010, paragrafi 45-51.

121 Ara Kunsill tal-Ewropa, CCEJ (2008), *Opinion N°11 on "the quality of judicial decisions"*, 18 ta' Diċembru 2008.

122 QEDB, *Hadjianastassiou vs Il-Greċja*, Nru 12945/87, 16 ta' Diċembru 1992, paragrafu 33. Ikkumpara ma' QEDB, *Jodko vs Il-Litwanja* (dec.), Nru 39350/98, 7 ta' Settembru 1999. Dwar il-liġi tal-UE, ara QtĠ-UE, C-619/10, *Trade Agency Ltd vs Seramico Investments Ltd*, 6 ta' Settembru 2012, paragrafu 53.

123 QEDB, *García Ruiz vs Spanja* [QĠ], Nru 30544/96, 21 ta' Jannar 1999, paragrafu 26.

nali, proċess b'ġuri jrid jinkludi salvagwardji suffiċjenti sabiex il-konvenut ikun jista' jifhem għaliex hu/hi nstab/et ħati/ħatja. Dan jista' jinkludi gwida mill-imħallef dwar kwistjonijiet jew evidenza legali, u mistoqsijiet preċiżi u inekwivoki lill-ġurija mill-imħallef[124].

Fi proċedimenti ċivili, il-qrati huma obbligati jagħtu raġunijiet suffiċjenti għad-deċiżjonijiet tagħhom sabiex jippermettu lill-individwi jagħmlu applikazzjonijiet għall-appell effettivi[125]. Qorti tal-appell tista' tirrimedja r-raġunament inadegwat ta' qorti inferjuri. Fil-prinċipju, huwa aċċettabbli li korp tal-appell sempliċiment japprova r-raġunijiet għad-deċiżjoni tal-korp inferjuri. Dan, madankollu, ġie meqjus bħala mhux suffiċjenti meta l-lment ewlieni fl-appell attwali kien l-inadegwatezza tar-raġunament tal-qorti inferjuri[126]. Ir-raġunijiet mogħtija mill-qorti tal-appell iridu jindirizzaw l-essenza tal-kwistjoni li għandha tiġi deċiża b'mod li jirrifletti r-rwol tagħha kif xieraq[127].

### Dritt għal appell

**Fil- liġi tal-KtE**, għalkemm il-Protokol Nru 7 tal-KEDB (vinkolanti biss għall-Istati Partijiet tagħha) jistabbilixxi dritt għal appell speċifiku f'każijiet kriminali[128], il-KEDB ma tiggarantixxix dritt għal appell fi proċedimenti kriminali. Il-QEDB ikkonfermat, madankollu, li jekk jingħata proċess ta' appell fi proċedimenti ċivili jew kriminali, l-Artikolu 6 ikun japplika għalih[129]. **Fid-dritt tal-Unjoni**, m'hemm l-ebda dritt ta' appell speċifiku fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, iżda l-każistika tal-QEDB trid tiġi kkunsidrata fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 47.

## 2.3.2. Smigħ pubbliku

**Fil-liġi tal-KtE u d-dritt tal-Unjoni**, il-kunċett ta' aċċess għall-ġustizzja jinkludi wkoll id-dritt għal smigħ pubbliku. Dan jgħin biex jippromwovi l-fiduċja fil-qrati billi jagħmel l-amministrazzjoni tal-ġustizzja viżibbli u trasparenti[130]. Fuq dan

124 QEDB, *Taxquet vs Il-Belġju* [QĠ], Nru 926/05, 16 ta' Novembru 2010, paragrafi 93-100.

125 QEDB, *Suominen vs Il-Finlandja*, Nru 37801/97, 1 ta' Lulju 2003, para 36-38.

126 QEDB, *Hirvisaari vs Il-Finlandja*, Nru 49684/99, 27 ta' Settembru 2001, para 32.

127 QEDB, *Hansen vs In-Norveġja*, Nru 15319/09, 2 ta' Ottubru 2014, paragrafi 71 *et seq*.

128 Kunsill tal-Ewropa, Protokoll Nru 7 għall-KEDB, CETS Nru 117, 1984, Art. 2.

129 Ara pereżempju QEDB, *Monnell u Morris vs Ir-Renju Unit*, Nri 9562/81 u 9818/82, 2 ta' Marzu 1987, paragrafu 54.

130 QEDB, *Pretto vs L-Italja*, Nru 7984/77, 8 ta' Diċembru 1983, paragrafu 21.

il-punt, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jikkorrispondi għall-Artikolu 6 tal-KEDB.

Impliċitu fid-dritt għal smigħ pubbliku huwa d-dritt għal smigħ orali[131]. Pereżempju, fi proċedimenti kriminali, ġeneralment akkużat għandu jkun intitolat biex jattendi smigħ fl-ewwel istanza[132]. Id-dritt għal smigħ orali huwa importanti għax persuna ma tistax teżerċita d-drittijiet l-oħra tal-Artikolu 6 (3) tal-KEDB jekk ma tkunx preżenti. Madankollu, l-attendenza personali tal-konvenut ma tassumix l-istess sinifikat kruċjali għal smigħ ta' appell bħalma tagħmel għas-smigħ tal-proċess. Il-mod ta' kif l-Artikolu 6 jiġi applikat għal proċedimenti quddiem qrati ta' appell jiddependi fuq il-karatteristiċi speċjali tal-proċedimenti involuti, u għandhom jitqiesu l-proċedimenti fl-intier tagħhom fl-ordinament ġuridiku domestiku u r-rwol tal-qorti tal-appell f'dan[133] Barra minn hekk, id-dritt għal smigħ orali mhuwiex assolut, u xi ċirkustanzi jistgħu jiġġustifikaw il-fatt li ma jintużax, skont in-natura tal-kwistjonijiet li għandhom jiġu deċiżi mill-qorti[134]. Pereżempju, smigħ orali jista' ma jkunx meħtieġ fejn m'hemm l-ebda kwistjoni ta' kreddibbiltà jew fatti kkontestati li jeħtieġu l-preżentazzjoni orali tal-evidenza jew il-kontroeżami tax-xhieda[135]. Jekk proċess kriminali jitwettaq *in absentia*, u l-konvenut ma jkunx jaf bil-proċedimenti, il-konvenut irid ikun jista' jikseb determinazzjoni ġdida fuq il-merti tal-akkuża minn qorti ladarba hu/hi jsiru konxji dwarhom. Fi proċedimenti ċivili, jista' jkun possibbli li wieħed jipproċedi mingħajr smigħ f'każijiet li jqajmu kwistjonijiet legali ta' natura limitata[136] jew meta l-proċedimenti huma esklussivament legali jew tekniċi[137]. Madankollu, fil-prinċipju, individwu huwa intitolat

131 QEDB, *Allan Jacobsson (Nru 2) vs L-Isvezja*, Nru 16970/90, 19 ta' Frar 1998, paragrafu 46. Ara wkoll QtĠ-UE, C-399/11, *Stefano Melloni vs Ministerio Fiscal*, 26 ta' Frar 2013, paragrafu 49.

132 QEDB, *Tierce u Oħrajn vs San Marino*, Nri 24954/94, 24971/94, 24972/94, 25 ta' Lulju 2000, paragrafu 94; QEDB, *Jussila vs Il-Finlandja* [QĠ], Nru 73053/01, 23 ta' Novembru 2006, paragrafu 40.

133 QEDB, *Kremzow vs L-Awstrija*, Nru 12350/86, 21 ta' Settembru 1993, paragrafi 58-59; QEDB, *Hermi vs L-Italja* [QĠ], Nru 18114/02, 18 ta' Ottubru 2006, paragrafu 60. Fir-rigward ta' proċessi *in absentia* fl-UE, ara Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2009), Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009 li temenda d-Deċiżjonijiet Kwadru 2002/584/ĠAI, 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI u 2008/947/ĠAI, u b'hekk issaħħaħ id-drittijiet proċedurali ta' persuni, li trawwem l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' deċiżjonijiet mogħtija fl-assenza tal-persuna konċernata fil-kawża, ĠU 2009 L 81/24.

134 QEDB, *Kremzow vs L-Awstrija*, Nru 12350/86, 21 ta' Settembru 1993, paragrafu 59.

135 QEDB, *Jussila vs Il-Finlandja* [QĠ], Nru 73053/01, 23 ta' Novembru 2006, paragrafi 41–42 u 47–48.

136 QEDB, *Valová, Slezák u Slezák vs Is-Slovakkja*, Nru 44925/98, 1 ta' Ġunju 2004, paragrafi 65–68.

137 QEDB, *Koottummel vs L-Awstrija*, Nru 49616/06, 10 ta' Diċembru 2009, paragrafu 19.

għal smigħ pubbliku orali quddiem l-ewwel u l-uniku tribunal li jeżamina l-każ tiegħu/tagħha[138].

L-Artikolu 6 (1) tal-KEDB espliċitament jippermetti l-esklużjoni tal-istampa u l-pubbliku:

- fl-interess tal-morali, l-ordni pubbliku jew is-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika;
- fejn meħtieġ fl-interessi ta' minorenni jew għall-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet; jew
- fejn il-pubbliċità tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.

Il-bżonn li tiġi protetta l-kunfidenzjalità professjonali jista' jiġġustifika wkoll il-fatt li jiġu imposti limitazzjonijiet[139]. It-tfal jingħataw protezzjoni espliċita u jista' jkun possibbli li tiġi eskluża klassi sħiħa ta' proċedimenti minħabba l-ħtieġa li jiġu protetti[140].

Eżempju: F'*Khrabrova vs Ir-Russja*[141], ir-rikorrent kienet għalliema ġewwa Moska sakemm tkeċċiet fi Frar 2002, wara tilwima ma' student waqt lezzjoni. Hi ressqet proċedimenti ċivili kontra l-iskola, fittxet kumpens u l-impjieg mill-ġdid, u wara lmentat lill-QEDB li l-proċedimenti kienu inġusti. Speċifikament, lmentat dwar il-fatt li l-qorti domestika naqset milli tagħmel smigħ pubbliku fl-interess tal-minorenni involuti.

Il-QEDB qieset vagi r-raġunijiet mogħtija mill-qorti nazzjonali għad-deċiżjoni li s-smigħ isir bil-magħluq. Dawn issuġġerew li smigħ pubbliku jista' jaffettwa ħażin l-edukazzjoni ta' grupp mhux speċifikat ta' minorenni. Il-Qorti ddikjarat li l-qrati domestiċi kellhom jispeċifikaw raġunijiet suffiċjenti sabiex jiġġustifikaw il-protezzjoni tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja mill-iskrutinju pubbliku, salvagwardja vitali kontra l-arbitrarjetà. Madankollu, f'dan il-każ dan ma kienx sar kif suppost. Is-smigħ pubbliku li sussegwentement sar quddiem il-qorti tal-appell ma rrimedjax il-ksur għax

138 QEDB, *Becker vs L-Awstrija*, Nru 19844/08, 11 ta' Ġunju 2015, paragrafu 39.

139 QEDB, *Diennet vs Franza*, Nru 18160/91, 26 ta' Settembru 1995, paragrafi 34–35.

140 QEDB, *B. u P. vs the United Kingdom*, Nri 36337/97 u 35974/97, 24 ta' April 2001, paragrafi 37–38.

141 QEDB, *Khrabrova vs Ir-Russja*, Nru 18498/04, 2 ta' Ottubru 2012, paragrafi 50–53.

ma kellux l-ambitu rekwiżit; speċifikament, il-qorti tal-appell ma reġgħetx semgħet lix-xhieda. Il-Qorti sabet li dan mar kontra d-dritt għal smigħ pubbliku tal-Artikolu 6 tal-KEDB.

Id-dritt għal smigħ pubbliku jista' jiġi rrinunzjat; ir-rinunzji għandhom isiru bir-rieda ħielsa ta' dak li jkun, b'mod inekwivoku u mhux kuntrarji għal interess pubbliku importanti. Pereżempju, anke meta akkużat ma jattendix proċess personalment, m'hemm l-ebda ksur jekk l-akkużat kien infurmat dwar id-data u l-post tal-proċess jew ġie difiż minn konsulent legali li hu kien tah mandat biex jagħmel dan[142].

## 2.4. Direzzjonijiet oħra għall-ġustizzja

### Punti ewlenin

- L-aċċess għal mekkaniżmi tal-ġustizzja jistgħu jinkludi korpi mhux ġudizzjarji, bħal istituzzjonijiet nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem, korpi tal-ugwaljanza, awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data jew istituzzjonijiet tal-ombudsperson.
- Korpi amministrattivi, mhux ġudizzjarji jistgħu javvanzaw l-aċċess għall-ġustizzja billi jipprovdu modi aktar veloċi ta' kif jiksbu rimedji jew billi jippermettu rimedju kollettiv. Madankollu, dawn ma jistgħux jiġu qabel id-dritt ta' aċċess għal qorti ta' individwu u ġeneralment għandhom ikunu soġġetti għal superviżjoni ġudizzjarja.
- Proċeduri ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR), bħal medjazzjoni u arbitraġġ, jipprovdu alternattivi għall-aċċess għall-ġustizzja permezz ta' mezzi ġudizzjarji formali.
- Jekk liġi tobbliga lill-partijiet biex imorru għall-arbitraġġ, it-tribunal tal-arbitraġġ għandu jikkonforma mal-Artikolu 6 tal-KEDB u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.
- L-UE ħeġġet l-użu tal-ADR ma' leġiżlazzjoni bħad-Direttiva dwar il-Medjazzjoni tal-UE u bosta inizzjattivi ta' protezzjoni tal-konsumatur.

142 QEDB, *Håkansson u Sturesson vs L-Isvezja*, Nru 11855/85, 21 ta' Frar 1990, paragrafu 66; QtĠ-UE, C-399/11, *Stefano Melloni vs Ministerio Fiscal*, 26 ta' Frar 2013, paragrafu 49.

## 2.4.1. Korpi mhux ġudizzjarji

Bosta sistemi ġudizzjarji qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' ammonti ta' xogħol dejjem jikbru u l-aċċess għall-qrati jista' jkun għali. Viżjoni usa' tal-aċċess għall-ġustizzja tkopri korpi mhux ġudizzjarji kif ukoll qrati[143]. Din tista' tinkludi korpi tal-ugwaljanza, istituzzjonijiet amministrattivi u mhux ġudizzjarji li jittrattaw każijiet ta' diskriminazzjoni, istituzzjonijiet nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem (NHRIs), istituzzjonijiet tal-ombudsperson, awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data, spettorati tax-xogħol u tribunali speċjalizzati[144]. L-Istati Membri tal-UE stabbilixxew uħud minn dawn il-korpi skont rekwiżiti leġiżlattivi speċifiċi tal-UE – pereżempju, korpi tal-ugwaljanza dwar l-ugwaljanza razzjali jew etnika u l-ugwaljanza bejn is-sessi ġew stabbiliti taħt id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali[145], u awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data taħt id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data[146].

Proċeduri kważi ġudizzjarji mressqa quddiem korpi mhux ġudizzjarji – spiss f'forma ta' medjazzjoni (ara Taqsima 2.4.2 dwar soluzzjoni alternattiva għat-tilwim) – jistgħu jipprovdu alternattivi aktar veloċi, inqas formalistiċi u orħos għar-rikorrenti. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-korpi mhux ġudizzjarji m'għandhomx is-setgħa li joħorġu deċiżjonijiet vinkolanti (eċċezzjonijiet jinkludu, pereżempju, awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data u xi korpi tal-ugwaljanza), u s-setgħat ta' kumpens tagħhom huma ġeneralment limitati.

Il-QEDB iddikjarat li korp mhux ġudizzjarju taħt il-liġi domestika jista' jitqies bħala qorti jekk b'mod pjuttost ċar iwettaq funzjonijiet ġudizzjarji u joffri l-garanziji proċedurali rekwiżiti mill-Artikolu 6 tal-KEDB, bħall-imparzjalità u l-indipendenza (ara Taqsima 2.1.2)[147]. Jekk le, il-korp mhux ġudizzjarju għandu jkun

143 FRA (2012), *Bringing rights to life: The fundamental rights landscape of the European Union*, il-Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

144 Ara NU, Assemblea Ġenerali (1993) Resolution A/RES/48/134 dwar istituzzjonijiet nazzjonali għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, 20 ta' Diċembru 1993 (*Paris Principles*), Anness.

145 Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità, ĠU 2000 L 180 (Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali).

146 Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, ĠU 1995 L 281 (Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data).

147 QEDB, *Oleksandr Volkov vs L-Ukraina*, Nru 21722/11, 9 ta' Jannar 2013, paragrafi 88–91.

suġġett għal superviżjoni minn korp ġudizzjarju li għandu ġurisdizzjoni sħiħa u li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 6[148].

Korpi amministrattivi, mhux ġudizzjarji jistgħu wkoll javvanzaw l-aċċess għall-ġustizzja billi jippermettu rimedju kollettiv jew lmenti. Dan jippermetti lil dawk li jilmentaw biex jingħaqdu flimkien ħalli bosta talbiet individwali li jirrigwardaw l-istess każ ikunu jistgħu jinġabru f'azzjoni waħda tal-qorti[149]. Dan jista' jippermetti lil organizzazzjonijiet, bħal NGOs, biex iressqu lmenti f'isem individwi.

Prattika promettenti

### Titjib tal-aċċess għall-ġustizzja f'każijiet ta' diskriminazzjoni

Fl-Italja, il-korp tal-ugwaljanza li jittratta d-diskriminazzjoni fuq bażi tar-razza jew l-oriġini etnika – in-National Office Against Racial Discrimination – stabbilixxa uffiċċji kontra d-diskriminazzjoni u punti fokali f'xi postijiet f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet lokali u NGOs. Barra minn hekk, konsulenti dwar l-ugwaljanza, li jindirizzaw id-diskriminazzjoni fuq il-bażi tas-sess, jeżistu fil-livell nazzjonali u reġjonali; huma awtorizzati sabiex jirċievu lmenti, jipprovdu konsulenza u joffru servizzi ta' medjazzjoni. Huma jikkooperaw ma' spetturi tax-xogħol li għandhom setgħat investigattivi sabiex jistabbilixxu l-fatti f'każijiet ta' diskriminazzjoni. Għandhom ukoll pożizzjoni legali fil-qorti f'każijiet ta' impatt kollettiv meta l-ebda vittma individwali ma tista' tiġi identifikata.

*Sors: FRA (2012), Access to justice in cases of discrimination in the EU – Steps to further equality, p. 28.*

## 2.4.2. Soluzzjoni alternattiva għat-tilwim

Soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR) tirreferi għal proċeduri ta' soluzzjoni għat-tilwim – bħal medjazzjoni u arbitraġġ – li joffru soluzzjonijiet għat-tilwim'il

148 QEDB, *Zumtobel vs L-Awstrija*, Nru 12235/86, 21 ta' Settembru 1993, paragrafi 29–32.

149 Il-Kummissjoni Ewropea (2013), Rakkomandazzjoni tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar prinċipji komuni għal mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv ta' inġunzjoni u kumpensatorji fl-Istati Membri li jirrigwardaw il-ksur tad-drittijiet skont il-Liġi tal-Unjoni, ĠU 2013 L 201. Ara wkoll, Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni (2011), *Overview of existing collective redress schemes in EU Member States*, Brussell, Lulju 2011.

barra mill-qorti[150]. Il-proċeduri tal-ADR jistgħu jtejbu l-effiċjenza tal-ġustizzja billi jnaqqsu l-ammont ta' xogħol tal-qrati, u billi joffri lill-individwi opportunità biex isibu soluzzjoni għat-tilwim b'mod kosteffikaċi[151]. Minbarra li jinvolvu kostijiet aktar baxxi, jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-individwi billi jnaqqsu t-tul ta' żmien u l-istress tal-proċedimenti. L-istorja u l-użu tal-ADR madwar l-Ewropa jvarjaw. Uħud mill-korpi mhux ġudizzjarji msemmija fit-Taqsima 2.4.1 spiss jużaw il-proċeduri tal-ADR.

Prattika promettenti

## L-użu ta' medjazzjoni fi proċeduri familjari

Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jqisuha ta' benefiċċju li tinstab soluzzjoni għal tilwim li jirrigwarda kwistjonijiet familjari permezz ta' medjazzjoni minflok ma jitilgħu l-qorti. Fil-Kroazja, huwa obbligatorju għal ġenituri involuti f'tilwim dwar divorzju u kustodja li jippruvaw jagħmlu medjazzjoni. Psikologi minn Ċentri għall-Protezzjoni Soċjali jwettqu l-medjazzjoni.

Kultant, il-medjazzjoni hi magħquda ma' funzjonijiet oħra. Perżempju, fl-Estonja, speċjalist tal-appoġġ tat-tfal jassisti lill-ġenituri fil-medjazzjoni waqt l-ewwel stadji ta' proċess. Fil-Ġermanja, il-konsulent legali tal-wild jipprovdi assistenza tal-medjazzjoni tal-ġenituri.

*Sors: FRA (2015), Child-friendly justice – Perspectives and experiences of professionals on children's participation in civil and criminal judicial proceedings in 10 EU Member States, p. 47.*

**Fi ħdan il-KtE**, il-medjazzjoni fil-kuntest ta' proċedimenti ċivili ġiet definita bħala proċess ta' soluzzjoni għat-tilwim li fih il-partijiet jinnegozjaw sabiex

150 Perezempju, ara Kummissjoni Ewropea (2011), Consultation Paper on the use of ADR as a means to resolve disputes related to commercial transactions and practices in the European Union, paragrafu 6.

151 Kunsill tal-Ewropa, CEPEJ (2014), *Report on "European judicial systems – Edition 2014 (2012 data): efficiency and quality of justice"*, Kapitolu 6, imsemmi fil-QEDB, *Momčilović vs Il-Kroazja*, Nru 11239/11, 26 ta' Marzu 2015, paragrafu 33.

jilħqu ftehim bl-għajnuna ta' medjatur[152]. Fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali, il-medjazzjoni ġiet definita bħala proċess li fih medjatur imparzjali – bil-kunsens taż-żewġ partijiet – jgħin lill-vittma u lit-trasgressur biex b'mod attiv jipparteċipaw fis-soluzzjoni ta' kwistjonijiet li jirriżultaw mill-kriminalità[153]. Bħala minimu, l-arbitraġġ jinvolvi persuna li permezz ta' ftehim ta' arbitraġġ tintalab tagħti deċiżjoni legalment vinkolanti f'tilwim imressaq lilha mill-partijiet tal-ftehim[154]. Ta' min jinnota li n-nuqqas ta' infurzar ta' deċiżjoni finali ta' arbitraġġ tista' tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 6 (1) tal-KEDB[155].

Eżempju: F'*Suda vs Ir-Repubblika Ċeka*[156], ir-rikorrent kien azzjonist b'minoranza f'kumpanija pubblika limitata (C.). F'Novembru 2003, il-laqgħa ġenerali tal-kumpanija ħadet deċiżjoni b'maġġoranza li biha C tingħalaq mingħajr likwidazzjoni u l-assi tagħha jittieħdu mill-azzjonist ewlieni (E.). Il-valur tal-fidwa tal-ishma miżmuma mill-azzjonisti b'minoranza, inkluż ir-rikorrent, ġie stabbilit b'kuntratt. Klawsola ta' arbitraġġ fil-kuntratt stipulat li kwalunkwe eżaminazzjoni mill-ġdid tal-valur tal-fidwa tkun kwistjoni għall-arbitraġġ u mhux proċedimenti tal-qorti ordinarji; il-ftehim ta' sottomissjoni għall-arbitraġġ sar bejn C. u E. Ir-rikorrent għamel bosta proċedimenti fil-qorti fil-livell nazzjonali, filwaqt li talab l-eżaminazzjoni mill-ġdid u l-invalidazzjoni tal-valur tal-fidwa, iżda dawn ma kinux ta' suċċess.

Il-QEDB sostniet li l-ftehim għas-soluzzjoni tat-tilwim ma kienx fih innifsu mingħajr ambigwità biżżejjed sabiex jikkostitwixxi rinunzja tad-dritt għal tribunal, u li, jekk il-partijiet kienu mġiegħla jmorru għall-arbitraġġ,

152 Kunsill tal-Ewropa, Kumitat tal-Ministri (2002), Recommendation Rec(2002)10 to member states on mediation in civil matters, 18 ta' Settembru 2002, prinċipju 1. Ara wkoll Kunsill tal-Ewropa, Kumitat tal-Ministri (1998), Recommendation, Rec(98)1 on family mediation, 21 January 1998; Kunsill tal-Ewropa, Kumitat tal-Ministri (2001), Recommendation Rec(2001)9 to member states on alternatives to litigation between administrative authorities and private parties, 5 ta' Settembru 2001; Kunsill tal-Ewropa, CEPEJ (2007), *Analysis on assessment of the impact of Council of Europe recommendations concerning mediation*; Kunsill tal-Ewropa, CEPEJ (2007), *Guidelines for a better implementation of the existing recommendation on alternatives to litigation between administrative authorities and private parties*.

153 Kunsill tal-Ewropa, Kumitat tal-Ministri (1999), Recommendation Rec(99)19 to member states concerning mediation in penal matters, 15 ta' Settembru 1999.

154 Kunsill tal-Ewropa, Additional Protocol to the Criminal Law Convention on Corruption, CETS Nru 191, 2003, Art. 1. Dan ma ġiex ratifikat fuq firxa wiesgħa. Ara wkoll, NU, Kummissjoni tan-NU dwar il-Liġi Internazzjonali tal-Kummerċ (UNCITRAL) (1985), UNCITRAL Model Law on International Commercial Arbitration, 11 ta' Diċembru 1985 (kif emendat fl-2006).

155 QEDB, *Regent Company vs L-Ukraina*, Nru 773/03, 3 ta' April 2008, paragrafu 60.

156 QEDB, *Suda vs Ir-Repubblika Ċeka*, Nru 1643/06, 28 ta' Ottubru 2010.

it-tribunal kellu jikkonforma mal-Artikolu 6. Il-Qorti sabet ksur tal-Artikolu 6 (1) għax il-proċedura tal-arbitraġġ ma kinitx tissodisfa żewġ rekwiżiti fundamentali: (i) il-klawsola tal-arbitraġġ tat is-setgħa tat-teħid ta' deċiżjonijiet lill-arbitri fuq il-lista ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata, li ma kinitx tribunal tal-arbitraġġ stabbilit bil-liġi; u (ii) il-proċedura ta' arbitraġġ ma ppermettietx smigħ pubbliku u r-rikorrent bl-ebda mod ma kien irrinunzja dan id-dritt.

**Fid-dritt tal-Unjoni**, il-medjazzjoni ġiet deskritta bħala proċess strutturat li fih il-partijiet fit-tilwima b'mod volontarju jippruvaw isibu soluzzjoni bl-għajnuna ta' medjatur[157]. L-UE adottat bosta strumenti biex tinkoraġġixxi l-ADR. Pereżempju, id-Direttiva dwar il-Medjazzjoni tal-UE tapprova l-użu ta' medjazzjoni relatata ma' tilwim transkonfinali f'ċerti kwistjonijiet ċivili u kummerċjali[158]. Id-direttiva ma tapplikax għal kwistjonijiet ta' dħul, doganali jew amministrattivi, jew għal tilwim li jinvolvi r-responsabbiltà tal-istat; lanqas ma tapplika għal oqsma ta' impjieg jew liġi tal-familja li fihom il-partijiet infushom mhumiex liberi li jiddeċiedu dwar id-drittijiet u l-obbligi fil-liġi applikabbli, pereżempju, kwistjonijiet ta' status. Ma tobbligax lill-partijiet biex jagħmlu medjazzjoni: l-għan tagħha huwa li tiffaċilita l-aċċess għall-ADR u tippromwovi s-soluzzjoni amikevoli tat-tilwim permezz tal-medjazzjoni[159]. Id-direttiva għandha wkoll l-għan li tiżgura relazzjoni bbilanċjata bejn il-medjazzjoni u l-proċedimenti ġudizzjarji u tikkonferma li l-partijiet f'tilwima m'għandhomx jitwaqqfu milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' aċċess għas-sistemi ġudizzjarji[160].

L-UE lleġiżlat ukoll dwar l-ADR fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur[161]. Direttiva u regolament dwar l-ADR għal tilwim tal-konsumaturi jeħtieġu li l-Istati Membri jippromwovu u jistabbilixxu sistemi li jippermettu li t-tilwim

157 Direttiva 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali (Direttiva dwar il-Medjazzjoni), ĠU 2008 L 136, Art. 3. Din ma tapplikax għad-Danimarka.

158 *Ibid.* Skont l-Art. 2 (1), tilwima "transkonfinali" sseħħ meta tal-anqas wieħed mill-partijiet ikun domiċiljat jew resident abitwali fi Stat Membru differenti mill-parti l-oħra f'waħda mid-dati li ġejjin: (i) meta l-partijiet jaqblu li jużaw il-medjazzjoni, ladarba tkun inqalgħat tilwima; (ii) meta qorti tistieden jew tordna lill-partijiet biex jippruvaw il-medjazzjoni; jew (iii) meta skont il-liġi nazzjonali l-patijiet huma obbligati jużaw il-medjazzjoni.

159 *Ibid.*, Art. 1. Għal diskussjoni dwar l-impatt tad-direttiva, ara Parlament Ewropew (2014), *'Rebooting' the Mediation Directive: assessing the limited impact of its implementation and proposing measures to increase the number of mediations in the EU*, Brussell, Unjoni Ewropea.

160 *Ibid.*, Art. 5 (2).

161 L-Art. 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jafferma li "Il-politiki tal-Unjoni għandhom jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur".

tal-konsumaturi jiġi trattat b'mod effettiv u malajr[162]. Id-direttiva għandha l-għan li tiżgura li l-awtoritajiet jintagħżlu fil-livell nazzjonali sabiex tinżamm u tiġi mmonitorjata lista ta' fornituri tal-ADR li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-direttiva. Dawn il-fornituri tal-ADR għandhom iżommu s-siti web tagħhom aġġornati u joffru servizzi mingħajr ħlas jew b'kost minimu. L-Istati Membri kienu meħtieġa jittrasponu d-direttiva sa Lulju 2015.

Ir-regolament jeħtieġ it-twaqqif ta' portal interattiv online, (il-Pjattaforma tal-ODR) għal tilwim kuntrattwali li għandu jiġi solvut barra mill-qorti permezz ta', pereżempju, medjazzjoni elettronika. Ir-regolament japplika għal konsumaturi u kummerċjanti f'tilwim domestiku u transkonfinali u għal ċertu tilwim imressaq kontra konsumaturi minn kummerċjanti. Ladarba l-konsumaturi tal-UE jissottomettu t-tilwim tagħhom online, jiġu konnessi ma' fornituri nazzjonali tal-ADR li jgħinu jsolvuhom[163]. L-Istati Membri għandhom jipproponu kuntatt ta' soluzzjoni online għat-tilwim (ODR) sabiex jassisti fit-tilwim sottomess permezz tal-Pjattaforma ODR. Il-kummerċjanti online għandhom jinfurmaw lill-klijenti dwar l-għażla ADR u jipprovdu link għall-Pjattaforma tal-ODR fuq is-sit web tagħhom. Il-mekkaniżmu ser jidħol fis-seħħ f' ta' Jannar 2016. Aktar inizjattivi tal-ġustizzja elettronika huma diskussi fit-Taqsima 8.5.

Il-popolarità dejjem tikber tal-medjazzjoni bħala mekkaniżmu potenzjalment effettiv fil-kost u l-ħin ħeġġet lil xi stati biex jintroduċu mekkaniżmi obbligatorji. Il-każ t'hawn taħt jiddeskrivi kif il-QtĠ-UE żgurat li dawn il-mekkaniżmi obbligatorji jikkonformaw mal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

Eżempju: F'*Rosalba Alassini vs Telecom Italia SpA*[164], il-QtĠ-UE qieset erba' referenzi preliminari konġunti mill-Qorti tal-Maġistrati mill-Ischia li jikkonċernaw klawsoli li taħthom it-tentattiv li tinstab soluzzjoni barra mill-qorti hija kundizzjoni obbligatorja sabiex ċertu tilwim ikun ammissibbli quddiem qrati nazzjonali. Il-klawsoli ġew promulgati bit-traspożizzjoni

162 Ara Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE, ĠU L 165 (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi), u Regolament (UE) Nru 524/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni online għal tilwim mal-konsumaturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE, ĠU L 165 (Regolament dwar l-ODR tal-konsumaturi).

163 Ara Regolament ODR għall-Konsumaturi.

164 QtĠ-UE, Kawżi konġunti C-317/08 sa C-320/08, *Rosalba Alassini vs Telecom Italia SpA, Filomena Califano vs Wind SpA, Lucia Anna Giorgia Iacono vs Telecom Italia SpA* u *Multiservice Srl vs Telecom Italia SpA*, 18 ta' Marzu 2010, paragrafu 67.

tad-Direttiva 2002/22/KE dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. Il-Qorti tal-Maġistrati staqsiet lill-QtĠ-UE jekk il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva jippreludix il-medjazzjoni obbligatorja.

Il-QtĠ-UE sabet li l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva ma kienx jipprekludi medjazzjoni obbligatorja diment li ċerti rekwiżiti jiġu sodisfatti: (i) il-proċedura m'għandhiex tirriżulta f'deċiżjoni vinkolanti; (ii) m'għandhiex toħloq dewmien sostanzjali għall-finijiet ta' proċedimenti legali; (iii) il-perjodu ta' preskrizzjoni ta' pretensjonijiet għandu jiġi sospiż għall-perjodu tal-proċedura għal soluzzjoni; (iv) m'għandhiex twassal għal kostijiet (jew kostijiet baxxi ħafna biss) għall-partijiet; (v) il-mezzi elettroniċi ma jistgħux ikunu l-unika mezz li permezz tagħhom tista' tiġi aċċessata l-proċedura għal soluzzjoni; u (vi) miżuri *interim* għandhom ikunu possibbli f'każijiet eċċezzjonali.

Mekkaniżmi tal-ADR huma disponibbli wkoll fil-qasam tal-liġi kriminali. Rakkomandazzjoni tal-KtE tipprovdi gwida dwar l-użu tal-medjazzjoni fi kwistjonijiet penali[165]. Qabel ma jaqblu dwar il-medjazzjoni, il-partijiet għandhom ikunu infurmati bis-sħiħ dwar id-drittijiet tagħhom, in-natura tal-proċess ta' medjazzjoni u l-konsegwenzi possibbli tad-deċiżjoni tagħhom[166]. La l-vittma u lanqas it-trasgressur m'għandhom jiġu mħeġġa b'mezzi inġusti biex jaċċettaw il-medjazzjoni[167] – pereżempju, permezz ta' koerċizzjoni mill-prosekutur jew minħabba n-nuqqas ta' parir legali. Madankollu, il-medjazzjoni f'każijiet kriminali mhijiex dejjem xierqa. Pereżempju, il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika tipprojbixxi soluzzjoni alternattiva għat-tilwim obbligatorja, inklużi l-medjazzjoni u l-konċiljazzjoni f'dan il-qasam[168].

165 Kunsill tal-Ewropa, Kumitat tal-Ministri (1999), Recommendation Rec(99)19 to member states concerning mediation in penal matters, 15 ta' Settembru 1999.

166 *Ibid.*, paragrafu 10.

167 *Ibid.*, paragrafu 11.

168 Kunsill tal-Ewropa, Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (Konvenzjoni ta' Istanbul), CETS Nru 210, 2011.

Fid-dritt tal-Unjoni, id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tistabbilixxi d-dritt tal-vittmi għal salvagwardji fil-kuntest tal-ġustizzja restorattiva[169]. Id-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità huma diskussi aktar fit-Taqsima 8.2.

169 Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI, ĠU 2012 L 315, Art. 12. Ara QtĠ-UE, Kawżi konġunti C-483/09 u C-1/10, *Proċeduri kriminali kontra Magatte Gueye u Valentin Salmerón Sánchez*, 15 ta' Settembru 2011, paragrafu 74 u QtĠ-UE, C-205/09, *Proċedimenti kriminali kontra Emil Eredics u Mária Vassné Sápi*, 21 ta' Ottubru 2010, paragrafu 40. Ara wkoll NU, Diviżjoni għall-Avvanz tan-Nisa fid-Dipartiment tal-Affarijiet Ekonomiċi u Soċjali (DAW) (2009), *Handbook for Legislation on Violence against Women*, New York, Nazzjonijiet Uniti.

# 3
# Għajnuna legali



| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| **Għajnuna legali fi proċedimenti mhux kriminali** | | |
| Karta tad-Drittijiet Fundamentali, Artikolu 47 (dritt għal rimedju effettiv)<br>QtĠ-UE, *C-279/09, DEB Deutsche Energiehandels- und Beratungsgesellschaft mbH vs Bundesrepublik Deutschland*, 2010<br>Direttiva dwar l-Għajnuna Legali (2002/8/KE)<br>Regolament Nru 604/2013, Artikolu 27 (5) u (6) | Kamp ta' applikazzjoni | KEDB, Artikolu 6 (1)<br>QEDB, *Airey vs L-Irlanda,* Nru 6289/73, 1979<br>European Agreement on the Transmission of Applications for Legal Aid, CETS Nru 92, 1977 |
| | Testijiet finanz-jarji u tal-mertu | QEDB, *McVicar vs Ir-Renju Unit,* Nru 46311/99, 2002 |
| **Għajnuna legali fi proċedimenti kriminali** | | |
| Karta tad-Drittijiet Fundamentali, Artikolu 48 (2) (preżunzjoni ta' innoċenza u dritt għal difiża) | Kamp ta' applikazzjoni | KEDB, Artikolu 6 (3) (c) |
| | Test finanzjarju | QEDB, *Tsonyo Tsonev vs Il-Bulgarija (Nru 2)*, Nru 2376/03, 2010<br>QEDB, *Twalib vs Il-Greċja*, Nru 24294/94, 1998 |
| | Test tal-interessi tal-ġustizzja | QEDB, *Zdravko Stanev vs Il-Bulgarija*, Nru 32238/04, 2012 |

L-aċċess għall-għajnuna legali huwa parti importanti mid-dritt għal proċess ġust taħt l-Artikolu 6 tal-KEDB u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Id-dritt għal għajnuna legali jiżgura l-aċċess effettiv għall-ġustizzja għal dawk li m'għandhomx biżżejjed riżorsi finanzjarji biex ikopru l-kostijiet ta' każijiet tal-qorti, bħal miżati tal-qorti jew kostijiet ta' rappreżentanza legali (id-dritt għal parir, rappreżentanza u difiża huwa analizzat fil-Kapitolu 4).

**Fil-liġi tal-KtE u d-dritt tal-Unjoni**, l-għajnuna legali m'għandhiex għalfejn tieħu forma partikolari; l-istati huma liberi jiddeċiedu kif jissodisfaw l-obbligi legali tagħhom. B'konsegwenza, is-sistemi ta' għajnuna legali spiss ivarjaw ħafna[170]. Pereżempju, l-għajnuna legali tista' tikkonsisti minn rappreżentanza jew assistenza mingħajr ħlas minn avukat u/jew dispensa mill-ħlas tal-kostijiet tal-proċedimenti, inklużi l-miżati tal-qorti[171]. Dawn l-arranġamenti jistgħu jeżistu flimkien ma' skemi ta' sostenn komplementari oħra, bħal difiża *pro bono*, ċentri ta' pariri legali jew assigurazzjoni tal-ispejjeż legali – li jistgħu jkunu ffinanzjati mill-istat, immexxija mis-settur privat, jew amministrati minn NGOs[172]. Dan il-kapitolu jindirizza l-għajnuna legali fi proċedimenti mhux kriminali (Taqsima 3.1) u proċedimenti kriminali (Taqsima 3.2) b'mod separat għax id-drittijiet applikabbli jvarjaw.

170 QEDB, *Airey vs L-Irlanda,* Nru 6289/73, 9 ta' Ottubru 1979, paragrafu 26.

171 QtĠ-UE, C-279/09, *DEB Deutsche Energiehandels- und Beratungsgesellschaft mbH vs Bundesrepublik Deutschland*, 22 ta' Diċembru 2010, paragrafu 48.

172 FRA (2011), *Access to justice in Europe: an overview of challenges and opportunities*, p. 47.

# 3.1. Għajnuna legali fi proċedimenti mhux kriminali

## Punti ewlenin

- L-Artikolu 6 (1) tal-KEDB u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jiggarantixxu d-dritt għal assistenza legali fi proċedimenti ċivili. Dan jippermetti lill-individwi jaċċessaw il-ġustizzja irrispettivament mill-mezzi finanzjarji tagħhom.
- Ġeneralment, l-għajnuna legali hija soġġetta għal test tal-mezzi finanzjarji u l-merti. L-Istati jistgħu jiddeċiedu jekk huwiex fl-interess tal-ġustizzja li tingħata għajnuna legali, b'kunsiderazzjoni: tal-importanza tal-każ għall-individwu, il-kumplessità tal-każ; u l-kapaċità tal-individwu li jirrappreżenta lilu nnifsu.
- Taħt il-liġi tal-KtE u d-dritt tal-Unjoni, l-għoti ta' għajnuna legali lil persuni ġuridiċi (eż. kumpaniji) fil-prinċipju mhuwiex impossibbli, iżda għandu jiġi vvalutat fid-dawl tar-regoli nazzjonali rilevanti u s-sitwazzjoni tal-persuna ġuridika kkonċernata.

### 3.1.1. Kamp ta' applikazzjoni

**Taħt il-liġi tal-KtE u d-dritt tal-Unjoni**, id-dritt ta' aċċess għal qorti (li jirriżulta mid-dritt għal smigħ ġust) għandu jkun effettiv għall-individwi kollha, irrispettivament mill-mezzi finanzjarji tagħhom. Dan jeħtieġ li l-istati jieħdu passi sabiex jiżguraw aċċess ugwali għall-proċedimenti; pereżempju, billi jistabbilixxu sistemi ta' għajnuna legali xierqa[173]. L-għajnuna legali tista' tiffaċilita wkoll l-amministrazzjoni tal-ġustizzja għax il-litiganti li mhumiex irrappreżentati spiss mhumiex konxji tar-regoli proċedurali u jeħtieġu assistenza konsiderevoli mill-qrati, li jista' joħloq dewmien.

173 Kunsill tal-Ewropa, Kumitat tal-Ministri (1978), Resolution 78(8) on legal aid and advice, 2 ta' Marzu 1978.

Prattika promettenti

## L-għoti ta' għajnuna legali lil gruppi vulnerabbli

Sabiex jiżgura l-aċċess għal għajnuna legali mingħajr ħlas għal Rom fl-Ungerija, il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Infurzar tal-Liġi ilu jopera r-Roma Antidiscrimination Network Service (*Roma Anti-diszkriminációs Ügyfélszolgálati Hálózat*) sa mill-2001. L-avukati li qed jipparteċipaw fin-netwerk jipprovdu għajnuna legali mingħajr ħlas (joffru pariri legali, jabbozzaw dokumenti legali, jiftħu kawżi u jirrappreżentaw lill-klijenti fil-qorti) f'każijiet fejn id-drittijiet tal-klijenti nkisru minħabba l-oriġini tar-Rom tagħhom. Il-ministeru jkopri r-riżorsi finanzjarji meħtieġa sabiex jopera n-netwerk (spejjeż tal-avukat) u l-kostijiet tal-ftuħ ta' kawżi.

*Sors: FRA (2011), Access to justice in Europe: an overview of challenges and opportunities, p. 50.*

Huwa possibbli li individwu jkollu aċċess effettiv għall-qrati meta jidher quddiem qorti superjuri jekk il-gwida mogħtija mir-regoli proċedurali u l-istruzzjonijiet tal-qorti, flimkien ma' xi pariri u assistenza legali, tkun biżżejjed biex tipprovdilu opportunità effettiva sabiex iressaq il-każ tiegħu[174]. Dak li huwa meħtieġ sabiex jiġi żgurat l-aċċess effettiv għall-qrati jiddependi fuq il-fatti ta' każ partikolari (ara wkoll Taqsima 4.3 dwar id-dritt għall-awtorappreżentanza).

**Taħt il-liġi tal-KtE**, m'hemm l-ebda obbligu li tingħata għajnuna legali għall-proċedimenti kollha li jinvolvu drittijiet ċivili u obbligi[175] (ara Taqsima 2.1 għad-definizzjoni ta' dan it-terminu). In-nuqqas ta' assistenza ta' avukat lil rikorrent jista' jikser l-Artikolu 6 tal-KEDB fejn tali assistenza hija indispensabbli għal aċċess effettiv għall-qorti, jew għax ir-rappreżentanza legali hija obbligatorja (bħalma huwa l-każ għal bosta tipi ta' litigazzjoni), jew għax il-proċedura applikabbli ta' każ hija partikolarment kumplessa[176]. Sistemi legali jistgħu jistabbilixxu proċeduri ta' għażla sabiex jiġi ddeterminat jekk hijiex ser tingħata għajnuna legali f'każijiet ċivili, iżda dawn jistgħu ma jiffunzjonawx b'mod arbitrarju jew sproporzjonat, jew jaffettwaw l-essenza tad-dritt ta' aċċess għall-qorti. Pereżempju, ir-rifjut ta' għajnuna legali għar-raġuni li appell, fiż-żmien

174 QEDB, *A. vs Ir-Renju Unit*, Nru 35373/97, 17 ta' Diċembru 2002, paragrafu 97.

175 QEDB, *Del Sol vs Franza*, Nru 46800/99, 26 ta' Frar 2002, paragrafu 20.

176 QEDB, *P., C. and S. vs Ir-Renju Unit*, Nru 56547/00, 16 ta' Lulju 2002, paragrafi 88-91.

tal-applikazzjoni, ma kienx jidher stabbilit fuq bażi soda, jista' f'xi ċirkostanzi jxekkel l-essenza vera tad-dritt tar-rikorrent għal tribunal[177].

Eżempju: F'*Airey vs L-Irlanda*[178], ir-rikorrent fittxet separazzjoni ġudizzjarja mir-raġel tagħha iżda ma setgħetx tikseb ordni ġudizzjarja għax ma setgħetx taffordja s-servizzi ta' avukat mingħajr għajnuna legali.

Il-QEDB ikkonfermat li, għalkemm l-Artikolu 6 (1) tal-KEDB ma jipprovdix b'mod espliċitu l-għajnuna legali fi proċedimenti ċivili, l-istati jistgħu jkunu mġiegħla jipprovduha meta l-għajnuna legali hija indispensabbli għall-garanzija ta' aċċess effettiv għal qorti. Dan ma japplikax għall-każijiet kollha li jirrigwardaw drittijiet ċivili u obbligi. Jiddependi ħafna fuq iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ. F'dan il-każ, il-fatturi rilevanti favur l-għoti ta' għajnuna legali meta: il-kumplessità tal-proċedura u tal-kwistjonijiet tal-liġi; il-ħtieġa li jiġu stabbiliti fatti permezz ta' evidenza esperta u l-eżaminazzjoni tax-xhieda; u li din kienet tilwima matrimonjali li tinvolvi bosta emozzjonijiet. Il-Qorti sabet ksur tal-Artikolu 6 tal-KEDB.

Taħt id-dritt tal-Unjoni, l-għoti ta' għajnuna legali lil persuni ġuridiċi (pereżempju, kumpaniji) fil-prinċipju mhuwiex impossibbli, iżda għandu jiġi vvalutat fid-dawl tar-regoli nazzjonali rilevanti u s-sitwazzjoni tal-kumpanija kkonċernata. Il-QEDB innotat li hemm nuqqas ta' "qbil jew saħansitra tendenza konsolidata" fost l-istati dwar din il-kwistjoni[179]. Skema ta' għajnuna legali disponibbli biss għal persuni ġuridiċi mingħajr skop ta' qligħ ma tiksirx id-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja jekk ikun hemm ġustifikazzjoni oġġettiva u raġonevoli għar-restrizzjoni (pereżempju, għax kumpaniji bi skop ta' qligħ jistgħu jnaqqsu l-kostijiet legali mill-obbligi tagħhom tat-taxxa)[180].

Barra minn hekk, taħt il-liġi tal-KtE, il-Ftehim Ewropew dwar it-Trażmissjoni ta' Applikazzjonijiet għal Għajnuna Legali jippermetti lin-nies li regolarment jgħixu

177 QEDB, *Aerts vs Il-Belġju*, Nru 25357/94, 30 ta' Lulju 1998. Wara din id-deċiżjoni, il-Belġju emenda l-liġi sabiex jillimita r-rifjuti għal applikazzjonijiet manifestament mingħajr bażi soda.

178 QEDB, *Airey vs L-Irlanda*, Nru 6289/73, 9 ta' Ottubru 1979, paragrafu 26.

179 QEDB, *Granos Organicos Nacionales S.A. vs Il-Ġermanja*, Nru 19508/07, 22 ta' Marzu 2012, paragrafu 47 u 53.

180 QEDB, *VP Diffusion Sarl vs Franza*, Nru 14565/04, 26 ta' Awwissu 2008.

fi Stat Parti wieħed biex japplikaw għal għajnuna legali fi kwistjonijiet ċivili, kummerċjali jew amministrattivi fi Stat Parti ieħor għall-ftehim[181].

**Fid-dritt tal-Unjoni**, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jistipula dritt għal għajnuna legali lil dawk li m'għandhomx riżorsi biżżejjed sa fejn dawn huma neċessarji sabiex jiġi żgurat l-aċċess effettiv għall-ġustizzja. L-Artikolu 47 japplika għal proċedimenti li jirrigwardaw id-drittijiet u l-libertajiet kollha li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni. L-Ispjegazzjonijiet tal-Karta jikkonfermaw li l-għajnuna legali għandha tkun disponibbli "meta n-nuqqas ta' tali għajnuna legali jagħmilha impossibbli li jiġi żgurat rimedju effettiv"[182]. L-Ispjegazzjonijiet tal-Artikolu 52 (3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jikkonfermaw ukoll li l-Artikolu 47 jikkorrispondi għall-Artikolu 6 tal-KEDB. Din il-konnessjoni espliċita tfisser li l-każijiet imsemmija fil-liġi tal-KtE huma rilevanti fil-liġi tal-UE (ara Kapitolu 1)[183].

Huwa f'idejn il-qrati nazzjonali li jaċċertaw jekk kundizzjonijiet partikolari dwar l-għoti ta' għajnuna legali jikkostitwixxux restrizzjonijiet inġusti tad-dritt ta' aċċess għal qorti[184]. Restrizzjonijiet m'għandhomx jikkostitwixxu "interferenza sproporzjonata u intollerabbli" fuq id-dritt innifsu (ara wkoll Kapitolu 6 dwar restrizzjonijiet leġittimi)[185].

Eżempju: F'*DEB Deutsche Energiehandels- und Beratungsgesellschaft mbH vs Bundesrepublik Deutschland*[186], DEB, kumpanija li tipprovdi l-enerġija, kellha l-ħsieb li tressaq talba kontra l-istat Ġermaniż talli dewwem l-implimentazzjoni ta' żewġ direttivi, li saħqet li dan wassal għal telf

181 Kunsill tal-Ewropa, European Agreement on the Transmission of Applications for Legal Aid, CETS Nru 92, 1977.

182 Spjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, ĠU 2007 C303/17.

183 Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, Art. 52 (3). Ara wkoll QtĠ-UE, C-619/10, *Trade Agency Ltd vs Seramico Investments Ltd*, 6 ta' Settembru 2012, paragrafu 52.

184 QtĠ-UE, C-156/12, *GREP GmbH vs Freistaat Bayern*, 13 ta' Ġunju 2012.

185 Dwar restrizzjonijiet fuq id-drittijiet ta' difiża, ara QtĠ-UE, C-418/11, *Texdata Software GmbH*, 26 ta' Settembru 2013, paragrafu 84. Ara wkoll Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, Art. 52 (1).

186 QtĠ-UE, C-279/09, *DEB Deutsche Energiehandels- und Beratungsgesellschaft mbH vs Bundesrepublik Deutschland*, 22 ta' Diċembru 2010, paragrafi 52–54 u 62.

finanzjarju[187]. Qalet li ma kellhiex il-mezzi biex tħallas il-miżati tal-qorti jew l-avukat meħtieġa mill-Kodiċi ta’ Proċedura applikabbli minħabba dan it-telf. Il-litiganti kienu meħtieġa jirranġaw rappreżentanza legali, iżda l-għajnuna legali għall-persuni ġuridiċi kienet disponibbli biss “f’ċirkustanzi eċċezzjonali”. Il-qorti Ġermaniża rreferiet il-kwistjoni lill-QtĠ-UE.

Il-QtĠ-UE qieset il-każistika tal-QEDB. Innotat li l-għoti ta’ għajnuna legali lil persuni ġuridiċi fil-prinċipju ma kienx impossibbli, iżda għandu jiġi vvalutat fid-dawl tar-regoli applikabbli u s-sitwazzjoni tal-kumpanija. Fil-valutazzjoni tat-talbiet għall-għajnuna, il-qrati nazzjonali jridu jikkunsidraw: (i) is-suġġett tal-litigazzjoni; (ii) jekk ir-rikorrent kellux prospett raġonevoli ta’ suċċess; (iii) l-importanza ta’ x’kien hemm involut għall-rikorrent; (iv) il-kumplessità tal-liġi u l-proċedura applikabbli; (v) il-ħila tar-rikorrent li jirrappreżenta lilu nnifsu effettivament; u (vi) jekk il-kostijiet tal-proċedimenti jistgħux jirrappreżentaw ostaklu insormontabbli għall-aċċess tal-qrati. Dwar persuni ġuridiċi speċifikament, il-qrati jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni: (i) il-forma tal-persuna ġuridika inkwistjoni u jekk għandhiex skop ta’ qligħ jew hux mingħajr skop ta’ qligħ; (ii) il-kapaċità finanzjarja tas-sħab jew l-azzjonisti; u (iii) il-ħila ta’ dawk is-sħab jew azzjonisti biex jiksbu l-ammonti neċessarji sabiex jiftħu proċedimenti legali. Skont il-prinċipju ta’ protezzjoni ġudizzjarja effettiva minqux fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, mhux impossibbli li persuni ġuridiċi jirċievu għajnuna legali.

Fid-dritt tal-Unjoni, liġi sekondarja speċifika toħloq standards għal għajnuna legali f’każijiet ċivili transkonfinali[188]. Pereżempju, id-Direttiva dwar l-Għajnuna Legali tistabbilixxi l-prinċipju li persuni li m’għandhomx biżżejjed riżorsi sabiex jiddefendu d-drittijiet tagħhom fil-liġi huma intitolati għal għajnuna

187 Direttiva 98/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Ġunju 1998 li tirrigwarda regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali, ĠU 1998 L 204, u Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2003 rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE, ĠU 2003 L 176.

188 Ara wkoll Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/630/KE tas-26 ta’ Awwissu 2005 li tistabbilixxi formola għat-trażmissjoni ta’ applikazzjonijiet għall-għajnuna legali taħt id-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE, ĠU 2005 L 225 u Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/844/KE tad-9 ta’ Novembru 2004 li tistabbilixxi formola ta’ applikazzjonijiet għall-għajnuna legali taħt id-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE sabiex ittejjeb l-aċċess għall-ġustizja f’tilwim bejn fruntiera u oħra billi tistabbilixxi regoli komuni minimi li għandhom x’jaqsmu mal-għajnuna legali f’tilwim bħal dawn (innotifikata fid-dokument bin-numru C(2004) 4285), ĠU 2004 L 365.

legali xierqa[189]. Din tiddeskrivi liema servizzi jridu jiġu provduti sabiex l-għajnuna legali tkun ikkunsidrata xierqa: pereżempju, l-aċċess għal pariri ta' qabel il-litigazzjoni, assistenza legali u rappreżentanza fil-qorti, u eżenzjoni minn – jew assistenza – kostijiet tal-proċedimenti, inkluż kostijiet marbuta man-natura transkonfinali tal-każ. Id-dritt tal-Unjoni fih ukoll dispożizzjonijiet speċifiċi dwar assistenza legali u għajnuna legali fir-rigward tal-ażil[190]. Il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva jeħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-għanijiet ta' dawn l-istrumenti tal-UE jintlaħqu.

## 3.1.2. Testijiet finanzjarji u tal-mertu

F'termini tat-test tal-mezzi finanzjarji, il-QEDB qalet li mhu ser ikun hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 6 (1) jekk rikorrent ma jaqax taħt l-iskema tal-għajnuna legali għax id-dħul tiegħu/tagħha jaqbeż il-kriterji finanzjarji, diment li l-essenza tad-dritt ta' aċċess għal qorti ma jiġix ostakolat[191].

L-istati mhumiex obbligati jonfqu l-fondi pubbliċi biex jiżguraw opportunitajiet kompletament ugwali bejn il-persuna assistita u l-parti opposta, "diment li kull naħa tingħata opportunità raġonevoli sabiex tippreżenta l-każ tagħha skont kundizzjonijiet li ma jpoġġuhiex fi żvantaġġ sostanzjali vis-à-vis l-avversarju"[192].

Ir-rifjut tal-għoti ta' għajnuna legali fuq il-merti – minħabba prospetti insuffiċjenti ta' suċċess, jew minħabba n-natura frivola jew vessatorja ta' talba

189 Direttiva tal-Kunsill 2002/8/KE tas-27 ta' Jannar 2003 biex ittejjeb l-aċċess għal ġustizzja f'tilwimiet bejn il-konfini billi tistabbilixxi regoli komuni minimi konnessi ma' għajnuna legali għal tilwimiet bħal dawn, ĠU 2003 L 026.

190 Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat, ĠU 2005 L 326 (Direttiva dwar il-Proċeduri ta' Asil), Artikoli 10 u 15; Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali, ĠU 2013 L 180 (Recast Procedures Directive), Artikoli 8, 12, 20 u 21; u Regolament Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (tfassil mill-ġdid), ĠU 2013 L 180/31, Art. 27 (5) u (6). Ara wkoll FRA (2014*), Handbook on European law relating to asylum, borders and immigration*, il-Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, p. 113-114.

191 QEDB, *Glaser vs Ir-Renju Unit*, Nru 32346/96, 19 ta' Settembru 2000, paragrafu 99. Ara wkoll QEDB, *Santambrogio vs L-Italja,* Nru 61945/00, 21 ta' Settembru 2004, paragrafu 58 (il-familja tar-rikorrent ħallset għar-rappreżentanza)

192 QEDB, *Steel u Morris vs Ir-Renju Unit*, Nru 68416/01, 15 ta' Frar 2005, paragrafu 62.

(pereżempju, it-talba ssir sempliċiment biex tagħti fastidju) – jista' wkoll ikun leġittimu[193]. Sabiex tiġi evitata l-arbitrarjetà, sistema ta' għajnuna legali għandha tistabbilixxi mekkaniżmu ġust għall-għażla ta' każijiet li x'aktarx jib-benefikaw[194]. Huwa f'idejn l-istati li jistabbilixxu sistemi li jikkonformaw mal-KEDB[195]. In-nuqqas ta' deċiżjoni formali dwar talba għall-għajnuna legali jista' jikser l-Artikolu 6 (1)[196].

**Taħt il-liġi tal-KtE u d-dritt tal-Unjoni**, jekk l-interessi tal-ġustizzja jeħtiġux l-għoti ta' għajnuna legali lil individwu jiddependi fuq fatturi bħal:

- l-importanza tal-każ għall-individwu;
- il-kumplessità tal-każ;
- il-kapaċità tal-individwu li jirrappreżenta lilu nnifsu.

Pereżempju, il-kumplessità tal-proċeduri jew kwistjonijiet legali jew fattwali f'każ tista' twassal għall-bżonn ta' għajnuna legali. Tista' tkun meħtieġa wkoll jekk in-nuqqas ta' għajnuna legali jikser "l-essenza vera" tad-dritt tar-rikorrenti li jaċċessaw qorti (ara Taqsima 4.1.2 dwar assistenza legali prattika u effettiva)[197]. Il-QEDB tqis ukoll rekwiżiti statutorji għar-rappreżentanza legali[198].

Iċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ huma importanti. It-test ewlieni huwa jekk individwu "ikunx jista' jippreżenta l-każ tiegħu kif suppost u b'mod sodisfaċenti mingħajr l-assistenza ta' avukat"[199]. Pereżempju, f'każijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet ta' importanza partikolari lil individwu (bħal kuntatt mat-tfal tagħhom), l-għajnuna legali tista' tkun meħtieġa, b'mod partikolari jekk individwu huwa vulnerabbli (pereżempju, għandu problemi ta' saħħa mentali)[200]. L-għajnuna legali tista' tkun obbligatorja wkoll f'azzjonijiet kumplessi li jeħtieġu

193 QEDB, *Staroszczyk vs Il-Polonja*, Nru 59519/00, 22 ta' Marzu 2007, paragrafu 129. Ara wkoll QEDB, *Steel u Morris vs Ir-Renju Unit*, Nru 68416/01, 15 ta' Frar 2005, paragrafu 62.

194 QEDB, *Gnahoré vs Franza*, Nru 40031/98, 19 ta' Settembru 2000, paragrafu 41.

195 QEDB, *Siałkowska vs Il-Polonja*, Nru 8932/05, 22 ta' Marzu 2007, paragrafu 107.

196 QEDB, *A.B. vs Is-Slovakkja*, Nru 41784/98, 4 ta' Marzu 2003, paragrafi 61-63.

197 QEDB, *Mirosław Orzechowski vs Il-Polonja*, Nru 13526/07, 13 ta' Jannar 2009, paragrafu 22.

198 QEDB, *Airey vs L-Irlanda*, Nru 6289/73, 9 ta' Ottubru 1979, paragrafu 26.

199 QEDB, *McVicar vs Ir-Renju Unit*, Nru 46311/99, 7 ta' Mejju 2002, paragrafu 48.

200 QEDB, *Nenov vs Il-Bulgarija*, Nru 33738/02, 16 ta' Lulju 2009, paragrafu 52.

rappreżentanza kontinwa minn avukat bl-esperjenza[201]. L-eżistenza ta' disparitajiet kbar fl-assistenza legali disponibbli għall-partijiet (bħal individwi li jwaqqfu korporazzjonijiet multinazzjonali) tista' wkoll tikser l-Artikolu 6 tal-KEDB[202].

Eżempju: F'*McVicar vs Ir-Renju Unit*[203], ir-rikorrent ippubblika artikolu li jissuġġerixxi li atleta magħruf sew uża sustanzi li jtejbu l-prestazzjoni. L-atleta ressaq azzjoni ta' libell. Ir-rikorrent, li ma kienx rappreżentat, tilef il-kawża u ġie ordnat iħallas il-kostijiet tal-azzjoni. Huwa lmenta lill-QEDB li n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' għajnuna legali kiser id-dritt tiegħu ta' aċċess għal qorti. Huwa kien konvenut, allura l-kwistjoni ta' għajnuna legali kienet relatata mal-ġustizzja tal-proċedimenti.

Il-QEDB iddeċidiet li jekk kinitx meħtieġa rappreżentanza legali kienet tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, u b'mod partikolari, fuq jekk l-individwu jkunx jista' jippreżenta l-każ tiegħu kif suppost u b'mod sodisfaċenti mingħajr l-assistenza ta' avukat. Il-prinċipji applikati lill-konvenut f'dan il-każ kienu identiċi għal dawk applikati f'*Airey vs L-Irlanda*. L-azzjoni ta' libell tressqet quddiem il-Qorti Superjuri minn individwu relattivament sinjur u famuż. Ir-rikorrent kien meħtieġ isejjaħ xhieda u jagħmel skrutinju tal-evidenza fi proċess li dam aktar minn ġimagħtejn. Min-naħa l-oħra, kien ġurnalist edukat tajjeb u esperjenzat li kien ikollu l-ħila li jifformula argumenti konvinċenti fil-qorti. F'tali ċirkostanzi, il-Qorti ma sabet l-ebda ksur tal-Artikolu 6 (1) tal-KEDB.

201 QEDB, *Steel u Morris vs Ir-Renju Unit*, Nru 68416/01, 15 ta' Frar 2005, paragrafu 69.

202 *Ibid*.

203 QEDB, *McVicar vs Ir-Renju Unit*, Nru 46311/99, 7 ta' Mejju 2002, paragrafi 48–53.

Prattika promettenti

**L-għoti ta' għajnuna legali onlajn għall-garanzija ta' aċċess għall-ġustizzja**

Fi Spanja, il-Kunsill Ġenerali tal-Għaqdiet Spanjoli implimenta b'suċċess sistema li tippermetti lir-rikorrenti jitolbu, permezz ta' punt uniku ta' servizz onlajn, għajnuna ġudizzjarja għal kostijiet legali u d-deżinjazzjoni ta' avukat. Lir-rikorrenti din tiffrankalhom l-ħtieġa li joqogħdu jiġbru dokumentazzjoni varja sabiex isostnu l-applikazzjonijiet tagħhom u tnaqqas b'mod drammatiku iż-żmien meħtieġ biex jiġu proċessati l-applikazzjonijiet.

*Sors: 2014 Crystal Scales of Justice Award, organizzat b'mod konġunt mill-Kunsill tal-Ewropa u l-Kummissjoni Ewropea.*

## 3.2. Għajnuna legali fi proċedimenti kriminali

**Punti ewlenin**

- Id-dritt għal assistenza legali fi proċedimenti kriminali huwa garantit fl-Artikolu 6 (3) (c) tal-KEDB u l-Artikolu 48 (2) tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-UE.
- L-għoti ta' għajnuna legali huwa soġġett għal test tal-mezzi finanzjarji u tal-mertu (interessi tal-ġustizzja).
- L-individwi jridu juru li m'għandhomx mezzi suffiċjenti. M'hemm l-ebda definizzjoni ta' "mezzi suffiċjenti". Il-persuna akkużata jew suspettata għandha l-oneru li tagħti prova ta' nuqqas ta' mezzi.
- It-test "tal-interessi tal-ġustizzja" jinkludi kunsiderazzjoni tal-gravità tar-reat u s-severità tas-sentenza potenzjali, il-kumplessità tal-każ u s-sitwazzjoni personali tal-konvenut. Fejn hija involuta l-libertà, l-interessi tal-ġustizzja jitolbu li jkun hemm rappreżentanza legali.

### 3.2.1. Kamp ta' applikazzjoni

**Fil-liġi tal-KtE**, dritt espliċitu għall-għajnuna legali fi proċedimenti kriminali huwa stabbilit fl-Artikolu 6 (3) (c) tal-KEDB. Dan jistipula li kull persuna akkużata b'reat kriminali (ara Taqsima 2.1 għat-tifsira ta' akkuża kriminali)

għandha d-dritt ta' għajnuna legali mingħajr ħlas jekk m'għandhiex "mezzi sufficjenti" sabiex tħallas għal assistenza legali (it-test finanzjarju jew tal-mezzi), fejn "l-interessi tal-ġustizzja" jirrikjedu dan (it-test tal-interessi tal-ġustizzja). Id-dritt ta' aċċess għal avukat fi proċedimenti kriminali japplika tul il-proċedimenti kollha, mill-interrogazzjoni tal-pulizija sal-appell (ara Taqsima 4.2.1 dwar l-ambitu tad-dritt għal assistenza legali)[204].

L-Artikolu 6 (3) (c) tal-KEDB jistabbilixxi wkoll id-dritt li wieħed jiġi difiż minn avukat tal-għażla tiegħu, li jista' jkun soġġett għal limitazzjonijiet jekk l-interessi tal-ġustizzja jirrikjedu dan (ara Taqsima 4.2.3 dwar l-assistenza legali tal-għażla proprja). Dan ifisser li m'hemm l-ebda dritt assolut li wieħed jagħżel l-avukat tal-għajnuna legali tiegħu maħtur mill-qorti. Individwu li jitlob bidla tal-avukat tal-għajnuna legali għandu jippreżenta evidenza li l-avukat naqas milli jagħti prestazzjoni b'mod sodisfaċenti[205]. Limitazzjonijiet aċċettabbli dwar l-għażla ta' avukat jistgħu jinkludu l-ħtieġa ta' avukati speċjalizzati għal proċedimenti speċjalizzati[206].

**Fid-dritt tal-Unjoni**, minbarra d-drittijiet protetti taħt l-Artikolu 47, l-Artikolu 48 (2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tad-difiża ta' kwalunkwe persuna li ġiet akkużata. L-Ispjegazzjonijiet tal-Karta jikkonfermaw li l-Artikolu 48 (2) għandu l-istess tifsira bħall-Artikolu 6 (3) tal-KEDB[207]. Għaldaqstant, il-każistika tal-QEDB deskritta hawn taħt hija rilevanti għall-finijiet tal-Artikolu 48. F'termini ta' leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE, il-Kunsill Ewropew qabel li jsaħħaħ bil-leġiżlazzjoni id-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali[208]. Dan jinkludi *Proposta għal direttiva dwar għajnuna legali proviżorja għal persuni ssuspettati jew akkużati li huma mċaħħda mil-libertà u għall-għajnuna legali fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew*[209]. Dan ikun jobbliga lill-Istati Membri tal-UE biex jipprovdu mingħajr dewmien għajnuna legali

204 QEDB, *Salduz vs It-Turkija* [QĠ], Nru 36391/02, 27 ta' Novembru 2008.

205 QEDB, *Lagerblom vs L-Isvezja*, Nru 26891/95, 14 ta' Jannar 2003, paragrafu 60.

206 Pereżempju, QEDB, *Meftah u Oħrajn vs Franza* [QĠ], Nri 32911/96, 35237/97 u 34595/97, 26 ta' Lulju 2002, paragrafu 47.

207 Spjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, ĠU 2007 C303/17.

208 Il-Programm ta' Stokkolma, ĠU 2010 C 115.

209 Ara Kummissjoni Ewropea (2013), Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar għajnuna legali proviżorja għal persuni ssuspettati jew mixlija li huma mċaħħda mil-libertà kif ukoll għajnuna legali fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, COM(2013) 824 final, Brussell.

proviżorja lil persuni li huma mċaħħda mil-libertà – u qabel l-interrogazzjoni. L-għajnuna proviżorja tkun tapplika sakemm tkun tista' ssir deċiżjoni dwar l-eliġibbiltà għall-għajnuna legali. Il-Kummissjoni ħarġet ukoll Rakkomandazzjoni dwar id-dritt għal għajnuna legali għal persuni suspettati jew akkużati[210]. Din tipprovdi gwida mhux vinkolanti dwar it-testijiet finanzjarji u tal-merti kif ukoll dwar il-kwalità u l-effettività tal-għajnuna legali.

## 3.2.2. Test tal-mezzi finanzjarji

Il-QEDB ma pprovdietx definizzjoni ta' "mezzi suffiċjenti". Iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ ser jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk iċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-konvenut jiġġustifikawx l-għoti ta' għajnuna legali. Il-persuna akkużata jew suspettata għandha l-oneru li tagħti prova ta' nuqqas ta' mezzi[211]. Madankollu, dan m'għandux jiġi ppruvat lil hinn minn kull dubju[212]. Għandha tiġi kkunsidrata l-evidenza kollha, inklużi l-evidenza tal-istatus tar-rikorrent (bħal jekk qattax/qattgħetx żmien taħt arrest), informazzjoni mogħtija mill-individwu u kwalunkwe evidenza li tikkontradixxi lir-rikorrent[213].

Id-determinazzjoni ta' din il-kwistjoni hija kompitu tal-qrati nazzjonali, li għandhom jivvalutaw l-evidenza skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 6 (1)[214].

Eżempju: F'*Tsonyo Tsonev vs Il-Bulgarija (Nru 2)*[215], ir-rikorrent instab ħati li kkaġuna offiża fuq il-persuna u li daħal bi sgass fid-dar ta' xi ħadd. Huwa ngħata sentenza ta' 18-il xahar priġunerija. Ir-rikorrent talab li jinħatar avukat għall-appell tiegħu lill-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, iżda dan ġie rifjutat mingħajr raġunijiet speċifiċi. Ir-rikorrent ilmenta li dan kiser id-drittijiet tiegħu għal proċess ġust.

Il-QEDB innotat li kien diffiċli li jiġi vvalutat jekk ir-rikorrent kellux nuqqas ta' mezzi suffiċjenti sabiex iħallas għal assistenza legali. Madankollu, ikkunsidrat li, ċerti indikazzjonijiet issuġġerew li l-każ kien dan: l-ewwel,

210 Ara Kummissjoni Ewropea, Rakkomandazzjoni tas-27 ta' ta' Novembru 2013 dwar id-dritt għal għajnuna legali għall-persuni suspettati jew akkużati fi proċeduri kriminali, ĠU 013 C 378.

211 QEDB, *Croissant vs Il-Ġermanja*, Nru 13611/88, 25 ta' Settembru 1992, paragrafu 37.

212 QEDB, *Pakelli vs Il-Ġermanja*, Nru 8398/78, 25 ta' April 1983, paragrafu 34

213 *Ibid.*

214 QEDB, *R. D. vs Il-Polonja*, Nri 29692/96 u 34612/97, 18 ta' Diċembru 2001, paragrafu 45.

215 QEDB, *Tsonyo Tsonev vs Il-Bulgarija (Nru 2)*, Nru 2376/03, 14 ta' Jannar 2010.

avukat kien maħtur għall-rikorrent fil-proċedimenti preċedenti, u t-tieni, ir-rikorrent espressament saħaq li ma setax jaffordja jżomm l-avukat. Il-Qorti sostniet li, minħabba n-nuqqas ta' indikazzjonijiet ċari għall-kuntrarju, ir-rikorrent verament kellu nuqqas ta' mezzi suffiċjenti biex iħallas għar-rappreżentanza legali tiegħu. Ikkonkludiet li dan kien imur kontra l-Artikolu 6 (1) u (3) tal-KEDB.

Eżempju: F'*Twalib vs Il-Greċja*[216], ir-rikorrent kien ilu tliet snin il-ħabs u kien rappreżentat minn avukat maħtur mill-qorti għall-proċess u minn organizzazzjoni umanitarja fuq appell. Dawn il-fatturi wasslu għal "indikazzjonijiet ċari" li ma kellux il-mezzi finanzjarji biex iħallas għal assistenza legali. In-nuqqas tal-istat li jipprovdilu għajnuna legali fi proċedimenti li jirrigwardaw l-appell tiegħu lill-Qorti tal-Kassazzjoni mar kontra d-drittijiet tiegħu garantiti fl-Artikolu 6 tal-KEDB.

### 3.2.3. Test tal-interessi tal-ġustizzja

Id-determinazzjoni ta' jekk "l-interessi tal-ġustizzja" (merti) jirrikjedux l-għoti ta' għajnuna legali tinvolvi t-teħid inkonsiderazzjonni ta' tliet fatturi, jiġifieri:

- il-gravità tar-reat u s-severità tas-sentenza potenzjali;
- il-kumplessità tal-każ;
- is-sitwazzjoni soċjali u personali tal-konvenut[217].

Għandhom jiġu kkunsidrati t-tliet fatturi kollha kemm huma, iżda ma jridux neċessarjament jingħaqdu flimkien; kwalunkwe wieħed minnhom it-tlieta jista' jiġġustifika l-għoti ta' għajnuna legali.

Eżempju: F'*Zdravko Stanev vs Il-Bulgarija*[218], ir-rikorrent kien diżokkupat. Huwa lmenta li ġie rrifjutat l-għajnuna legali fi proċedimenti kriminali talli ffalsifika dokumenti f'azzjoni ċivili. Huwa nstab ħati tar-reat u ġie mmultat EUR 250. Ġie ordnat iħallas ukoll EUR 8,000 f'danni.

216 QEDB, *Twalib vs Il-Greċja*, Nru 24294/94, 9 ta' Ġunju 1998, paragrafu 51.
217 QEDB, *Quaranta vs L-Isvizzera*, Nru 12744/87, 24 ta' Mejju 1991.
218 QEDB, *Zdravko Stanev vs Il-Bulgarija*, Nru 32238/04, 6 ta' Novembru 2012, paragrafu 40.

Il-QEDB innotat li r-rikorrent inizjalment kien f'riskju ta' sentenza ta' priġunerija; għalkemm xejn ma ġie impost, il-kumpens għad-danni kien sinifikanti fid-dawl tas-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu. Ir-rikorrent kellu grad universitarju, iżda l-ebda taħriġ legali. Il-proċedimenti ma kinux tal-ogħla livell ta' kumplessità iżda kienu jinvolvu kwistjonijiet relatati mar-regoli dwar l-ammissibbiltà tal-evidenza, ir-regoli ta' proċedura u t-tifsira tal-intenzjoni. Barra minn hekk, ir-reat kriminali li bih ġie akkużat l-imputat kien jinvolvi l-kontestazzjoni ta' membru anzjan tal-ġudikatura u qajjem dubju dwar l-integrità tal-proċess ġudizzjarju fil-Bulgarija. M'hemmx dubju li avukat kwalifikat kien ikun f'pożizzjoni li jagħmel trattazzjoni tal-każ b'aktar ċarezza u jindirizza b'mod aktar effettiv l-argumenti mressqa mill-prosekuzzjoni. Finalment, il-qorti sabet ksur tal-Artikolu 6 (3) (c) tal-KEDB.

Iċ-ċirkostanzi personali tal-persuna akkużata jew suspettata huma importanti. It-test tal-interessi tal-ġustizzja jindika li assistenza legali mingħajr ħlas tista' tkun meħtieġa għal persuni meqjusa vulnerabbli, bħal tfal, persuni bi problemi ta' saħħa mentali u refuġjati[219]. Fejn "il-proċedimenti kienu evidentement imwiegħra b'konsegwenzi għar-rikorrent" u l-każ huwa kumpless, għandha tingħata għajnuna legali[220]. Anke fejn ir-rikorrenti huma persuni edukati li jistgħu jifhmu l-proċedimenti, il-kwistjoni importanti hija jekk effettivament jistgħux jiddefendu lilhom infushom mingħajr avukat[221]. Ir-rikorrenti m'għandhomx għalfejn juru li n-nuqqas ta' għajnuna legali kkawża "danni reali" lid-difiża tagħhom; iridu juru biss li jidher "plawżibbli fiċ-ċirkostanzi patikolari" li avukat ikun ta' assistenza[222].

Fejn hija involuta l-libertà tal-individwu, l-interessi tal-ġustizzja fil-prinċipju jitolbu li jkun hemm rappreżentanza legali[223]. Dan l-obbligu jirriżulta anke jekk hemm biss il-possibbiltà ta' piena ta' kustodja[224].

219 QEDB, *Quaranta vs L-Isvizzera*, Nru 12744/87, 24 ta' Mejju 1991, paragrafi 32–36.

220 QEDB, *Pham Hoang vs Franza*, Nru 13191/87, 25 ta' Settembru 1992, paragrafi 40–41.

221 QEDB, *Zdravko Stanev vs Il-Bulgarija*, Nru 32238/04, 6 ta' Novembru 2012, paragrafu 40.

222 QEDB, *Artico vs L-Italja*, Nru 6694/74, 13 ta' Mejju 1980, paragrafi 34–35.

223 QEDB, *Benham vs Ir-Renju Unit* [QĠ], Nru 19380/92, 10 ta' Ġunju 1996, paragrafu 61.

224 Ara, pereżempju, QEDB, *Quaranta vs L-Isvizzera*, Nru 12744/87, 24 ta' Mejju 1991, paragrafu 33; QEDB, *Perks u oħrajn vs Ir-Renju Unit*, Nri 25277/94, 25279/94, 25280/94, 25282/94, 25285/94, 28048/95, 28192/95 u 28456/95, 12 ta' Ottubru 1999.

Waqt l-istadju tal-appell tal-proċedimenti kriminali, il-fatturi li ġejjin huma importanti għat-test tal-interessi tal-ġustizzja:

- in-natura tal-proċedimenti;
- il-ħila ta' appellant mhux rappreżentat li jippreżenta argument legali partikolari;
- is-severità tas-sentenza imposta mill-qrati inferjuri.

Meta jinqalgħu kwistjonijiet sostanzjali tal-liġi fi smigħ ta' appell, hija meħtieġa assistenza legali mingħajr ħlas[225]. Ladarba jkun jidher biċ-ċar li appell iqajjem kwistjoni ta' kumplessità u importanza, ir-rikorrent għandu jingħata għajnuna legali fl-interessi tal-ġustizzja[226]. Madankollu, il-QEDB iddikjarat li l-interessi tal-ġustizzja ma jirrikjedux l-għoti awtomatiku ta' għajnuna legali kull meta persuna misjuba ħatja, mingħajr ebda probabbiltà oġġettiva ta' suċċess, tkun tixtieq tappella wara li tkun irċeviet proċess ġust fl-ewwel istanza f'konformità mal-Artikolu 6 tal-KEDB[227].

Finalment, ta' min jinnota li s-sempliċi għoti ta' assistenza legali ma jfissirx li dan ser ikun effettiv. Pereżempju, avukat maħtur jista' jimrad jew jonqos mill-jaqdi d-dmirjiet tiegħu/tagħha[228]. L-istat ma jistax jinżamm responsabbli għal kull nuqqas min-naħa ta' avukat maħtur għal skopijiet ta' għajnuna legali. Madankollu, in-nuqqas relatat mal-manifest ta' avukat ta' għajnuna legali li jistabbilixxi difiża prattika u effettiva jista' jikser l-Artikolu 6[229]. Dan huwa kkunsidrat aktar fil-Kapitolu 4, li jkopri d-dritt għal parir, difiża u rappreżentanza.

225 QEDB, *Pakelli vs Il-Ġermanja*, Nru 8398/78, 25 ta' April 1983, paragrafi 36–38.

226 QEDB, *Granger vs Ir-Renju Unit*, Nru 11932/86, 28 ta' Marzu 1990, paragrafu 47.

227 QEDB, *Monnell u Morris vs Ir-Renju Unit*, Nri 9562/81 u 9818/82, 2 ta' Marzu 1987, paragrafu 67.

228 QEDB, *Artico vs L-Italja*, Nru 6694/74, 13 ta' Mejju 1980.

229 QEDB, *Czekalla vs Il-Portugall*, Nru 38830/97, 10 ta' Ottubru 2002, paragrafi 63–66.

# 4 Dritt għal parir, difiża u rappreżentanza



| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| **Dritt għal parir, difiża u rappreżentanza fi proċedimenti mhux kriminali** | | |
| Karta tad-Drittijiet Fundamentali, Artikolu 47 (dritt għal rimedju effettiv) u Artikolu 48 (2) (preżunzjoni ta' innoċenza u dritt għal difiża) | Kamp ta' applikazzjoni | KEDB, Artikolu 6 (1) u Artikolu 6 (3) (b) u (c) |
| | Aċċess "prattiku u effettiv" għall-qorti | QEDB, *Bertuzzi vs Franza*, Nru 36378/97, 2003<br>QEDB, *Anghel vs L-Italja*, Nru 5968/09, 2013 |
| **Dritt għal parir, difiża u rappreżentanza fi proċedimenti kriminali** | | |
| Direttiva 2013/48/UE dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali | Kamp ta' applikazzjoni | QEDB, *Salduz vs It-Turkija* [QĠ], Nru 36391/02, 2008 |
| Direttiva 2013/48/UE dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali, Artikoli 3 (3) (b) | Kwalità tal-assistenza legali | QEDB, *Aras vs It-Turkija (Nru 2)*, Nru 15065/07, 2014 |
| | Assistenza legali tal-għażla proprja | QEDB, *Lagerblom vs L-Isvezja*, Nru 26891/95, 2003 |

| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| Karta tad-Drittijiet Fundamentali, Artikolu 48 (2)<br>Direttiva 2013/48/UE dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali, Artikoli 3 (1), 3 (3) (a) u 4<br>Direttiva 2012/13/UE dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali<br>Direttiva 2010/64/UE dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali, Artikolu 2 (2) | Żmien u faċilitajiet xierqa għat-tħejjija tad-difiża proprja | KEDB, Artikolu 6 (3) (b)<br>QEDB, *Lanz vs L-Awstrija*, Nru 24430/94, 2002 |
| Direttiva 2013/48/UE dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat, Artikolu 9 | Rinunzja | QEDB, *Pishchalnikov vs Ir-Russja*, Nru 7025/04, 2009 |
| **Dritt għall-awtorappreżentanza** | | |
| | Kamp ta' applikazzjoni | KEDB, Artikolu 6 (3) (c)<br>QEDB, *Galstyan vs L-Armenja*, Nru 26986/03, 2007 |

Dan il-kapitolu jiġbor fil-qosor **il-liġi tal-KtE u d-dritt tal-Unjoni** dwar id-dritt għal parir, difiża u rappreżentanza fi proċedimenti mhux kriminali (Taqsima 4.1) u proċedimenti kriminali (Taqsima 4.2)[230]. Sabiex ikun effettiv, l-ambitu tad-dritt huwa kkunsidrat flimkien mar-rekwiżit għal assistenza legali. Fir-rigward ta' proċedimenti kriminali, drittijiet addizzjonali u assoċjati – bħad-dritt għal assistenza legali tal-għażla proprja (Taqsima 4.2.3) u d-dritt għal żmien u faċilitajiet xierqa għat-tħejjija tad-difiża proprja (Taqsima 4.2.4) – huma esplorati wkoll. Dan il-kapitolu jindirizza wkoll ċirkostanzi li fihom id-dritt għall-assistenza legali jista' jkun irrifjutat (Taqsima 4.2.5) u l-ambitu tad-dritt għall-awtorappreżentanza (Taqsima 4.3).

230 Dwar l-assistenza legali f'ażil u proċeduri ta' ritorn, ara FRA (2014), *Handbook on European law relating to asylum, borders and immigration*, p. 113–114. Dwar id-dritt tat-tfal għas-servizzi ta' avukat fil-ġustizzja kriminali u proċedimenti alternattivi (mhux ġudizzjarji), ara FRA (2015), *Handbook of European law relating to the rights of the child*, il-Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, pp. 195–218.

# 4.1. Dritt għal parir, difiża u rappreżentanza fi proċedimenti mhux kriminali

**Punti ewlenin**

- L-Artikolu 6 tal-KEDB espliċitament jiggarantixxi d-dritt għal parir, difiża u rappreżentanza fi proċedimenti kriminali iżda mhux fi proċedimenti li mhumiex kriminali. L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE espliċitament jistipula dan id-dritt għal sitwazzjonijiet li fihom l-Istati Membri qegħdin jimplimentaw (jew jidderogaw minn) id-dritt tal-Unjoni.
- Id-dritt għal parir, difiża u rappreżentanza fi proċedimenti mhux kriminali mhuwiex assolut; fuqu jistgħu jiġu imposti restrizzjonijiet raġonevoli. Jekk l-għoti ta' rappreżentanza legali fi proċedimenti kriminali huwiex neċessarju jew le jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ – b'mod partikolari n-natura tal-każ u l-preċedenti personali, l-esperjenza u l-livell ta' involviment emottiv tar-rikorrent.

## 4.1.1. Kamp ta' applikazzjoni

Prattika promettenti

**L-għoti ta' bosta tipi ta' pariri legali**

Wikivorce tipprovdi pariri u appoġġ mingħajr ħlas lil aktar minn 50,000 persuna fis-sena, jiġifieri tgħin lil wieħed minn kull tliet divorzji fir-Renju Unit. Hija l-akbar komunità ta' appoġġ għad-divorzju onlajn, b'aktar minn 100,000 membru reġistrati. Hija intrapriża soċjali rebbieħa mmexxija b'mod volontarju, sponsorjata mill-gvern u ffinanzjata b'mod karitattiv. Toffri bosta tipi ta' servizzi legali, inkluż: forum ta' diskussjoni, gwidi għad-divorzju mingħajr ħlas, medjazzjoni, finanzi, kuntatt u residenza għat-tfal; gwida għad-divorzju DIY b'xejn; parir espert mingħajr ħlas permezz ta' helpline miftuħ sebat ijiem fil-ġimgħa; u chat rooms għal appoġġ immedjat.

*Ara www.wikivorce.com/divorce, imsemmi f'Smith, R. (2014), Digital delivery of legal services to people on low incomes, The Legal Education Foundation.*

Id-dritt għal parir, difiża u rappreżentanza jgħin lill-individwi sabiex ikollhom proċess ġust u jinfurzaw id-drittijiet tagħhom. Id-dritt għal proċess ġust fi proċedimenti mhux kriminali jinkludi d-dritt ta' aċċess għal qorti (ara

Taqsima 2.1.1). Individwi jistgħu jeħtieġu – u għaldaqstant l-istat jista' jkun obbligat li jipprovdi – rappreżentanza jew assistenza legali sabiex ikun żgurat li jistgħu jaċċessaw il-qrati u jkollhom proċessi ġusti[231].

**Taħt il-liġi tal-KtE**, f'tilwim relatat ma' "drittijiet ċivili jew obbligi" (definiti fit-Taqsima 2.1), dawn ir-rekwiżiti jirriżultaw fl-Artikolu 6 (1) tal-KEDB[232]. Jistgħu jirriżultaw fi kwalunkwe punt fi proċedimenti li għalihom japplika l-Artikolu 6 – mit-twaqqif ta' proċedimenti sal-eżekuzzjoni ta' sentenza. Għalkemm l-Artikolu 6 ma jiggarantixxix dritt ta' appell, japplika għal proċedimenti ta' appell fejn dawn jeżistu[233]. Dan ifisser li d-dritt għal assistenza legali jista' japplika wkoll għal proċedimenti ta' appell.

**Fid-dritt tal-Unjoni**, id-dritt għal parir, difiża u rappreżentanza fi proċedimenti mhux kriminali huwa speċifikament stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Id-dritt huwa rikonoxxut ukoll bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni fil-każistika tal-QtĠ-UE[234]. Għal aktar diskussjoni dwar il-konnessjoni bejn l-Artikolu 6 tal-KEDB u l-Artikolu 47 tal-Karta, ara l-illustrazzjoni fil-Kapitolu 1.

**Fil-liġi tal-KtE u d-dritt tal-Unjoni**, id-dritt mhuwiex assolut u fuqu jistgħu jiġu imposti restrizzjonijiet raġonevoli (ara Kapitolu 6).

### 4.1.2. Assistenza legali prattika u effettiva

**Fid-dritt tal-Unjoni**, l-Artikolu 6 (1) jista' jġiegħel lill-istati jipprovdu l-assistenza ta' avukat sabiex ikun garantit l-aċċess effettiv għall-qorti. B'dan il-mod, l-assistenza legali u l-għajnuna legali huma marbuta mill-qrib fil-każistika tal-QEDB[235]. Il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 6 jirrikjedix li tiġi provduta rappreżentanza legali fi proċedimenti mhux kriminali tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ[236]. B'mod partikolari, il-Qorti tikkunsidra jekk individwu jkunx jista' jippreżenta l-każ tiegħu kif suppost u b'mod sodisfaċenti mingħajr

231 QEDB, *Airey vs L-Irlanda*, Nru 6289/73, 9 ta' Ottubru 1979, paragrafu 26.

232 QEDB, *Ringeisen vs L-Awstrija*, Nru 2614/65, 16 ta' Lulju 1971, paragrafu 94.

233 QEDB, *T. vs Ir-Renju Unit* [QĠ], Nru 24724/94, 16 ta' Diċembru 1999 u *V. vs Ir-Renju Unit* [QĠ], Nru 24888/94, 16 ta' Diċembru 1999.

234 QtĠ-UE, C-305/05, *Ordre des barreaux francophones et germanophone u Oħrajn vs Conseil des ministres*, 26 ta' Ġunju 2007, paragrafu 31.

235 QEDB, *Airey vs L-Irlanda*, Nru 6289/73, 9 ta' Ottubru 1979, paragrafu 26.

236 QEDB, *Steel u Morris vs Ir-Renju Unit*, Nru 68416/01, 15 ta' Frar 2005, paragrafu 61.

l-assistenza ta' avukat[237]. In-natura tal-każ, kif ukoll il-preċedenti personali, l-esperjenza u l-livell ta' involviment emottiv tar-rikorrent, huma kwistjonijiet sinifikanti li l-Qorti għandha tikkunsidra meta tiddetermina kwistjonijiet ta' assistenza legali[238].

Eżempju: F'*Bertuzzi vs Franza*[239], ir-rikorrent ingħata għajnuna legali sabiex jibda proċedura għad-danni kontra avukat. Madankollu, it-tliet avukati assenjati lill-każ tiegħu talbu li jirtiraw, minħabba rabtiet personali mal-avukat li r-rikorrent xtaq iħarrek.

Il-QEDB sostniet li l-qorti li ppermettiet lir-rikorrent jirrappreżenta lilu nnifsu fil-proċedimenti kontra l-ġurista ma tagħtux aċċess għal qorti taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu t-tgawdija effettiva tad-drittijiet tiegħu, bi ksur tal-Artikolu 6 (1) tal-KEDB.

L-istati għandhom ikunu diliġenti meta jiggarantixxu t-tgawdija "ġenwina u effettiva" tad-drittijiet tal-Artikolu 6[240].

Eżempju: F'*Anghel vs L-Italja*[241], f'konformità mal-Konvenzjoni tal-Aja dwar l-aspetti ċivili tal-ħtif internazzjonali ta' minuri, ir-rikorrent talab lill-Ministru tal-Ġustizzja Rumen biex jgħinu jiggarantixxi r-ritorn ta' ibnu li kien ittieħed l-Italja minn ommu. B'konsegwenza, prosekutur nieda proċedimenti ta' ritorn f'qorti Taljana, li kkonkludiet li l-wild ma tneħħiex inġustament. Ir-rikorrent prova jappella l-ordni iżda, minħabba l-fatt li ripetutament ingħata informazzjoni inkompleta jew qarrieqa dwar il-proċedura ta' appell, dan m'għamlux fil-limitu ta' żmien preskritt.

Il-QEDB unanimament sostniet li kien hemm ksur tal-Artikolu 6. Id-dewmien tal-awtoritajiet Taljani għall-għoti ta' gwida rilevanti u korretta, flimkien ma' nuqqas ta' rappreżentanza prattika u effettiva, xekklu l-essenza vera tad-dritt ta' aċċess għall-qorti tar-rikorrent.

237 QEDB, *McVicar vs Ir-Renju Unit*, Nru 46311/99, 7 ta' Mejju 2002, paragrafu 48.
238 *Ibid.*, paragrafi 49-52.
239 QEDB, *Bertuzzi vs Franza*, Nru 36378/97, 13 ta' Frar 2003, paragrafu 31.
240 QEDB, *Staroszczyk vs Il-Polonja*, Nru 59519/00, 22 ta' Marzu 2007, paragrafu 128.
241 QEDB, *Anghel vs L-Italja*, Nru 5968/09, 25 ta' Ġunju 2013, paragrafu 64.

**Fid-dritt tal-Unjoni**, il-QtĠ-UE qieset id-dritt għall-għażla ta' avukat fil-kuntest tad-direttiva li tirrigwarda assigurazzjoni tal-ispejjeż legali mingħajr ma kkumentat dwar id-drittijiet fundamentali, u ma ddiskutietx l-ambitu tal-Artikolu 47 dwar din il-kwistjoni[242]. Madankollu, qabel ma ġiet adottata l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, il-QtĠ-UE stabbilixxiet li d-dritt għal rappreżentanza legali u n-natura privileġġjata ta' korrispondenza bejn l-avukati u l-klijenti huma parti fundamentali mill-ordinament ġuridiku tal-UE u għandhom jiġu rispettati mill-istadju tal-inkjesta preliminari[243]. Barra minn hekk, kif innotat, il-każistika tal-QEDB hija rilevanti għall-interpretazzjoni tal-ambitu tal-Artikolu 47 (ara l-Figura fil-Kapitolu 1).

# 4.2. Dritt għal parir, difiża u rappreżentanza fi proċedimenti kriminali

## Punti ewlenin

- L-Artikolu 6 (3) (c) tal-KEDB u l-Artikolu 48 (2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE espliċitament jiggarantixxu d-dritt għal assistenza legali fi kwistjonijiet kriminali.
- L-Artikolu 6 (3) (b) tal-KEDB jistipula d-dritt għal żmien u faċilitajiet xierqa għat-tħejjija tad-difiża proprja. Dan huwa marbut mill-qrib mal-Artikolu 6 (3) (c) għax huma meħtieġa żmien u faċilitajiet xierqa sabiex id-dritt għal assistenza legali jkun effettiv.
- Id-dritt għal assistenza legali japplika għall-proċedimenti kollha, mill-investigazzjoni tal-pulizija sal-konklużjoni tal-appell. L-aċċess għas-servizzi ta' avukat fl-istadji bikrija tal-proċedimenti huwa partikolarment importanti.
- Id-dritt jista' jkun soġġett għal restrizzjonijiet, diment li r-restrizzjonijiet ma jimminawx l-essenza tad-dritt.
- Id-dritt għal assistenza legali jeħtieġ l-għoti ta' rappreżentanza effettiva u mhux biss is-sempliċi preżenza ta' avukat.
- Ir-rinunzja tad-dritt għandha: (i) tkun stabbilita b'mod inekwivoku; (ii) tkun akkumpanjata minn salvagwardji minimi proporzjonali għall-importanza tagħha; (iii) tkun volontarja u (iv) tikkostitwixxi telf intenzjonat u intelliġenti ta' dritt. Għandu jiġi pprovat li l-konvenut seta' raġonevolment jipprevedi l-konsegwenzi tal-aġir tiegħu/tagħha.

242 Ara QtĠ-UE, C-442/12, *Jan Sneller vs DAS Nederlandse Rechtsbijstand Verzekeringsmaatschappij NV*, 7 ta' Novembru 2013, dwar Direttiva 87/344/KEE tat-22 ta' Ġunju 1987 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi, ĠU 1987 L 185, Art. 4 (1).

243 QtĠ-UE, Kawżi konġunti C-46/87 u C-227/88, *Hoechst AG vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, 21 ta' Settembru 1989, paragrafu 15.

### 4.2.1. Kamp ta' applikazzjoni

**Fil-liġi tal-KtE**, l-Artikolu 6 (3) (c) tal-KEDB jistipula li kull persuna akkużata b'reat kriminali għandha d-dritt li "tiddefendi lilha nfisha personalment jew permezz ta' assistenza legali tal-għażla proprja" (ara Taqsima 2.1 għad-definizzjoni ta' akkuża kriminali). Għaldaqstant, persuna akkużata b'reat kriminali għandha l-għażla li jew tiddefendi lilha nfisha jew tiġi rappreżentata legalment. Madankollu, id-dritt għall-awtorappreżentanza jista' jkun limitat fl-interessi tal-ġustizzja (ara Taqsima 4.3). Id-dritt għal assistenza legali huwa marbut ukoll mad-dritt għal għajnuna legali (ara Taqsima 3.2.1 dwar għajnuna legali fi proċedimenti kriminali) u d-dritt, taħt l-Artikolu 6 (3) (b) tal-KEDB, għal żmien u faċilitajiet xierqa għat-tħejjija tad-difiża proprja. Fi kliem sempliċi, l-assistenza legali ma tistax tkun effettiva jekk konvenut m'għandux iż-żmien u l-faċilitajiet xierqa biex jieħu pariri u jħejji l-każ tiegħu kif suppost (ara Taqsima 4.2.4)[244].

L-istati għandhom id-diskrezzjoni li jagħżlu kif jiggarantixxu d-dritt għall-assistenza legali fis-sistemi ġudizzjarji tagħhom[245]. L-assistenza legali tista' tieħu varji forom – pereżempju pariri waqt interrogazzjoni, rappreżentanza fil-qorti u tħejjija tal-appelli – iżda d-dritt japplika għall-proċediment kollu[246]. Id-dritt għal avukat fl-istadji bikrija tal-proċedimenti kriminali huwa partikolarment importanti għax jistgħu jiġu dedotti konklużjonijiet sfavorevoli mis-silenzju ta' persuna akkużata jew suspettata[247]. L-aċċess għas-servizzi ta' avukat fl-istadji bikrija jinkludi wkoll id-dritt li wieħed jikkonsulta b'mod privat mal-avukat qabel ma ssir kwalunkwe interrogazzjoni[248].

> Eżempju: F'*Salduz vs It-Turkija*[249], ir-rikorrent instab ħati li pparteċipa f'dimostrazzjoni mhux awtorizzata biex jappoġġja organizzazzjoni illegali, jiġifieri l-PKK (Partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan). Huwa ma kellux aċċess għas-servizzi ta' avukat u għamel dikjarazzjonijiet fejn ammetta l-ħtija waqt interrogazzjoni fil-kustodja tal-pulizija; wara ċaħad

244 QEDB, *Goddi vs L-Italja*, Nru 8966/80, 9 ta' April 1984, paragrafu 31.

245 QEDB, *Quaranta vs L-Isvizzera*, Nru 12744/87, 24 ta' Mejju 1991, paragrafu 30.

246 QEDB, *Salduz vs It-Turkija* [QĠ], Nru 36391/02, 27 ta' Novembru 2008; ara wkoll QEDB, *Yevgeniy Petrenko vs L-Ukraina*, Nru 55749/08, 29 ta' Jannar 2015, paragrafu 89.

247 QEDB, *John Murray vs Ir-Renju Unit* [QĠ], Nru 18731/91, 8 ta' Frar 1996, paragrafu 66.

248 QEDB, *A.T. vs Il-Lussemburgu*, Nru 30460/13, 9 ta' April 2015, paragrafu 86.

249 QEDB, *Salduz vs It-Turkija* [QĠ], Nru 36391/02, 27 ta' Novembru 2008, paragrafi 54–62.

id-dikjarazzjonijiet. Meta sabitu ħati, il-qorti domestika qagħdet fuq id-dikjarazzjonijiet inizjali.

Il-QEDB ikkonfermat li, sabiex id-dritt għal proċess ġust jibqa' "prattiku u effettiv", l-aċċess għas-servizzi ta'avukat kellu jkun provdut mill-ewwel interrogazzjoni tal-pulizija. Il-qorti nnotat li s-suspettati huma partikolarment vulnerabbli fl-istadju tal-investigazzjoni u li l-evidenza miġbura tista' tiddetermina l-eżitu tal-każ tagħhom. L-aċċess bikri għas-servizzi ta' avukat jipproteġi l-privileġġ kontra l-awtoinkriminazzjoni u huwa salvagwardja fundamentali kontra trattament ħażin. Kwalunkwe eċċezzjoni għal dan id-dritt għandha tkun ristretta u limitata fiż-żmien b'mod ċar. Anke meta jitfaċċaw raġunijiet konvinċenti, ir-restrizzjonijiet m'għandhomx jippreġudikaw bla bżonn id-drittijiet tal-akkużat. Fil-każ tar-rikorrent, in-nuqqas ta' avukat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija affettwa b'mod li ma jistax jiġi rrimedjat id-drittijiet għad-difiża tiegħu, bi ksur tal-Artikolu 6 (3) (c) b'mod konġunt mal-Artikolu 6 (1).

L-aċċess għas-servizzi ta'avukat għandu jkun effettiv u prattiku. Pereżempju, individwi fil-kustodja tal-pulizija għandhom ikunu formalment familjari mad-drittijiet għad-difiża tagħhom, inkluż id-dritt tagħhom għal assistenza legali mingħajr ħlas soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet, iżda l-pulizija għandha wkoll tipprovdilhom mezzi prattiċi sabiex jikkuntattjaw u jikkomunikaw mal-avukat tad-difiża tagħhom (ara wkoll Taqsima 4.2.4). Meta l-liġijiet sistematikament iwaqqfu lill-persuni akkużati b'reat kriminali milli jaċċessaw assistenza legali fil-kustodja tal-pulizija, l-Artikolu 6 huwa miksur, anke meta persuni akkużati b'reat kriminali jibqgħu siekta[250]. Il-legalità tar-restrizzjonijiet fuq id-dritt għal assistenza legali waqt l-istadji bikrija ta' interrogazzjoni mill-pulizija għandha tiġi kkunsidrata fid-dawl tal-impatt globali tagħhom fuq id-dritt għal smigħ ġust[251].

Id-dritt li wieħed ikellem lil avukat b'mod kunfidenzjali jista' wkoll jiġi ristrett, iżda r-restrizzjonijiet jeħtieġu ġustifikazzjoni sostanzjali[252]. Din hija parti partikolarment importanti mid-dritt għal assistenza legali – mingħajr il-kapaċità li jagħti u jirċievi struzzjonijiet kunfidenzjali, id-dritt jitlef ħafna mis-siwi tiegħu[253].

250 QEDB, *Dayanan vs It-Turkija*, Nru 7377/03, 13 ta' Ottubru 2009, paragrafu 33.

251 QEDB, *Pishchalnikov vs Ir-Russja*, Nru 7025/04, 24 ta' Settembru 2009, paragrafu 67.

252 QEDB, *Sakhnovskiy vs Ir-Russja* [QĠ], Nru 21272/03, 2 ta' Novembru 2010, paragrafu 97

253 QEDB, *S. vs L-Isvizzera*, Nri 12629/87 u 13965/88, 28 ta' Novembru 1991, paragrafu 48. Ara wkoll QEDB, *Brennan vs Ir-Renju Unit*, Nru 39846/98, 16 ta' Ottubru 2001, paragrafi 58-63.

Il-QEDB b'mod konsistenti sostniet li huma meħtieġa "raġunijiet serji" sabiex jinqabeż dan id-dritt; pereżempju, sorveljanza tal-kuntatti ta' rikorrent mal-avukat tiegħu/tagħha jistgħu jiġu ġġustifikati meta r-rikorrent ikun suspettat li huwa membru ta' gang u dan huwa neċessarju sabiex jinqabdu membri oħra tal-gang[254].

Eżempju: F'*Lanz vs L-Awstrija*[255], ir-rikorrent ġie arrestat fuq suspett ta' frodi u miżmum b'mod provviżorju. Il-kuntatt mal-avukat tiegħu waqt arrest preventiv kien taħt sorveljanza minħabba r-riskju li r-rikorrent jinfluwenza lix-xhieda jew ineħħi dokumenti li għadhom ma ġewx issekwestrati. Lmenta li dan kiser id-drittijiet għad-difiża tiegħu.

Il-QEDB sabet ksur tal-Artikolu 6 (3) (b) u (c) tal-KEDB. Id-dritt li wieħed jikkomunika mal-avukat tad-difiża barra mis-smigħ ta' persuna terza huwa parti mir-rekwiżiti bażiċi ta' proċess ġust f'soċjetà demokratika. Jekk avukat ma jistax ikollu diskussjoni ma' klijent, l-assistenza ta' avukat titlef ħafna mis-siwi tagħha u ssir ineffettiva. Is-sorveljanza mill-imħallef inkwirenti kienet interferenza serja mad-drittijiet għad-difiża tal-akkużat u kienu meħtieġa raġunijiet serji għall-aħħar għall-ġustifikazzjoni tagħha.

**Fid-dritt tal-Unjoni**, id-dritt għal assistenza legali fi proċedimenti kriminali huwa stabbilit fl-Artikolu 48 (2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Dan jiggarantixxi rispett tad-drittijiet għad-difiża ta' kwalunkwe persuna li ġiet akkużata. Bħal fil-liġi tal-KtE, id-dritt mhuwiex assolut taħt id-dritt tal-Unjoni. Madankollu, ġie rikonoxxut bħala wieħed mill-elementi fundamentali ta' proċess ġust[256]; l-avukati maħtura għandhom jingħataw żmien u faċilitajiet xierqa sabiex iħejju d-difiża tal-klijenti tagħhom (ara Taqsima 4.2.4).

Eżempju: F'*Ordre des barreaux francophones et germanophone u Oħrajn vs Conseil des ministres*[257], il-QtĠ-UE innotat li l-avukati ma setgħux iwettqu b'mod sodisfaċenti l-kompitu tagħhom li jagħtu parir, jiddefendu u jirrappreżentaw lill-klijenti tagħhom jekk kienu obbligati jikkooperaw

254 QEDB, *George Kempers vs L-Awstrija*, Nru 21842/93. Rapport tal-Kummissjoni adottat fl-14 ta' Frar 1998.

255 QEDB, *Lanz vs L-Awstrija*, Nru 24430/94, 31 ta' Jannar 2002, paragrafi 50–52.

256 QtĠ-UE, C-7/98, *Dieter Krombach vs André Bamberski*, 28 ta' Marzu 2000, paragrafu 39.

257 QtĠ-UE, C-305/05, *Ordre des barreaux francophones et germanophone u Oħrajn vs Conseil des ministres*, 26 ta' Ġunju 2007, paragrafu 32.

mal-awtoritajiet billi jgħaddulhom informazzjoni miksuba matul konsultazzjonijiet legali relatati.

Id-dritt għal assistenza legali fi proċedimenti kriminali huwa integrat ukoll fil-liġi sekondarja tal-UE: id-Direttiva dwar id-Dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew[258], li l-QEDB ukoll irreferiet għalihom[259]. L-objettiv tagħha huwa li tistabbilixxi regoli minimi li jikkonċernaw id-drittijiet ta' persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali u ta' mandat ta' arrest Ewropew. Id-direttiva tapplika għal persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali "miż-żmien meta jiġu mgħarrfa mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, b'notifika uffiċjali jew mezz ieħor, li huma suspettati jew akkużati li wettqu reat kriminali" "sal-konklużjoni tal-proċedimenti" (jiġifieri, id-determinazzjoni finali tar-reat, inkluż is-sentenza u l-appell)[260]. Id-direttiva tapplika wkoll għal individwi li mhumiex suspettati iżda jsiru suspettati matul intervista[261]. Madankollu, standards differenti ta' protezzjoni japplikaw għal individwi li ma ġewx imċaħħda mil-libertà tagħhom; għalkemm huma liberi li jikkuntattjaw, jikkonsultaw jew jiġu assistiti minn avukat permezz tal-arranġamenti tagħhom stess, l-Istati Membri mhumiex obbligati "li jieħdu passi attivi" sabiex jiżguraw li jiġu assistiti minn avukat[262]. Id-direttiva tistipula wkoll protezzjoni fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew[263]. Effettivament teskludi "reati minuri" mill-protezzjoni tagħha[264].

**Taħt id-dritt tal-Unjoni u l-liġi tal-KtE**, id-dritt ta' aċċess għal assistenza legali huwa partikolarment importanti għal suspettati vulnerabbli jew persuni

258 Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà, ĠU 2013 L 294/1. Ir-Renju Unit u l-Irlanda ma pparteċipawx f'din id-direttiva u din ma tapplikax għad-Danimarka.

259 QEDB, *A.T. vs Il-Lussemburgu*, Nru 30460/13, 9 ta' April 2015, paragrafu 38.

260 Direttiva 2013/48/UE, Art. 2 (1).

261 *Ibid.*, Art. 2 (3).

262 Direttiva 2013/48/UE, Premessa 27.

263 *Ibid.*, Art. 10.

264 *Ibid.*, Art. 2 (4).

akkużati, bħal persuni b'diżabbiltà, migranti u tfal[265]. L-istati għandhom jieħdu passi addizzjonali sabiex jippromwovu l-kapaċità tagħhom li jifhmu u jipparteċipaw effettivament fi proċedimenti sabiex ikunu jistgħu – jekk neċessarju bl-assistenza ta' interpretu, avukat, assistent soċjali jew ħabib – jifhmu "il-viżjoni ġenerali" ta' dak li jkun qiegħed jintqal[266]. Għandhom ikunu kapaċi wkoll jispjegaw il-verżjoni tagħhom ta' kif ġraw l-affarijiet lill-avukati tagħhom. L-istati għandhom inaqqsu kemm jista' jkun is-sensazzjonijiet ta' intimidazzjoni u jiżguraw li t-tfal ikollhom fehim wiesa' tan-natura tal-investigazzjoni u x'hemm involut. Għandhom jiżguraw li tfal u persuni vulnerabbli oħra huma infurmati dwar id-dritt tagħhom għal assistenza legali (ara wkoll Taqsima 8.1 dwar persuni b'diżabbiltà)[267]. Fil-qorti, il-konvenuti għandhom ikunu jistgħu jsegwu dak li jintqal mix-xhieda tal-prosekuzzjoni u għandhom ikunu kapaċi jindikaw kwalunkwe dikjarazzjoni li ma jaqblux magħha[268].

Abbozz ta' direttiva **tal-UE** dwar salvagwardji proċedurali għal tfal akkużati jew suspettati b'reati kriminali jipproponi aċċess obbligatorju għas-servizzi ta' avukat għal tfal li huma suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali[269]. Il-Kummissjoni Ewropea ħarġet ukoll Rakkomandazzjoni dwar salvagwardji proċedurali għal persuni vulnerabbli suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali, li tirrakkomanda li suspettat jew persuna akkużata li ma jistgħux jifhmu l-proċedimenti m'għandhomx ikunu jistgħu jirrinunzjaw id-dritt tagħhom għal avukat (ara Taqsima 4.2.5 dwar ir-rinunzja)[270].

265 Ara FRA (2015), *Child friendly justice – Perspectives and experiences of professionals on children's participation in civil and criminal judicial proceedings in 10 EU Member States*. Ara wkoll FRA (2015), *Handbook on European law relating to the rights of the child*, p. 195-218.

266 QEDB, *S.C. vs Ir-Renju Unit*, Nru 60958/00, 15 ta' Ġunju 2004, paragrafu 29

267 QEDB, *Panovits vs Ċipru*, Nru 4268/04, 11 ta' Diċembru 2008, paragrafu 67. Dwar persuni b'diżabbiltà, ara wkoll KEDB, Art. 5 (4), u QEDB, *Megyeri vs Il-Ġermanja,* Nru 13770/88, 12 ta' Mejju 1992, paragrafu 27.

268 QEDB, *S.C. vs Ir-Renju Unit*, Nru 60958/00, 15 ta' Ġunju 2004, paragrafu 29.

269 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-salvagwardji proċedurali għat-tfal ssuspettati jew mixlija fi proċedimenti kriminali, COM(2013) 822/2, Art. 6.

270 Il-Kummissjoni Ewropea (2013), Rakkomandazzjoni tas-27 ta' Novembru 2013 dwar is-salvagwardji proċedurali għall-persuni vulnerabbli suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali, ĠU 2013 C378.

### 4.2.2. Kwalità tal-assistenza legali

Id-dritt għal assistenza legali huwa dritt għal assistenza u rappreżentanza effettiva[271]. Il-preżenza ta' avukat li m'għandu l-ebda opportunità li jintervjeni sabiex jiżgura r-rispett tad-drittijiet tal-persuna akkużata jew suspettata m'huwa ta' ebda benefiċċju għall-persuna akkużata jew suspettata[272].

> Eżempju: F'*Aras vs It-Turkija (Nru 2)*[273], ir-rikorrent ġie arrestat fuq suspett ta' frodi aggravat. Huwa ġie interrogat mill-pulizija mingħajr avukat u għamel dikjarazzjonijiet marbuta mar-reat. Imbagħad tressaq quddiem il-prosekutur pubbliku fejn, mingħajr il-preżenza ta' avukat, ir-rikorrent irrepeta d-dikjarazzjoni li ta lill-pulizija. Meta r-rikorrent tressaq quddiem l-imħallef inkwirenti, l-imħallef ħalla lill-avukat tar-rikorrent jidħol fil-kamra tas-smigħ iżda ma tħalliex jitkellem jew jagħti pariri lir-rikorrent.
>
> Il-QEDB sostniet li "s-sempliċi preżenza" tal-avukat ma kinitx biżżejjed biex id-dritt tal-Artikolu 6 (3) (c) ikun effettiv. Ir-rikorrent kellu jkollu aċċess għas-servizzi ta' avukat sa mill-ewwel interrogazzjoni. Il-preżenza passiva tal-avukat tar-rikorrent fil-kamra tas-smigħ ma setgħetx titqies bħala li kienet suffiċjenti skont l-istandards tal-KEDB.

**Fid-dritt tal-Unjoni**, kif titmexxa d-difiża hija essenzjalment kwistjoni bejn il-persuna akkużata jew suspettata u l-avukat tagħha, iżda jekk l-awtoritajiet rilevanti jiġu mwissija dwar "nuqqas manifest" min-naħa tal-avukat, għandhom jieħdu azzjoni[274]. Dan l-obbligu jirriżulta biss meta n-nuqqas li tkun provduta rappreżentanza effettiva kien "manifest jew imressaq b'mod suffiċjenti għall-attenzjoni [tal-istat]"[275]. Pereżempju, meta appell jitqies inammissibbli minħabba l-ommissjonijiet ta' avukat, dan jista' jikser id-dritt għal difiża prattika u effettiva[276]. Nuqqasijiet imputabbli għall-awtoritajiet tal-istat biss jistgħu jwasslu għal ksur tal-Artikolu 6 (3) (c)[277]. Pereżempju, l-obbligazzjoni tal-istat tista' tirriżulta meta stat ikun jaf li avukat naqas milli jaġixxi għall-ak-

271 QEDB, *Imbrioscia vs L-Isvizzera*, Nru 13972/88, 24 ta' Novembru 1993, paragrafu 43.
272 QEDB, *Aras vs It-Turkija (Nru 2)*, Nru 15065/07, 18 ta' Novembru 2014, paragrafu 40.
273 *Ibid.*
274 QEDB, *Daud vs Il-Portugall*, Nru 22600/93, 21 ta' April 1998, paragrafu 42.
275 QEDB, *Imbrioscia vs L-Isvizzera*, Nru 13972/88, 24 ta' Novembru 1993, paragrafu 41.
276 QEDB, *Czekalla vs Il-Portugall*, Nru 38830/97, 10 ta' Ottubru 2002, paragrafi 63-65; QEDB, *Vamvakas vs Il-Greċja (Nru 2)*, Nru 2870/11, 9 ta' April 2015, paragrafi 39–43.
277 QEDB, *Tripodi vs L-Italja*, Nru 13743/88, 22 ta' Frar 1994, paragrafu 30.

kużat[278]. Madankollu, anke nuqqasijiet serji fil-ġustizzja tal-proċedimenti jistgħu ma jwasslux għal ksur jekk ir-rikorrent jonqos milli jressaq il-kwistjoni fuq appell[279].

**Fid-dritt tal-Unjoni**, id-Direttiva dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat tikkonferma li suspettat jew persuna akkużata għandhom id-dritt li l-avukat tagħhom ikun "preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv"[280]. Il-parteċipazzjoni tal-avukat għandha tkun "f'konformità mal-proċeduri tal-liġi nazzjonali, diment li tali proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt ikkonċernat"[281].

## 4.2.3. Assistenza legali tal-għażla proprja

Minkejja l-importanza ta' relazzjoni ta' fiduċja bejn l-avukat u l-klijent, id-dritt għal avukat tal-għażla proprja mhuwiex assolut. Huwa neċessarjament soġġett għal regolamentazzjoni fejn tidħol għajnuna legali mingħajr ħlas għax l-istat jikkontrolla l-kriterji u l-finanzjament għall-assistenza legali (ara wkoll Kapitolu 3 dwar l-għajnuna legali)[282]. Id-dritt jista' jkun suġġett ukoll għal restrizzjonijiet permezz ta' regolamentazzjoni professjonali; pereżempju, jistgħu jkunu meħtieġa kwalifiki differenti għal livelli differenti ta' ġurisdizzjoni.

Eżempju: F'*Lagerblom vs L-Isvezja*[283], ir-rikorrent li kien mill-Finlandja, talab sostituzzjoni tal-avukat tal-għajnuna legali tiegħu. Huwa ried avukat li kien jitkellem ukoll bil-Finlandiż. Il-qrati domestiċi rrifjutaw it-talba tiegħu. Huwa argumenta li dan kien ksur tal-Artikolu 6 (3) (c) tal-KEDB.

Il-QEDB innotat li l-Artikolu 6 (3) (c) jintitola lil akkużat biex jiġi difiż minn avukat "tal-għażla proprja" imma li d-dritt ma jistax jitqies assolut. Meta jaħtru avukat tad-difiża, il-qrati għandhom iqisu x-xewqat tal-akkużat, iżda dawn jistgħu jinqabżu meta jkun hemm raġunijiet rilevanti u suffiċjenti sabiex jiġi sostnut li dan huwa neċessarju fl-interessi tal-ġustizzja. Ir-rikorrent kellu biżżejjed profiċjenza fl-Iżvediż biex jikkomunika mal-avukat

278 QEDB, *Artico vs L-Italja*, Nru 6694/74, 13 ta' Mejju 1980, paragrafu 33.
279 QEDB, *Twalib vs Il-Greċja*, Nru 24294/94, 9 ta' Ġunju 1998.
280 Direttiva 2013/48/UE, Art. 3 (3) (b).
281 *Ibid.*
282 QEDB, *Croissant vs Il-Ġermanja*, Nru 13611/88, 25 ta' Settembru 1992, paragrafu 29.
283 QEDB, *Lagerblom vs L-Isvezja*, Nru 26891/95, 14 ta' Jannar 2003.

tiegħu u kien kapaċi jipparteċipa b'mod effettiv fil-proċess tiegħu. Il-qrati kienu intitolati jirrifjutawlu l-avukat tal-għażla tiegħu. Ma kien hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-KEDB.

Il-ħatra ta' avukati professjonali minflok avukati mhux esperti tista' taqdi l-interessi tal-ġustizzja f'każ ta' akkużi serji u kumplessi[284]. Barra minn hekk, in-natura speċjali tal-proċedimenti tista' tiġġustifika l-użu ta' avukati speċjalizzati[285].

## 4.2.4. Żmien u faċilitajiet xierqa għat-tħejjija tad-difiża proprja

**Fil-liġi tal-KtE u d-dritt tal-Unjoni**, il-persuna akkużata jew suspettata hija intitolata għal żmien u faċilitajiet xierqa sabiex tħejji d-difiża tagħha. Dan għaliex il-kapaċità ta' avukat li jipprovdi assistenza legali effettiva tista' tiġi mminata miċ-ċirkostanzi li fihom hi/hu tista'/jista' tintaqa'/jintaqa' jew jikkomunikaw ma' klijent. Dan id-dritt huwa stabbilit fl-Artikolu 6 (3) (b) tal-KEDB u inkluż fid-drittijiet tad-difiża taħt l-Artikolu 48 (2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

**Fil-liġi tal-KtE**, id-dritt għal assistenza effettiva jimplika l-aċċess għall-fajl[286]. Dan il-fajl jinkludi d-dokumenti kollha utli għad-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni legali xierqa.

Jekk il-faċilitajiet u ż-żmien humiex xierqa jew le jiġi vvalutat fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' kull każ partikolari[287]. Għandu jintlaħaq bilanċ bejn l-iżgurar li l-proċedimenti jsiru fi żmien raġonevoli (ara Kapitolu 7 dwar it-tul tal-proċedimenti) u li jitħalla żmien biżżejjed sabiex issir u titħejja d-difiża ta' dak li jkun. Il-kwistjoni li għandha tiġi indirizzata hija jekk l-effett globali ta' kwalunkwe diffikultà kisirx id-dritt għal proċess ġust[288]. Pereżempju, in-nuqqas ta' kwalunkwe żmien għal konsultazzjoni bejn il-persuna akkużata b'reat kriminali

284 QEDB, *Mayzit vs Ir-Russja*, Nru 63378/00, 20 ta' Jannar 2005, paragrafi 70–71.

285 QEDB, *Meftah u Oħrajn vs Franza* [QĠ], Nri 32911/96, 35237/97 u 34595/97, 26 ta' Lulju 2002, paragrafu 47.

286 QEDB, *Dayanan vs It-Turkija*, Nru 7377/03, 13 ta' Ottubru 2009.

287 QEDB, *Iglin vs L-Ukraina*, Nru 39908/05, 12 ta' Jannar 2012, paragrafu 65.

288 QEDB, *Öcalan vs It-Turkija* [QĠ], Nru 46221/99, 12 ta' Mejju 2005, paragrafu 148.

u l-avukat jista' jwassal għal ksur tal-Artikolu 6 (3) (b) għax persuna akkużata b'reat kriminali ma tistax tkun assistita kif suppost mingħajr dan[289].

**Fid-dritt tal-Unjoni**, bosta direttivi jimponu obbligi speċifiċi fuq l-Istati Membri tal-UE (ara Taqsima 2.3.1 dwar id-dritt għal smigħ ġust)[290]. Pereżempju, l-Artikolu 3 (1) tad-Direttiva dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat jirrikjedi li l-aċċess għas-servizzi ta' avukat jingħata fi żmien u b'tali mod li jippermetti lill-persuni kkonċernati jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' difiża b'mod prattiku u effettiv. L-Artikolu 3 (3) jagħti lil persuni suspettati jew akkużati d-dritt li jintaqgħu fil-privat u jikkomunikaw mal-avukat li jkun qed jirrappreżentahom. L-Artikolu 3 (4) jirrikjedi li l-Istati Membri tal-UE jagħmlu disponibbli informazzjoni ġenerali sabiex jiffaċilitaw il-kisba ta' avukat minn persuni suspettati jew akkużati.

Barra minn hekk, id-Direttiva dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali timponi obbligi li persuni suspettati jew akkużati jiġu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom fi proċedimenti kriminali, inkluż, pereżempju, id-dritt tagħhom li jaċċessaw materjal tal-każ sabiex iħejju d-difiża tagħhom[291].

Finalment, l-Artikolu 2 (2) tad-Direttiva dwar id-dritt għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali jirrikjedi li l-interpretazzjoni tkun disponibbli għall-komunikazzjoni bejn persuni suspettati jew akkużati u l-konsulent legali tagħhom b'rabta diretta ma' kwalunkwe interrogazzjoni jew smigħ waqt il-proċedimenti jew bil-preżentazzjoni ta' appell jew applikazzjoni proċedurali oħra[292].

289 QEDB, *Campbell u Fell vs Ir-Renju Unit*, Nri 7819/77 u 7878/77, 28 ta' Ġunju 1984, paragrafu 99.

290 Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà, ĠU 2013 L 294/1. Ir-Renju Unit u l-Irlanda ma pparteċipawx f'din id-direttiva u din ma tapplikax għad-Danimarka.

291 Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali, ĠU 2012 L142.

292 Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali, ĠU 2010 L 280.

### 4.2.5. Rinunzja

Id-dritt għal assistenza legali huwa ta' importanza tant fundamentali li l-persuna akkużata jew suspettata tista' tirrinunzjah biss f'ċirkostanzi limitati[293]. Il-QEDB strettament limitat ir-rinunzja u enfasizzat l-importanza li jiġu provduti salvagwardji.

Eżempju: F'*Pishchalnikov vs Ir-Russja*[294], ir-rikorrent ġie arrestat fuq suspett ta' serq aggravat. Huwa ġie interrogat mingħajr avukat u ammetta li ħa sehem f'attivitajiet kriminali. Waqt proċeduri sussegwenti, irrifjuta l-assistenza legali. Wara ġie assenjat avukat ta' għajnuna legali. Meta ġie interrogat fil-preżenza tal-avukat, huwa rtira d-dikjarazzjonijiet tiegħu. Huwa nstab ħati ta' bosta reati abbażi tad-dikjarazzjonijiet li għamel meta ġie arrestat.

Il-QEDB innotat li akkużat li m'għandux avukat għandu inqas ċans li jkun infurmat dwar id-drittijiet tiegħu/tagħha; b'konsegwenza, hemm inqas ċans li dawn id-drittijiet jiġu rispettati. Madankollu, persuni jistgħu jirrinunzjaw il-garanziji ta' proċess ġust minn rajhom, jew b'mod espress jew taċitu. Sabiex is-salvagwardji jkunu effettivi, rinunzja għandha: (i) tkun stabbilita b'mod inekwivoku; (ii) tkun akkumpanjata minn salvagwardji minimi proporzjonali għall-importanza tagħha; (iii) tkun volontarja u (iv) tikkostitwixxi telf intenzjonat u intelliġenti ta' dritt; u (v) jekk impliċita mill-kondotta tal-akkużat, għandu jintwera li l-akkużat seta' raġonevolment jipprevedi l-konsegwenzi tal-aġir tiegħu/tagħha.

F'dan il-każ, il-Qorti qieset bħala improbabbli li r-rikorrent seta' raġonevolment fehem il-konsegwenzi tal-fatt li ġie interrogat mingħajr assistenza legali. Hija sabet ksur tal-Artikolu 6 tal-KEDB għax ma kien hemm l-ebda rinunzja valida tad-dritt.

Li rinunzja tiġi inferita minn persuna suspettata jew akkużata li tirrifjuta li tagħti struzzjonijiet lil avukat mhuwiex xieraq[295]. Barra minn hekk, rinunzja valida ma tistax tkun implikata meta persuna akkużata b'reat kriminali

293 QEDB, *A.T. vs Il-Lussemburgu*, Nru 30460/13, 9 ta' April 2015, paragrafu 59. Dan il-każ kien jinvolvi d-direttiva dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat.

294 QEDB, *Pishchalnikov vs Ir-Russja*, Nru 7025/04, 24 ta' Settembru 2009, paragrafi 77–78.

295 QEDB, *Sakhnovskiy vs Ir-Russja* , Nru 21272/03, 2 ta' Novembru 2010, paragrafi 89–93.

twieġeb għall-mistoqsijiet tal-investigaturi wara li tkun ġiet imfakkra dwar id-dritt għas-silenzju[296]. Għandhom jittieħdu passi raġonevoli sabiex jiġi żgurat li l-persuna akkużata jew suspettata hija kompletament konxja dwar id-drittijiet għad-difiża tagħha u li tista' tifhem, sa fejn huwa possibbli fis-sitwazzjoni partikolari, il-konsegwenzi tar-rinunzja tagħha[297]. Tista' tikser ukoll l-Artikolu 6 (3) (c) jekk persuna akkużata b'reat kriminali ma setgħetx, mingħajr l-assistenza ta' interpretu, tifhem b'mod raġonevoli l-konsegwenzi ta' interrogazzjoni mingħajr avukat[298]. L-istati jridu jieħdu passi addizzjonali sabiex jipproteġu d-drittijiet ta' suspettati vulnerabbli jew persuni akkużati, bħal persuni b'diżabbiltà u tfal – pereżempju, billi jirranġaw sabiex partijiet terzi jappoġġjaw lil dawn l-individwi (ara Kapitolu 8)[299].

**Fid-dritt tal-Unjoni**, l-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali jispeċifika tliet kundizzjonijiet għal rinunzja valida:

(i) il-persuna suspettata jew akkużata għandha tingħata, oralment jew bil-kitba, informazzjoni ċara u suffiċjenti b'lingwaġġ sempliċi u li jinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt ikkonċernat u l-konsegwenzi potenzjali tar-rinunzja tiegħu;

(ii) ir-rinunzja għandha tingħata b'mod volontarju u inekwivoku;

(iii) għandha tiġi rreġistrata f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru tal-UE[300].

Madankollu, ta' min wieħed jinnota li taħt l-abbozz tad-direttiva dwar is-salvagwardji proċedurali għat-tfal ssuspettati jew mixlija fi proċedimenti kriminali,

296 QEDB, *Pishchalnikov vs Ir-Russja*, Nru 7025/04, 24 ta' Settembru 2009, paragrafu 79.

297 QEDB, *Panovits vs Ċipru*, Nru 4268/04, 11 ta' Diċembru 2008, paragrafu 68.

298 QEDB, *Şaman vs It-Turkija*, Nru 35292/05, 5 ta' April 2011, paragrafu 35.

299 QEDB, *Panovits vs Ċipru*, Nru 4268/04, 11 ta' Diċembru 2008, paragrafi 67–68. Ara wkoll Kummissjoni Ewropea (2013), Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-salvagwardji proċedurali għat-tfal ssuspettati jew mixlija fi proċedimenti kriminali, COM(2013) 822/2; Kummissjoni Ewropea (2013), Rakkomandazzjoni tas-27 ta' Novembru 2013 dwar is-salvagwardji proċedurali għall-persuni vulnerabbli suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali, ĠU 2013 C378; u FRA (2015), Child friendly justice – Perspectives and experiences of professionals on children's participation in civil and criminal judicial proceedings in 10 EU Member States.

300 Ara Direttiva 2013/48/UE.

it-tfal ma jistgħux jirrinunzjaw id-dritt tagħhom għas-servizzi ta' avukat[301]. Barra minn hekk, Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar salvagwardji proċedurali għal persuni vulnerabbli tirrakkomanda li m'għandux ikun possibbli għal persuni vulnerabbli li jirrinunzjaw id-dritt tagħhom għas-servizzi ta' avukat[302].

## 4.3. Dritt għall-awtorappreżentanza

### Punti ewlenin

- Fi proċedimenti kriminali u mhux kriminali, persuna tista' tiġi awtorappreżentata sakemm l-interessi tal-ġustizzja ma jkunux jeħtieġu mod ieħor – pereżempju, li jipproteġu d-drittijiet tal-persuna akkużata jew suspettata jew jekk tkun meħtieġa rappreżentanza għall-amministrazzjoni effettiva tal-ġustizzja.
- Id-determinazzjoni dwar jekk l-interessi tal-ġustizzja jeħtiġux il-ħatra obbligatorja ta' avukat taqa' taħt il-marġni ta' apprezzament tal-qrati domestiċi.

### Prattika promettenti

#### L-assistenza lill-partijiet awtorappreżentati

Fir-Renju Unit, il-Personal Support Unit (PSU) jassisti lill-partijiet li jkunu għaddejjin minn proċess tal-qorti mingħajr rappreżentanza legali. Il-PSU jipprovdi voluntiera mħarrġa li jagħtu assistenza mingħajr ħlas lil nies li jkunu qed jaffaċċjaw proċedimenti mingħajr rappreżentanza legali fi qrati ċivili u tal-familja u tribunali fl-Ingilterra u f'Wales. Il-PSU tipprovdi gwida prattika dwar dak li jseħħ fil-qorti; jista' jgħin jimla formoli jew jakkumpanja individwi għall-qorti; u jipprovdi wkoll appoġġ emozzjonali u morali. Ma tipprovdix servizz ta' pariri jew rappreżentanza legali ta' individwi f'seduti ta' smigħ. Madankollu, tista' tgħin lill-individwi biex jidħlu f'kuntatt ma' aġenziji oħrajn li jipprovdu dawn is-servizzi legali.

*Sors: https://www.thepsu.org/.*

301 Kummissjoni Ewropea (2013), Proposta għal Direttiva dwar is-salvagwardji proċedurali għat-tfal ssuspettati jew mixlija fi proċedimenti kriminali, Art 6.

302 Kummissjoni Ewropea (2013), Rakkomandazzjoni dwar is-salvagwardji proċedurali għall-persuni vulnerabbli suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali, paragrafu 11.

Ġie nnotat li individwi għandhom id-dritt li jiġu rrappreżentati fi proċedimenti mhux kriminali jekk dan huwa neċessarju sabiex ikun garantit aċċess prattiku u effettiv għall-qorti. L-Artikolu 6 (3) (c) tal-KEDB jintitola lill-persuna akkużata b'reat kriminali biex tipparteċipa fi proċedimenti kriminali permezz ta' rappreżentanza jew awtorappreżentanza.

L-awtorappreżentanza hija permessa sakemm l-interessi tal-ġustizzja ma jeħtiġux mod ieħor – pereżempju, li jiġu protetti d-drittijiet tal-persuna akkużata jew suspettata jew jekk ir-rappreżentanza hija meħtieġa għall-amministrazzjoni effettiva tal-ġustizzja. Pereżempju, xi liġijiet nazzjonali jeħtieġu li l-konvenuti jiġu rrappreżentati biss f'ċertu stadji jew fuq appell.

Id-dritt għall-awtorappreżentanza fi proċedimenti kriminali mhuwiex assolut[303]. Id-determinazzjoni dwar jekk l-interessi tal-ġustizzja jeħtiġux il-ħatra obbligatorja ta' avukat taqa' taħt il-marġni ta' apprezzament tal-awtoritajiet domestiċi[304].

Jistgħu jiġu imposti limitazzjonijiet, pereżempju sabiex jiġu evitati abbużi lid-dinjità tal-awla, sabiex xhieda vulnerabbli jiġu protetti minn trawma u sabiex jiġi evitat li persuni suspettati jew akkużati jostakolaw il-proċedimenti b'mod persistenti[305]. Kwalunkwe diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata bi proporzjonalità u restrizzjonijiet għandhom jiġu imposti b'diliġenza[306].

Eżempju: F'*Galstyan vs L-Armenja*[307], ir-rikorrent ġie arrestat, mgħarraf dwar id-drittijiet tiegħu u espliċitament irrifjuta s-servizz ta' avukat.

Il-QEDB innotat li l-Artikolu 6 (3) (c) jagħti lill-akkużat l-għażla li jiddefendi lilu nnifsu jew "personalment jew permezz ta' assistenza legali". Għaldaqstant, l-awtorappreżentanza hija permessa sakemm l-interessi tal-ġustizzja ma jkunux jeħtieġu mod ieħor. Fil-każ tar-rikorrent, ma kien hemm l-ebda evidenza li l-għażla tiegħu li jiġi awtorappreżentat kienet

303 QEDB, *Philis vs Il-Greċja*, Nru 16598/90, 1 ta' Lulju 1992. Ara wkoll QtĠ-UE, C-399/11, *Stefano Melloni vs Ministerio Fiscal*, 26 ta' Frar 2013, paragrafi49–52.

304 QEDB, *Correia de Matos vs Il-Portugall*, Nru 48188/99, 15 ta' Novembru 2001. Ara wkoll QEDB, *Croissant vs Il-Ġermanja*, Nru 13611/88, 25 ta' Settembru 1992.

305 *Ibid*., paragrafi 12–13.

306 *Ibid*., paragrafu 18.

307 QEDB, *Galstyan vs L-Armenja*, Nru 26986/03, 15 ta' ta' Novembru 2007, paragrafu 91.

riżultat ta' kwalunkwe theddida jew vjolenza fiżika jew li ġie "imqarraq" biex jirrifjuta s-servizz ta' avukat. Kienet l-għażla tar-rikorrent stess li ma jkollux avukat; għalhekk, l-istat ma setax jinżamm responsabbli għan-nuqqas ta' rappreżentanza. Ma kien hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-KEDB.

Jekk persuna akkużata jew suspettata deliberatament tirrinunzja d-dritt tagħha li tiġi assistita minn avukat, il-persuna akkużata jew suspettata nnfisha għandha d-dmir li tkun diliġenti – pereżempju billi tikseb kopja tas-sentenza tal-qorti jekk hija meħtieġa għal appell[308].

308 QEDB, *Melin vs Franza*, Nru 12914/87, 22 ta' Ġunju 1993, paragrafu 25.

# 5
# Dritt għal rimedju effettiv



| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| **X'inhuwa rimedju effettiv?** | | |
| Karta tad-Drittijiet Fundamentali, Artikolu 47 (dritt għal rimedju effettiv)<br>QtĠ-UE, C-583/11 P, *Inuit Tapiriit Kanatami u Oħrajn vs Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, 2013<br>QtĠ-UE, T-49/07, *Sofiane Fahas vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, 2010 | **Rekwiżiti sostantivi** | QEDB, Artikolu 13 (dritt għal rimedju effettiv)<br>QEDB, *McFarlane vs L-Irlanda* [QĠ], Nru 31333/06, 2010<br>QEDB, *Rotaru vs Ir-Rumanija* [QĠ], Nru. 28341/95, 2000<br>QEDB, *Yarashonen vs It-Turkija*, Nru 72710/11, 2014 |
| QtĠ-UE, C-69/10, *Brahim Samba Diouf vs Ministre du Travail, de l'Emploi et de l'Immigration*, 2011 | **Rekwiżiti istituzzjonali** | QEDB, *Ramirez Sanchez vs Franza* [QĠ], Nru. 59450/00, 2006 |
| **Eżempji ta' rimedji speċifiċi** | | |
| QtĠ-UE, Kawżi konġunti C-6/90 u C-9/90, *Andrea Francovich u Danila Bonifaci u oħrajn vs Ir-Repubblika Taljana*, 1991<br>Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE), Artikolu 15 | **Kumpens** | QEDB, *Ananyev u Oħrajn vs Ir-Russja*, Nri 42525/07 u 60800/08, 2012 |
| QtĠ-UE, Kawżi konġunti C-65/09 u C-87/09, *Weber* u *Putz*, 2011<br>Direttiva dwar il-Bejgħ ta' Oġġetti tal-Konsum (1999/44/KE), Artikoli 3 (2) u (3)<br>Direttiva dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel) (90/314/KEE), Artikoli 4 (6) u (7) | **Prestazzjoni Speċifika** | |

| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| Karta tad-Drittijiet Fundamentali, Artikolu 52 (1) (kamp ta' applikazzjoni)<br>QtĠ-UE, C-314/12, *UPC Telekabel Wien GmbH*, 2014 | Inġunzjonijiet | KEDB, Artikolu 10 (libertà tal-espressjoni)<br>QEDB, *Brosa vs Il-Ġermanja*, Nru 5709/09, 2014 |

Dan il-kapitolu, u l-bqija tal-manwal, jiffokaw fuq ir-rimedji domestiċi u mhux il-locus standi u r-rimedji quddiem il-QEDB u l-QtĠ-UE. L-ewwel, il-Kapitolu jiddeskrivi r-rekwiżiti proċedurali u istituzzjonali għal rimedju effettiv. Imbagħad jipprovdi eżempji ta' tipi ta' rimedji speċifiċi. Bosta tipi ta' rimedji jistgħu jipprovdu azzjonijiet effettivi għall-ksur tad-drittijiet. Ir-rimedji indirizzati f'dan il-kapitolu (kumpens, prestazzjoni speċifika u inġunzjonijiet) huma illustrativi u mhux eżawrjenti.

## 5.1. X'inhuwa rimedju effettiv?

### Punti ewlenin

- L-Artikolu 13 tal-KEDB u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jiggarantixxu d-dritt għal rimedju effettiv. Dan id-dritt huwa komponent essenzjali tal-aċċess għall-ġustizzja. Dan jippermetti lill-individwi biex ifittxu rimedju għall-ksur tad-drittijiet tagħhom. Tipi differenti ta' rimedji jistgħu jirrimedjaw tipi differenti ta' ksur.
- La l-KEDB u lanqas il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ma jiddefinixxu "rimedju". Ir-rekwiżit prevalenti huwa li rimedju jkun "effettiv" fil-prattika u fil-liġi. M'hemm l-ebda rekwiżit dwar il-forma tar-rimedju, u l-istati jgawdu minn ċerta diskrezzjoni f'dan ir-rigward. Fid-deċiżjoni dwar x'inhuwa effettiv, ser jiġi kkunsidrat l-aggregat (total) tar-rimedji.
- L-Artikolu 13 tal-KEDB u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE għandhom ambiti differenti. L-Artikolu 13 jistipula d-dritt li jintalab "rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali" għal "pretensjonijiet plawżibbli" ta' ksur tad-drittijiet tal-KEDB.
- L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jeħtieġ protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni. Huwa bbażat fuq l-Artikolu 13 tal-KEDB iżda jistipula protezzjoni aktar estensiva. L-Artikolu 47 jistipula dritt għal rimedju quddiem tribunal u japplika għad-drittijiet u l-libertajiet kollha fid-dritt tal-Unjoni. Dan mhuwiex limitat għad-drittijiet fil-Karta.
- Ġeneralment, fid-dritt tal-Unjoni, ir-rimedji jridu jikkonformaw ukoll mal-prinċipju ta' ekwivalenza. Dan ifisser li l-kundizzjonijiet li jirrigwardaw pretensjonijiet li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni ma jistgħux ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirrigwardaw azzjonijiet simili li jirriżultaw mil-liġi nazzjonali.

Sabiex rimedju jkun effettiv, irid jikkonforma ma' rekwiżiti sostantivi, proċedurali u istituzzjonali speċifiċi, kif stabbilit fit-Taqsimiet 5.1.1 u 5.1.2. Ta min jinnota li r-rekwiżiti tal-KtE u tad-dritt tal-Unjoni huma kemmxejn differenti.

## 5.1.1. Rekwiżiti sostantivi u proċedurali ta' rimedju effettiv

Individwi huma intitolati għal rimedju għall-ksur tad-drittijiet umani tagħhom. Dan ifisser li għandhom ikunu jistgħu jiksbu rimedju. Tipi differenti ta' rimedji jistgħu jindirizzaw tipi differenti ta' ksur (ara t-Taqsima 5.2).

It-terminu "rimedju" mhuwiex definit fil-liġi tal-KtE jew fid-dritt tal-Unjoni. Id-dritt għal rimedju effettiv huwa stabbilit fl-Artikolu 13 tal-KEDB u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Jinstab ukoll fi strumenti internazzjonali – bħall-Artikolu 8 tal-UDHR u l-Artikolu 2 (3) tal-ICCPR[309].

**Skont il-liġi tal-KtE**, l-Artikolu 13 tal-KEDB joffri protezzjoni lil individwi li jixtiequ jilmentaw dwar l-allegat ksur tad-drittijiet tagħhom taħt il-konvenzjoni. L-Artikolu 13 jiddikjara: "Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali."

Eżempju: F'*Rotaru vs Ir-Rumanija*[310], ir-rikorrent ilmenta dwar iż-żamma u l-użu skorett mis-Servizzi ta' Intelliġenza Rumeni ta' informazzjoni personali miġbura b'mod sigriet dwar il-kundanna tiegħu għal inġurja–riżultat ta' ittri li kiteb bħala student fi żmien il-Komuniżmu. Huwa ma setax jordna li l-informazzjoni tinqered jew tiġi emendata u sostna li dan kien ksur tal-Artikolu 13.

Il-QEDB ikkonfermat li l-Artikolu 13 jiggarantixxi d-disponibbiltà ta' rimedju għall-infurzar tad-drittijiet u l-libertajiet tal-KEDB fuq livell nazzjonali,

309 Kun af li ICCPR Art. 2 (3) (b) jistipula li d-dritt għal rimedju għandu jkun "iddeterminat minn awtoritajiet ġudizzjarji, amministrattivi jew leġiżlattivi kompetenti, jew minn kwalunkwe awtorità oħra kompetenti prevista mis-sistema legali tal-Istat". Protezzjonijiet speċifiċi għal detenuti jinsabu wkoll fil-KEDB Art. 5 (4), li jiggarantixxi dritt ta' *habeas corpus*. Ara wkoll il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, Art. 6, u ICCPR, Art. 9 (4).

310 QEDB, *Rotaru vs Ir-Rumanija* [QĠ], Nru 28341/95, 4 ta' Mejju 2000, paragrafu67.

u li dan ir-rimedju għandu jkun effettiv kemm fil-prattika kif ukoll fil-liġi. L-ebda tali rimedju fir-rigward tal-ilment tar-rikorrent ma kien jeżisti fir-Rumanija f'dak iż-żmien; dan kien jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 13 tal-KEDB.

L-Artikolu 13 jippermetti lill-individwi jitolbu rimedju quddiem awtorità nazzjonali għal pretensjonijiet plawżibbli li wieħed jew aktar mid-drittijiet tagħhom stabbiliti fil-KEDB ġew miksura[311]. Għaldaqstant, l-Artikolu 13 jinvolvi pretensjonijiet li jallegaw ksur sostantiv tad-dispożizzjonijiet tal-KEDB. Dan isaħħaħ l-Artikolu 35 tal-KEDB, li jeħtieġ li individwi jeżawrixxu r-rimedji domestiċi qabel ma jirrikorru għall-QEDB – u jipprovdi garanzija addizzjonali sabiex ikun żgurat li d-drittijiet huma protetti, l-ewwel u qabel kollox, fuq il-livell nazzjonali[312]

**Skont il-liġi tal-UE**, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jiddikjara: "Kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha garantiti mid-dritt tal-Unjoni jiġu miksura għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem tribunal f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu". Il-Karta issa hija parti mid-dritt primarju tal-Unjoni, iżda l-Artikolu 47 jirrifletti wkoll il-każistika attwali tal-UE, li tista' tipprovdi preċedent utli[313]. Id-dritt għal rimedju effettiv ilu żmien twil element ewlieni ta' ordni ġuridiku tal-UE bbażat fuq l-istat ta' dritt[314]. Il-QtĠ-UE enfasizzat ukoll ir-rabta mill-qrib bejn protezzjoni ġudizzjarja effettiva taħt l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-Artikoli 6 u 13 tal-KEDB.

Eżempju: F'*Sofiane Fahas vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*[315], ir-rikorrent – ċittadin Alġerin jgħix fil-Ġermanja – fittex l-annullament ta' bosta Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jadottaw miżuri restrittivi biex jikkumbattu t-terroriżmu.

311 QEDB, *Klass u Oħrajn vs Il-Ġermanja*, Nru 5029/71, 6 ta' Settembru 1978, paragrafu 64.

312 QEDB, *Kudła vs Il-Polonja* [QĠ], Nru 30210/96, 26 ta' Ottubru 2000, paragrafu152.

313 QtĠ-UE, Kawżi konġunti C-402/05 P u C-415/05 P, *Yassin Abdullah Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*, 3 ta' Settembru 2008, paragrafu335.

314 QtĠ-UE, C-294/83, *Parti écologiste "Les Verts" vs Il-Parlament Ewropew*, 23 ta' April 1986; QtĠ-UE, C-50/00 P, *Unión de Pequeños Agricultores vs Il-Kunsill*, 25 ta' Lulju 2002; QtĠ-UE, C-222/84, *Marguerite Johnston vs Chief Constable of the Royal Ulster Constabulary,* 15 ta' Mejju 1986.

315 QtĠ-UE, T-49/07, *Sofiane Fahas vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, 7 ta' Diċembru 2010.

Il-QtĠ-UE tenniet li "il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva huwa prinċipju ġenerali tad-dritt komunitarju li jirriżulta mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, li ġie minqux fl-Artikoli 6 u 13 tal-KEDB u li ġie wkoll affermat mill-ġdid mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea".

L-ispjegazzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jikkonfermaw li d-dritt għal rimedju fl-Artikolu 47 huwa "ibbażat fuq l-Artikolu 13 tal-KEDB". Il-każistika tal-QEDB hija importanti għall-interpretazzjoni tat-tifsira ta' dritt għal rimedju effettiv. Madankollu, hemm differenzi importanti fl-ambiti rispettivi tal-Artikolu 47 tal-Karta u l-Artikolu 6 tal-KEDB (ara l-figura fil-Kapitolu 1).

**Skont il-liġi tal-KtE u l-liġi tal-UE,** la l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u lanqas l-Artikolu 13 tal-KEDB ma jeħtieġu li jiġi offrut kwalunkwe tip ta' rimedju partikolari. Ir-rekwiżit primarju huwa li r-rimedju jkun "effettiv fil-prattika kif ukoll fil-liġi"[316]. L-effettività ta' rimedju ma tiddependix fuq iċ-ċertezza ta' rimedju favorevoli[317]. It-tip ta' rimedju meħtieġ jiddependi miċ-ċirkostanzi ta' kull każ.

**Skont il-liġi tal-KtE**, ġew żviluppati xi prinċipji biex tiġi ddeterminata l-effettività. Pereżempju, rimedju effettiv għandu:

- ikun aċċessibbli;
- ikun kapaċi jipprovdi azzjoni fir-rigward tal-ilmenti tar-rikorrent;
- joffri prospetti ta' suċċess raġjonevoli[318].

Eżempju: F'*McFarlane vs L-Irlanda*[319], ir-rikorrent ġie arrestat malli nħeles mill-ħabs fl-Irlanda ta' Fuq fl-1998. Kien akkużat b'reati li wettaq fl-1983 fir-Repubblika tal-Irlanda, u nħeles fuq garanzija kundizzjonali. Għamel żewġ applikazzjonijiet sabiex iwaqqaf il-prosekuzzjoni fuq il-bażi li d-dritt tiegħu għal proċess ġust ġie ppreġudikat mingħajr il-possibbiltà ta'

316 QEDB, *M.S.S. vs Il-Belġju u l-Greċja* [QĠ], Nru 30696/09, 21 ta' ta' Jannar 2011, paragrafu 288.

317 QEDB, *Costello-Roberts vs Ir-Renju Unit*, Nru 13134/87, 25 ta' Marzu 1993, paragrafu 40.

318 QEDB, *Vučković u Oħrajn vs Is-Serbja* [QĠ], Nru 17153/11 u 29 kawża oħra, 25 ta' Marzu 2014, paragrafi 71 u 74.

319 QEDB, *McFarlane vs L-Irlanda* [QĠ], Nru 31333/06, 10 ta' Settembru 2010.

rimedju minn telf ta' evidenza ta' marki tas-swaba' oriġinali u minn dewmien. Iż-żewġ applikazzjonijiet ġew irrifjutati. Ir-rikorrent inħeles f'Ġunju tal-2008.

Il-QEDB kellha dubji dwar l-effettività tar-rimedju propost (azzjoni għaddanni għal ksur ta' dritt kostituzzjonali) għar-raġunijiet li ġejjin: (i) kien hemm inċertezza sinifikanti fir-rigward tad-disponibbiltà tar-rimedju kostituzzjonali propost għax, għalkemm teoretikament kien disponibbli għal kważi 25 sena, qatt ma kien invokat; (ii) seta' kien il-każ li r-rimedju propost ma kienx disponibbli dwar il-fatti tal-każ minħabba immunità ġudizzjarja possibbli; u (iii) kien ikun proċeduralment kumpless u kien jikkawża dewmien u joħloq spejjeż. Għaldaqstant, il-Qorti sabet ksur tal-Artikolu 13 flimkien mal-Artikolu 6 (1) (tul tal-proċedimenti) tal-KEDB.

**Skont id-dritt tal-Unjoni**, il-QtĠ-UE rrikonoxxiet l-obbligu tal-Istati Membri li jipprovdu rimedji li huma suffiċjenti biex jiżguraw il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. Dan huwa bbażat fuq il-prinċipji ta' effettività u ekwivalenza. Il-prinċipju tal-effettività jirrikjedi li l-liġi domestika ma tagħmilhiex impossibbli jew eċċessivament diffiċli li jiġu infurzati d-drittijiet tad-dritt tal-Unjoni[320]. Il-prinċipju ta' ekwivalenza jirrikjedi li l-kundizzjonijiet relatati ma' talbiet li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni ma jkunux inqas favorevoli minn dawk relatati ma' azzjonijiet simili ta' natura domestika.

Għaldaqstant, fid-dritt tal-Unjoni l-Istati Membri huma marbuta legalment li jistabbilixxu sistemi ta' rimedji u proċeduri legali sabiex jiżguraw ir-rispett lejn id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva garantita mid-dritt tal-Unjoni[321]. Dan ikun imminat minn dispożizzjonijiet legali nazzjonali jew prattiki ġudizzjarji li jxekklu l-effettività tad-dritt tal-Unjoni[322]. Jekk dispożizzjoni nazzjonali

320 QtĠ-UE, C-33/76, *Rewe-Zentralfinanz eG u Rewe-Zentral AG vs Landwirtschaftskammer für das Saarland*, 16 ta' Diċembru 1976. Għal eżempji aktar riċenti, ara QtĠ-UE, C-415/11, *Mohamed Aziz vs Caixa d´Estalvis de Catalunya, Tarragona i Manresa (Catalunyacaixa)*, 14 ta' Marzu 2013, paragrafu 50, u QtĠ-UE, Kawżi konġunti C-482/13, C-484/13, C-485/13, C-487/13, *Unicaja Banco SA vs José Hidalgo Rueda u Oħrajn, Caixabank SA vs Manuel María Rueda Ledesma u Oħrajn, Caixabank SA vs José Labella Crespo u Oħrajn u Caixabank SA vs Alberto Galán Luna u Oħrajn*, 21 ta' Jannar 2015.

321 TUE, Artikoli 4 (3) u 19. Ara QtĠ-UE, C-50/00 P, *Unión de Pequeños Agricultores vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, 25 ta' Lulju 2002, paragrafi 39-41. Ara wkoll QtĠ-UE, T-461/08, *Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE vs European Investment Bank (EIB)*, 20 ta' Settembru 2011, para 46.

322 QtĠ-UE, C-213/89, *The Queen vs Secretary of State for Transport, ex parte: Factortame Ltd u oħrajn*, 19 ta' Ġunju 1990, paragrafu 20.

tikkonformax mal-prinċipju ta' effettività jew le għandha tiġi "analizzata permezz ta' referenza għar-rwol ta' dik id-dispożizzjoni fil-proċedura, il-progress u l-karatteristiċi speċjali, meqjusa bħala ħaġa waħda, quddiem l-istanzi nazzjonali varji"[323]. Għandhom jiġu kkunsidrati l-pożizzjoni tal-partijiet u ċ-ċirkostanzi tal-każ sabiex jiġi ddeterminat jekk kienx hemm nuqqas ta' protezzjoni effettiva[324].

Eżempju: F'*Inuit Tapiriit Kanatam u Oħrajn vs il-Parlament u l-Kunsill*[325], il-QtĠ-UE ikkunsidrat il-locus standital-kaċċaturi għall-foki li kellhom l-intenzjoni li jisfidaw regolament li jipprojbixxi l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-foki fis-suq intern tal-UE.

Il-QtĠ-UE irrevediet is-sistema ta' protezzjoni ġudizzjarja fl-UE. Iddikjarat li t-trattati tal-UE ma ħolqux rimedji ġodda qabel il-qrati nazzjonali u li, jekk ma kien hemm l-ebda regola tal-UE li tirregola l-kwistjoni, huwa f'idejn is-sistema legali domestika ta' kull Stat Membru li tiddeċiedi fuq liema regoli proċedurali jirregolaw azzjonijiet li jissalvagwardjaw id-drittijiet. L-Istati Membri għandhom iqisu kif dovut il-prinċipji tal-effikaċja u ekwivalenza waqt li jistabbilixxu dawn ir-regoli. Il-QtĠ-UE sostniet li l-kaċċaturi għall-foki naqsu minn dmirhom li jeżerċitaw azzjoni diretta għall-annullament.

In-natura tad-dritt inkwistjoni kellha implikazzjonijiet għat-tip ta' rimedju li stat huwa meħtieġ li jipprovdi[326]. **Skont il-liġi tal-KtE**, pereżempju, kumpens għat-telf finanzjarju u mhux finanzjarju għandu fi prinċipju jkun disponibbli għall-ksur tal-Artikolu 2 tal-KEDB. Telf finanzjarju jirreferi għat-telf li jista' jiġi kkalkulat b'mod preċiż. Telf mhux finanzjarju ma jistax jiġi kkalkulat b'mod preċiż - pereżempju, uġigħ u sofferenza. Meta jiġi kkunsidrat jekk rimedju joffrix riparazzjoni effettiva, jista' jiġi kkunsidrat l-aggregat tar-rimedji pprovduti taħt liġi domestika[327]. Fejn jitfittex rimedju għall-ksur ta' dritt tal-KEDB li

323 QtĠ-UE, C-312/93, *Peterbroeck, Van Campenhout & Cie SCS vs L-Istat Belġjan*, 14 ta' Diċembru 1995, paragrafu 14. Għal kawża aktar riċenti, ara QtĠ-UE, C-249/11, *Hristo Byankov vs Glaven sekretar na Ministerstvo na vatreshnite raboti*, 4 ta' Ottubru 2012, paragrafu 75.

324 QtĠ-UE, C-169/14, *Juan Carlos Sánchez Morcillo u María del Carmen Abril García vs Banco Bilbao Vizcaya Argentaria SA*, 17 ta' Lulju 2014, paragrafi 43–51.

325 QtĠ-UE, C-583/11 P, *Inuit Tapiriit Kanatami u Oħrajn vs Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, 3 ta' Ottubru 2013, paragrafi 102–103.

326 Ara QEDB, *Budayeva u oħrajn vs Ir-Russja*, Nru 15339/02, 21166/02, 20058/02, 11673/02 u 15343/02, 20 ta' Marzu 2008, paragrafu191.

327 QEDB, *De Souza Ribeiro vs Franza* [QĠ], Nru 22689/07, 13 ta' Diċembru 2012, paragrafu 79.

jikkostitwixxi wkoll "dritt ċivili" skont l-Artikolu 6, japplikaw is-salvagwardji usa' u aktar stretti tal-Artikolu 6 (1)[328].

L-Istati jista' jkollhom jipprovdu evidenza li rimedju effettiv jeżisti - pereżempju, billi ssir referenza għal kawżi simili fejn fihom inkiseb rimedju[329].

Eżempju: F'*Yarashonen vs It-Turkija*[330], Russu ta' oriġini Ċeċena ħarab mit-Turkija wara li l-forzi tas-sigurtà Russi allegatament qatlu lil ħuh. Huwa wara rritorna u kien arrestat għal dħul illegali. Huwa safa detenut minkejja li kien ippreżenta applikazzjoni għall-ażil u ma rċeviex trattament mediku. Aktar tard, l-applikazzjoni għall-ażil tiegħu ġiet approvata. Ir-rikorrent ilmenta dwar id-detenzjoni illegali tiegħu, il-kondizzjonijiet tad-detenzjoni tiegħu u n-nuqqas ta' rimedju domestiku effettiv skont l-Artikolu 13 biex jiġi indirizzat il-ksur tal-Artikolu 3 tal-KEDB.

Il-QEDB sostniet li ma kienx suffiċjenti li r-rikorrent seta' jqajjem l-ilmenti tiegħu fi ħdan proċedimenti ta' reviżjoni ġudizzjarja ġenerali. Il-gvern ma setax juri deċiżjoni waħda li turi li detenut tal-immigrazzjoni kien kapaċi juża dawn il-proċeduri ta' reviżjoni ġenerali biex jiżgura d-drittijiet tagħhom. Mingħajr din l-evidenza, il-kapaċità ta' rimedji ġenerali li jipprovdu riparazzjoni effettiva, preventiva u/jew kumpensatorja ma ġietx stabbilita bi grad suffiċjenti ta' ċertezza. Il-Qorti sabet ksur tal-Artikolu 13 flimkien mal-Artikolu 3 tal-KEDB.

Stat jista' jimponi restrizzjonijiet raġjonevoli fuq id-dritt ta' rimedju effettiv biex jassigura l-amministrazzjoni xierqa ta' ġustizzja (pereżempju, ara t-Taqsima 6.2.2 dwar perjodi ta' limitazzjoni[331]. Dubji dwar il-funzjonament effettiv ta' rimedju statutorju li jkun għadu kif inħoloq ma għandhomx jipprevjenu lil individwu milli jipprova jużah[332]. Il-Kunsill tal-Ewropa rrakkomanda li, meta jfasslu rimedji ġodda, l-Istati għandhom - fejn ikun adatt - jipprovdu għar-retroattività ta' dawk ir-rimedji mfasslin biex jindirizzaw problemi sistemiċi jew strutturali[333].

328 QEDB, *Kudła vs Il-Polonja* [QĠ], Nru 30210/96, 26 ta' Ottubru 2000, paragrafu 146.

329 *Ibid.*, paragrafu 159.

330 QEDB, *Yarashonen vs It-Turkija*, Nru 72710/11, 24 ta' Ġunju 2014, paragrafi 63–66.

331 Ara QEDB, *Stubbings u oħrajn vs Ir-Renju Unit*, Nri 22083/93 u 22095/93, 22 ta' Ottubru 1996.

332 QEDB, *Krasuski vs Il-Polonja*, Nru 61444/00, 14 ta' Ġunju 2005, paragrafu 71.

333 Kunsill tal-Ewropa, Kumitat tal-Ministri (2010), Rakkomandazzjoni REC(2010)3 għall-Istati Membri dwar rimedji effettivi għal tul eċċessiv tal-proċedimenti, 24 ta' Frar 2010, paragrafu11.

## 5.1.2. Rekwiżiti istituzzjonali ta' rimedju effettiv

**Skont il-liġi tal-KtE**, Artikolu 13 tal-KEDB jipprovdi dritt għal rimedju quddiem 'awtorità nazzjonali'. Din ma għandhiex għalfejn tkun awtorità ġudizzjarja, iżda huwa aċċettat li rimedji ġudizzjarji jipprovdu garanziji b'saħħithom ta' indipendenza, aċċess għall-vittmi u l-familji, u infurzabbiltà ta' għotjiet f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 13 (ara t-Taqsima 2.4.1 dwar korpi mhux ġudizzjarji b'mod ġenerali)[334].

Fid-determinazzjoni ta' jekk korp huwiex kapaċi jipprovdi rimedju effettiv, il-fatti tal-każ, in-natura tad-dritt inkwistjoni, u s-setgħat u l-garanziji tal-korp għandhom jiġu kkunsidrati[335].

Eżempju: F'*Ramirez Sanchez vs Franza*[336], ir-rikorrent ġie kkundanat għal għomor il-ħabs għall-attakki terroristiċi fi Franza. Huwa nżamm detenut f'reklużjoni solitarja għal tmien snin u xahrejn, apparentement minħabba l-perikolożità tiegħu, il-ħtieġa li tinżamm l-ordni u s-sigurtà fil-ħabs u l-probabbiltà li jipprova jfittex li jaħrab. Huwa talab lil qorti amministrativa biex tannulla d-deċiżjoni li poġġietu f'reklużjoni solitarja. Il-qorti rrifjutat l-applikazzjoni tiegħu, fejn indikat li l-miżura kienet waħda interna, li dak iż-żmien ma kinitx eliġibbli għal riferiment għall-qrati amministrativi.

Il-QEDB ikkonkludiet li kien hemm ksur tal-Artikolu 13 iżda mhux tal-Artikolu 3, minħabba n-nuqqas ta' rimedju fil-liġi Franċiża li tippermetti lir-rikorrent jikkontesta d-deċiżjoni biex titwal id-detenzjoni tiegħu f'reklużjoni solitarja. Il-Qorti nnotat li, minħabba r-riperkussjonijiet serji ta' reklużjoni solitarja fuq il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni, rimedju effettiv quddiem korp ġudizzjarju kien essenzjali.

L-awtoritajiet nazzjonali msemmija fl-Artikolu 13 tal-KEDB għandhom jissodisfaw ċerti kriterji. Indipendenza istituzzjonali hija meħtieġa. Pereżempju, fejn kap tal-pulizija kellu d-diskrezzjoni fir-rigward ta' jekk għandux jirreferi l-kwistjonijiet lil awtorità tal-pulizija għall-ilmenti (korp indipendenti) għal

334 QEDB, *Z u Oħrajn vs Ir-Renju Unit* [QĠ], Nru 29392/95, 10 ta' Mejju 2001, paragrafu 110.

335 QEDB, *Kudła vs Il-Polonja* [QĠ], Nru 30210/96, 26 ta' Ottubru 2000, paragrafu 157. Għal każ aktar riċenti, ara QEDB, *Ališić u Oħrajn vs Il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Kroazja, is-Serbja, is-Slovenja u l-ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja* [QĠ], Nru 60642/08, 16 ta' Lulju 2014, paragrafi131–136.

336 QEDB, *Ramirez Sanchez vs Franza* [QĠ], Nru 59450/00, 4 ta' Lulju 2006.

investigazzjoni, l-istandards meħtieġa ta' indipendenza ma ġewx issodisfati[337]. Is-setgħa li jittieħdu deċiżjonijiet vinkolanti hija importanti wkoll. Korp li ma għandux din is-setgħa jista' jitqies inkapaċi li jipprovdi rimedju effettiv - b'mod partikolari jekk huwa nieqes ukoll mis-salvagwardji proċedurali, bħalma huwa d-dritt għar-rappreżentazzjoni legali jew divulgazzjoni tad-deċiżjoni[338]. Rimedju dipendenti fuq diskrezzjoni politika għalkollox mhuwiex biżżejjed[339].

**Skont il-liġi tal-UE**, kif innotat fit-Taqsima 5.1.2, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jintitola lill-individwi sabiex ifittxu rimedju effettiv quddiem tribunal. It-tifsir ta' 'tribunal' huwa diskuss fit-Taqsima 2.1. Tribunal għandu jissodisfa rekwiżiti stretti: għandu jkun stabbilit bil-liġi; ikun permanenti; ikun indipendenti u imparzjali; jinkludi proċedura *inter-partes*; ikollu ġurisdizzjoni obbligatorja; u japplika l-istat tad-dritt[340]. Madankollu, id-dritt li jitfittex rimedju effettiv quddiem tribunal mhuwiex bla limitu.

Eżempju: Fi *Brahim Samba Diouf vs Ministre du Travail, de l'Emploi et de l'Immigration*[341], is-Sur Diouf applika għall-ażil fil-Lussemburgu, fejn allega li ħarab l-iskjavitù fil-Mauritania u li ġie ippersegwitat mis-sid tax-xogħol preċedenti tiegħu. L-applikazzjoni tiegħu ġiet indirizzata taħt proċedura aċċellerata, ġiet irrifjutata bħala infondata, u ġiet ordnata t-tneħħija tiegħu. Ir-rikorrent fittex l-annullament tad-deċiżjoni mit-Tribunal Amministrattiv, li għamel referenza preliminari għall-QtĠ. Staqsa jekk l-obbligu li jiġi pprovdut rimedju effettiv jipprekludix liġijiet nazzjonali li jimpedixxu l-appell.

Il-QtĠ iddikjarat li kellu jkun hemm rimedju quddiem korp ġudizzjarju, iżda li l-prinċipju tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva ma jirrikjedix aċċess għal numru ta' livelli ta' ġurisdizzjoni. Id-deċiżjoni preliminari għar-reviżjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali taħt il-proċedura aċċellerata ma kellhiex tkun soġġetta għal reviżjoni ġudizzjarja, diment li

337 QEDB, *Khan vs Ir-Renju Unit*, Nru 35394/97, 12 ta' Mejju 2000, paragrafu 47.

338 QEDB, *Chahal vs Ir-Renju Unit*, Nru 22414/93, 15 ta' Novembru 1996, paragrafu 154.

339 Ilment lis-Segretarju tal-Intern dwar ordni li tikkontrolla l-korrispondenza tal-priġunieri huwa eżempju ta' dan it-tip ta' rimedju. Ara QEDB, *Silver u oħrajn vs Ir-Renju Unit*, Nri 5947/72, 6205/73, 7052/75, 7061/75, 7107/75, 7113/75 u 7136/75, 25 ta' Marzu 1983, paragrafu 116.

340 QtĠ-UE, C-54/96, *Dorsch Consult Ingenieurgesellschaft mbH vs Bundesbaugesellschaft Berlin mbH*, 17 ta' Settembru 1997, paragrafu 23.

341 QtĠ-UE, C-69/10, *Brahim Samba Diouf vs Ministre du Travail, de l'Emploi et de l'Immigration*, 28 ta' Lulju 2011, paragrafu 69.

din id-deċiżjoni kienet waħda rivedibbli bħala parti mill-konsiderazzjoni ġudizzjarja tad-deċiżjoni sostantiva finali biex tiġi konċessa jew irrifjutata l-protezzjoni.

Skont il-liġi tal-UE, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma jipprekludix l-assenjazzjoni ta' tip wieħed ta' qorti għall-indirizzar ta' tipi speċifiċi ta' każijiet (per eżempju, każijiet li jikkonċernaw l-għajnuna agrikola) – sakemm l-eżerċitar tad-drittijiet ma jkunx magħmul eċċessivament diffiċli (per eżempju, minħabba dewmien)[342].

## 5.2. Eżempji ta' rimedji speċifiċi

Din it-Taqsima tkopri għadd ta' eżempji ta' tipi ta' rimedji, iżda ma tikkostitwix lista eżawrjenti. Eżempji oħrajn jinkludu r-restituzzjoni (l-obbligu ta' ritorn, fi flus jew in natura, ta' xi ħaġa meħuda minn xi individwu) jew rimedji kontra tneħħija minn xi stat (rimedju sospensiv għall-prevenzjoni ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem potenzjalment ikkawżat bit-tneħħija ta' individwu mill-ġurisdizzjoni ta' stat partikolari). Dawn l-eżempji għandhom x'jaqsmu ma' drittijiet sostantivi speċifiċi – bħad-dritt għall-proprjetà – jew oqsma politiċi speċifiċi – bħall-ażil u l-immigrazzjoni – u għalhekk huma lil hinn mill-fokus ta' dan il-kapitolu. Rimedji li jirriżultaw mid-dewmien fl-eżekuzzjoni ta' sentenzi tal-qorti huma diskussi fit-Taqsima 5.2.1, filwaqt li r-rimedji għal proċedimenti eċċessivament twal huma stabbiliti fit-Taqsima 7.3.

342 QtĠ-UE, C-93/12, *ET Agrokonsulting-04-Velko Stoyanov vs Izpalnitelen direktor na Darzhaven fond Zemedelie - Razplashtatelna agentsia*, 27 ta' Ġunju 2013, paragrafi 56–61.

**Punti ewlenin**

- Kumpens: rimedji kumpensatorji mhux dejjem jistgħu jipprovdu rimedji effettivi – per eżempju, jista' jkun aħjar jekk il-proċedimenti jiġu mħaffa. Il-QtĠ żviluppat prinċipji fuq ir-responsabbiltà tal-istat biex iħallas danni. Direttivi tal-UE speċifiċi fuq id-diskriminazzjoni jinkludu wkoll dispożizzjonijiet fuq danni: per eżempju, l-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali.
- Prestazzjoni speċifika: hemm differenzi konsiderevoli rigward prestazzjoni speċifika fost sistemi legali Ewropej. Il-liġi tal-UE tistabbilixxi dispożizzjonijiet ta' prestazzjoni speċifika mhux diskrezzjonarji f'livell speċifiku għas-settur.
- Inġunzzjonijiet: il-QEDB u l-QtĠ innotaw l-importanza tal-ibbilanċjar ta' drittijiet li jikkompetu ma' xulxin, u n-natura u l-proporzjonalità ta' kwalunkwe restrizzjoni, meta jitqiesu l-inġuzzjonijiet. Xi drittijiet jistgħu jiġu limitati biss jekk jiġu ssodisfati kriterji speċifiċi.

## 5.2.1. Kumpens

Il-kumpens huwa forma ta' riparazzjoni biex tiġi bbilanċjata ħsara mġarrba bħala riżultat ta' ksur tad-drittijiet legali. **Skont il-liġi tal-KtE**, rimedji kompensatorji ġeneralment huma biżżejjed għal ksur tal-KEDB, iżda ma jipprovduwx rimedju effettiv f'kull sitwazzjoni. Per eżempju, meta xi vjolazzjoni tikkonċerna l-kundizzjonijiet tad-detenzjoni u r-rikorrent ikun għadu l-ħabs, il-kumpens jista' ma jkunx suffiċjenti[343]. Barra minn hekk, rimedji kumpensatorji fil-każijiet ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza (ara t-Taqsima 6.3) ikunu biss xierqa jekk jiġu ssodisfati kundizzjonijiet speċifiċi:

- il-pretensjoni tinstema' fi żmien raġjonevoli;
- il-kumpens jitħallas minnufih;
- il-proċedura tikkonforma mal-Arikolu 6 tal-KEDB;
- il-partijiet ma jiffaċċjawx piż eċċessiv ta' spejjeż;
- il-livell ta' kumpens huwa raġjonevoli meta mqabbel mal-għotjiet li magħmula mill-QEDB f'każijiet simili.

343 QEDB, *Torreggiani u oħrajn vs L-Italja*, Nru 43517/09, 8 ta' Jannar 2013, paragrafu 96.

Eżempju: F'*Burdov vs Ir-Russja (Nru 2)*[344], ir-rikorrent kiseb sentenzi li ordnaw il-ħlas tal-benefiċċji għal xogħolu waqt operazzjonijiet ta' emerġenza f'Chernobyl. Xi wħud mis-sentenzi baqgħu mhux infurzati għal snin. F'każ preċedenti, il-QEDB sabet vjolazzjonijiet tal-Artikolu 6 tal- KEDB u tal-Artikolu 1 u tal-protokoll Nru 1. Il-Qorti, fuq mozzjoni tagħha stess iddeċidiet li teżamina din il-kwistjoni skont l-Artikolu 13, waqt li nnotat żieda fin-numru ta' każijiet li jikkonċernaw in-nuqqas tal-infurzar.

Il-Qorti kkonfermat li, f'każijiet li jikkonċernaw in-nuqqas ta' infurzar f'deċiżjonijiet ġudizzjarji, miżuri domestiċi li jiżguraw l-infurzar f'waqtu huma "tal-akbar valur". Madankollu, l-istati jistgħu jagħżlu li jimponu rimedju purament kompensatorju jekk jiġu ssodisfati rekwiżiti speċifiċi: l-azzjoni nstemgħet fi żmien raġjonevoli; il-kumpens tħallas minnufih; ir-regoli tal-proċedura jikkonformaw mal-prinċipji garantiti mill-Artikolu 6; il-partijiet ma affaċjawx piż eċċessiv ta' spejjeż; u l-livell ta' kumpens huwa raġjonevoli meta mqabbel ma' għotjiet oħra li saru mill-Qorti. Hemm suppożizzjoni b'saħħitha iżda konfutabbli li proċedimenti eċċessivament twal jikkawżaw danni mhux finanzjarji.

F'dan il-każ, il-QEDB sabet vjolazzjoni tal-Artikolu 13 tal-KEDB minħabba li n-nuqqas ta' infurzar għal żmien twil tad-deċiżjonijiet ġuridizzjarji ċaħħad lir-rikorrent minn kull tip ta' rimedju.

Il-QEDB speċifikat ukoll il-kriterji ewlenin għall-verifika tal-effikaċja ta' rimedji kompensatorji fir-rigward tat-tul eċċessiv ta' proċedimenti ġuridizzjarji (ara t-Taqsima 7.3)[345]. Jekk il-kumpens huwa kkunsidrat bħala rimedju, il-qrati għandhom jevitaw formaliżmu eċċessiv, b'mod partikolari fir-rigward ta' evidenza ta' dannu[346]. Ir-regoli tal-proċedura li jirregolaw l-eżaminazzjoni ta' pretensjoni għall-kumpens għandhom jikkonformaw mal-prinċipji ta' ġustizzja minquxa fl-Artikolu 6 tal-KEDB. Dan jinkludi li l-każ jinstema' fi żmien raġjonevoli u li r-regoli li jirregolaw l-ispejjeż ma jistgħux jitfgħu piż eċċessiv fuq il-partijiet.

344 QEDB, *Burdov vs Ir-Russja (Nru 2)*, Nru 33509/04, 15 ta' Jannar 2009, paragrafi 98–100.
345 QEDB, *Yuriy Nikolayevich Ivanov vs L-Ukraina*, Nru 40450/04, 15 ta' Ottubru 2009, paragrafu 65.
346 QEDB, *Radkov vs Il-Bulgarija (Nru 2)*, Nru 18382/05, 10 ta' Frar 2011, paragrafi 38–40.

Eżempju: Il-kawża ta' *Ananyev u Oħrajn vs Ir-Russja*[347] kienet tikkonċerna l-kundizzjonijiet tad-detenzjoni tar-rikorrenti f'diversi ħabsijiet bejn l-2005 u l-2008.

Il-QEDB sabet vjolazzjonijiet tal-Artikolu 3 (projbizzjoni tat-trattament inuman u degradanti) u l-Artikolu 13 tal-KEDB. Fir-rigward tad-dritt ta' rimedju effettiv, il-QEDB ikkonfermat li l-istati huma meħtieġa li jistabbilixxu rimedji effettivi ta' prevenzjoni u ta' kumpens domestiku. Il-Qorti nnutat ukoll li kull persuna li tiġi soġġetta għal trattament li jikser l-Artikolu 3 għandu jkollha d-dritt għal kumpens finanzjarju, u li l-oneru tal-provi impost fuq ir-rikorrent ma għandux ikun eċċessiv.

Il-falliment kontinwu biex jiġi pprovdut kumpens mogħti jista' jammonta għal interferenza mad-dritt tar-rikorrent għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà skont l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-KEDB[348]. Fil-każijiet li jirrigwardaw iċ-ċaħda tal-proprjetà, kull persuna mċaħħda mill-proprjetà tagħha għandu, fil-prinċipju, jkollha l-possibilità li takkwista kumpens "raġjonevolment relatat mal-valur tiegħu", anki jekk "għanijiet leġittimi ta' 'interess pubbliku' jitolbu għal rimborż inqas mill-valur totali fis-suq"[349].

**Skont il-liġi tal-UE**, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma għandha l-ebda dispożizzjoni li tobbliga speċifikament lill-Istati Membri biex jipprovdu kumpens għal vjolazzjonijiet ta' drittijiet li jirriżultaw mil-liġi tal-UE. Madankollu, individwi jistgħu jinvokaw drittijiet li jirriżultaw mil-liġi tal-UE quddiem qrati nazzjonali u l-Istati Membri jistgħu jkunu responabbli għad-danni f'ċirkostanzi speċifiċi[350].

Eżempju: Fi *Francovich u Bonifaci vs L-Italja*[351], skont id-Direttiva dwar il-Protezzjoni mill-Insolvenza 80/987/KE, is-Sur Francovich u s-Sinj. Bonifaci (u 33 mill-kollegi tagħhom) kienu dovuti flus wara li l-impjegaturi tagħhom daħlu f'likwidazzjoni. Id-direttiva kellha tiġi implimentata sal-1983, iżda

347 QEDB, *Ananyev u Oħrajn vs Ir-Russja*, Nri 42525/07 u 60800/08, 10 ta' Jannar 2012.

348 QEDB, *Kirilova u oħrajn vs Il-Bulgarija*, Nri 42908/98, 44038/98, 44816/98 u 7319/02, 9 Ġunju 2005, paragrafi 123–124.

349 QEDB, *Pincová u Pinc vs Ir-Repubblika Ċeka*, Nru 36548/97, 5 ta' Novembru 2002, paragrafu 53.

350 QtĠ-UE, C-26/62, *NV Algemene Transport- en Expeditie Onderneming van Gend & Loos vs Amministrazzjoni tat-Taxxi Interni tan-Netherlands*, 5 ta' Frar 1963.

351 QtĠ-UE, Kawżi konġunti C-6/90 u C-9/90, *Andrea Francovich u Danila Bonifaci u Oħrajn vs Ir-Repubblika Taljana*, 19 ta' Novembru 1991.

l-Italja naqset milli tikkonforma; ħames snin wara, il-ħaddiema kienu għadhom ma tħallsu xejn. Il-likwidaturi tal-kumpanija infurmawhom li ma kien għad fadal ebda flus. Huma ressqu talba kontra l-istat, u argumentaw li kien obbligat iħallas għad-danni biex jikkumpensahom għat-telf li ġarrbu minħabba n-nuqqas tiegħu li jimplimenta d-direttiva.

Il-QtĠ-UE ikkonfermat li t-Trattat tal-KEE (li dak iż-żmien kien fis-seħħ) ħoloq is-sistema legali tiegħu stess, li l-qrati tal-Istati Membri kienu marbutin li japplikaw. Barra minn hekk, id-dritt Komunitarju wkoll jagħti lok għal drittijiet bis-saħħa ta' obbligi li ġew imposti mit-trattat u definiti b'mod ċar fuq individwi, fuq Stati Membri u fuq Istituzzjonijiet Komunitarji. Il-prinċipju li permezz tiegħu l-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għal telf u danni ikkawżati lill-individwi minħabba ksur tal-liġi tal-UE li għaliha l-istati jistgħu jinżammu responsabbli, kien "inerenti fis-sistema tat-Trattat".

Ir-responsabbiltà tal-Istat tirriżulta meta jkun sar ksur tat-trattati tal-UE attribwibbli għall-istat[352] jew ma tkunx ġiet segwita l-każistika tal-QtĠ-UE[353]. Ir-responsabbiltà tal-Istat Membru tista' wkoll tirriżulta f'każijiet bejn individwi jekk kwistjoni tkun fuq drittijiet miksubin mil-liġi tal-UE[354].

In-nuqqas li tiġi implimentata direttiva jista' wkoll jagħti lok għal responsabbiltà min-naħa tal-istat għal danni. Biex ir-responsabbiltà tiġi attribwita:

- id-direttiva trid tkun tat drittijiet lill-individwi;
- id-drittijiet għandhom ikunu definiti b'mod ċar;
- għandu jkun hemm rabta kawżali bejn in-nuqqas tal-Istati Membri li jimplimentaw id-direttiva u t-telf imġarrab.

Dan il-prinċipju ġie estiż għal sitwazzjonijiet fejn l-Istati Membri naqsu milli jemendaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti jew implimentaw direttiva

352 QtĠ-UE, Kawżi konġunti C-46/93 u C-48/93, *Brasserie du Pêcheur SA vs Bundesrepublik Deutschland u The Queen vs Secretary of State for Transport, ex parte: Factortame Ltd u oħrajn*, 5 ta' Marzu 1996, paragrafu 34.

353 Ara wkoll QtĠ-UE, C-224/01, *Gerhard Köbler vs Republik Österreich*, 30 ta' Settembru 2003, paragrafu 56.

354 QtĠ-UE, C-453/99, *Courage Ltd vs Bernard Crehan u Bernard Crehan vs Courage Ltd u Oħrajn*, 20 ta' Settembru 2001.

b'mod żbaljat. Twessa' wkoll biex jinkludi ksur tal-liġi tal-UE minn kwalunkwe awtorità statali (inkluż il-ġudikatura)[355]. Madankollu, f'dawn il-każijiet għandu wkoll jintwera li jkun sar ksur tal-liġi serju biżżejjed. Biex jiġi deċiż jekk ikunx sar "ksur serju biżżejjed", il-fatturi li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati:

- iċ-ċarezza u l-preċiżjoni tar-regola miksura;
- il-miżura tad-diskrezzjoni li titħalla f'idejn l-Istat Membru bħala regola;
- jekk il-ksur kienx intenzjonali;
- jekk il-ksur kienx skużabbli;
- il-limitu sa fejn pożizzjoni meħuda minn istituzzjoni tal-UE setgħet ikkontribwixxiet għall-ksur;
- il-limitu sa fejn l-Istat Membru adotta jew żamm miżuri nazzjonali li jmorru kontra l-liġi tal-UE[356].

Direttivi speċifiċi tal-UE dwar id-diskriminazzjoni fihom ukoll provvedimenti għad-danni: per eżempju, l-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali[357]. Meta jiġu adottati miżuri ta' kumpens finanzjarju, dawn għandhom ikunu adegwati u jippermettu li jagħmlu tajjeb għat-telf u d-danni mġarrba[358]. Barra minn hekk, limiti fuq l-ammont ta' kumpens dovut jista' jirrendi rimedju ineffettiv[359]. Il-prinċipju tal-ekwivalenza għandu jiġi mħares f'termini ta' rimedji[360].

355 QtĠ-UE, Kawżi konġunti C-46/93 u C-48/93, *Brasserie du Pêcheur SA vs Bundesrepublik Deutschland u The Queen vs Secretary of State for Transport, ex parte: Factortame Ltd u oħrajn*, 5 ta' Marzu 1996, paragrafu 34.

356 QtĠ-UE, Kawżi konġunti C-46/93 u C-48/93, *Brasserie du Pêcheur SA vs Bundesrepublik Deutschland u The Queen vs Secretary of State for Transport, ex parte: Factortame Ltd u oħrajn*, 5 ta' Marzu 1996, paragrafu 56. Ara wkoll QtĠ-UE, C-224/01, *Gerhard Köbler vs Republik Österreich*, 30 ta' Settembru 2003, paragrafu 59.

357 Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplementa l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini razzjali jew etnika tagħhom, ĠU 2000 L 180 (Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali).

358 QtĠ-UE, C-271/91, *M. Helen Marshall vs Southampton and South-West Hampshire Area Health Authority*, 2 ta' Awwissu 1993, paragrafu 26.

359 QtĠ-UE, C-180/95, *Nils Draehmpaehl vs Urania Immobilienservice OHG*, 22 ta' April 1997, paragrafu 43.

360 QtĠ-UE, C-78/98, *Shirley Preston u Oħrajn vs Wolverhampton Healthcare NHS Trust u Oħrajn u Dorothy Fletcher u Oħrajn vs Midland Bank plc*, 16 ta' Mejju 2000, paragrafu 55.

### 5.2.2. Prestazzjoni Speċifika

Prestazzjoni speċifika tinforza t-termini ta' kuntratt u tippermetti li parti għall-kuntratt tieħu dak li kien imniżżel fil-kuntratt billi tqiegħdhom fil-pożizzjoni li kienu jkunu fiha kieku l-kuntratt ġie konkluż. Hemm differenzi konsiderevoli fir-rigward tal-prestazzjoni speċifika fost sistemi legali Ewropej[361].

**Skont il-liġi tal-KtE**, m'hemm l-ebda rikonoxximent speċifiku tal-prinċipju tal-prestazzjoni speċifika.

**Skont il-liġi tal-UE**, madankollu, obbligi ta' prestazzjoni speċifika mhumiex diskrezzjonali ġew stabbiliti fuq il-livell speċifiku għas-settur. Per eżempju, ara l-Artikoli 3 (2) u (3) tad-Direttiva 1999/44/KE (Id-Direttiva dwar il-Bejgħ ta' Prodotti għall-Konsum) u l-Artikoli 4 (6) u (7) tad-Direttiva 90/314/KEE (Id-Direttiva dwar l-Ivjaġġar B'Kollox Inkluż)[362].

Eżempju: F'*Weber* u *Putz*[363], referenza preliminari mressqa mill-qrati Ġermaniżi staqsiet lill-QtĠ-UE jekk l-Artikolu 3 tad-Direttiva 1999/44/KE jeħtieġx li l-bejjiegħa jġarrbu l-ispejjeż tat-tneħħija ta' oġġetti li mhumiex konformi ma' kuntratt u tal-installazzjoni ta' oġġetti ta' sostituzzjoni.

Il-QtĠ-UE ikkonfermat li d-direttiva tirrikjedi li l-bejjiegħa jsewwu jew jissostitwixxu l-oġġetti – mingħajr ħlas – sakemm dan ma jkunx impossibbli jew sproporzjonat.

Il-QtĠ-UE ikkonfermat ukoll li bejjiegħ ma jistax iressaq pretensjoni finanzjarja fir-rigward tal-obbligu li oġġetti jinġiebu konformi ma' kuntratt. Per eżempju, bejjiegħ ma jistax jeżiġi mingħand il-konsumatur ħlas ta' kumpens għall-użu ta' oġġetti difettużi sakemm dawn jiġu sostitwiti[364].

361 Stqarrija madwar l-Ewropa kollha dwar il-prinċipji tal-liġi privata tipprovdi ċerta gwida: Study Group on a European Civil Code u the Research Group on EC Private Law (2009), *Principles, Definitions u Model Rules of European Private Law, Draft Common Frame of Reference (DCFR).*

362 Per eżempju, id-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar ċerti aspetti tal-bejgħ ta' oġġetti tal-konsum u garanziji assoċjati magħhom, ĠU 1999 L 171, u d-Direttiva 90/314/KEE tat-13 ta' Ġunju 1990 dwar il-vjaġġi kollox kompriż (package travel), il-vaganzi kollox kompriż u t-tours kollox kompriż, ĠU 1990 L 158.

363 QtĠ-UE, Kawżi konġunti C-65/09 u C-87/09, *Gebr. Weber GmbH vs Jürgen Wittmer* u *Ingrid Putz vs Medianess Electronics GmbH*, 16 ta' Ġunju 2011.

364 QtĠ-UE, C-404/06, *Quelle AG vs Bundesverband der Verbraucherzentralen und Verbraucherverbände*, 17 ta' April 2008, paragrafi 41-43.

### 5.2.3. Inġunzjonijiet

Mandat ta' inibizzjoni huwa ordni tal-qorti li jeżiġi li persuna tagħmel xi ħaġa jew li tieqaf tagħmel xi ħaġa. Kemm **il-liġi tal-KtE kif ukoll il-liġi tal-UE** jippermettu rimedju b'mandat ta' inibizzjoni f'varjetà ta' ċirkostanzi. Jista' jipproteġi d-drittijiet tal-individwu iżda, billi tagħmel dan, tista' wkoll tillimita d-drittijiet ta' oħrajn. Dan ifisser li jeħtieġ li jitwettaq att ta' bbilanċjar bir-reqqa biex jiġu żgurati l-proporzjonalità u l-ġustizzja[365].

**Skont il-liġi tal-KtE**, mandati ta' inibizzjoni ta' spiss jiġu kkunsidrati fir-rigward tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni garantit skont l-Artikolu 10 tal-KEDB[366]. F'dawn il-każijiet, il-Qorti stqarret ripetutament li l-Artikolu 10 ma jipprojbixxix restrizzjonijiet preċedenti fuq pubblikazzjonijiet jew projbizzjonijiet fuq id-distribuzzjoni bħala tali[367]. Madankollu, il-perikli li joħolqu restrizzjonijiet ta' dan it-tip għal soċjetà demokratika jitolbu li jsir l-aktar skrutinju attent. Bħal f'kull każ ieħor li jinvolvi interferenza fil-libertà tal-espressjoni ta' persuna, ix-xogħol tal-QEDB hu li teżamina jekk ir-restrizzjoni fil-każ partikulari kinitx preskritta mil-liġi, sabiex jintlaħaq għan leġittimu[368] u proporzjonali.

Għal rekwiżiti ta' qabel in-notifika, il-KEDB ma jeħtieġx li l-midja tagħti notifika minn qabel rigward pubblikazzjonijiet maħsuba lil dawk li jidhru fihom. Dan ir-rekwiżit – li jippermetti lill-individwi jiksbu mandat ta' inibizzjoni li jipprevjeni l-pubblikazzjoni fil-kuntest tad-dritt tagħhom għar-rispett tal-ħajja privata – jirriskja li joħloq "effett li jiffriża" il-libertà tal-espressjoni[369].

365 QtĠ-UE, C-70/10, *Scarlet Extended SA vs Société belge des auteurs, compositeurs et éditeurs SCRL (SABAM)*, 24 ta' Novembru 2011, paragrafu 49.

366 Lil hinn mil-livell nazzjonali, f'applikazzjonijiet mressqa lill-QEDB li jitolbu s-sospensjoni ta' espulsjoni jew estradizzjoni mill-istat, il-QEDB tista' toħroġ miżura provviżorja li titlob lill-istat jissospendi l-espulsjoni jew estradizzjoni tar-rikorrenti sakemm l-applikazzjoni tkun għadha qed tiġi eżaminata mill-Qorti. Ara, eż., QEDB, *Abdollahi vs It-Turkija*, Nru 23980/08, tat-3 ta' Nruvembru 2009.

367 Ara, per eżempju, QEDB, *Éditions Plon vs Franza*, Nru 58148/00, tat-18 ta' Awwissu 2004.

368 Dawn l-għanijiet jinkludu: fl-interess tas-sigurtà nazzjonali, l-integrità territorjali jew is-sigurtà pubblika; għall-prevenzjoni tad-diżordni jew tal-kriminalità; għall-ħarsien tas-saħħa jew il-morali; għall-ħarsien tar-reputazzjoni jew id-drittijiet tal-oħrajn; biex jiġi prevenut l-iżvelar ta' informazzjoni mogħtija b'mod kunfidenzjali; jew biex tinżamm l-awtorità u l-imparzjalità tal-ġudikatura.

369 QEDB, *Mosley vs Ir-Renju Unit*, Nru 48009/08, 10 ta' Mejju 2011, paragrafu 132.

Eżempju: Fi *Brosa vs Il-Ġermanja*[370], ir-rikorrent ilmenta li mandat mill-qorti li impedih milli jqassam fuljett li fih kien hemm allegat li kandidat f'elezzjoni lokali kien "qed jaħbi affarijiet" għal organizzazzjoni tan-neo-Nazi, kiser id-dritt tiegħu għal-libertà tal-espressjoni kif stabbilit fl-Artiklu 10 tal-KEDB.

Il-fuljett, li ddiskriva l-fehmiet tar-rikorrent dwar l-adegwatezza tal-kandidat għall-kariga, tqassam waqt it-tħejjija għall-elezzjoni. Billi dan il-każ kien wieħed ta' natura politika u kellu x'jaqsam ma' kwistjoni ta' interess pubbliku, ma kienx hemm wisq lok għal restrizzjonijiet għal-libertà tal-espressjoni tar-rikorrent. L-opinjoni tar-rikorrent ma kinitx nieqsa minn bażi fattwali, iżda l-qorti domestika ħtieġet "prova konvinċenti" – livell għoli b'mod sproporzjonali ta' provi fattwali. Il-qorti domestika naqset milli toħloq bilanċ ġust bejn l-interessi relevanti u ma stabbilixxiet ebda ħtieġa soċjali urġenti biex tpoġġi l-protezzjoni tad-drittijiet tal-personalità tal-kandidat f'livell ogħla mid-drittijiet għal-libertà tal-espressjoni. Għalhekk, il-QEDB sabet ksur tal-Artiklu 10 tal-KEDB.

**Skont il-liġi tal-UE**, id-dritt tal-libertà tal-espressjoni huwa ggarantit bl-Artiklu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. L-Artiklu 52(1) tal-Karta jenfasizza l-limitazzjonijiet permessibbli fuq drittijiet garantiti mill-Karta, filwaqt li jispeċifika li dawn għandhom:

- ikunu previsti bil-liġi;
- jirrispettaw l-essenza tad-drittijiet;
- ikunu proporzjonali;
- ikunu neċessarji;
- jissodisfaw b'mod ġenwin objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-UE jew jissodisfaw il-bżonn li jipproteġu d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.

370 QEDB, *Brosa vs Il-Ġermanja*, Nru 5709/09, 17 ta' April 2014.

Eżempju: F'*UPC Telekabel vs Constantin Film*[371], kumpanija tal-produzzjoni tal-films ipprovat twaqqaf l-istrimjar mhux awtorizzat tal-films tagħha minn sit elettroniku partikolari. Il-Fornitur ta' Servizz tal-Internet (ISP) ċaħad talba biex is-sit elettroniku jiġi mblukkat, b'hekk il-kumpanija għamlet mandat permezz ta' qrati.

Il-QtĠ-UE bbilanċjat l-interessi tad-detenturi tad-dritt tal-awtur kontra l-libertà tal-ISP biex imexxi negozju. L-Istati Membri għandhom, meta jittrasponu direttiva, jiżguraw li jibbażaw fuq interpretazzjoni tad-direttiva li tippermetti li jintlaħaq bilanċ ġust bejn id-drittijiet fundamentali applikabbli protetti mill-ordni legali tal-UE. L-Istati Membri għandhom jinterpretaw il-liġi nazzjonali tagħhom b'mod konsistenti ma' dik id-direttiva u ma' drittijiet fundamentali. Mandat jirrestrinġi l-libertà tat-twettiq ta' negozju iżda, f'dan il-każ, ma kisirx "il-qofol proprju tal-libertà".

371 QtĠ-UE, C-314/12, *UPC Telekabel Wien GmbH vs Constantin Film Verleih GmbH u Wega Filmproduktionsgesellschaft mbH*, 27 ta' Marzu 2014, paragrafi 46–51.

# 6 Limitazzjonijiet fuq l-aċċess għall-ġustizzja in ġenerali



| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| **Għan leġittimu u proporzjonalità** | | |
| Karta tad-Drittijiet Fundamentali, Artikolu 47 (dritt għal rimedju effettiv)<br>Karta tad-Drittijiet Fundamentali, Artikolu 48 (preżunzjoni ta' innoċenza u dritt għad-difiża)<br>Karta tad-Drittijiet Fundamentali, Artikolu 52 (1) (kamp ta' applikazzjoni)<br>QtĠ-UE, Kawżi konġunti C-317/08 sa C-320/08, *Rosalba Alassini u Oħrajn vs Telecom Italia SpA*, 2010 | **Restrizzjonijiet permessibbli** | QEDB, Artikolu 6 (dritt għal proċess ġust)<br>QEDB, Artikolu 13 (dritt għal rimedju effettiv)<br>QEDB, *Harrison Mckee vs L-Ungerija*, Nru 22840/07, 2014 |
| **Eżempji ta' restrizzjonijiet qabel is-sentenza jew id-deċiżjoni finali** | | |
| QtĠ-UE, C-530/11, *Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq*, 2014 | **Spejjeż tal-qorti** | QEDB, *Stankov vs Il-Bulgarija*, Nru 68490/01, 2007 |
| | **Formaliżmu eċċessiv** | QEDB, *Poirot vs Franza*, Nru 29938/07, 2011<br>QEDB, *Maširević vs Is-Serbja*, Nru 30671/08, 2014 |

| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| QtĠ-UE, C-415/10, *Galina Meister vs Speech Design Carrier Systems GmbH*, 2012<br>Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE), Artikolu 8<br>Direttiva li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi (2004/113/KE), Artikolu 9<br>Direttiva dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2006/54/KE), Artikolu 18<br>Direttiva Kwadru dwar l-Impjiegi (2000/78/KE), Artikolu 10 | **Ostakli għall-evidenza** | QEDB, *Klouvi vs Franza*, Nru 30754/03, 2011 |
| QtĠ-UE, Kawżi konġunti C-89/10 u C-96/10, *Q-Beef NV vs Belgische Staat* u *Frans Bosschaert vs Belgische Staat u Oħrajn*, 2011 | **Perjodi ta' limitazzjoni** | QEDB, *Bogdel vs Il-Litwanja*, Nru 41248/06, 2013 |
| | **Immunitajiet** | QEDB, *C.G.I.L. u Cofferati (Nru 2) vs L-Italja*, Nru 2/08, 2010 |
| **Dewmien fl-eżekuzzjoni tas-sentenzi finali** | | |
| TUE, Artikolu 4 (3) u Artikolu 19<br>Ordni ta' Infurzar Ewropea (Regolament (KE) Nru 805/2004)<br>Regolament ta' Brussell (Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001)<br>Regolament (UE) Nru 1215/2012<br>Regolament Nru 650/2012/UE<br>Regolament tal-Kunsill Nru 2201/2003<br>Regolament tal-Kunsill Nru 4/2009 | | QEDB, *Yuriy Nikolayevich Ivanov vs L-Ukraina*, Nru 40450/04, 2009<br>QEDB, *Burdov vs Ir-Russja (Nru 2)*, Nru 33509/04, 2009 |

Dan il-kapitolu jiddeskrivi fid-dettall il-liġi dwar il-limitazzjonijiet (restrizzjonijiet) għall-aċċess għall-ġustizzja; huwa relevanti għad-drittijiet l-oħrajn kollha li hemm referenza għalihom f'dan il-manwal. Restrizzjonijiet huma permessi jekk għandhom għan leġittimu, jekk ikunu proporzjonati u ma jfixklux il-qofol essenzjali tad-dritt. Taqsima 6.2 tipprovdi eżempji ta' limitazzonijiet komuni

fil-KtE u fl-UE. Il-lista ta' dawn il-limitazzjonijiet hija waħda illustrattiva u mhux eżawrijenti. Tinkludi spejjeż tal-qorti, formaliżmu eċċessiv, ostakoli għall-evidenza, perjodi ta' limitazzjoni u immunitajiet. Il-parti finali (Taqsima 6.3) tindirizza d-dewmien fl-eżekuzzjoni ta' sentenzi bħala forma oħra ta' restrizzjoni dwar l-aċċess għall-ġustizzja. Teżamina wkoll mekkaniżmi legali tal-UE immirati biex jiffaċilitaw l-infurzar ta' sentenzi fi ħdan l-UE, bħall-Ordni Ewropew ta' Infurzar[372].

## 6.1. Għan leġittimu u proporzjonalità

### Punti ewlenin

- Ir-restrizzjonijiet huma permessi jekk ikollhom għan leġittimu u jkunu proporzjonati. M'għandhomx ifixklu l-qofol essenzjali tad-dritt.
- Eżempji ta' għanijiet leġittimi jinkludu l-amministrazzjoni proprja tal-ġustizzja (per eżempju, l-impożizzjoni ta' spejjeż) u l-protezzjoni tal-libertà tad-diskors.
- Il-proporzjonalità tirrikjedi li jinħoloq bilanċ ġust bejn l-għan li jrid jinħoloq u l-miżuri użati.

Id-drittijiet skont l-Artikoli 6 u 13 tal-KEDB u l-Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE mhumiex assoluti, u jistgħu jkunu ristretti f'ċirkostanzi speċifiċi. Barra minn hekk, klawsoli ta' deroga fi standards ta' drittijiet tal-bniedem internazzjonali jippermettu lil xi stati biex jaġġustaw temporanjament uħud mill-obbligi tagħhom f'ċirkostanzi eċċezzjonali – bħal fi żminijiet ta' emerġenza pubblika ta' theddida għall-ħajja tan-nazzjon (ara, per eżempju, l-Artikolu 15 tal-QEDB).

**Skont il-liġi tal-KtE**, meta tiġi assessjata l-legalità ta' limitazzjoni, il-QEDB tikkunsidra l-importanza ta' aċċess għall-ġustizzja bħala prinċipju demokratiku[373]. Restrizzjoni legali għandu:

- jkollha għan leġittimu;

372 Regolament Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati, ĠU 2004 L143. Din ma tapplikax għad-Danimarka.

373 QEDB, *Kijewska vs Il-Polonja*, Nru 73002/01, 6 ta' Settembru 2007, paragrafu 46.

- tkun proporzjonata;
- tiżgura li l-qofol essenzjali tad-dritt ma jiġix indebolit.

L-Artikolu 6 tal-KEDB ma jiddefinixxix "għan leġittimu", iżda l-każistika tal-QEDB tipprovdi eżempji ta' għanijiet leġittimi bħal dawn. Dawn jinkludu restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-aċċess għall-qorti biex jipproteġu lil dawk li huma responsabbli għall-kura ta' pazjenti milli jiġu mhedda b'litigazzjoni[374], biex tkun żgurata l-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja[375], u biex tiġi protetta l-libertà tal-kelma tal-parlamentari u tinżamm is-separazzjoni tas-setgħat bejn il-ġudikatura u l-leġiżlatura[376].

Il-proporzjonalità hija prinċipju fundamentali fil-każistika tal-QEDB. Teħtieġ li jintlaħaq bilanċ ġust bejn l-għanijiet leġittimi tal-Istat u l-miżuri li l-Istat juża biex jilħaq dawk l-għanijiet. Il-proporzjonalità teħtieġ ukoll bilanċ ġust bejn id-drittijiet ta' indivdwu u l-interessi pubbliċi[377]. Aktar ma tkun sostanzjali l-interferenza mad-dritt, aktar tkun kbira l-ġustifikazzjoni meħtieġa[378]. Pereżempju, l-obbligu li tiġi mċedija kustodja qabel seduta ta' appell instabet li kienet interferenza sproporzjonata mad-dritt tal-aċċess għal qorti[379]. L-Istat iġorr l-oneru li jiġġustifika interferenza bħala proporzjonata, u għandu jikkunsidra li juża l-inqas miżura intruživa[380].

Eżempju: F'*Harrison Mckee vs l-Ungerija*[381], ir-rikorrent, li kien irrappreżentat minn avukat, beda proċedimenti ċivili kontra prosekutur pubbliku, fejn allega li ittra li ntbagħtet matul il-proċediment kriminali kien fiha tagħrif falz dwaru. Il-Qorti Reġjonali ta' Budapest sostniet li d-dritt tiegħu għal reputazzjoni nkiser iżda ċaħdet it-talba tiegħu għal kumpens, għaliex saħqet li din kienet eċċessiva u li ma setax jagħti prova li ġarrab xi tip

374 QEDB, *Ashingdane vs Ir-Renju Unit*, Nru 8225/78, 28 ta' Mejju 1985, paragrafu 57.

375 QEDB, *Harrison Mckee vs L-Ungerija*, Nru 22840/07, 3 ta' Ġunju 2014.

376 QEDB, *A. vs Ir-Renju Unit*, Nru 35373/97, 17 ta' Diċembru 2002, paragrafu 77.

377 Bħala eżempju tal-bilanċ bejn il-protezzjoni tax-xhieda u d-drittijiet tad-difiża, ara eż. QEDB, *Van Mechelen u Oħrajn vs In-Netherlands*, Nri 21363/93, 21364/93, 21427/93 u 22056/93, 23 ta' April 1997, paragrafi59–65.

378 *Ibid.*, f'paragrafu60.

379 QEDB, *Papon vs Franza (Nru 2)*, Nru 54210/00, 25 ta' Lulju 2002, paragrafu 100.

380 QEDB, *Saint-Paul Il-Lussemburgu S.A. vs Il-Lussemburgu*, Nru 26419/10, 18 ta' April 2013, paragrafu 44.

381 QEDB, *Harrison Mckee vs L-Ungerija*, Nru 22840/07, 3 ta' Ġunju 2014.

ta' danni attwali. Ir-rikorrent ġie ordnat iħallas madwar €2,900, fi spejjeż tal-qorti. Ir-rikorrent appella quddiem il-Qorti tal-Appell ta' Budapest, li laqgħet id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza li r-rikorrent għandu jħallas l-ispejjeż tal-qorti ikkalkulati bħala perċentwal mill-parti miċħuda tat-talbiet tiegħu.

Il-QEDB tenniet li d-dritt tal-aċċess għal qorti mhuwiex assolut u jista' jkun limitat. Il-limitazzjonijiet ma għandhomx jillimitaw jew inaqqsu l-aċċess ta' persuna b'tali mod jew sa tali punt li l-essenza tad-dritt tiġi mxekkla. F'dan il-każ, il-Qorti ma rat l-ebda raġuni biex tiddubita li r-rikorrent, bl-għajnuna tal-avukat tiegħu, setgħet iddeterminat dik li kienet tkun 'talba' raġjonevoli u b'hekk, l-ammont ta' spejjeż tal-qorti f'każ li l-azzjoni ma tkunx ta' suċċess. L-għanijiet li jiġu imposti spejjeż tal-qorti kienu kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u l-proċeduri pprovdew salvagwardji adegwati biex jiġi żgurat li dan ir-rekwiżit ma jikkonstitwixxix piż finanzjarju sproporzjonali fuq rikorrenti ta' *bona fide* . Il-Qorti sabet li l-Artikolu 6 tal-KEDB ma nkisirx.

Approċċ simili jittieħed **skont il-liġi tal-UE.** Il-limitazzjonijiet għandhom ikunu proporzjonali u jirrispettaw l-essenza tad-dritt. Dan ifisser li l-limitazzjonijiet ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li hu xieraq u neċessarju biex jiġu ssodisfati "l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxut mill-Unjoni" jew biex jipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet tal-oħrajn[382]. L-Istat għandu juża l-inqas miżura oneruża disponibbli[383].

Eżempju: F'*Rosalba Alassini vs Telecom Italia SpA*[384], il-QtĠ-UE qieset erba' referenzi preliminari konġunti mill-Giudice di *Pace di Ischia* li jikkonċernaw klawsoli li skonthom, tentattivi biex kawżi jiġu solvuti barra mill-qorti kienet kundizzjoni mandatorja sabiex ċertu tilwim jiġi ammissibbli quddiem

382 L-Ispjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jikkonfermaw li "r-referenza għal interessi ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni tkopri kemm l-objettivi msemmija f'Art. 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea kif ukoll interessi oħrajn protetti b'dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Trattati bħal Art. 4(1) tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 35(3), 36 u 346 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea". QtĠ-UE, C-92/09 u C-93/09, *Volker und Markus Schecke GbR u Hartmut Eifert vs Land Hessen*, 9 ta' Novembru 2010, paragrafu 74.

383 Pereżempju, fir-rigward tal-penali, ara C-443/13, *Ute Reindl vs Bezirkshauptmannschaft Innsbruck*, 13 ta' Novembru 2014, paragrafu 40.

384 QtĠ-UE, Kawżi konġunti C-317/08 sa C-320/08, *Rosalba Alassini vs Telecom Italia SpA, Filomena Califano vs Wind SpA, Lucia Annia Giorgia Iacono vs Telecom Italia SpA* u *Multiservice Srl vs Telecom Italia SpA*, 18 ta' Marzu 2010, paragrafu63–65.

il-qrati nazzjonali. Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali)

Il-QtĠ-UE kkonfermat li ħafna mid-drittijiet fundamentali ma jikkostitwixxux "prerogattivi bla ristrezzjoni" u jistgħu jiġu ristretti. Saret referenza għal każistika tal-QEDB u ġie enfasizzat li restrizzjonijiet kellhom jikkorrespondu għall-objettivi ta' interess ġenerali. Dawn ma għandhomx ikunu sproporzjonati jew imorru kontra s-sustanza nnifisha tad-drittijiet garantiti. L-għanijiet tad-dispożizzjonijiet nazzjonali in kwistjoni - soluzzjoni aktar mgħaġġla u inqas għalja għal solvien ta’ tilwim, u t-tħaffif tal-piż minn fuq is-sistema tal-qrati - kienu leġittimi, u l-impożizzjoni ta’ proċedura ta’ solvien barra mill-qorti ma dehritx, bil-fatti, li kienet waħda sproporzjonata fir-rigward tal-objettivi segwiti.

# 6.2. Eżempji ta’ restrizzjonijiet qabel is-sentenza jew id-deċiżjoni finali

## Punti ewlenin

- It-tariffi u l-ispejjeż tal-qorti jistgħu jikkostitwixxu restrizzjoni illegali tal-aċċess għall-ġustizzja jekk ikunu għoljin wisq, għaliex dawn jistgħu jċaħdu lil individwi mid-dritt tagħhom li jaċċessaw il-qorti. L-adegwatezza ta’ tariffa tiddependi fuq il-fatti ta’ kull każ, inkluż il-mezzi tar-rikorrent.
- Formaliżmu eċċessiv (interpretazzjoni stretta tar-regoli tal-proċedura) jista’ jċaħħad lir-rikorrenti mid-dritt tagħhom ta’ aċċess għall-qorti.
- Livelli evidenzjali għoljin jistgħu joħolqu ostakli għall-aċċess għall-ġustizzja. Il-presuppożizzjonijiet ta’ fatt jew liġi (eż. il-presuppożizzjonijiet ta’ diskriminazzjoni) jistgħu jassistu lil individwi sabiex isegwu l-każijiet tagħhom.
- Il-perjodi ta’ limitazzjoni għandhom ikunu proporzjonali u jservu għan leġittimu - bħal amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja jew il-prevenzjoni tal-inġustizzji li jirriżultaw minn pretensjonijiet antiki.
- L-immunitajiet jistgħu jkunu permessi jekk iservu għan leġittimu - pereżempju, il-protezzjoni ta’ diskors parlamentari jew uffiċjali pubbliċi li jwettqu dmirijiethom.

Din it-taqsima tindirizza wħud mir-restrizzjonijiet li kienu s-soġġett ta' deċiżjoni minn naħa tal-QEDB u tal-QtĠ-UE. Xi ostakli jistgħu jiġu deskritti bħala ċirkostanzi fattwali - pereżempju, dewmien jew formaliżmu eċċessiv - filwaqt li oħrajn huma riżultat ta' dispożizzjonijiet legali -pereżempju, perjodi ta' limitazzjoni, immunitajiet, u ostakli għal evidenzi. Din mhijiex lista eżawrjenti. Ostakli oħra jinkludu l-pożizzjoni legali (ara diskussjoni ulterjuri fit- Taqsima 8.4 dwar il-liġi ambjentali) u d-dewmien eċċessiv tal-proċeduri (ara l-Kapitolu 7)[385].

## 6.2.1. Spejjeż tal-qorti

L-ispejjeż tal-qorti jistgħu jassistu l-amministrazzjoni effiċjenti tal-ġustizzja (pereżempju, billi jiskoraġġixxu lil partijiet abbużivi jew billi jnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi), iżda jistgħu wkoll jirrestrinġu l-aċċess għall-ġustizzja. Spejjeż eċċessivi tal-qorti li jipprevjenu lil partijiet milli jressqu pretensjoni ċivili jistgħu jikkostitwixxu ksur tal-Artikolu 6 (1) tal-KEDB[386].

**Skont il-liġi tal-KtE u l-liġi tal-UE**, l-ispejjeż tal-qorti mhumiex awtomatikament inkompatibbli mal-Artikolu 6 (1) tal-KEDB jew mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Madankollu, jekk l-ispejjeż tal-qorti jkunu għoljin wisq, dawn jisgħu jċaħħdu lill-individwi mid-dritt tagħhom ta' aċċess għall- qorti[387]. Pereżempju, il-QEDB sabet spejjeż sproporzjonati li jammontaw għal madwar erba' darbiet id-dħul ta' xahar ta' rikorrent[388].

> Eżempju: Fi *Stankov vs Il-Bulgarija*[389], ir-rikorrent ħarrek lill-Istat b'suċċess għal detenzjoni illegali u ngħata kumpens għad-danni. Madankollu, hu ntalab iħallas spiża tal-qorti li ammontat għal kważi 90 % tal-kumpens li l-Istat kien ġie ordnat iħallas. Bħala konsegwenza, ir-rikorrent effettivament tilef il-kumpens tiegħu, minkejja li l-qrati Bulgari inekwivokabbilment aċċettaw li hu kien intitolat għalih.

---

385 FRA (2011), *Access to justice in Europe: an overview of challenges and opportunities*, p. 38.

386 QEDB, *Kreuz vs Il-Polonja*, Nru 28249/95, 19 ta' Ġunju 2001, paragrafi 61-67.

387 QEDB, *Perdigão vs Il-Portugall* [QĠ], Nru 24768/06, 16 ta' Novembru 2010, paragrafu 74. Ara wkoll Nazzjonijiet Uniti (NU), Kumitat dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (HRC) (2008), *Kawża Nru 1514/2006*, *Casanovas vs Franza*, 28 ta' Ottubru 2008, paragrafu11.3.

388 QEDB, *Kijewska vs Il-Polonja*, Nru 73002/01, 6 ta' Settembru 2007, paragrafu 47.

389 QEDB, *Stankov vs Il-Bulgarija*, Nru 68490/01, 12 ta' Lulju 2007.

Il-QEDB innutat li, fi proċeduri għal danni kontra l-istat, regoli dwar spejjeż legali għandhom jevitaw li jpoġġu piż eċċessiv fuq il-partijiet. L-ispejjeż ma għandhomx ikunu eċċessivi jew jikkostitwixxu xi restrizzjoni irraġonevoli fuq id-dritt għal aċċess għal xi tribunal. Għalkemm l-impożizzjoni ta' spejjeż tal-qorti kienet kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, ir-rata tal-ispejjeż tal-qorti, relattivament għolja u inflessibli għal kollox, f'dan il-każ, ammontat għal restrizzjoni sproporzjonata fuq id-dritt tar-rikorrent għal qorti. Diversi soluzzjonijiet proċedurali użati fi Stati Membri oħra - bħat-tnaqqis jew tneħħija ta' spejjeż tal-qorti f'azzjonijet għaddanni kontra l-Istat jew l-għoti ta' diskrezzjoni lill-qrati meta jiġu biex jinħadmu l-ispejjeż - kienu assenti. Il-Qorti sabet ksur tal-Artikolu 6 (1) tal-KEDB.

**Skont il-liġi tal-UE**, il-kwistjoni tal-ispejjeż ġiet ikkunsidrata fir-rigward tal-aċċess għar-rekwiżiti tal-ġustizzja skont id-direttiva li timplimenta l-Konvenzjoni ta' Aarhus (ara t-Taqsima 8.4 dwar il-liġi ambjentali)[390].

Eżempju: Fi *Il-Kummisjoni Ewropea vs Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq*[391], grupp ta' NGOs ressaq ilment quddiem il-Kummissjoni Ewropea, fejn allega li individwi u gruppi tas-soċjetà ċivili ma setgħux isegwu kawżi fil-qrati tar-Renju Unit minħabba "spiża projbittiva" ta' azzjonijiet legali u, speċifikament, l-applikazzjoni tal-prinċipju "jħallas min jitlef", li teħtieġ lill-parti telliefa tkopri l-ispejjeż legali tal-parti rebbieħa. Huma argumentaw li dan jikser l-aċċess għad-dispożizzjonijiet tal-ġustizzja (Artikoli 3 (7) u 4 (4)) tad-direttiva li timplimenta l-Konvenzjoni ta' Aarhaus, li fost l-oħrajn, tipprojbixxi l-proċeduri ta' reviżjoni milli jsiru "spiża projbittiva". Il-Kummisjoni Ewropea ressqet il-każ quddiem il-QtĠ-UE.

Il-QtĠ-UE kkunsidrat x'kien mifhum bi "spiża projbittiva" fid-direttiva. Din l-evalwazzjoni kienet teħtieġ valutazzjoni oġġettiva u soġġettiva. L-ispejjeż ma għandhomx ikunu "oġġettivament irraġonevoli", iżda wkoll

390 NU, Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) (1998), Convention on Access to Information, Public Participation in Decision-Making u Access to Justice in Environmental Matters (Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, 25 ta' Ġunju 1998.

391 QtĠ-UE, C-530/11, *Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq*, 13 ta' Frar 2014. Ara wkoll QtĠ-UE, C-260/11, *The Queen, fuq talba ta' David Edwards u Lilian Pallikaropoulos vs Environment Agency Oħrajn*, 11 ta' April 2013.

ma jistgħux jaqbżu r-riżorsi finanzjarji tal-persuna kkonċernata. Fil-valutazzjoni ta' x'inhu soġġettivament raġjonevoli, jistgħu jitqiesu numru ta' fatturi li jinkludu: (i) jekk il-kawża jkollhiex prospetti raġjonevoli ta' suċċess; (ii) x'hemm involut għar-rikorrent u l-protezzjoni tal-ambjent; u (iii) il-kumplessità tal-liġi u tal-proċedura rilevanti. Din il-valutazzjoni ma tinbidilx fil-prim'istanza u fl-appell. Ir-Renju Unit naqas milli jittrasponi b'mod korrett id-direttiva.

L-ispejjeż għandhom jiġu vvalutati fid-dawl ta' ċirkustanzi partikolari tal-każ - inkluż il-kapaċità tal-individwu li jħallas - sabiex jiġi ddeterminat jekk ir-rikorrent għadux igawdi mid-dritt ta' aċċess għal qorti[392]. Dan id-dritt jista' jiġi miksur miċ-ċaħdiet għar-rimbors tal-ispejjeż tal-parti rebbieħa[393]. L-Istati għandhom jiżguraw li ħtieġa li tiġi ffinanzjata l-amministrazzjoni tal-ġustizzja ma tinnegax id-dritt għall-aċċess għal qorti. Liġijiet nazzjonali spiss jipprovdu l-possibbiltà li ssir applikazzjoni għal għajnuna legali biex jiġu koperti l-ispejjeż tal-qorti (ara l-Kapitolu 3 dwar l-għajnuna legali). Proċeduri ssimplifikati jistgħu jgħinu wkoll; dawn jistgħu jkunu simili fin-natura għal dawk tal-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar kif diskuss fit-Taqsima 8.5, u li ta' spiss ikunu jiswew inqas u jkunu iktar mgħaġġla.

### Prattika promettenti

## Tnaqqis ta' spejjeż u proċeduri ta' simplifikazzjoni

Fir-Renju Unit (Ingilterra u Wales), il-gvern introduċa *Money Claim Online (MCOL)* bħala soluzzjoni għal proċeduri twal u li jiswew il-flus għal talbiet żgħar. It-talbiet għandhom ikunu għal ammonti ta' inqas minn £100,000 u għandhom ikunu kontra xi ħadd b'indirizz ġewwa l-Ingilterra jew Wales.

*Sors: Il-Kunsill tal-Ewropa, CEPEJ (2014), Report on 'European judicial systems – Edition 2014 (2012 data): efficiency u quality of justice' (Rapport dwar 'sistemi ġudizzjarji Ewropej - Edizzjoni 2014 (dejta 2012): effiċjenza u kwalità tal-ġustizzja'), p. 260. Ara wkoll www.gov.uk/make-money-claim-online u www.inbrief.co.uk/preparing-for-trial/problems-with-small-claims.htm.*

392 Ara wkoll QEDB, *Tolstoy Miloslavsky vs Ir-Renju Unit*, Nru 18139/91, 13 ta' Lulju 1995, paragrafi61-67 (li tqis raġjonevoli r-rekwiżit li jitħallas depożitu sostanzjali ta' garanzija fir-rigward tal-ispejjeż legali tal-parti opposta għaliex l-appell ma kienx ikkunsidrat meritevoli).

393 QEDB, *Stankiewicz vs Il-Polonja*, Nru 46917/99, 6 ta' April 2006, paragrafi 60 u 75.

### 6.2.2. Formaliżmu eċċessiv

Formaliżmu eċċessiv jirreferi għal interpretazzjonijiet partikolarment stretti ta' regoli proċedurali li jistgħu jċaħħdu lir-rikorrenti mid-dritt tagħhom għall-aċċess għal qorti. Dan jista' jinkludi interpretazzjonijiet stretti ta' limiti ta' żmien, regoli ta' proċedura u evidenza.

> Eżempju: Fi *Poirot vs Franza*[394], ir-rikorrent, mara b'diżabilitajiet, ippreżentat ilment kriminali li jallega li ġiet attakkata sesswalment u stuprata f'dar residenzjali għall-kura. Fl-2002, infetħet investigazzjoni ġudizzjarja dwar l-allegazzjonijiet. Fl-2006, l-imħallef inkwirenti emenda l-akkużi biex jiġi allegat biss attakk sesswali, u ressaq l-akkużat għal ġuri quddiem il-qorti kriminali lokali. Ir-rikorrent appellat għar-riklassifikazzjoni tal-atti allegati għax ikkunsidrat li l-offiżi kienu serji biżżejjed biex jitressqu quddiem il-*Cour d'Assise*. L-appell tagħha ġie miċħud. Id-deċiżjoni ddikjarat li l-avviż tal-appell tagħha ma semmiex espliċitament ir-raġunijiet għall-appell. Ir-rikorrent wara appellat din id-deċiżjoni skont il-punti tal-liġi, iżda għal xejn. Il-ħati ġie aktar tard illiberat.Ir-rikorrent allegat li r-rifjut tal-appell tagħha ċaħħadha mid-dritt tagħha għal aċċess għall-qorti.
>
> Il-QEDB osservat li l-Proċedura tal-Kodiċi Kriminali ma talbitx formalment lir-rikorrent sabiex tagħmel referenza espliċita għar-raġunijet għall-appell tagħha. Id-dipożizzjoni rilevanti tal-kodiċi inkwistjoni kienet l-unika ħaġa li ppermettiet lir-rikorrent tisfida s-sentenza mogħtija mill-imħallef inkwirenti. Il-Qorti aċċettat li l-awtoritajiet nazzjonali kienu fl-aħjar pożizzjoni biex jinterpretaw il-leġiżlazzjoni domestika. Madankollu, l-awtoritajiet ġudizzjarji applikaw ir-regoli ta' proċedura rilevanti, b'mod eċċessivament formalistiku, u b'hekk kissru d-dritt tar-rikorrent għall-aċċess għal qorti. Il-Qorti għalhekk sabet ksur tal-Artikolu 6 (1) tal-KEDB.

L-irwol tal-Qorti u modi alternattivi ta' rimedju disponibbli għar-rikorrent jistgħu jkunu rilevanti fl-eżaminazzjoni tal-kwistjoni tal-formaliżmu. Pereżempju, meta l-qorti għandha rwol uniku fir-reviżjoni tad-deċiżjonijiet amministrattivi, li taġixxi kemm bħala qorti tal-Prim'Istanza kif ukoll tal-aħħar istanza,

394 QEDB, *Poirot vs Franza*, Nru 29938/07, 15 ta' ta' Diċembru 2011, paragrafu 46.

il-proċeduri m'għandhomx ikunu eċċessivament formalistiċi, għaliex dan iċaħħad lill-individwi minn modi ta' rimedju[395].

Kostruzzjoni partikolarment stretta ta' regoli ta' proċedura tista' ċċaħħad lir-rikorrenti mid-dritt tagħhom għall-aċċess għal qorti[396]. Pereżempju, jekk regola ta' proċedura - bħal limitu ta' żmien - tkun imfassla b'tali mod li tipprevjeni l-azzjonijiet tar-rikorrent milli jkunu evalwati fuq il-merti, dan idgħajjef id-dritt ta' aċċess għal qorti[397].

Eżempju: Fil-kawża *Maširević vs Is-Serbja*[398], ir-rikorrent, avukat prattikanti, fetaħ kawża ċivili fil-qorti muniċipali, fejn talab pagament mingħand kumpanija tal-assigurazzjoni privata għas-servizz ipprovdut konformi ma' ftehim ta' ħlas legali. Għall-ewwel, il-Qorti ordnat li jsir il-pagament, iżda wara kontrotalba mill-kumpanija tal-assigurazzjoni, annullat l-ordni u ddikjarat il-kuntratt null u bla effett. Il-qorti tal-appell laqgħet din is-sentenza u r-rikorrent fetaħ appell fuq punti ta' dritt fil-Qorti Suprema. Il-Qorti Suprema ċaħdet l-appell, waqt li ddikjarat li r-rikorrent ma kienx intitolat li jressaq l-appell għax l-Artikolu 84 tal-Att Serb dwar il-Proċeduri Ċivili speċifika li appell fuq punti ta' dritt jista' jiġi ppreżentat biss minn avukat legali, u mhux personalment mill-attur. Il-Qorti Suprema ddikjarat li, f'konformità ma' dan l-Att, il-partijiet fil-kawża tilfu l-kapaċità ġuridika li jiftħu appell fuq punti ta' dritt b'mod individwali, anke jekk huma nfushom kienu avukati.

Il-QEDB iddeċidiet li din l-interpretazzjoni partikolarment stretta tar-regola proċedurali dgħajfet id-dritt ta' aċċess għal qorti. Il-Qorti ddikjarat illi, f'każijiet bħal dawn, ir-rwol tagħha kien li tiddeċiedi jekk l-għan tar-regoli ta' proċedura in kwistjoni kienx li tiġi żgurata l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u l-prinċipju taċ-ċertezza legali. L-interpretazzjoni tal-Qorti Suprema tar-regola in kwistjoni ma qdietx dawn l-għanijiet u r-rikorrent

395 Ara, pereżempju, QEDB, *Sotiris u Nikos Koutras ATTEE vs. Il-Greċja*, Nru 39442/98, 16 ta' Novembru 2000, paragrafu22 u QEDB, *Shulgin vs L-Ukraina*, Nru 29912/05, 8 ta' Diċembru 2011, paragrafu65.

396 QEDB, *Běleš u Oħrajn vs Ir-Repubblika Ċeka*, Nru 47273/99, 12 ta' Novembru 2002, paragrafu 69.

397 QEDB, *Miragall Escolano u Oħrajn vs Spanja*, Nri 38366/97, 38688/97, 40777/98, 40843/98, 41015/98, 41400/98, 41446/98, 41484/98, 41487/98 u 41509/98, 25 ta' Mejju 2000, paragrafi 33 u 36.

398 QEDB, *Maširević vs Is-Serbja*, Nru 30671/08, 11 ta' Frar 2014.

kien imċaħħad minn investigazzjoni sħiħa tal-merti tal-allegazzjonijiet tiegħu. Għalhekk, il-Qorti sabet li kien hemm ksur tal-Artikolu 6 (1) tal-KEDB.

Il-formaliżmu eċċessiv jaf iseħħ ukoll meta l-qorti tattribwixxi importanza kbira għal konsiderazzjoni fattwali (bħal status ta' residenza illegali ta' rikorrent) mingħajr ma tibbilanċja dan b'mod xieraq mad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent (per eżempju, id-dritt għall-ħajja tal-familja skont l-Artikolu 8)[399]. Il-prattika awto-riflessiva taf tassisti lill-qrati sabiex jevitaw prattiki li jistgħu jkunu ta' theddida għall-aċċess għall-ġustizzja.

Prattika promettenti

**Il-promozzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja billi jitnaqqas il-formaliżmu eċċessiv.**

Il-Qorti Amministrattiva ta' Yambol (il-Bulgarija) ingħata il-Premju tal-Crystal Scales of Justice 2010 għall-isforzi tagħha biex tipprovdi informazzjoni ċara u trasparenti dwar is-servizzi tagħha, sabiex tippromwovi l-fiduċja fil-proċess ġudizzjarju. Il-qorti implimentat pjan ta' azzjoni mmirat lejn iċ-ċittadini u l-midja; u teħtieġ lill-persunal ġuridiku tagħha biex juża lingwaġġ sempliċi meta jikkomunika maċ-ċittadini. Azzjonijiet oħra jinkludu l-adozzjoni ta' 'Karta tal-Klijenti' – wegħda bil-miktub mill-qorti biex tippreżenta s-servizzi tagħha fi stil li jinftiehem, trasparenti u preċiż. Miżuri bħal dawn jistgħu jtejbu l-aċċess tal-individwi għall-qorti għax jgħinu sabiex jitnaqqsu forom ta' komunikazzjoni kkumplikati żżejjed. L-istħarriġ jikkonferma li l-perċezzjoni tal-pubbliku tal-attivitajiet tal-qorti tjiebet ħafna.

*Sors: Il-Premju tal-Crystal Scales of Justice 2010 organizzat b'mod konġunt mill-Kunsill tal-Ewropa u mill-Kummissjoni Ewropea.*

### 6.2.3. Ostakli għall-evidenza

Sabiex l-individwi jiksbu rimedju xieraq mill-qrati, huma għandhom jipprovdu evidenza suffiċjenti biex jappoġġjaw il-każijiet tagħhom. Jekk il-livelli tal-evidenza jkunu għoljin wisq, l-azzjonijiet quddiem il-qrati jafu jkunu kkundannati

399 QEDB, *Rodrigues Da Silva u Hoogkamer vs In-Netherlands*, Nru 50435/99, 31 ta' Jannar 2006, paragrafu 44.

biex ma jirnexxux u d-drittijiet legali individwali jafu fil-prattika ma jkunux jistgħu jiġu infurzati[400].

F'ċerti każijiet, l-ostakli għall-evidenza jistgħu jitnaqqsu billi jiġu introdotti rekwiżiti speċifiċi dwar liema parti għandha tagħti prova tal-elementi tal-każ (l-oneru tal-provi meħtieġa). Per eżempju, fi kwistjonijiet kriminali, l-oneru tal-prova jaqa' f'idejn il-prosekuzzjoni. Għalhekk, il-prosekuzzjoni għandha d-dmir li tagħti prova tal-każ kontra l-persuna akkużata b'reat kriminali. Dan huwa marbut mal-preżunzjoni tal-innoċenza skont l-Artikolu 6 (2) tal-KEDB u l-Artikolu 48 (1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Oneri tal-prova inversi jafu jfixklu l-preżunzjoni tal-innoċenza.

Madankollu, f'każijiet speċifiċi u limitati ħafna, **skont il-liġi tal-KtE**, l-oneru tal-evidenza jaf jiġi mgħoddi f'idejn id-difiża. L-importanza ta' dak li hemm involut u l-protezzjonijiet li qegħdin hemm biex jipproteġu d-drittijiet tad-difiża għandhom jiġu kkunsidrati meta jkun ser jiġi ddeterminat jekk oneru invers huwiex aċċettabbli[401].

Eżempju: Fil-kawża *Klouvi vs Franza*[402], ir-rikorrent ressqet ilment kriminali kontra l-line maniġer preċedenti tagħha, P., fl-1994, fejn allegat stupru u fastidju sesswali. Fl-1998, l-imħallef inkwirenti ddeċieda li ma kien hemm l-ebda każ, peress li ma kienx hemm evidenza biżżejjed. Sadanittant, P. fetaħ proċeduri kriminali kontra r-rikorrent għal prosekuzzjoni malizzjuża. Ir-rikorrent ingħatat sentenza ta' ħabs sospiża u kienet mitluba tħallas id-danni. L-appell tagħha ġie miċħud. Hi lmentat li l-preżunzjoni tal-innoċenza kienet inkisret.

Il-QEDB għarfet li kull sistema domestika tuża presuppożizzjonijiet legali. Madankollu, f'din il-kawża, is-sentenza kienet ibbażata fuq applikazzjoni stretta tal-kodiċi kriminali – fejn sostniet illi l-ewwel, jekk ma kien hemm l-ebda każ, dan kien neċessarjament ifisser li l-akkużi tar-rikorrent kienu foloz, u t-tieni, illi peress li r-rikorrent ilmentat dwar stupru u fastidju sesswali ripetut, hi kellha tkun taf li l-allegazzjonijiet tagħha ma kinux veri, u kienet qiegħda tistabbilixi prosekuzzjoni malizzjuża intenzjonata. Il-preżunzjonijiet li saru kienu jfissru illi hi ma kellha l-ebda mezz biex

400 FRA (2011), *Access to justice in Europe: an overview of challenges and opportunities*, p. 62.

401 QEDB, *Salabiaku vs Franza*, Nru 10519/83, 7 ta' ta' Ottubru 1988.

402 QEDB, *Klouvi vs Franza*, Nru 30754/03, 30 ta' Ġunju 2011.

tiddefendi lilha nfisha kontra l-akkuża ta' prosekuzzjoni malizzjuża. Dan kiser l-Artikolu 6 (2) tal-KEDB.

Presuppożizzjonijiet oħrajn tal-fatt jafu jitfaċċaw f'ċirkostanzi speċifiċi. Per eżempju, f'każijiet li jikkonċernaw l-Artikolu 3 tal-KEDB (tortura jew trattamanet inuman u degradanti), fejn l-avvenimenti rilevanti seħħew fi ħdan il-kontroll tal-istat (per eżempju, fil-ħabs), l-oneru tal-prova jaf jgħaddi f'idejn l-istat. Danifisser illi l-awtoritajiet għandhom jipprovdu spjegazzjoni sodisfaċenti u konvinċenti fejn jidħlu korrimenti mġarrba waqt detenzjoni[403].

Fi ħdan l-UE, Proposta tal-Kummissjoni Ewropea dwar Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill timmira li ssaħħaħ ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza fi ħdan l-UE[404]. L-Artikolu 5 tal-abbozz tat-test ta' kompromess attwali jikkonferma l-preżunzjoni tal-innoċenza, u jitlob li l-Istati Membri jassiguraw li meta l-ħtija tas-suspettati u tal-persuni akkużati tiġi stabbilita, l-oneru talprova jkun tal-prosekuzzjoni[405].

Barra minn hekk, **skont il-liġi tal-UE**, issa sar japplika reġim speċifiku għall-individwi li jkunu qegħdin jippruvaw jistabbilixxu diskriminazzjoni, li tradizzjonalment kienu jaffaċċjaw ostakli tal-evidenza partikolarment kumplessi[406]. Skont il-liġi tal-UE, ladarba l-attur ikun stabbilixxa każijiet ġodda fuq il-fatti, tirriżulta preżunzjoni tad-diskriminazzjoni, u l-parti mitluba tirrispondi jkollha tagħti prova li d-diskriminazzjoni ma seħħitx. Din il-bidla fl-oneru tal-prova hija issa inkorporata fil-leġislazzjoni tal-UE dwar in-non-diskriminazzjoni, bħad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali u d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi[407]. Dawn id-direttivi huma eċċezzjonijiet għar-rekwiżiti normali tal-evidenza, li jobbligaw lir-rikorrenti jagħtu prova tal-elementi kollha tal-każijiet tagħhom.

403 QEDB, *Gurgurov vs Il-Moldova*, Nru 7045/08, 16 ta' Ġunju 2009, paragrafu 56.

404 Il-Kummissjoni Ewropea (2013), Proposta dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali, COM(2013) 821 finali, Brussell, 27 ta' Novembru 2013, Art. 5(2).

405 Ara http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-13471-2015-INIT/en/pdf.

406 QtĠ-UE, C-127/92, *Dr. Pamela Mary Enderby vs Frenchay Health Authority u Secretary of State for Health*, 27 ta' Ottubru 1993. Ara wkoll FRA (2011), *Handbook on European non-discrimination law*, Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet.

407 F'termini ta' leġiżlazzjoni tal-UE li tintegra bidliet fl-oneru tal-prova, ara d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali, Art.8; id-Direttiva dwar Prodotti u Servizzi tal-Ġeneru, Art.9; id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, Art.18; u d-Direttiva Qafas dwar l-Impjiegi, Art. 10.

Eżempju: F'*Galina Meister vs Speech Design Carrier Systems GmbH*[408], persuna ta' nazzjonalità russa applikat għal kariga vakanti ta' "żviluppatur tas-softwer esperjenzat". L-applikazzjoni tagħha ma ġietx aċċettata. It-tieni riklam bl-istess kontenut ġie ppubblikat mill-istess kumpanija ftit wara. L-applikazzjoni mill-ġdid tar-rikorrenta reġgħet ġiet irrifjutata. Hi sostniet li kienet vittma ta' diskriminazzjoni abbażi tas-sess, età u oriġini etnika tagħha. Hi ppreżentat rikors għal kumpens għal diskriminazzjoni fl-impjieg u l-iżvelar tal-fajl tagħha. Ir-rikors ġie miċħud, u l-appell tagħha kontra dik id-deċiżjoni ġie miċħud ukoll. Imbagħad , hi appellat lill-Qorti tal-Impjiegi Federali, li rrefera lil- QTĠ-UE il-kwistjoni ta' jekk ir-rikorrenta setgħetx titlob id-dritt għall-informazzjoni fuq il-bażi ta' direttivi varji.

Il-QTĠ-UE nnotat li persuni li jikkunsidraw lilhom infushom li ġew iddiskriminati għandhom inizjalment jistabbilixxu fatti li minnhom jista' jiġi presunt li kien hemm diskriminazzjoni. Hu biss wara li jiġu stabbiliti l-fatti li l-konvenut jista' jagħti prova li ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni. Il-QTĠ-UE kienet tal-fehma li r-rifjut għall-informazzjoni mill-konvenut seta jippreveni lir-rikorrenta milli tistabbilixxi l-fatti inizjali. Il-qorti tar-rinviju kellha tiżgura li din iċ-ċaħda ma impedixxitx lir-rikorrenta milli tistabbilixxi l-każ tagħha.

## 6.2.4. Perjodi ta' limitazzjoni

Il-perjodi ta' preskrizzjoniji jistabilixxu limiti ta' żmien li fihom parti għandha tagħmel talba, jew tagħti avviż ta' talba, lill-parti oħra. L-impożizzjoni ta' limiti ta' żmien raġjonevoli u kundizzjonijiet proċedurali għall-invokazzjoni ta' talbiet tista' jippromwovi l-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja billi tiżgura ċ-ċertezza u l-finalità legali u tipproteġi konvenuti potenzjali minn pretensjonijiet antiki li jaf ikunu diffiċli biex jiġu miġġielda minħabba li jkun għadda ż-żmien[409]. **Skont il-liġi tal-KtE u l-liġi tal-UE,** limitu ta' żmien, bħala prinċipju, ma jiksirx l-Artikolu 6 (1) tal-KEDB jew l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, rispettivament.

**Skont il-liġi tal-KtE**, għalkemm perjodi ta' preskrizzjoni huma karatteristika komuni ta' sistemi legali interni u jaqdu diversi għanijiet importanti, biex ikunu

408 QtĠ-UE, C-415/10, *Galina Meister vs Speech Design Carrier Systems GmbH*, 19 ta' April 2012. Ara wkoll QtĠ-UE, C-83/14, *CHEZ Razpredelenie Il-Bulgarija AD vs Komisia za zashtita ot diskriminatsia*, 16 ta' Lulju 2015.

409 QEDB, *MPP Golub vs L-Ukraina*, Nru 6778/05, 18 ta' ta' Ottubru 2005.

legali, għandhom jeżerċitaw għan leġittimu u jkunu proporzjonati għal dak l-għan[410].

Eżempju: F'*Bogdel vs Il-Litwanja*[411], ir-rikorrenti wirtu biċċa art li kienet inxtrat mill-istat. Għaxar snin wara, il-qorti kienet tal-fehma li l-bejgħ inizjali kien illegali u li l-art kellha tiġi rritornata lill-gvern mingħajr ħlas. Ir-rikorrenti appellaw; il-qorti tal-appell kienet tal-fehma li l-ammont li tħallas oriġinarjament għall-art għandu jitħallas lura, iżda l-pussess ġie rrifjutat. Ir-rikorrenti sostnew li l-pretensjoni tal-istat għall-art kellha tkun preskritta.

Il-QEDB tenniet li perjodi ta' preskrizzjoni "huma karatteristika komuni tas-sistemi legali interni tal-Istati Kontraenti". Jiżguraw ċertezza legali, jipproteġu konvenuti potenzjali u jipprevjenu inġustizzji li jistgħu jirriżultaw li kieku l-qrati kienu obbligati li jiddeċiedu fuq avvenimenti li seħħew fil-passat, fuq il-bażi ta' evidenza li jista' jkun ma tkunx għadha affidabbli jew kompleta. Hawnhekk, ir-rikorrenti argumentaw quddiem il-QEDB li kienet ħaġa diskriminatorja li jiġu applikati regoli diversi rigward id-data tal-bidu għall-perjodi ta' preskrizzjoni lil awtoritajiet tal-Istat u entitajiet privati, iżda ma qajmux din il-kwistjoni fil-qrati domestiċi. Anke hekk, il-QEDB ikkonkludiet li l-effett ta' din id-distinzjoni kien kompatibbli mad-dritt tar-rikorrenti għal qorti, u li l-Artikolu 6 (1) tal-KEDB ma nkisirx.

Bl-istess mod, **skont il-liġi tal-UE**, perjodi ta' preskrizzjoni statutorji biex jiġu ppreżentati kawżi quddiem il-qrati nazzjonali mhumiex neċessarjament kontra l-liġi[412].

Eżempju: F'*Q-Beef u oħrajn*[413] ir-rikorrenti fit-2 ta' April 2007 bdew proċeduri kontra l-Istat Beljġjan, bl-għan li jippruvaw jiksbu rimborż għall-kontribuzzjonijiet li tħallsu bejn Jannar tal-1993 u April tal-1998. Skont il-qorti

410 QEDB, *Stubbings u oħrajn vs Ir-Renju Unit*, Nri 22083/93 u 22095/93, 22 ta' Ottubru 1996, paragrafi 50–56.

411 QEDB, *Bogdel vs Il-Litwanja*, Nru 41248/06, 26 ta' ta' Novembru 2013.

412 QtĠ-UE, C-231/96, *Edilizia Industriale Siderurgica Srl (Edis) vs Ministero delle Finanze*, 15 ta' Settembru 1998, paragrafi 34–36.

413 QtĠ-UE, Kawżi konġunti C-89/10 u C-96/10, *Q-Beef NV vs Belgische Staat* u *Frans Bosschaert vs Belgische Staat, Vleesgroothandel Georges Goossens en Zonen NV u Slachthuizen Goossens NV*, 8 ta' Settembru 2011.

tar-rinviju, il-perjodu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin li jirregola l-pretensjoni tar-rikorrenti kien skada.

Il-QTĠ-UE kienet tal-fehma li, fir-rigward tal-prinċipju tal-effettività, kien kompatibbli mal-liġi tal-UE li jiġu stabbiliti, fl-interessi taċ-ċertezza legali, limiti ta' żmien raġjonevoli biex jinftehu l-proċeduri. Dawn il-perjodi ta' preskrizzjoni m'għandhomx jagħmlu virtwalment impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċitar tad-drittijiet mogħtija mil-liġi tal-UE.

Barra minn hekk, skont il-liġi tal-UE, limiti ta' żmien m'għandhomx ikunu anqas vantaġġjużi minn dawk relatati ma' pretensjonijiet domestiċi simili[414]. Bosta strumenti tal-liġi sekondarja tal-UE fihom regoli speċifiċi f'dan il-kuntest; pereżempju, id-Direttiva dwar il-Medjazzjoni (ara t-Taqsima 2.4.2) tirrikjedi li l-Istati jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda perjodu ta' preskrizzjoni għaddej waqt il-medjazzjoni ta' kawża[415].

## 6.2.5. Immunitajiet

L-immunitajiet huma tip speċifiku ħafna ta' impediment proċedurali. L-istati jistgħu anke jintroduċu immunitajiet biex jipprevenu milli jsiru pretensjonijiet. immunità legali hi eżenzjoni totali jew parzjali mill-proċess legali – pereżempju, minn obbligu legali, penali jew minn prosekuzzjoni[416]. Xi immunitajiet huma ddisinjati sabiex jikkonformaw mal-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn liġi pubblika internazzjonali – bħal immunità statali jew immunità diplomatika; oħrajn jistgħu jingħataw fil-livell intern – pereżempju, biex jiġu protetti uffiċjali pubbliċi minn responsabbiltà għal deċiżjonijiet meħuda fil-kors tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom, jew biex jipproteġu d-diskors liberu tal-parlamentari.

L-immunità parlamentari tista' tkun kompatibbli mal-Artikolu 6 jekk issegwi l-għanijiet leġittimi tal-protezzjoni tad-diskors liberu fil-parlament jew iż-żamma tas-separazzjoni tal-poteri bejn il-leġiżlatura u l-ġudikatura[417].

414 QtĠ-UE, C-261/95, *Rosalba Palmisani vs Istituto nazionale della previdenza sociale (INPS)*, 10 ta' Lulju 1997, paragrafi 27–28.

415 Id-Direttiva Nru 2008/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali (Direttiva dwar il-Medjazzjoni) (ĠU 2008 L 136, Art. 8.

416 Kloth, M. (2010), *Immunities u the right of access to the court under Art. 6 of the European Convention on Human Rights*, Leiden, Martinus Nijhoff Publishers, p. 1.

417 QEDB, *A. vs Ir-Renju Unit*, Nru 35373/97, 17 ta' Diċembru 2002, paragrafi 75-77.

L-immunità tkun aktar faċli biex tiġi ġġustifikata jekk tkun konnessa mill-qrib mal-attività parlamentari[418].

> Eżempju: F'*C.G.I.L. u Cofferati (Nru 2) vs L-Italja*[419], ir-rikorrenti kienu federazzjoni ta' trejdunjins Taljana u s-segretarju ġenerali tagħha. Fl-2002, konsulent tal-Ministru tax-Xogħol inqatel mill-Brigati Ħomor. Waqt dibattitu fil-parlament, ġew ippreżentati referenzi għal rabta allegata bejn it-terroriżmu u kampanji tat-trejdunjins. Membru tal-parlament għamel allegazzjonijiet lill-istampa. Ir-rikorrenti ressqu rikors kontrih għad-danni, bl-argument li d-dikjarazzjonijiet tiegħu għamlu ħsara lir-reputazzjoni tagħhom. Il-Kamra tad-Deputati iddikjarat li d-dikjarazzjonijiet kienu koperti mill-immunità parlamentari. Ir-rikorrenti ilmentaw li dan interferixxa mad-dritt tagħhom ta' aċċess għal qorti.
>
> Il-QEDB sabet ksur tal-Artikolu 6 tal-KEDB. L-immunità parlamentari kienet prattika li ilha fis-seħħ bil-għan li tipproteġi l-libertà tal-espressjoni tal-membri parlamentari. L-interferenza mad-drittijiet tar-rikorrenti segwiet għan leġittimu, iżda ma kinitx proporzjonata. Id-dikjarazzjonijiet ma kinux, fil-veru sens tal-kelma, marbuta mal-qadi tad-dmirijiet parlamentari. L-awtoritajiet ma ħolqux bilanċ ġust bejn l-interessi ġenerali tal-komunità u r-rekwiżit tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-individwu.

L-immunità tal-istat (jew sovrana) ġiet meqjusa li għandha oġġettiv leġittimu li jiġġustifika restrizzjonijiet fuq l-aċċess għal qorti minħabba li huwa kunċett rikonoxxut tal-liġi internazzjonali li jippromwovi korteżija (rispett reċiproku) u relazzjonijiet tajbin bejn l-Istati[420]. L-immunità tal-istat tista' tapplika wkoll fejn il-każijiet jinvolvu allegazzjonijiet ta' tortura. Madankollu, il-QEDB innotat li fid-dawl tal-iżviluppi attwali f'dan il-qasam tal-liġi internazzjonali pubblika, din il-kwistjoni għandha tinżamm taħt reviżjoni mill-istati[421].

Immunitajiet oħrajn jistgħu jinkludu limitazzjonijiet fuq il-kapaċità tal-individwi li jsegwu proċeduri legali u jisfidaw dikjarazzjonijiet u sejbiet magħmula mill-uffiċjali pubbliċi. Dawn ir-restrizzjonijiet jistgħu jkunu aċċettabbli jekk

418 QEDB, *Cordova vs L-Italja (Nru 2)*, Nru 45649/99, 30 ta' Jannar 2003, paragrafu 64.

419 QEDB, *C.G.I.L. u Cofferati (Nru 2) vs L-Italja,* Nru 2/08, 6 ta' April 2010, paragrafu 44.

420 QEDB, *Al-Adsani vs Ir-Renju Unit* [QĠ], Nru 35763/97, 21 ta' Novembru 2001, paragrafu 56.

421 QEDB, *Jones u oħrajn vs Ir-Renju Unit*, Nri 34356/06 u 40528/06, 14 ta' Jannar 2014, paragrafu 215.

isegwu għan leġittimu - per eżempju, il-funzjonament effettiv ta' investigazzjoni[422]. Madankollu, għandu jkun hemm relazzjoni ta' proporzjonalità bejn il-mezzi użati u l-għan leġittimu segwit[423].

## 6.3. Dewmien fl-eżekuzzjoni tas-sentenzi finali

### Punti ewlenin

- Id-dritt ta' aċċess għal qorti jinkludi d-dritt biex deċiżjoni tal-qorti tiġi infurzata. In-nuqqas li sentenza tiġi esegwita jista' jostakola b'mod mhux raġonevoli l-aċċess għall-ġustizzja u jikser l-Artikolu 13 tal-KEDB.
- Il-każistika tal-QEDB tidentifika bosta kriterji rilevanti sabiex tiġi ddeterminata r-raġjonevolezza ta' dewmien, bħall-kumplessità tal-proċeduri ta' infurzar; l-imġiba tar-rikorrent u l-awtoritajiet kompetenti; u l-ammont u n-natura tal-kumpens tal-qorti.
- Skont il-liġi tal-UE, in-nuqqas ta' infurzar ta' sentenza jikser l-obbligi tal-Istati Membri taħt l-Artikoli 4 (3) u 19 tat-TUE u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Il-QtĠ-UE (s'issa) għadha ma ddeċidietx fuq din il-kwistjoni skont l-Artikolu 47 .

In-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenzi tal-qorti jillimita l-aċċess għall-ġustizzja. Dan jista' jfixkel il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali u jċaħħad lil xi individwi minn protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Meta jsir hekk, in-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenzi tal-qorti jdgħajjef ukoll l-istat tad-dritt[424].

**Skont il-liġi tal-KtE**, id-dritt ta' aċċess għal qorti jinkludi d-dritt li deċiżjoni tal-qorti tiġi infurzata mingħajr dewmien żejjed B'hekk in-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenzi domestiċi jaqa' fil-kamp tal-Artikolu 6 tal-KEDB[425]. Dewmien

422 QEDB, *Fayed vs Ir-Renju Unit*, Nru 17101/90, 21 ta' Settembru 1994, paragrafu 70.

423 *Ibid.*, paragrafi 75-82.

424 Kunsill tal-Ewropa, CCJE (2010), *Opinjoni nru 13 (2010) dwar l-irwol tal-Imħallfin fl-infurzar ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji*, Strasburgu, paragrafu7; Kunsill tal-Ewropa, CEPEJ (2007), *Infurzar ta' deċiżjonijiet tal-qorti fl-Ewropa*, Studji tas-CEPEJ Nru 8 Strasburgu; CEPEJ (2010), *Aċċess għall-ġustizzja fl-Ewropa*, Strasburgu; Kunsill tal-Ewropa, CEPEJ (2008), *Lista ta' kontroll għall-promozzjoni tal-kwalità tal-ġustizzja u l-qorti*, Strasburgu, eż p. 16.

425 QEDB, *Hornsby vs Il-Greċja*, Nru 18357/91, 19 ta' ta' Marzu 1997, paragrafu 40. Ara wkoll NU, Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem (HRC) (2005), *Kawża Nru 823/1998, Czernin vs Ir-Repubblika Ċeka*, 29 ta' Marzu 2005 (nuqqas ta' azzjoni u dewmien eċċessiv fl-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet jiksru l-Art. 14 tal-ICCPR).

fl-eżekuzzjoni ta' sentenza jista' jwassal ukoll għal ksur[426]. L-Istati għandhom id-dmir li jiżguraw li s-sentenzi finali u vinkolanti tal-qorti jiġu infurzati. Jekk id-dewmien jew nuqqas ta' infurzar ta' sentenza jista' jiġi attribwit għal stat, dan jagħti lok għal talba taħt l-Artikolu 13 tal-KEDB.

Eżempju: F'*Ivanov vs L-Ukrajna*[427], ir-rikorrent ilmenta dwar in-nuqqas ta' infurzar tas-sentenzi favurih u n-nuqqas ta' rimedju effettiv fil-livell domestiku.

Il-QEDB ikkonfermat li l-istat huwa responsabbli għall-infurzar tad-deċiżjonijiet finali jekk il-fatturi li jimpedixxu jew li jimblukkaw l-infurzar totali u f'waqtu tagħhom ikunu taħt il-kontroll tal-awtoritajiet. Il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-eżekuzzjoni tas-sentenzi skont l-Artikolu 6 u identifikat il-fatturi li ġejjin bħala rilevanti sabiex tiġi determinata r-raġjonevolezza tad-dewmien: (i) il-kumplessità tal-proċeduri tal-infurzar; (ii) il-komportament tar-rikorrent u tal-awtoritajiet kompetenti; u (iii) l-ammont u n-natura tal-għotja tal-qorti. Il-Qorti sabet ksur tal-Artikoli 6 u 13 tal-KEDB.

Mhuwiex xieraq tesiġi li individwu li jkun kiseb sentenza kontra stat iressaq proċeduri ta' infurzar sabiex jieħu sodisfazzjon minnhom[428]. Huwa d-dmir tal-istat li jieħu azzjoni. Awtorità pubblika ma tistax tinvoka n-nuqqas ta' riżorsi sabiex tiġġustifika li ma tħallasx dejn ordnat b'deċiżjoni tal-qorti[429]. Barra minn hekk, id-dewmien fil-ħlas wara proċeduri ta' infurzar ma jipprovdix rimedju adegwat[430]. Il-QEDB qalet li, f'każijiet li jikkonċernaw in-nuqqas ta' infurzar ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji, il-miżuri domestiċi li jiżguraw infurzar f'waqtu huma "tal-ikbar valur". Madankollu, l-istati jistgħu jagħżlu li jipprovdu rimedju purament ta' kumpens jekk ir-rimedju jissodisfa rekwiżiti speċifiċi (għal aktar tagħrif dwar il-kumpens bħala rimedju f'każijiet ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni, ara t-Taqsima 5.2.1).

426 Kunsill tal-Ewropa, Kumitat tal-Ministri (2003), Rakkomandazzjoni Rec (2003)17 lill-Istati Membri dwar l-infurzar, 9 ta' Settembru 2003 Ara wkoll il-Kunsill tal-Ewropa, CEPEJ (2009), *Linji gwida għal implimentazzjoni aħjar tar-Rakkomandazzjoni eżistenti tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-infurzar*.

427 QEDB, *Yuriy Nikolayevich Ivanov vs L-Ukraina*, Nru 40450/04, 15 ta' Ottubru 2009, paragrafi 53-57.

428 QEDB, *Scordino vs L-Italja (Nru 1)* [QĠ], Nru 36813/97, 29 ta' Marzu 2006, paragrafu 198.

429 QEDB, *Sacaleanu vs Ir-Rumanija*, Nru 73970/01, 6 ta' Settembru 2005.

430 QEDB, *Karahalios vs Il-Greċja*, Nru 62503/00, 11 ta' Diċembru 2003, paragrafu 23.

**Skont id-dritt tal-UE**, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali japplika għad-drittijiet kollha li joħorġu mil-liġi tal-UE u jintitola lill-individwi għall-protezzjoni ġudizzjarja effettiva ta' dawn id-drittijiet. In-nuqqas ta' infurzar ta' sentenza jikser l-obbligi tal-Istati Membri skont l-Artikoli 4 (3) u 19 tat-TUE (ara l-Kapitolu 1) u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Il-QtĠ-UE (s'issa) għadha ma ddeċidietx fuq din il-kwistjoni skont l-Artikolu 47 .

Dwar il-kwistjoni aktar ġenerali tal-infurzar tas-sentenzi, l-UE adottat leġiżlazzjoni sekondarja sabiex tindirizza r-rikonoxximent transkonfinali u l-infurzar tas-sentenzi. Pereżempju[431]:

- L-Ordni Ewropew ta' Infurzar (European Enforcement Order - EEO) huwa disponibbli sabiex jinforza sentenzi ċivili jew kummerċjali mhux ikkontestati fi Stati Membri oħrajn tal-UE[432]. Mhux ikkontestati tfisser li l-konvenut qabel mat-talba, li l-qorti approvat soluzzjoni jew li l-konvenut naqas milli jidher biex jiddefendi t-talba. L-individwi jistgħu jiksbu dikjarazzjonijiet ta' infurzar. Wara l-EEO jintbagħat lill-awtorità tal-infurzar tal-Istat Membru tal-UE rilevanti. Hemm eżenzjonijiet espliċiti, bħal każijiet li jikkonċernaw testmenti u suċċessjoni jew propjetà matrimonjali.

- Jekk ma jistax jintuża EEO, l-individwi jistgħu jinfurzaw is-sentenzi bl-użu tar-Regolament Brussell I mill-2001[433]. Il-proċeduri esklużi jinkludu l-arbitraġġ, il-falliment u l-proċeduri matrimonjali. Ir-Regolament il-ġdid Brussell

431 Eżempji oħra jinkludu r-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni, ĠU L 201/107; Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, ĠU L 338/1; u Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment, ĠU L 7/1.

432 *Regolament Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati*, ĠU 2004 L143. Din ma tapplikax għad-Danimarka.

433 Ir-Regolament (KE) Nru 44/2001 tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2001 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, ĠU 2001 L 12. Id-dispożizzjonijiet ġew estiżi għad-Danimarka bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/325/KE tas-27 ta' April 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali 2006/325/KE, ĠU 2006 120. Ara wkoll il-Konvenzjoni dwar il-Ġurisdizzjoni u r-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali (il-Konvenzjoni ta' Lugano), ĠU 2007 L 339, 30 ta' Ottubru 2007, iffirmata mill-UE, id-Danimarka, l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera.

I riformulat - li ssostitwixxa r-Regolament Brussell I tal-2001 – daħal fis-seħħ fl-10 ta' Jannar 2015[434]. Madankollu, ir-Regolament Brussell I għadu japplika għal sentenzi fi proċedimenti li bdew qabel dik id-data.

Prattika promettenti

## Infurzar tas-sentenzi b'mod effiċjenti

Fl-Iżvezja, id-djun jiġu infurzati mill-Awtorità Żvediża tal-Infurzar (Swedish Enforcement Authority – SEA). Il-kreditur japplika għall-infurzar. Jekk id-dokumenti neċessarji kollha jkunu inklużi, is-SEA tinnotifika lid-debitur dwar id-dejn, tagħtih/ja ġimagħtejn biex tħallas jew toġġezzjona. Jekk id-debitur ma jħallasx, l-infurzar ikun jista' jibda. Is-SEA tfittex l-assi li jkunu jistgħu jiġu sekwestrati biex jitħallas id-dejn (pereżempju, mir-reġistru tal-artijiet, ir-registru tal-kumpaniji u l-kontijiet tat-taxxa). Id-debitur għandu jipprovdi informazzjoni dwar l-assi tiegħu u jista' jiġi mistoqsi fuqhom. Il-partijiet terzi meħtieġa jipprovdu informazzjoni dwar l-assi li jappartjenu lid-debitur iżda li jkunu fil-kustodja ta' partijiet terzi. Is-SEA tevalwa l-informazzjoni u tissekwestra dawk l-assi li jistgħu jkopru d-dejn bl-inqas ħsara għad-debitur. Jekk il-flus f'kont bankarju jiġu sekwestrati, il-flus jiġu trasferiti lis-SEA fi ftit ġranet u wara jiġu mqassma lill-kreditur.

*Sors: L-Awtorità Żvediża tal-Infurzar fis-sit www.kronofogden.se.*

434 Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni), ĠU 2012 L 351. Id-Danimarka għażlet li ma tipparteċipax.

# 7 Limitazzjonijiet dwar l-aċċess għall-ġustizzja: tul tal-proċedimenti



| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| **Tul tal-proċedimenti** | | |
| Karta tad-Drittijiet Fundamentali, Artikolu 47 (dritt għal rimedju effettiv)<br>Karta tad-Drittijiet Fundamentali, Artikolu 41 (id-dritt għal amministrazzjoni ġusta) | Determinazzjoni tat-tul tal-proċedimenti | KEDB, Artikolu 6(1) (dritt għal proċess ġust) |
| | Proċedimenti mhux kriminali | QEDB, *Oršuš u Oħrajn vs Il-Kroazja* [QĠ], Nru 15766/03, 2010 |
| | Proċeduri kriminali | QEDB, *Malkov vs L-Estonja*, Nru 31407/07, 2010 |
| **Raġjonevolezza tat-tul tal-proċedimenti** | | |
| QtĠ-UE, C-500/10, *Ufficio IVA di Piacenza vs Belvedere Costruzioni Srl.*, 2012 | Kriterji li jiddeterminaw ir-raġjonevolezza | QEDB, *Starokadomskiy vs Ir-Russja (Nru 2)*, Nru 27455/06, 2014 |
| | Kumplessità tal-każ | QEDB, *Matoń vs Il-Polonja*, Nru 30279/07, 2009 |
| | Imġiba tar-rikorrent | QEDB, *Veliyev vs Ir-Russja*, Nru 24202/05, 2010 |

| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| | Komportament tal-awtoritajiet domestiċi | QEDB, *Sociedade de Construções Martins & Vieira, Lda. u Oħrajn vs Il-Portugall*, Nri 56637/10 u oħrajn, 2014 |
| | Importanza tad-dritt inkwistjoni | QEDB, *Mikulić vs Il-Kroazja*, Nru 53176/99, 2002 |
| **Rimedji għal tul eċċessiv tal-proċedimenti** | | |
| QtĠ-UE, C-58/12 P, *Groupe Gascogne SA vs Il-Kummissjoni Ewropea*, 2013 | | QEDB, *Scordino vs L-Italja (Nru 1)* [QĠ], Nru 36813/97, 2006 |

Il-konklużjoni tal-proċedimenti tal-qorti fi żmien raġonevoli huwa dritt fundamentali tal-bniedem kemm fil-proċedimenti mhux kriminali kif ukoll f'dawk kriminali. Dan il-kapitolu jagħti dettalji dwar kif il-KtE u l-liġi tal-UE jiddeterminaw it-tul tal-proċedimenti u jiddeċiedu jekk it-tul ta' żmien huwiex raġjonevoli. It-Taqsima 7.3 tiddeskrivi r-rimedji disponibbli għal proċedimenti twal b'mod eċċessiv.

## 7.1. Determinazzjoni tat-tul tal-proċedimenti

### Punti ewlenin

- Id-dritt għas-smigħ fi żmien raġjonevoli huwa salvagwardjat kemm bl-Artikolu 6 tal-KEDB kif ukoll bl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.
- It-tul totali tal-proċedimenti jiġi kkunsidrat meta jiġi deċiż jekk il-proċedimenti kinux ġew konklużi fi żmien raġonevoli.
- F'proċedimenti mhux kriminali, normalment iż-żmien jibda jiddekorri mill-mument meta azzjoni tiġi istitwita quddiem tribunal.
- F'każijiet kriminali, iż-żmien normalment jibda jitqies minn meta persuna tiġi 'akkużata'. Dan ifisser minn meta s-sitwazzjoni tal-individwu tiġi 'affettwata sostanzjalment'.
- Kemm fil-kawżi kriminali kif ukoll f'dawk mhux kriminali, iż-żmien jispiċċa meta d-determinazzjoni ssir finali (mhux soġġett għall-appell).

Prattika promettenti

## Jitħaffu l-każijiet tal-familja

Il-qrati għall-affarijiet tal-familja u l-Ġudikatura ta' Berlin, il-Ġermanja implimentaw b'suċċess proġett konġunt f'Berlin sabiex jitħaffu l-proċeduri ġudizzjarji relatati mal-kawżi tal-familja. Il-proġett jindirizza t-tul tal-proċedimenti u l-possibbiltà ta' kunflitt bejn il-ġenituri, pereżempju. Huwa jistabbilixxi approċċ multidixxiplinarju u konsistenti fost il-professjonisti (avukati, ħaddiema fil-qasam soċjali u mħallfin), b'interventi konġunti li jgħinu lill-ġenituri jidentifikaw u jissodisfaw b'mod indipendenti l-ħtiġijiet tat-tfal tagħhom, u jsolvu l-proċedimenti b'aktar effiċjenza.

*Sors: Il-Premju Miżien tal-Ġustizzja tal-Kristall tal-2014, organizzat b'mod konġunt mill-Kunsill tal-Ewropa u l-Kummissjoni Ewropea.*

Id-dritt tas-smigħ fi żmien raġjonevoli jinsab fl-Artikolu 6 tal-KEDB u fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Minkejja l-importanza ta' dan id-dritt, it-tul eċċessiv tal-proċedimenti huwa bil-wisq l-aktar kwistjoni komuni msemmija fl-applikazzjonijiet tal-QEDB[435].

Ir-rekwiżit li l-proċedimenti jispiċċaw fi żmien raġjonevoli "japplika għall-partijiet kollha involuti fil-proċedimenti tal-qorti u l-għan tagħha hu li tipproteġihom kontra d-dewmien proċedurali eċċessiv"[436]. Id-dewmien eċċessiv jista' jimmina r-rispett lejn l-istat tad-dritt u jipprevjeni l-aċċess għall-ġustizzja. Id-dewmien fil-kisba u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi jista' jikkostitwixxi xkiel għall-aċċess tal-ġustizzja (ara t-Taqsima 6.3). L-istati għandhom jorganizzaw is-sistemi legali tagħhom sabiex il-qrati jkunu jistgħu jikkonformaw mal-obbligu li jiddeterminaw il-kawżi fi żmien raġjonevoli[437]. In-nuqqas tat-teħid ta' deċiżjoni fi żmien

435 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2010), Rakkomandazzjoni Rec(2010)3 għal Stati Membri fuq rimedju effettivi għal tul eċċessiv tal-proċedimenti, l-24 ta' Frar 2010. Ara wkoll Kunsill tal-Ewropa, Reġistru tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Rapport Annwali 2014, pp. 174-175.

436 QEDB, *Stögmüller vs L-Awstrija*, Nru 1602/62, 10 ta' Novembru 1969, paragrafu 5.

437 QEDB, *Scuderi vs L-Italja*, Nru 12986/87, 24 ta' Awwissu 1993, paragrafu 16. QEDB*, Jama vs Is-Slovenja*, Nru 48163/08, 19 ta' Lulju 2012, paragrafu 36.

raġjonevoli jagħti lok għad-dritt ta' rimedju effettiv (ara t-Taqsima 7.3)[438]. L-Istati għandhom jiggarantixxu mezzi legali speċifiċi li permezz tagħhom l-individwi jkunu jistgħu jfittxu rimedji għal proċedimenti b'dewmien bla bżonn; jekk l-istati jonqsu milli jagħmlu dan, dan ikun jikkostitwixxu ksur separat tal-Artikolu 13[439].

**La l-liġi tal-KtE u lanqas il-liġi tal-UE** ma stabbilixxew skedi ta' żmien speċifiċi għal x'jikkostitwixxi "żmien raġjonevoli". Il-każijiet jiġu vvalutati fuq bażi individwali u fid-dawl taċ-ċirkostanzi individwali kollha. Din il-valutazzjoni ssir skont il-kriterji stabbiliti mill-QEDB fil-każistika tagħha u hija applikata wkoll mill-QTĠ-UE. Il-QEDB l-ewwel tiddentifika l-perjodu li għandu jitqies biex jiġi ddeterminat it-tul tal-proċedimenti. Imbagħad hija tikkunsidra jekk it-tul ta' żmien huwiex wieħed raġjonevoli (ara aktar it-Taqsima 7.2)[440]. Kapitolu 1 (b'mod partikolari il-figura) jiddeskrivi l-konnessjoni bejn id-drittijiet fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-QEDB – minħabba din il-konnessjoni, il-liġi tal-KtE stabbilita hawn taħt tapplika wkoll għal-liġi tal-UE skont l-Artikolu 47.

Il-prinċipju ta' smigħ f'perjodu ta' żmien raġjonevoli japplika wkoll fil-kuntest ta' proċeduri amministrattivi fi ħdan l-UE[441]. Dan huwa speċifikat ukoll fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li jagħti d-dritt liċ-ċittadini kollha li l-kwistjonijiet tagħhom għandhom jiġu ġestiti b'mod imprazjali, ġust u fi żmien raġjonevoli mill-korpi u istituzzjonijiet tal-UE.

### 7.1.1. Determinazzjoni tat-tul ta' proċeduri mhux kriminali

F'proċedimenti mhux kriminali, normalment iż-żmien jibda jiddekorri mill-mument meta azzjoni tiġi istitwita quddiem tribunal[442]. Madanakollu, xi drabi jibda

438 Kunsill tal-Ewropa, Kumitat tal-Ministri (2010), Rakkomandazzjoni Rak(2010)3. Ara wkoll Kunsill tal-Ewropa, CEPEJ (2012), *Length of court proceedings in the member states of the Council of Europe based on the case law of the European Court of Human Rights* (Tul ta' proċedimenti tal-qorti fl-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa bbażat fuq il-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem). Ir-rapporti jidentifikaw u jevalwaw prinċipji ewlenin mil-każistika ta' "ħin raġjonevoli".

439 QEDB, *Kudła vs Il-Polonja* [QĠ], Nru 30210/96, 26 ta' Ottubru 2000, paragrafi 159-160.

440 QEDB, *Kudła vs Il-Polonja* [QĠ], Nru 30210/96, 26 ta' Ottubru 2000, paragrafu 124.

441 Ara wkoll QTĠ-UE, T-214/06, *Imperial Chemcial Industries Ltd vs Il-Kummissjoni Ewropea*, 5 ta' Ġunju 2012, paragrafu284.

442 QEDB, *Poiss vs L-Awstrija*, Nru 9816/82, 23 ta' April 1987, paragrafu 50.

jiddekorri qabel il-bidu tal-proċedimenti tal-qorti[443]. Dan iseħħ biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali – bħal meta ċerti passi preliminari huma preambolu meħtieġa għall-proċedimenti[444]. Per eżempju, jekk rikorrent għandu japplika għand awtorità amministrattiva qabel jiftaħ proċedimenti l-qorti, iż-żmien ikkunsidrat jista' jinkludi wkoll dan il-perjodu[445]. Il-perjodu ta' żmien ikopri l-proċedimenti in kwistjoni kollha, inkluż il-proċedimenti tal-appell[446].

Iż-żmien jispiċċa meta determinazzjoni ssir finali (dan jinkludi l-valutazzjoni tad-danni ta' wara li tinqata' s-sentenza)[447]. Il-QEDB tħares lejn l-intier tal-proċediment fid-determinazzjoni ta' jekk it-tul huwiex wieħed raġjonevoli[448]. Fir-rigward tal-konklużjoni tal-proċedimenti, l-eżekuzzjoni tas-sentenza jew l-infurzar tal-proċedimenti huma kkunsidrati bħala parti integrali ta' kawża għall-finijiet tal-kalkoli tal-perjodu relevanti[449].

Eżempju: F'*Oršuš u oħrajn vs Il-Kroazja*[450], ir-rikorrenti kienu 15-il student ta' oriġini Roma li kienu jattendu żewġ skejjel primarji bejn l-1996 u l-2000. Huma attendew klassijiet tar-Roma kultant biss. Fis-19 ta' April 2002, huma ressqu proċedimenti kontra l-iskejjel fejn allegaw diskriminazzjoni fuq bażi ta' razza u vjolazzjoni tad-dritt għall-edukazzjoni. F'Settembru 2002, qorti ċaħdet l-ilment tagħhom u din id-deċiżjoni ġiet milqugħha fl-appell. Fis-7 ta' Frar 2007, il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet l-ilment tar-rikorrenti. Huma lmentaw dwar it-tul tal-proċedimenti.

Il-QEDB innutat li l-proċedimenti bdew fid-19 ta' April 2002 u ntemmu, wara li l-proċediment tressaq quddiem il-qrati muniċipali u tal-kontea, bid-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tittieħed fis-7 ta' Frar 2007. Din sostniet li, filwaqt li l-proċedimenti quddiem il-qrati ta' smigħ u ta' appell ġew deċiżi malajr, il-proċedimenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali damu erba' snin, xahar u 18-il ġurnata. Il-QEDB ikkonkludiet li l-Artikolu 6 (1) tal-QEDB inkiser.

443 QEDB, *Golder vs Ir-Renju Unit*, Nru 4451/70, 21 ta' Frar 1975, paragrafu 32.
444 QEDB, *Blake vs Ir-Renju Unit,* Nru 68890/01, 26 ta' Settembru 2006, paragrafu 40.
445 QEDB, *König vs Il-Ġermanja*, Nru 6232/73, 28 ta' Ġunju 1978, paragrafu 98.
446 QEDB, *Poiss vs L-Awstrija*, Nru 9816/82, 23 ta' April 1987, paragrafu 50.
447 QEDB, *Guincho vs Il-Portugall*, Nru 8990/80, 10 ta' Lulju 1984.
448 QEDB, *Dobbertin vs Franza*, Nru 13089/87, 25 ta' Frar 1993, paragrafu 44.
449 QEDB, *Martins Moreira vs Il-Portugall,* Nru 11371/85, 26 ta' Ottubru 1988, paragrafu 44.
450 QEDB, *Oršuš u Oħrajn vs Il-Kroazja* [QĠ], Nru 15766/03, 16 ta' Marzu 2010.

Fir-rigward tat-tul tal-proċedimenti quddiem il-qrati kostituzzjonali, il-QEDB tqis l-irwol speċjali tagħhom bħala "gwardjani tal-Kostituzzjoni"[451]. It-test relevanti fid-determinazzjoni ta' jekk proċedimenti f'qorti kostituzzjonali jistgħux jitqiesu fil-valutazzjoni tar-raġonevolezza tat-tul tal-proċedimenti huwa jekk ir-riżultat tal-proċedimenti huwiex kapaċi jaffettwa r-riżultat tat-tilwima quddiem qrati ordinarji[452].

Meta min jagħmel l-ilment imut jew persuna oħra tiddikjara l-intenzjoni tiegħu jew tagħha li tkompli bil-proċedimenti bħala werriet/a tar-rikorrent oriġinali, l-intier tal-proċedimenti jistgħu jiġu kkunsidrati meta jiġi eżaminat it-tul tal-proċedimenti[453]. B'kuntrast għal dan, meta individwu jintervjeni f'każ bħala parti terza biss f'ismu/isimha stess, iż-żmien jibda jiddekorri mid-data tal-intervent għal dan il-għan[454].

## 7.1.2. Determinazzjoni tat-tul tal-proċedimenti kriminali

Ir-rekwiżit ta' żmien raġjonevoli fi proċedimenti kriminali jimmira li jiżgura li "l-persuni akkużati ma jdumux fit-tul fi stat ta' inċertezza b'rabta mar-riżultat tal-akkużi kriminali kontrihom"[455]. F'kawżi kriminali, iż-żmien jibda jiddekorri mill-mument li l-persuna tiġi "akkużata"[456]. Dan ifisser mill-mument li s-sitwazzjoni tal-akkużat tkun "sostanzjalment affettwata".[457] Għandu jiġi nnotat li ż-żmien jista' jibda jiddekorri qabel mal-każ jittressaq quddiem il-qorti – per eżempju, mill-mument tal-arrest[458] jew ftuħ ta' investigazzjoni preliminari[459].

Eżempju: F'*Malkov vs L-Estonja*[460], ir-rikorrent instab ħati li qatel sewwieq ta' taksi fl-2008. L-investigazzjoni kriminali bdiet fis-6 ta' Awwissu 1998. Ir-rikorrent ilmenta dwar it-tul eċċessiv tal-proċedimenti.

451 *Ibid.*, paragrafu 109.
452 QEDB, *Süssmann vs Il-Ġermanja* [QĠ], Nru 20024/92, 16 ta' Settembru 1996, paragrafu 39.
453 QEDB, *Scordino vs L-Italja (Nru 1)* [QĠ], Nru 36813/97, 29 ta' Marzu 2006, paragrafu 220.
454 *Ibid.*
455 QEDB, *Wemhoff vs Il-Ġermanja*, Nru 2122/64, 27 ta' Ġunju 1968, paragrafu 18.
456 QEDB, *Tychko vs Ir-Russja*, Nru 56097/07, 11 ta' Ġunju 2015, paragrafu 63.
457 QEDB, *Eckle vs Il-Ġermanja*, Nru 8130/78, 15 ta' Lulju 1982.
458 QEDB, *Wemhoff vs Il-Ġermanja*, Nru 2122/64, 27 ta' Ġunju 1968, paragrafu 19.
459 QEDB, *Ringeisen vs L-Awstrija*, Nru 2614/65, 16 ta' Lulju 1971, paragrafu 110.
460 QEDB, *Malkov vs L-Estonja*, Nru 31407/07, 4 ta' Frar 2010.

Il-QEDB insistiet li, fi kwistjonijiet kriminali, iż-żmien jibda' jiddekorri minn meta l-persuna tiġi "akkużata", li jista' jseħħ qabel ma' persuna tittella' quddiem qorti. It-terminu "kap tal-akkuża" jikkorrispondi għat-test ta' jekk is-sitwazzjoni tas-suspettat ġietx sostanzjalment affettwata. Il-Qorti ħadet is-17 ta' Awwissu 2001 bħala d-data tal-bidu – il-ġurnata meta investigatur tal-pulizija akkuża lir-rikorrent, u dan ġie ddikjarat bħala latitant. Id-data tat-tmiem tal-proċediment kienet it-22 ta' April 2009, meta l-Qorti Suprema rrifjutat l-appell tar-rikorrent. B'kollox, il-proċedimenti damu seba' snin u tmien xhur fuq tliet livelli ta' ġurisdizzjoni. Il-proċedimenti damu tul ta' żmien eċċessiv, u kisru l-Artikolu 6 (1) tal-QEDB. Dan ġie rimedjat bi tnaqqis tas-sentenza tar-rikorrent.

Ir-rekwiżit ta' żmien raġjonevoli japplika għall-proċedimenti kollha in kwistjoni, inkluż il-proċedimenti tal-appell[461]. B'hekk iż-żmien jiddekkorri sas-sentenza li tiddetermina l-akkuża; din tista' tkun deċiżjoni minn qorti tal-appell fuq il-merti[462]. Akkuża kriminali hija "ddeterminata" biss ladarba s-sentenza tkun eventwalment stabbilita[463]. L-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-qorti hija meqjusa bħala parti integrali tal-proċess għall-finijiet tal-Artikolu 6; dan jinkludi l-implimentazzjoni ta' deċiżjoni li tassolvi[464].

## 7.2. Kriterji li jiddeterminaw ir-raġjonevolezza tat-tul tal-proċedimenti

**Punti ewlenin**

- Ir-raġjonevolezza tat-tul tal-proċedimenti kriminali u mhux kriminali tiddependi miċ-ċirkostanzi ta' kull każ.
- L-erba' kriterji li ġejjin jintużaw għall-valutazzjoni tar-raġjonevolezza ta' proċedimenti kriminali u mhux kriminali: il-kumplessità tal-każ, il-kondotta tal-persuna li tilmenta; il-kondotta tal-awtoritajiet domestiċi; u l-importanza ta' x'hemm involut mil-lat tal-persuna li qed tilmenta.

461 QEDB, *König vs Il-Ġermanja*, Nru 6232/73, 28 ta' Ġunju 1978, paragrafu 98.
462 QEDB, *Neumeister vs L-Awstrija*, Nru 1936/63, 27 ta' Ġunju 1968, paragrafu 19.
463 QEDB, *Eckle vs Il-Ġermanja*, Nru 8130/78, 15 ta' Lulju 1982, paragrafu 77.
464 QEDB, *Assanidze vs Il-Ġeorġja* [QĠ], Nru 71503/01, 8 ta' April 2004, paragrafi 181-182.

L-approċċ għall-istabbiliment ta' jekk proċedimenti kinux twal iżżejjed bla bżonn ġie deskritt bħala "aktar pragmatiku milli xjentifiku"[465]. **Skont il-liġi tal-KtE u tal-UE**, kemm fi proċedimenti kriminali kif ukoll f'oħrajn mhux kriminali, ir-raġjonevolezza tat-tul tal-proċedimenti jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ[466].

Jintużaw erba' kriterji li jkejlu r-raġjonevolezza fi proċedimenti kriminali u mhux kriminali:

(i) il-kumplessità tal-każ;

(ii) il-kondotta tal-persuna li qed tilmenta;

(iii) il-kondotta tal-awtoritajiet relevanti;

(iv) x'hemm involu għall-persuna li qed tilmenta (ara t-Taqsimiet 7.2.1 sa 7.2.4)[467].

Fl-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji, il-QEDB, per eżempju, qieset 10 snin[468] u 13-il sena[469] bħala li huma mhux raġjonevoli għall-proċedimenti kriminali. Hija sabet irraġjonevoli wkoll 10 snin għall-proċedimenti ċivili[470] u 7 snin għall-proċedimenti dixxiplinari[471]. Il-kawżi jistgħu jgħaddu minn għadd ta' livelli ġurisdizzjonali (eżempju, permezz ta' appell). Dawn jittieħdu in kunsiderazzjoni meta tiġi kkunsidrata r-raġjonevolezza. L-effett kumulattiv għad-dewmien f'kull livell huwa kkunsidrat meta jiġi ddeterminat x'inhu raġjonevoli[472].

Madankollu, għandu jintlaħaq bilanċ bejn il-ħeffa u amministrazzjoni proprja tal-ġustizzja. Per eżempju, il-bżonn ta' riżoluzjoni mgħaġġla ta' kawa ma

465 Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-QtĠ-UE, C-58/12, *Groupe Gascogne SA vs Il-Kummissjoni Ewropea*, 30 ta' Mejju 2013, paragrafi.72-73.

466 QEDB, *König vs Il-Ġermanja*, Nru 6232/73, 28 ta' Ġunju 1978, paragrafu 110.

467 Pereżempju, QEDB, *Frydlender vs Franza* [QĠ], Nru 30979/96, 27 ta' Ġunju 2000, paragrafu43 (impjieg).

468 QEDB, *Milasi vs L-Italja*, Nru 10527/83, 25 ta' Ġunju 1987.

469 QEDB, *Baggetta vs L-Italja*, Nru 10256/83, 25 ta' Ġunju 1987.

470 QEDB, *Capuano vs L-Italja*, Nru 9381/81, 25 ta' Ġunju 1987.

471 QEDB, *Kincses vs L-Ungerija*, Nru 66232/10, 27 ta' ta' Jannar 2015.

472 QEDB, *Deumeland vs Il-Ġermanja*, Nru 9384/81, 29 ta' Mejju 1986, paragrafu 90.

għandux iċaħħad akkużat mid-drittijiet ta' difiża (ara t-Taqsima 4.2.4 dwar żmien adegwat u faċilitajiet adegwati għall-preparazzjoni tad-difiża ta' dak li jkun)[473].

Eżempju: Fi *Starokadomskiy vs Ir-Russja (Nru 2)*[474], ir-rikorrent kien akkużat b'omiċidju aggravat fi ta' Frar tal-1998. Sussegwentament kien akkużat b'delitti oħrajn flimkien ma' diversi ko-akkużati. F'Novembru tal-2004, instab ħati ta' diversi reati, fosthom konġura biex jitwettaq omiċidju. Il-kundanna tiegħu ġiet akkolta fuq appell u ġie eventwalment ikkundannat għal għaxar snin ħabs f'Novembru tal-2005. Ir-rikorrent ilmenta li t-tul tal-proċedimenti kriminali ma kienx raġjonevoli.

Ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li r-rekwiżit taż-"żmien raġjonevoli" kien parti mir-raġunar tal-qorti domestika. L-Artikolu 6 jikkmanda li proċedimenti ġudizzjarji għandhom jitlestew fi żmien raġjonevoli, iżda jistabbilixxi wkoll il-prinċipju aktar ġenerali tal-amministrazzjoni proprja tal-ġustizzja. F'dan il-każ, il-Qorti ma kinitx sodisfatta li l-awtoritajiet irnexxielhom iżommu bilanċ ġust bejn diversi aspetti ta' dan ir-rekwiżit fundamentali. Ir-rikorrent inżamm taħt kustodja, u għalhekk kienet meħtieġa diliġenza partikolari. Il-Qorti sabet ksur tal-Artikolu 6 (1) tal-KEDB.

Il-QtĠ-UE applikat l-istess kriterji għal proċedimenti quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea[475]. Il-QtĠ-UE iddeċidiet ukoll li obbligazzjonijiet legali tal-UE ma jipprovdux ġustifikazzjoni għan-nuqqas tal-Istati Membri milli jikkonformaw mal-prinċipju taż-żmien raġjonevoli.

Eżempju: F'*Ufficio IVA di Piacenza vs Belvedere Costruzioni Srl*[476], liġi Taljana pprovdiet għall-konklużjoni awtomatika ta' ċerti proċedimenti tattaxxi pendenti quddiem il-qorti tat-taxxi tat-tielet istanza aktar minn għaxar snin wara li nġiebu fil-prim'istanza. Dan kien meqjus kompatibbli mal-liġi tal-UE.

473 QEDB, *Boddaert vs Il-Belġju*, Nru 12919/87, 12 ta' ta' Ottubru 1992, paragrafu 39.

474 QEDB, *Starokadomskiy vs Ir-Russja (Nru 2),* Nru 27455/06, 13 ta' Marzu 2014.

475 QtĠ-UE, Ċ-58/12 P, *Groupe Gascogne SA vs Il-Kummissjoni Ewropea*, is-26 ta' Novembru 2013, paragrafi.82-88.

476 QtĠ-UE, C-500/10, *Ufficio IVA di Piacenza vs Belvedere Costruzioni Srl.*, id-29 ta' Marzu, 2012, paragrafu23.

Il-QtĠ-UE nnotat li l-obbligazzjoni li jiġi żgurat il-ġbir effettiv ta' riżorsi tal-Unjoni Ewropea ma tistax tmur kontra l-osservanza tal-prinċipju, li joriġina mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 6 (1) tal-KEDB, li sentenza għandha tingħata fi żmien raġjonevoli.

## 7.2.1. Kumplessità tal-każ

Il-kumplessità tirrelata kemm mal-fatti kif ukoll mal-liġi. Każ kumpless jista' jinvolvi kwistjonijiet rigward il-kundizzjoni tas-saħħa ta' rikorrent[477], volum kbir ta' evidenza[478], kwistjonijiet legali kumplessi[479], il-ħtieġa li jinstema' numru kbir ta' xhieda[480], jew numru kbir ta' persuni affettwati[481]. Xi każijiet jistgħu jidhru aktar kumplessi min-natura tagħhom – pereżempju, jekk ikunu jinvolvu kemm l-interessi tal-komunità kif ukoll l-interessi tal-individwu[482]. Madankollu, li każ jiġi kkunsidrat kumpless ħafna ma jfissirx li kull dewmien se jkun ikkunsidrat raġjonevoli[483].

Eżempju: F'*Matoń vs Il-Polonja*[484], fid-19 ta' Ġunju 2000, ir-rikorrent kien akkużat bi traffikar ta' droga, pussess illegali ta' armi tan-nar u adeżjoni fi grupp kriminali organizzat. Kien hemm 36 konvenut u 147 xhud fil-kawża. Ir-rikorrent instab ħati fl-2008. Hu appella lill-qorti reġjonali, li kienet għadha ma ddeterminatx l-appell tiegħu fil-mument tas-smigħ tal-QEDB. Hu ppreżenta wkoll lment lill-qorti tal-appell, fejn allega ksur tad-dritt ta' proċess fi żmien raġjonevoli. Dik il-qorti rrifjutat l-applikazzjoni tiegħu.

Il-QEDB aċċettat li l-każ kien kumpless ħafna, għaliex kien jinvolvi għadd ta' konvenuti u evidenza voluminuża. Madankollu, stqarret li dan fih innifsu ma setax jiġġustifika t-tul totali tal-proċedimenti kriminali. Anke jekk

477 QEDB, *Yaikov vs Ir-Russja*, Nru 39317/05, 18 ta' Ġunju 2015, paragrafu 76.

478 QEDB, *Eckle vs Il-Ġermanja*, Nru 8130/78, 15 ta' Lulju 1982.

479 QEDB, *Breinesberger u Wenzelhuemer vs L-Awstrija*, Nru 46601/07, 27 ta' Novembru 2012, paragrafi 30-33.

480 QEDB, *Mitev vs Il-Bulgarija*, Nru 40063/98, 22 ta' ta' Diċembru 2004, paragrafu 99.

481 QEDB, *Papachelas vs Il-Greċja* [QĠ], Nru 31423/96, 25 ta' Marzu 1999, paragrafu 39 (kumplessità tal-fatti).

482 QEDB, *Wiesinger vs L-Awstrija*, Nru 11796/85, 30 ta' Ottubru 1991, paragrafu 55.

483 QEDB, *Ferrantelli u Santangelo vs L-Italja*, Nru 19874/92, 7 ta' Awwissu 1996, paragrafu 42. Ara wkoll QEDB, *Ringeisen vs L-Awstrija*, Nru 2614/65, is-16 ta' Lulju 1971, paragrafu110.

484 QEDB, *Matoń vs Il-Polonja*, Nru 30279/07, 9 ta' Ġunju 2009.

jitqiesu d-diffikultajiet sinifikanti li affaċċjaw l-awtoritajiet lokali, kienu meħtieġa jorganizzaw is-smigħ b'mod effiċjenti u jiżguraw li jiġu rrispettati garanziji tal-KEDB. Il-proċedimenti kriminali, li damu għal aktar minn tmien snin, ma rrispettawx ir-rekwiżit taż-żmien raġjonevoli. L-Artikolu 6 tal-KEDB inkiser.

Għalhekk, waqt li każijiet kumplessi jeħtieġu aktar żmien biex jitlestew, il-kumplessità mhux neċessarjament tiġġustifika proċedimenti twal[485].

## 7.2.2. Il-kondotta tal-kwerelant

L-imġiba ta' kwerelant hija fattur oġġettiv tal-proċedimenti li l-istat m'għandux kontroll fuqu. Għal din ir-raġuni, għandha titqies meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk perjodu ta' żmien raġjonevoli jkunx inqabeż jew le[486].

Individwi ma jistgħux jingħataw tort talli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom jew talli jużaw il-possibbiltajiet kollha ta' appell disponibbli għalihom[487]. Mhumiex meħtieġa jikkooperaw b'mod attiv biex iħaffu l-proċedimenti kontrihom[488]. Id-dmir tar-rikorrent huwa li jkun diliġenti fit-twettiq tal-każ tiegħu/tagħha, li jżomm/iżżomm lura mill-użu ta' tattiki ta' dewmien u li jieħu/tieħu opportunitajiet biex jitqassru l-proċedimenti[489].

Eżempju: F'*Veliyev vs Ir-Russja*[490], ir-rikorrent kien arrestat u detenut fis-26 ta' Frar 2004, fuq suspett li kien parti minn diversi serqiet armati organizzati. Is-sentenza tal-prim istanza ingħatat fil-21 ta' Ġunju 2006. Il-kundanna ġiet ikkonfermata fuq appell. Il-gvern argumenta li l-proċedimenti damu minħabba atti intenzjonali mill-ko-akkużati, traduzzjoni mir-Russu għall-Ażeri, u mard okkażjonali tar-rikorrent, il-ko-akkużati u l-avukati.

485 Il-Kunsill tal-Ewropa, CEPEJ (2012), *Length of court proceedings in the member states of the Council of Europe based on the case law of the European Court of Human Rights*, p. 20.

486 QEDB, *Wiesinger vs L-Awstrija*, Nru 11796/85, 30 ta' Ottubru 1991, paragrafu 57.

487 QEDB, *Gubkin vs Ir-Russja*, Nru 36941/02, 23 ta' April 2009, paragrafu 167. Ara wkoll QEDB, *Moiseyev vs Ir-Russja*, Nru 62936/00, id-9 ta' Ottubru 2008, paragrafu192.

488 QEDB, *Eckle vs Il-Ġermanja*, Nru 8130/78, 15 ta' Lulju 1982, paragrafu 82.

489 QEDB, *Unión Alimentaria Sanders SA vs Spanja*, Nru 11681/85, 7 ta' Lulju 1989, paragrafu 35.

490 QEDB, *Veliyev vs Ir-Russja*, Nru 24202/05, 24 ta' Ġunju 2010.

Il-QEDB tenniet li rikorrent ma jistax ikun obbligat li jikkoopera b'mod attiv mal-awtoritajiet ġudizzjarji u ma jistax jiġi kkritikat talli jagħmel użu sħiħ mir-rimedji domestiċi disponibbli. F'dan il-każ, ir-rikorrent ma kkontribwixxiex b'mod sinifikanti għat-tul tal-proċedimenti, u ċertu dewmien seta' jiġi attribwit għall-awtoritajiet lokali. L-Artikolu 6 jirrikjedi li proċedimenti ġudizzjarji ma jiħdux żmien twil, u jifformula wkoll il-prinċipju ġenerali tal-amministrazzjoni proprja tal-ġustizzja. L-awtoritajiet lokali ma sabux bilanċ ġust bejn l-aspetti diversi ta' dan ir-rekwiżit fundamentali, bi ksur tal-Artikolu 6 tal-KEDB.

Kondotta ta' individwu li tista' twassal għal dewmien tinkludi ħarba mill-ġurisdizzjoni. Bħala regola ġenerali, għalhekk, akkużat ma jistax jilmenta dwar it-tul mhux raġjonevoli tal-proċedimenti wara li jkun/tkun ħarab/ħarbet, sakemm hu/hi ma jkollux/jkollhiex raġuni suffiċjenti[491]. Il-kondotta ta' rikorrent m'għandhiex tintuża sabiex tiġġustifika perjodi ta' inattività mill-awtoritajiet.

## 7.2.3. Il-kondotta tal-awtoritajiet domestiċi

Dewmien li jista' jiġi attribwit għall-istat jeħtieġ li jitqies[492], iżda l-attribuzzjoni tar-responsabbiltà għandha tkun ikkunsidrata bir-reqqa. Pereżempju, dewmien fil-proċedimenti li jirriżulta mir-riferiment ta' mistoqsija lill-QtĠ-UE għal deċiżjoni preliminari mhuwiex ħtija tal-istat[493].

Stati għandhom jorganizzaw is-sistemi legali tagħhom sabiex jippermettu lill-qrati tagħhom jiggarantixxu d-dritt li tingħata deċiżjoni finali fi żmien raġjonevoli[494]. Madankollu, ir-responsabbiltà ewlenija għall-preparament ta' każ u għat-tmexxija mgħaġġla tas-smigħ tal-kawża taqa' taħt l-imħallef[495]. Il-QEDB sabet li bidliet ripetuti tal-imħallef "ma jistgħux jeżoneraw l-Istat, li huwa responsabbli sabiex jiżgura li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tkun organizzata sew"[496]. Bl-istess mod, "tagħbija żejda kronika" ta' każijiet ma tiġġustifikax

491 QEDB, *Vayiç vs It-Turkija,* Nru 18078/02, 20 ta' Ġunju 2006, paragrafu 44.

492 QEDB, *Buchholz vs Il-Ġermanja*, Nru 7759/77, 6 ta' Mejju 1981, paragrafu 49. Ara wkoll QEDB, *Yagtzilar u oħrajn vs Il-Greċja*, Nru 41727/98, is-6 ta' Diċembru 2001.

493 QEDB, *Pafitis u oħrajn vs Il-Greċja,* Nru 20323/92, 26 ta' Frar 1998, paragrafu 95.

494 QEDB, *Cocchiarella vs L-Italja* [QĠ], Nru 64886/01, 29 ta' Marzu 2006, paragrafu 119. Għal kawża kriminali, ara QEDB, *Dobbertin vs Franza*, Nru 13089/87, il-25 ta' Frar 1993, paragrafu44.

495 QEDB, *Capuano vs L-Italja*, Nru 9381/81, 25 ta' Ġunju 1987, paragrafi 30-31.

496 QEDB, *Lechner u Hess vs L-Awstrija,* Nru 9316/81, 23 ta' April 1987, paragrafu 58.

proċedimenti eċċessivament twal[497]. L-istat huwa responsabbli għall-awtoritajiet tal-istat kollha – mhux biss il-qrati[498].

> Eżempju: Fis-*Sociedade de Construções Martins & Vieira, Lda. u Oħrajn vs Il-Portugall*[499], l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni tal-Porto bdew investigazzjoni fuq l-attivitajiet fiskali tal-passat tar-rikorrenti fis-17 ta' Settembru 1999. Sussegwentement, ġew istitwiti żewġ proċedimenti kriminali separati quddiem il-qrati kriminali ta' Porto u Barcelos. Fil-ħin tas-smigħ quddiem il-QEDB, it-tnejn li huma kienu għadhom pendenti.
>
> Il-QEDB innutat li l-proċedimenti diġà kienu qabżu l-14-il sena. Huma ġew f'waqfien totali wkoll għal kważi erba' snin bejn Diċembru tal-1999, meta r-rikorrenti saru konvenuti, u April u Novembru tal-2003, meta nġiebu akkużi kontrihom. Bejn l-2003 u l-2005 segwa aktar dewmien ta' sentejn, meta ġiet stabbilità data għall-proċedura. Dan wera li, sa mill-bidu, il-qrati domestiċi ma wrewx diliġenza dovuta fit-trattament tal-każ tar-rikorrenti. Il-Qorti ddikjarat li jista' jkun raġjonevoli għal qrati domestiċi sabiex jistennew l-eżitu tal-proċedimenti paralleli bħala kwistjoni ta' effiċjenza proċedurali, iżda li dan kellu jkun proporzjonat hekk kif dan iżomm lill-akkużat fi stat fit-tul ta' inċertezza. Sabet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-EHCR.

Xogħol tal-qorti pendenti temporanju ma jiskattax ir-responabbiltà tal-istat jekk jieħu azzjoni korrettiva immedjata, xierqa sabiex tipprova tirrisolvi l-problema[500]. Sabiex jiġi megħlub l-ammont ta' xogħol pendenti, l-Istati jistgħu jadottaw miżuri provviżorji, bħall-għażla li jindirizzaw il-kawżi f'ordni partikolari[501]. Madankollu, jekk dawn l-azzjonijiet temporanji jonqsu milli jaħdmu, l-Istati

497 QEDB, *Probstmeier vs Il-Ġermanja*, Nru 20950/92, 1 ta' Lulju 1997, paragrafu 64.

498 QEDB, *Martins Moreira vs Il-Portugall*, Nru 11371/85, 26 ta' Ottubru 1988, paragrafu 60.

499 QEDB, *Sociedade de Construções Martins & Vieira, Lda. u Oħrajn vs Il-Portugall*, Nri 56637/10, 59856/10, 72525/10, 7646/11 u 12592/11, 30 ta' Ottubru 2014.

500 QEDB, *Probstmeier vs Il-Ġermanja*, Nru 20950/92, 1 ta' Lulju 1997, paragrafu 64. Ara wkoll il-Kunsill tal-Ewropa, CEPEJ (2012), *Length of court proceedings in the member states of the Council of Europe based on the case law of the European Court of Human Rights* (Tul tal-proċedimenti tal-qorti fl-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa bbażat fuq il-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem), p. 3.

501 QEDB, *Zimmermann u Steiner vs L-Isvizzera*, Nru 8737/79, 13 ta' Lulju 1983, paragrafu29. Ara wkoll QEDB, *Rutkowski u Oħrajn vs Il-Polonja*, Nri 72287/10, 13927/11 u 46187/11, is-7 ta' Lulju 2015, paragrafi207-210. Għal kawża kriminali, ara QEDB, *Milasi vs L-Italja*, Nru 10527/83, il-25 ta' Ġunju 1987, paragrafu18.

jridu jadottaw miżuri iżjed effettivi sabiex tiġi indirizzata l-problema[502]. L-Istati għandhom ifittxu modi sabiex jiġu żgurati li s-sistemi ġudizzjarji tagħhom ma joħolqux dewmien fil-proċedimenti.

Prattika promettenti

**Tnaqqis tat-tul tal-proċedimenti billi jinstemgħu l-utenti tal-qorti**

Fl-Iżvezja, proġett tal-Ġestjoni tal-Qorti ta' Kwalità b'suċċess naqqas t-tul tal-proċedimenti fi qrati tal-appell u distrettwali. Il-proġett fittex rispons intern dwar il-ġestjoni tal-qorti minn imħallfin u persunal tal-qorti. Tfittex rispons estern mill-konvenuti, xhieda, u avukati. Dan id-djalogu seħħ permezz ta' stħarriġ, kwestjonarji u ħidma fi gruppi żgħar. Saret azzjoni fuq suġġerimenti għat-titjib tat-trattament tal-kawżi mill-qrati u tnaqqas it-tul ta' żmien meħud sabiex il-kawżi jinqatgħu.

*Carboni, N. (2014), 'From quality to access to justice: Improving the functioning of European judicial systems', Civil u Legal Sciences, Volum 3, Ħarġa 4, p. 4.*

## 7.2.4. X'hemm involut għall-ilmentatur

L-importanza ta' x'hemm involut għall-ilmentatur huwa kriterju ieħor li għandu jiġi kkunsidrat meta jkun qed jiġi evalwat it-tul tal-proċedimenti. Standard iżjed rigoruż japplika jekk l-akkużat ikun taħt kustodja, ikun jeħtieġ "diliġenza speċjali" min-naħa tal-awtoritajiet[503]. Każijiet li jikkonċernaw it-tfal jew mard ta' theddid għall-ħajja wkoll jeħtieġu determinazzjoni iżjed bil-ħeffa[504].

502 QEDB, *Zimmermann u Steiner vs L-Isvizzera*, Nru 8737/79, 13 ta' Lulju 1983, paragrafu29.

503 QEDB, *Jabłoński vs Il-Polonja*, Nru 33492/96, 21 ta' ta' Diċembru 2000, paragrafu 102. Ara wkoll QEDB, *Chudun vs Ir-Russja*, Nru 20641/04, il-21 ta' Ġunju 2011, paragrafu112.

504 QEDB, *Hokkanen vs Il-Finlandja*, Nru 19823/92, 23 ta' Settembru 1994, paragrafu 72 (huwa "essenzjali li każijiet ta' kustodji ta' [wild] jiġu indirizzati b'ħeffa"). Ara wkoll QEDB, *X vs Franza*, Nru 18020/91, il-31 ta' Marzu 1992, paragrafu45 (il-każ kellu jiġi trattat bħala materja ta'urġenza minħabba l-għomor tal-persuni kkonċernati).

Prattika promettenti

## It-tħaffif tal-proċedimenti

Fiż-żona Espoo tal-Finlandja, qrati kriminali implimentaw 'l hekk imsejħa "ġranet-Jouko', li matulhom każijiet tat-tfal ikunu pprijoritizzati u awtomatikament imqiegħda fuq quddiem tal-kju. Dan jirriżulta fi proċedimenti iqsar u inqas stress għat-tfal involuti.

*Sors: FRA (2015), Child-friendly justice – Perspectives u experiences of professionals on children's participation in civil u criminal judicial proceedings in 10 EU Member States, p. 35.*

Pereżempju, f'talba għar-ritorn tat-tfal lejn in-Norveġja skont il-Konvenzjoni dwar il-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri, il-QEDB sostniet "l-importanza kritika" tal-mogħdija taż-żmien f'dawn it-tipi ta' proċedimenti, fejn dewmien jista' effettivament jiddetermina l-eżitu tal-każ[505]. Diliġenza speċjali hija wkoll meħtieġa fil-proċedimenti sabiex jiġi determinat kumpens għall-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku tat-triq[506], u f'tilwim relatat ma' impjieg[507].

Eżempju: F'*Mikulić vs Il-Kroazja*[508], ir-rikorrenta u ommha fetħu kawża paternali kontra H.P. Din wasslet għal 15-il smigħ skedati, li sitta minnhom ġew aġġornati għax H.P. naqas milli jidher. Huwa naqas milli jidher ukoll b'mod persistenti għall-ittestjar tad-DNA. Saż-żmien meta l-każ wasal għand il-QEDB, il-proċedimenti kienu diġà ħadu erba' snin u kienu għadhom għaddejjin.

Il-każ iffoka fuq allegat ksur tal-Artikolu 8, iżda l-QEDB tenniet li hemm bżonn ta' diliġenza partikolari f'każijiet li jikkonċernaw stat u kapaċità ċivili. Hawnhekk, fid-dawl ta' dak li kien hemm involut għar-rikorrenta, u li kien id-dritt tagħha li jkollha l-paternità stabbilità jew miċħuda sabiex

505 QEDB, *Hoholm vs Is-Slovakkja*, Nru 35632/13, 13 ta' ta' Jannar 2015, paragrafu 51.

506 QEDB, *Martins Moreira vs Il-Portugall*, Nru 11371/85, 26 ta' Ottubru 1988.

507 QEDB, *Vocaturo vs L-Italja*, Nru 11891/85, 24 ta' Mejju 1991, paragrafu 17; QEDB, *Bauer vs Is-Slovenja,* Nru 75402/01, 9 ta' Marzu 2006, paragrafu19. Għal dettalji dwar każijiet li jeħtieġu diliġenza addizzjonali, ara wkoll Kunsill tal-Ewropa, (CEPEJ) (2012), *Length of court proceedings in the member states of the Council of Europe based on the case law of the European Court of Human Rights* (Tul tal-proċedimenti tal-qorti fl-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa bbażat fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem), p. 3. Ta' min jinnota wkoll il-Kunsill tal-Ewropa (CEPEJ) (2013), *States appeal and supreme courts' lengths of proceedings* (Appell tal-Istati u t-tul tal-proċediment tal-qrati supremi).

508 QEDB, *Mikulić vs Il-Kroazja*, Nru 53176/99, 7 ta' Frar 2002.

telimina l-inċertezza rigward l-identità ta' missierha naturali, l-Artikolu 6 jeħtieġ lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti sabiex jaġġixxu b'diliġenza partikolari. Kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6 (1) tal-QEDB.

## 7.3. Rimedji għal proċedimenti eċċessivament twal

Kapitolu 7 jistabbilixxi d-dritt li l-proċedimenti jiġu konklużi fi żmien raġjonevoli[509]. Din it-taqsima tħares lejn l-approċċ tal-QEDB fl-għoti ta' rimedju effettiv għal proċedimenti eċċessivament twal. Għandu jiġi nnutat li l-Istati huma mħeġġa jipprevjenu proċedimenti eċċessivament fit-tul – permezz tar-riorganizzazzjoni tas-sistemi ġudizzjarji, pereżempju – minflok jingħata rimedju permezz ta' kumpens. Il-QEDB iddikjarat li rimedji sabiex jitħaffu l-proċedimenti għall-prevenzjoni ta' tul eċċessiv huma ppreferuti minħabba li dawn jevitaw sejbiet ta' vjolazzjonijiet suċċessivi fir-rigward tal-istess sett ta' proċedimenti[510].

Eżempju: *Scordino vs L-Italja (Nru 1)*[511] involviet talba għal kumpens għall-espropjazzjoni tal-art. Tressaq ukoll ilment dwar it-tul tal-proċedimenti, li damu tmien snin u nofs fuq żewġ livelli ta' ġurisdizzjoni.

Fir-rigward ta' rimedju effettiv, il-QEDB iddikjarat li vjolazzjonijiet għandhom ikunu indirizzati b'tipi differenti ta' rimedji. Xi stati jagħżlu li jikkombinaw rimedji sabiex iħaffu l-proċedimenti b'kumpens. Stati jingħataw ftit diskrezzjoni; l-introduzzjoni ta' rimedju kompensatorju biss mhijiex meqjusa bħala ineffettiva sakemm ir-rimedju jikkonforma mal-QEDB. Hemm preżunzjoni b'saħħitha imma ribattibli li proċedimenti eċċessivament twal joħolqu danni mhux pekunarju. Iżda l-livell ta' kumpens jiddependi fuq il-karatteristiċi u l-effettività tar-rimedju domestiku.

509 Il-fatturi li jiddeterminaw ir-raġjonevolezza huma stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-QEDB; ara pereżempju QEDB, *Kemmache vs Franza (Nri 1 u 1)*, Nri 12325/86 u 14992/89, is-27 ta' Novembru 1991, paragrafu60. Il-QtĠ-UE addottat l-istess approċċ. Ara QtĠ-UE, Ċ-185/95 P, *Baustahlgewebe GmbH vs il-Kummissjoni tal-Kommunitajiet Ewropej*, is-17 ta' Diċembru 1998, paragrafu29.

510 QEDB, *Scordino vs L-Italja (Nru 1)* [QĠ], Nru 36813/97, 29 ta' Marzu 2006, paragrafu 183; QEDB, *Kudła vs Il-Polonja* [QĠ], Nru 30210/96, 26 ta' Ottubru 2000, paragrafu 152.

511 QEDB, *Scordino vs L-Italja (Nru 1)* [QĠ], Nru 36813/97, 29 ta' Marzu 2006, paragrafi 106-108 u 201-205.

**Skont il-liġi tal-KtE**, rimedju preventiv – pereżempju, wieħed li jħaffef il-proċedimenti billi jipprovdi data ta' smigħ immedjata – huwa ppreferut. Madankollu, rimedju ta' kumpens jista' jkun effettiv meta l-proċedimenti jkunu diġà eċċessivament twal u rimedju preventiv ma jkunx jeżisti[512]. F'każijiet kriminali, il-QEDB tista' tagħraf li t-tnaqqis ta' sentenza hija rimedju effettiv[513].

**Skont il-liġi tal-UE**, il-QtĠ-UE ma ddeċidietx dwar it-tul tal-proċedimenti domestiċi skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, iżda aċċettat kumpens bħala rimedju effettiv għal proċedimenti quddiem il-Qorti Ġenerali tal-QtĠ-UE li jiksru l-Artikolu 47.

> Eżempju: Fi *Groupe Gascogne vs Il-Kummissjoni*[514], il-QtĠ-UE kkunsidrat każijiet dwar it-tul eċċessiv tal-proċedimenti u r-rimedju xieraq fir-rigward ta' proċedimenti quddiem il-Qorti Ġenerali (GC).
>
> Il-QtĠ-UE kkonkludiet li, fejn Qorti tal-Unjoni Ewropea tikser l-obbligazzjonijiet tagħha skont l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea sabiex tiġġudika każijiet quddiemha fi żmien raġjonevoli, is-sanzjoni għandha tkun azzjoni għal danni miġjuba quddiem il-GC. Din hija verżjoni Faċli biex Tinqara

Fl-2010, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa ħareġ rakkomandazzjoni fejn offra gwida prattika lil stati fuq din il-kwistjoni f'termini ta' rimedju[515]. Din tiffoka fuq it-tħaffif tal-proċedimenti.

512 QEDB, *McFarlane vs L-Irlanda* [QĠ], Nru 31333/06, 10 ta' Settembru 2010, paragrafu 108.

513 QEDB, *Orchowski vs Il-Polonja*, Nru 17885/04, 22 ta' Ottubru 2009 u *Norbert Sikorski vs Il-Polonja*, Nru 17599/05, 22 ta' Ottubru 2009.

514 QtĠ-UE, Ċ-58/12 P, *Groupe Gascogne SA vs Il-Kummissjoni Ewropea*, is-26 ta' Novembru 2013, paragrafi.82-88.

515 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2010), Rakkomandazzjoni Rec(2010)3 għal Stati Membri fuq rimedju effettivi għal tul eċċessiv tal-proċedimenti, l-24 ta' Frar 2010.

# 8

# Aċċess għall-ġustizzja f'oqsma ta' ffukkar magħżula



| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
| --- | --- | --- |
| **Persuni b'diżabilità** | | |
| Karta tad-Drittijiet Fundamentali, Artikolu 6 (dritt għal-libertà u sigurtà), 20 (ugwaljanza quddiem il-liġi), 21 (nondiskriminazzjoni) u 47 (dritt għal rimedju effettiv)<br>Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (2012/29/UE)<br>Direttiva dwar l-interpretazzjoni u t-traduzzjoni (2010/64/UE)<br>Id-Direttiva dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (2012/13/UE)<br>Direttiva dwar l-aċċess għal avukat (2013/48/UE) | Aċċess għall-ġustizzja | KEDB, Artikoli 5 (id-dritt għal-libertà u s-sigurtà), 6 (id-dritt għal proċess ġust) u 14 (projbizzjoni tad-diskriminazzjoni)<br>QEDB, *A.K. u L. vs Il-Kroazja*, Nru 37956/11, 2013 |
| | Kapaċità ġuridika | QEDB, *Shtukaturov vs Ir-Russja*, Nru 44009/05, 2008 |
| **Vittmi tal-kriminalità** | | |
| Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 47<br>QtĠ-UE, C-105/03, *Proċedimenti kriminali kontra Maria Pupino*, 2005<br>Id-Deċiżjoni Qafas dwar il-pożizzjoni tal-vittmi (2001/220/ĠAI)<br>Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (2012/29/UE)<br>Id-Direttiva dwar il-Kumpens (2004/80/KE) | | KEDB, Artikolu 13 (id-dritt għal rimedju effettiv)<br>QEDB, *Dink vs It-Turkija*, Nri 2668/07 *et al.*, 2010<br>Konvenzjoni dwar il-Kumpens għall-Vittmi ta' Reati Vjolenti (CETS Nru 116) |

| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| **Priġunieri u detenuti qabel il-proċess** | | |
| Karta tad-Drittijiet Fundamentali, Artikolu 6<br>Direttiva dwar l-interpretazzjoni u t-traduzzjoni (2010/64/UE)<br>Id-Direttiva dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (2012/13/UE)<br>Direttiva dwar l-aċċess għal avukat (2013/48/UE) | **Aċċess għal qorti u għal avukat** | KEDB, Artikolu 5 |
| Karta tad-Drittijiet Fundamentali, Artikolu 6 | **Id-dritt għall-kontestazzjoni taċ-ċaħda ta' libertà** | KEDB, Artikolu 5(1), (3) u (4)<br>QEDB, *Stanev vs Il-Bulgarija* [QĠ], Nru 36760/06, 2012<br>QEDB, *Hassan u Oħrajn vs Franza*, Nri 46695/10 u 54588/10, 2014 |
| Karta tad-Drittijiet Fundamentali, Artikolu 6 | **Kumpens għal detenzjoni illegali** | KEDB, Artikolu 5(5): |
| **Liġi ambjentali** | | |
| QtĠ-UE, C-115/09, *Bund für Umwelt und Naturschutz Deutschland, Landesverband Nrurdrhein-Westfalen eV vs Bezirksregierung Arnsberg*, 2011<br>Direttiva dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali (2003/4/KE)<br>Direttiva dwar il-parteċipazzjoni pubblika (2003/35/KE)<br>Regolament (KE) Nu 1367/2006 dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus | | QEDB, *Tătar vs Ir-Rumanija*, Nru 67021/01, 2009<br>Il-Karta Soċjali Ewropea, Artikolu 11 (id-dritt għall-protezzjoni tas-saħħa) |

| UE | Kwistjonijiet koperti | KtE |
|---|---|---|
| **Ġustizzja elettronika** | | |
| QĠUE, Kawżi konġunti C-317/08 sa C-320/08, *Rosalba Alassini vs Telecom Italia SpA, Filomena Califano vs Wind SpA, Lucia Anna Giorgia Iacono vs Telecom Italia SpA* u *Multiservice Srl vs Telecom Italia SpA*, 2010<br>Ir-Regolament (KE) Nu 1896/2006 dwar l-Ordni ta' Ħlas Ewropej<br>Ir-Regolament (KE) Nru 861/2007 dwar il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar | | QEDB, *Lawyer Partners a.s. vs Is-Slovakkja*, Nri 54252/07 *et al.*, 2009 |

Dan il-kapitolu jqis l-aċċess għall-ġustizzja għal gruppi magħżula u f'oqsma selettivi ta' fokus, rigward liema prinċipji speċifiċi ġew żviluppati fil-Kunsill tal-Ewropa u fil-liġi tal-UE: persuni b'diżabilità (Taqsima 8.1), vittmi tal-kriminalità (Taqsima 8.2), priġunieri u detenuti ta' qabel il-proċess (Taqsima 8.3), liġi ambjentali (Taqsima 8.4) u e-ġustizzja (Taqsima 8.5). Gruppi oħrajn (speċifikament, tfal u immigranti irregolari) huma indirizzati fil-manwali eżistenti tal-FRA-QEDB dwar il-liġi Ewropea relatata mal-ażil, il-fruntieri u l-immigrazzjoni u dwar il-liġi Ewropea relatata mad-drittijiet tat-tfal[516]. Għandu jiġi nnotat li l-liġi stabbilita fil-Kapitoli 1 sa 7, tapplika wkoll għall-Kapitolu 8. Kapitolu 8 jesplora miżuri addizzjonali li jistgħu jkunu disponibbli biex jiżguraw li l-individwi jgawdu bis-sħiħ l-aċċess għall-ġustizzja.

516 FRA (2014), *Handbook on European law relating to asylum, borders and immigration*, u FRA (2015), *Handbook on European law relating to the rights of the child*.

## 8.1. Persuni b'diżabilità

### Punti ewlenin

- Il-Kunsill tal-Ewropa u l-liġi tal-UE jibbażaw fuq il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (CRDP) u l-prinċipji tagħha.
- L-Artikolu 20 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, li jikkonferma li kulħadd huwa ugwali quddiem il-liġi, u l-Artikolu 21, li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabilità, isaħħaħ id-dritt ta' persuni b'diżabilitajiet biex jaċċessaw il-ġustizzja. Skont il-liġi tal-Kunsill tal-Ewropa, l-Artikolu 14 tal-KEDB jipprojbixxi d-diskriminazzjoni għal raġunijiet varji fir-rigward tad-drittijiet tal-KEDB. Hija ma tirreferixxix espressament għad-diżabilità, iżda l-QEDB inkludiet id-diżabilità fl-interpretazzjoni tagħha ta' raġunijiet "oħrajn" protetti taħt l-Artikolu.
- L-aċċessibilità hija prinċipju ewlieni tal-Kumitat dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD). Partijiet tal-Kumitat dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) għandhom jiżguraw li persuni b'diżabilità jkollhom aċċess – fuq bażi ugwali ma' oħrajn – għall-ambjent fiżiku, l-informazzjoni u l-komunikazzjonijiet, is-servizzi u l-faċilitajiet. Is-CRPD jirrikjedi wkoll akkomodazzjonijiet raġjonevoli biex jiżguraw li persuni b'diżabilità jistgħu jaċċessaw qorti u jipparteċipaw fi proċedimenti legali fuq bażi ugwali għal oħrajn.
- Is-CRPD, il-KEDB u l-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali fihom protezzjonijiet proċedurali għal persuni detenuti minħabba problemi ta' saħħa mentali, u jiżguraw li l-individwi li m'għandhomx kapaċità legali jistgħu jaċċessaw il-ġustizzja.

Persuni b'diżabilità jaffaċċjaw ostakli meta jippruvaw jaċċessaw il-ġustizzja. L-Istati għalhekk għandhom obbligi addizzjonali biex jiżguraw li persuni b'diżabilità jistgħu jgawdu bis-sħiħ l-aċċess tagħhom għad-drittijiet tal-ġustizzja[517]. Din it-taqsima tesplora diversi kwistjonijiet ewlenin rilevanti, inklużi l-aċċessibilità u l-kapaċità ġuridika. Taqsima 8.3 tiddiskuti d-detenzjoni involontarja ta' persuni b'diżabilitajiet psikosoċjali – kwistjoni frekwenti quddiem il-QEDB[518].

517 Ara, per eżempju, il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem (2008), *Drittijiet tal-Bniedem u d-diżabilità: drittijiet ugwali għal kulħadd*, paragrafu3.4, u Rakkomandazzjoni Nru 4. Ara wkoll, Kunsill tal-Ewropa, CEPEJ (2010), *Aċċess għall-ġustizzja fl-Ewropa*, Studji tas-CEPEJ Nru 9.

518 QEDB, *Gorshkov vs L-Ukraina*, Nru 67531/01, 8 ta' ta' Novembru 2005, paragrafu 44. FRA (2012), *Involuntary placement u involuntary treatment of persons with mental health problems* (Il-kollokament u t-trattament involontarju ta' nies bi problemi ta' saħħa mentali), pp. 18-19.

L-Artikolu 1 tas-CRDP jiddefinixxi d-diżabilità sabiex tinkludi persuni li għandhom diżabilità fiżika, mentali, intellettwali jew sensorjali fit-tul li, "f'interazzjoni ma' ostakli varji, tista' xxekkel il-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali għal ħaddieħor". Is-CRDP jikkonferma li persuni b'diżabilità huma detenturi ta' drittijiet ugwali – u mhux riċevituri tal-karità. L-UE u l-25 mill-Istati Membri tagħha rratifikaw is-CRPD[519].

## 8.1.1. Aċċess għall-ġustizzja

**Prattika promettenti**

### Niggwidaw il-pulizija fl-assistenza ta' persuni b'diżabilità

Fi Spanja, il-Guardia Civil żviluppat gwida speċjalizzata għall-uffiċjali tal-pulizija biex tgħinhom jipprovdu servizzi aħjar għal persuni b'diżabilitajiet intellettwali.

*Ara Carrasco, A. et al (2013), Guía de intervención policial con personas con discapacidad intelectual, Madrid, Fundación Carmen Pardo-Valcarce.*

L-aċċessibilità hija prinċipju prinċipali tal-Kumitat dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) u "prekundizzjoni vitali biex il-persuni b'diżabilità jgawdu effettivament u b'mod ugwali d-drittijiet differenti ċivili, politiċi, ekonomiċi u soċjali". Skont l-Artikolu 9, partijiet għall-konvenzjoni għandhom jiżguraw li l-persuni b'diżabilità jkollhom aċċess, fuq bażi ugwali għall-oħrajn, għall-ambjent fiżiku (pereżempju bini), l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u għal faċilitajiet u servizzi oħrajn disponibbli għall-pubbliku. Il-partijiet għas-CRPD għandhom jipprovdu l-forom ta' assistenza xierqa – inkluż gwidi, qarrejja u interpreti professjonisti tal-lingwa tas-sinjali – sabiex iħarsu l-aċċessibilità. Id-dritt ta' aċċess għall-qorti jista' jinkiser jekk ma jkunx possibbli għal rikorrent li jidħol fiżikament fiha – pereżempju, minħabba mobilità mnaqqsa[520].

519 Tabella online tal-FRA dwar ir-ratifikazzjoni tispeċifika liema Stati rratifikawh. Tabella online oħra telenka korpi tas-CRDP tan-Nazzjonijiet Uniti Art. 33 korpi (korpi għall-monitoraġġ tal-implementazzjoni tal-konvenzjoni).

520 QEDB, *Farcaş vs Ir-Rumanija*, Nru 32596/04, 14 ta' Settembru 2010, paragrafu 48.

Id-dritt ta' parteċipazzjoni fil-proċedimenti huwa parti essenzjali tad-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja[521]. Is-CRPD jiggarantixxi d-dritt ta' aċċess effettiv għall-ġustizzja fl-Artikolu 13. Dan jgħid li persuni b'diżabilità għandhom l-istess drittijiet li għandhom utenti oħrajn tal-qorti biex imorru l-qorti, itellgħu persuni oħrajn il-qorti, jaġixxu ta' xhieda u jieħdu sehem f'dak li jseħħ fil-qorti. Għandhom isiru akkomodazzjonijiet raġjonevoli sabiex jiġi żgurat li persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jeżerċitaw dawn id-drittijiet fuq bażi ugwali għal ħaddieħor. Għalhekk, partijiet tas-CRPD għandhom jieħdu miżuri xierqa, fejn meħtieġ, sabiex persuna b'diżabilità tkun tista' taċċessa u tipparteċipa fil-proċess tal-ġustizzja. L-appoġġ jista' jinkludi d-disponibilità tal-lingwa tas-sinjali, l-użu ta' dokumenti f'formati aċċessibbli, braille jew faċli biex jinqraw, eċċ[522]. Artikolu 13 jeħtieġ ukoll taħriġ xieraq għal qrati, pulizija u persunal tal-ħabs.

**Skont il-liġi tal-KtE**, persuni b'diżabilitajiet għandhom id-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja taħt l-Artikolu 6 tal-QEDB. L-Artikolu 14 ukoll iħarishom minn kwalunkwe diskriminazzjoni fl-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom permezz tar-referenzi għal raġunijiet 'oħra'[523]. Madankollu, l-Artikolu 14 mhuwiex dritt fih innifsu: dan jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' diżabilità biss fejn jidħlu d-drittijiet sostantivi tal-QEDB. Waqt li Protokoll Nru 12 tal-QEDB jestendi l-ħarsien kontra d-diskriminazzjoni għal kwalunkwe dritt garantit taħt il-liġi domestika jew fi kwalunkwe att ta' awtorità pubblika u huwa għalhekk usa' fl-ambitù mill-Artikolu 14[524], japplika biss għall-Istati li rratifikawh[525].

**Skont il-liġi tal-UE**, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi d-dritt ġenerali ta' aċċess għall-ġustizzja. Persuni b'diżabilità huma mħarsa wkoll mid-diskriminazzjoni permezz tal-Artikolu 20

521 Ir-rapport tal-FRA dwar l-aċċess għall-ġustizzja f'każijiet ta' diskriminazzjoni jagħti rakkomandazzjonijiet fuq l-istrutturi, il-proċeduri u l-mekkaniżmi ta' appoġġ li jiffaċilitaw l-aċċess għall-ġustizzja. Ara FRA (2012), *Access to justice in cases of discrimination in the EU Steps to further equality* (Aċċess għall-ġustizzja f'każijiet ta' diskriminazzjoni fl-UE Passi lejn ugwaljanza akbar).

522 Pereżempju, ara d-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali, ĠU 2010 L 280, u Kummissjoni Ewropea (2013), Rakkomandazzjoni tas-27 ta' Novembru 2013 dwar is-salvagwardji proċedurali għal persuni vulnerabbli suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali, ĠU 2013 C 378.

523 QEDB, *Glor vs l-Iżvizzera*, Nru 13444/04, 30 ta' April 2009.

524 KtE, Protokoll Nru 12 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, CET Nru 177, Ruma, 4.11.2000, pp. 1–3.

525 Għal-lista attwali tal-istati li rratifikaw il-Protokoll Nru 12 tal-QEDB, ara: http://www.coe.int/en/web/conventions/full-list/-/conventions/treaty/177/signatures?p_auth=w7ZQNTfu.

tal-Karta, li jikkonferma li kulħadd huwa ugwali quddiem il-liġi, u permezz tal-Artikolu 21, li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabilità.

**Skont il-liġi tal-KtE u l-liġi tal-UE**, il-projbizzjonijiet għad-diskriminazzjoni jfissru li l-istati għandhom jieħdu azzjoni pożittiva biex jiżguraw li persuni b'diżabilitajiet jistgħu jaċċessaw id-drittijiet tagħhom fil-prattika. L-azzjoni meħtieġa tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi. Pereżempju, jista' jkun meħtieġ il-provvediment bla ħlas ta' rappreżentanza legali lil persuni b'diżabilitajiet sabiex ikun garantit id-dritt ta' proċess ġust jekk l-individwi jkollhom diffikultajiet biex jifhmu l-kumplessitajiet tal-proċedimenti (ara t-Taqsimiet 3.1.2 u 3.2.3)[526].

Eżempju: F'*A.K. u L. vs il-Kroazja*[527], tifel tqiegħed taħt foster care ftit żmien wara li twieled bil-kunsens ta' ommu. Imbagħad id-drittijiet parentali tal-omm tneħħew għar-raġuni li hija kellha diżabilità intellettwali ħafifa u ma setgħetx tieħu ħsieb lil binha kif jixraq. Saret applikazzjoni biex jintroddulha lura d-drittijiet tal-ġenituri tagħha, iżda din ġiet rifjutata minħabba li terzi persuni kienu diġà adottaw lil binha. L-omm ma kinitx informata bil-proċedimenti tal-adozzjoni u ma kinitx parti minnhom.

Il-QEDB iddeċidiet li l-awtoritajiet nazzjonali kellhom jiżguraw li l-interessi tal-omm kienu mħarsa b'mod adegwat fil-proċedimenti. Fid-dawl taċ-ċirkostanzi personali tagħha, ħareġ ċar li l-omm ma setgħetx tifhem sewwa l-effetti legali sħaħ ta' proċedimenti bħal dawn jew ma setgħetx targumenta l-każ tagħha b'mod adegwat, iżda l-qorti domestika ppermettitilha li tibqa' mhux rappreżentata. Il-Qorti sabitha diffiċli li taċċetta li l-omm, li l-impediment fid-diskors u l-vokabularju limitat tagħha tqiesu bħala bażi ta' biża' li ma kinitx se tkun tista' tgħallem lil binha jitkellem sew, kienet tkun tista' targumenta l-każ tagħha fi proċedimenti rigward id-drittijet parentali tagħha. Dan kien ksur tal-Artikolu 8.

Barraminhekk, **skont il-liġi tal-UE**, il-liġi tal-UE sekondarja tipprovdi drittijiet speċifiċi lil persuni b'diżabilitajiet. Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (ara t-Taqsima 8.2) tistipula li vittmi b'diżabilità għandhom ikuni jistgħu jaċċessaw id-drittijiet sħaħ fid-direttiva[528]. L-UE lleġislat ukoll protezzjonijiet speċifiċi għall-persuni b'diżabilitajiet fi proċedimenti kriminali. Pereżempju, id-Direttiva

526 QEDB, *Nenov vs Il-Bulgarija*, Nru 33738/02, 16 ta' Lulju 2009, paragrafu 52.

527 QEDB, *A.K. u L. vs Il-Kroazja*, Nru 37956/11, 8 ta' ta' Jannar 2013.

528 Direttiva 2012/29/UE, Premessa 15.

dwar id-dritt għal informazzjoni fi proċedimenti kriminali tobbliga lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-informazzjoni tiġi provduta b'lingwaġġ sempliċi u aċċessibbli, filwaqt li jitqiesu l-bżonnijiet partikolari ta' suspettati vulnerabbli jew ta' persuni akkużati vulnerabbli[529]. Id-Direttiva dwar id-dritt għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali teħtieġ l-għoti ta' assistenza xierqa lil persuni b'impedimenti fis-smigħ jew fid-diskors[530]. Madankollu, id-Direttiva dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat teħtieġ lill-Istati Membri li jiżguraw li l-bżonnijiet partikolari ta' suspettati vulnerabbli u ta' persuni akkużati vulnerabbli jitqiesu fl-applikazzjoni tagħha[531]. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni li fiha rrakkomandat salvagwardji proċedurali għal persuni vulnerabbli suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali[532].

### 8.1.2. Kapaċità

Il-kapaċità legali tista' tkun ukoll kwistjoni sinifikanti għal ħafna individwi b'diżabilità intellettwali u psikosoċjali. L-Artikolu 12 tas-CRPD jirrikonoxxi li persuni b'diżabilità huma "persuni quddiem il-liġi" u għandhom kapaċità legali fuq bażi ugwali għal ħaddieħor. M'hemmx definizzjoni aċċettata fuq livell internazzjonali tal-kapaċità legali. Din ġiet deskritta bħala "ir-rikonoxximent tal-liġi tad-deċiżjonijiet li tieħu persuna: jagħmluha soġġetta għal-liġi, u intitolata għad-drittijiet u l-obbligi legali"[533]. Dan ir-rikonoxximent huwa meħtieġ biex jiżgura li d-deċiżjonijiet ta' individwu jkollhom effett legali. Mill-perspettiva tal-aċċess għall-ġustizzja, nuqqas ta' kapaċità tista' tipprevjeni persuna milli tibda litigazzjoni jew tqabbad avukat sabiex ikollha aċċess għall-ġustizzja.

L-Istati huma meħtieġa li jiżguraw li persuni b'nuqqas ta' kapaċità jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċeduri[534]. L-Artikolu 6 tal-KEDB jirrikjedi

529 Direttiva 2012/13/UE, Art. 3 (2).

530 Direttiva 2010/64/UE, Art. 2 (3).

531 Id-Direttiva 2013/48/UE, Art. 13.

532 Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Novembru 2013 dwar is-salvagwardji proċedurali għall-persuni vulnerabbli li jkunu suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali, ĠU 2013 378.

533 Ara FRA (2013), *Legal capacity of persons with intellectual disabilities u persons with mental health problems* (Il-kapaċità legali ta' persuni b'diżabilità intellettwali u persuni bi problemi ta' saħħa mentali), p. 9.

534 QEDB, *Zehentner vs L-Awstrija*, Nru 20082/02, 16 ta' Lulju 2009, paragrafi 65 u 78.

l-preżenza tar-rikorrent fi proċedimenti fejn il-kapaċità legali tiegħu jew tagħha trid tiġi vverifikata.

Eżempju: F'*Shtukaturov vs Ir-Russja*[535], ir-rikorrent kellu storja ta' mard mentali. Omm ir-rikorrent applikat għal ordni ta' qorti sabiex titneħħielu l-kapaċità legali fuq il-bażi li hu ma kienx kapaċi jgħix ħajja indipendenti u kellu bżonn ta' xi ħadd jieħu ħsiebu. Ir-rikorrent ma ġiex notifikat b'mod uffiċjali bil-proċeduri. Il-qorti eżaminat l-applikazzjoni waqt seduta bil-preżenza tal-prosekutur tad-distrett u rappreżentant tal-isptar psikjatriku fejn ir-rikorrent kien iddaħħal iktar kmieni din is-sena. Ir-rikorrent ma ġiex notifikat bis-seduta u ma attendiex. Ir-rikorrent ġie ddikjarat legalment inkapaċi u omm ir-rikorrent inkwistjoni nħatret bħala l-kustodja tiegħu. Wara, ir-rikorrent ikkuntattja avukat li emmen li r-rikorrent kien kompletament kapaċi jifhem kwistjonijiet legali kumplessi. Ġie ppreżentat appell, iżda ġie miċħud mingħajr ma ġie eżaminat fuq il-bażi li r-rikorrent ma kellu l-ebda kapaċità legali u seta' jappella biss permezz tal-kustodja uffiċjali tiegħu. Omm ir-rikorrent daħħlet lir-rikorrent fi sptar psikjatriku fejn ġie mċaħħad mill-permess li jiltaqa' mal-avukat tiegħu u wara ġie mċaħħad minn kull kuntatt mad-dinja ta' barra. It-tentattivi min-naħa tal-avukat tiegħu ta' rilaxx mill-isptar ma rnexxewx. Ġiet ippreżentata applikazzjoni quddiem il-QEDB li ddeċidiet – skont ir-Regola 39 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha – li r-rikorrent u l-avukat tiegħu għandhom jingħataw il-ħin u l-faċilitajiet neċessarji biex jiltaqgħu u jippreparaw minn qabel il-kawża pendenti L-awtoritajiet Russi rrifjutaw li jikkonformaw. Ir-rikorrent inħareġ mill-isptar f'Mejju 2006, iżda jidher li wara reġa' iddaħħal fuq talba ta' omm ir-rikorrent.

Il-Qorti sabet ksur tal-Artikolu 6 (1) tal-KEDB. Il-proċeduri tal-kapaċità kienu importanti għar-rikorrent għaliex affettwaw l-awtonomija personali fi kważi kull qasam tal-ħajja u potenzjalment wasslu għal restrizzjonijiet tal-libertà tiegħu. Il-parteċipazzjoni tiegħu kienet neċessarja kemm sabiex ikun jista' jippreżenta l-każ tiegħu kif ukoll sabiex l-imħallef ikun jista' jifforma opinjoni personali dwar il-kapaċità mentali tiegħu. Għaldaqstant, id-deċiżjoni tal-imħallef biex jiddeċiedi fuq il-każ abbażi ta' evidenza dokumentarja, mingħajr ma ra jew sema' lir-rikorrent – li, minkejja l-kundizzjoni tiegħu, kien relattivament awtonomu – kienet irraġonevoli u bi ksur tal-prinċipju tal-proċedimenti kontenzjużi. Il-preżenza tar-rappreżentant

535 QEDB, *Shtukaturov vs Ir-Russja*, Nru 44009/05, 27 ta' ta' Marzu 2008.

tal-isptar u l-prosekutur tad-distrett, li baqgħu passivi waqt is-seduta ta' għaxar minuti, ma għamlitx il-proċedimenti verament kuntenzjużi. U ir-rikorrent lanqas seta' jikkontesta d-deċiżjoni hekk kif l-appell tiegħu ġie miċħud mingħajr eżaminazzjoni. Fil-qosor, il-proċedimenti quddiem il-qorti tad-distrett ma kinux ġusti.

Il-preżenza ta' individwu f'seduta dwar il-kapaċità hija kruċjali għal żewġ raġunijiet: l-ewwel, biex tippermetti lill-persuna tippreżenta l-każ tiegħu/tagħha, it-tieni, biex tippermetti lill-imħallef jifforma l-opinjoni personali tiegħu/tagħha dwar il-kapaċità mentali tar-rikorrent[536]. Restrizzjoni fuq il-kapaċità hija permessa biss meta tkun neċessarja l-protezzjoni tal-persuna kkonċernata[537].

536 QEDB, *X u Y vs Il-Kroazja*, Nru 5193/09, 3 ta' ta' Novembru 2011, paragrafi 84-85.

537 Kunsill tal-Ewropa, Kumitat tal-Ministri (1999) Rakkomandazzjoni R(99)4 lill-Istati Membri dwar il-prinċipji li jikkonċernaw il-protezzjoni legali ta' adulti inkapaċi, 23 ta' Frar 1999, Prinċipju 3. Ir-restrizzjonijiet jistgħu jeħtieġu reviżjoni wara ċertu żmien, b'mod partikolari jekk il-persuna tagħmel talba għaliha; ara QEDB *Matter vs Is-Slovakkja*, 31534/96, 5 ta' Lulju 1999, paragrafu68.

# 8.2. Vittmi tal-kriminalità

## Punti ewlenin

- Skont il-liġi tal-KtE, id-drittijiet proċedurali tal-vittma huma protetti taħt l-Artikolu 13 tal-QEDB. Vittmi tal-kriminalità ma jistgħux jitolbu d-dritt għal smigħ imparzjali skont l-Artikolu 6 tal-QEDB, sakemm ma jingħaqdux ma' proċeduri kriminali għall-infurzar ta' talbiet tal-liġi ċivili fi ħdan il-qafas tal-proċedura kriminali.
- L-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipproteġi d-drittijiet kollha li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Il-vittmi ta' delitt huma intitolati għal rimedju effettiv fil-forma ta' proċedimenti kriminali. Għalhekk, skont il-Karta, vittmi ta' delitt igawdu kemm – mid-dritt għal rimedju effettiv (skont l-Artikolu 13 tal-KEDB) kif ukoll mid-dritt għal smigħ imparzjali (skont l-Artikolu 6 (1) tal-KEDB). L-Artikolu 47 tal-Karta jagħti d-dritt għal smigħ imparzjali u pubbliku lill-vittmi ta' kriminalità minn tribunal indipendenti, id-dritt għal parir u rappreżentazzjoni legali, id-dritt għal għajnuna legali u d-dritt għal rimedju effettiv.
- Id-Direttiva tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tinkorpora aspetti importanti tad-drittijiet tal-vittmi għal smigħ ġust fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, inklużi d-dritt għal parir legali u l-appoġġ emozzjonali.
- L-Istati għandhom jieħdu azzjoni pożittiva favur il-prevenzjoni ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem minn aġenti tal-istat, kif ukoll minn individwi privati. Dan jeħtieġ li l-Istati jikkriminalizzaw abbużi serji kontra d-drittijiet tal-bniedem u jieħdu azzjoni favur il-prevenzjoni u l-investigazzjoni ta' ksur tal-Artikoli 2 u 3 tal-KEDB u l-Artikoli 2 u 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- Uħud mill-vittmi ta' delitt – bħall-vittmi tat-traffikar – jibbenefikaw minn protezzjoni addizzjonali, speċifika kemm taħt il-KEBD kif ukoll taħt il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u permezz tal-liġi sekondarja tal-UE.

Din it-taqsima titratta l-aċċess għall-ġustizzja minn vittmi tal-kriminalità. Id-dritt tal-vittmi għall-aċċess għall-ġustizzja mhux dejjem kien konformi mal-iżgurar tad-drittijiet tal-konvenuti, u kien biss reċentament li dan id-dritt ingħata l-istess pożizzjoni bħad-drittijiet tal-konvenuti[538]. Din it-taqsima tistabbilixxi l-liġi Ewropea dwar il-vittmi inġenerali. Minkejja dan, importanti li wieħed jinnota li gruppi distinti ta' vittmi (bħall-vittmi ta' delitti li jirriżultaw

538 Goodey, J. (2005), *Victims And Victimology: Research, Policy u Practice.*

mill-preġudizzju, vittmi tat-traffikar[539] u vittmi tfal ta' abbuż sesswali[540]) huma soġġetti għal miżuri legali speċjalizzati u ġurisprudenza speċifika[541].

**Skont il-liġi tal-KtE**, l-Artikolu 1 tal-KEDB jobbliga lill-Istati biex jiżguraw il-ħarsien tad-drittijiet tal-bnedmin fil-ġurisdizzjoni tagħhom. Dan l-obbligu, meta jinqara flimkien ma' Artikoli oħrajn – bħall-Artikolu 2 (id-dritt għall-ħajja) u l-Artikolu 3 (il-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament inuman jew degradanti – jirrikjedi li l-Istati jieħdu miżuri pożittivi biex jiżguraw li d-drittijiet tal-individwi ma jiġux ivvjolati mir-rappreżentanti tal-Istati[542].

Dawn l-obbligi pożittivi jinkludu l-prevenzjoni ta' vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem minn individwi privati[543]. Dawn jeħtieġu lill-Istati biex jipprovdu ħarsien effettiv, b'mod partikolari għat-tfal u persuni vulnerabbli oħrajn, u biex jipprevjenu trattament ħażin li għandhom jew għandu jkollhom għarfien dwaru[544].

Dmir ewlieni tal-Istati hu li jikkriminalizzaw severament il-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem[545]. Dan għaliex l-Istati għandhom l-obbligu li jeradikaw l-impunità għal dawn it-tip ta' reati[546]. Pereżempju, l-Istati għandhom jiżguraw id-dritt għall-ħajja billi jdaħħlu fis-seħħ dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali effettivi kontra l-persuna, bl-appoġġ tas-sistema tal-infurzar tal-liġi għall-prevenzjoni, it-trażżin u l-ikkastigar tal-ksur ta' dawn

539 Kunsill tal-Ewropa, *Convention on Action against Trafficking in Human Beings* (Konvenzjoni dwar Azzjoni Kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, CETS Nru 197, 2005. Ir-Repubblika Ċeka hi l-unika Stat Membru tal-UE li għadha ma rratifikatx din il-konvenzjoni.

540 Kunsill tal-Ewropa, *Convention on Protection of Children against Sexual Exploitation u Sexual Abuse* (Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament Sesswali u l-Abbuż Sesswali), CETS Nru 201, 2007.

541 Ara, pereżempju, QEDB, *Ciorcan u Oħrajn vs Ir-Rumanija*, Nri 29414/09 u 44841/09, 27 ta' Jannar 2015 (delitt immotivat mir-razziżmu); QEDB, *Rantsev vs Ċipru u r-Russja,* Nru 25965/04, 7 ta' Jannar 2010 (traffikar ta' bnedmin); QEDB, *P. u S. vs Il-Polonja*, Nru 57375/08, 30 ta' Ottubru 2012 (tifla vittma ta' abbuż sesswali).

542 QEDB*, Nachova u Oħrajn vs Il-Bulgarija* [QĠ], Nri 43577/98 u 43579/98, 6 ta' Lulju 2005, paragrafi 93-97.

543 QEDB, *M. u Oħrajn vs L-Italja u Il-Bulgarija*, Nru 40020/03, 31 ta' Lulju 2012, paragrafi 99-100.

544 QEDB, *Z u Oħrajn vs Ir-Renju Unit*, Nru 29392/95, 10 ta' Mejju 2001, paragrafu 73.

545 QEDB, *X u Y vs In-Netherlands*, Nru 8978/80, 26 ta' ta' Marzu 1985.

546 Il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2011), *Linji gwida tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-eliminazzjoni tal-impunità għall-vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tal-bniedem*, 30 ta' Marzu 2011.

id-dispożizzjonijiet[547]. Dmirijiet simili jitqajmu skont l-Artikolu 3[548]. Dan jinkludi t-trattament ħażin minn individwi privati[549]. Minkejja dan, it-trattament ħażin għandu jilħaq livell minimu ta' severità biex jaqa' taħt l-iskop tal-Artikolu 3[550]. L-obbligi pożittivi tal-Istati jestendu wkoll għall-kawżi li jinvolvu vjolazzjonijiet serji tal-integrità u d-dinjità personali – pereżempju, offiżi sesswali[551]. Barra minn hekk, l-Istati għandhom jiżguraw li titwettaq investigazzjoni effettiva tal-vjolazzjonijiet tal-Artikoli 2 u 3 tal-QEDB għall-finijiet tal-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet[552]. L-istat għandu jaġixxi fuq il-merti tiegħu stess għat-twettiq ta' investigazzjoni u m'għandux joqgħod fuq l-inizjattiva tal-vittma[553].

Nuqqas li jiġu segwiti verifiki ovvji waqt investigazzjoni jista' jikser l-Artikolu 2[554]. Tabilħaqq, il-QEDB stqarret li "kwalunkwe nuqqas fl-investigazzjoni li jxekkel il-ħila sabiex jiġi identifikat l-awtur jew l-awturi ikun qed jirriskja li jmur kontra dan l-istandard"[555].

Eżempju: F'*Dink vs It-Turkija*[556], ir-rikorrenti kienu membri tal-familja ta' ċittadin Tork ta' oriġini Armena li kien Kap Editur tal-ġurnal Tork-Armen ta' kull ġimgħa. Kiteb sensiela ta' artikli fuq l-identità Armena. Nazzjonalisti Torok estremi rreaġixxew għall-artikli billi organizzaw dimostrazzjonijiet, kitbu ittri ta' theddid u ppreżentaw ilment kriminali. Is-Sur Dink instab ħati ta' li waqqa' "l-ispirtu Tork" għaċ-ċajt u weħel sentenza sospiża ta' priġunerija. Wara ftit inqatel. Bosta investigazzjonijiet u proċedimenti li kellhom l-għan li jistabbilixxu jekk il-pulizija kinitx taf bil-pjan ta' qtil, ma tkomplewx.

547 QEDB, *Osman vs Ir-Renju Unit* [QĠ], Nru 23452/94, 28 ta' Ottubru 1998, paragrafu 115. Ara wkoll, *Menson vs Ir-Renju Unit*, Nru 47916/99, 6 ta' Mejju 2003, paragrafu1.

548 QEDB, *Valiulienė vs Il-Litwanja*, Nru 33234/07, 26 ta' Marzu 2013, paragrafu 74.

549 QEDB, *Mehmet Ümit Erdem vs It-Turkija*, Nru 42234/02, 17 ta' Lulju 2008, paragrafu 26.

550 QEDB, *Costello-Roberts vs Ir-Renju Unit*, Nru 13134/87, 25 ta' Marzu 1993, paragrafu 30. Għal kawża aktar reċenti ara l-QEDB, *Rumor vs L-Italja*, Nru 72964/10, 27 ta' Mejju 2014, paragrafu57.

551 QEDB, *X u Y vs In-Netherlands*, Nru 8978/80, 26 ta' ta' Marzu 1985.

552 QEDB, *Gäfgen vs Il-Ġermanja* [QĠ], Nru 22978/05, 1 ta' Ġunju 2010, paragrafu 117.

553 QEDB, *Cadiroğlu vs It-Turkija*, Nru 15762/10, 3 ta' Settembru 2013, paragrafu 30.

554 QEDB, *Kolevi vs Il-Bulgarija*, Nru 1108/02, 5 ta' ta' Novembru 2009, paragrafu 201.

555 QEDB, *Ramsahai u oħrajn vs In-Netherlands* [QĠ], Nru 52391/99, 15 ta' Mejju 2007, paragrafu 324.

556 QEDB, *Dink vs It-Turkija*, Nri 2668/07, 6102/08, 30079/08, 7072/09 u 7124/09, 14 ta' Settembru 2010, paragrafu 64.

Fid-dawl tar-reazzjonijiet għall-artikli tas-Sur Dink, il-forzi tas-sigurtà setgħu raġonevolment jitqiesu li kienu infurmati bl-ostilità intensa lejh. Barra min hekk, jidher li d-dipartimenti tal-pulizija kienu infurmati bil-possibilità ta' attentat ta' qtil u anki bl-identità tal-allegati instigaturi. Madankollu, l-istat xorta waħda ma ħax miżuri raġonevoli sabiex jipprevjeni r-riskju reali u immedjat għall-ħajja u għalhekk kiser l-Artikolu 2 tal-KEDB.

Il-vittmi ta' delitt huma intitolati għal rimedju effettiv fil-forma ta' proċedimenti kriminali. In-nuqqas ta' proċedimenti kriminali jistgħu jiksru l-Artikolu 13 tal-KEDB[557]. Aċċess għas-sistema tal-ġustizzja kriminali mhuwiex biżżejjed; l-istat għandu jiżgura wkoll li s-sistema hija effettiva[558]. Pereżempju, jekk id-difiżi disponibbli għal akkużat huma wesgħin wisq, il-liġi kriminali tista' ma tkunx effettiva fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi[559]. Barra minn hekk, għalkemm l-Artikolu 6 tal-KEDB ma jindirizzax espliċitament is-sitwazzjoni tal-vittmi, il-prinċipji ta' proċess ġust jeħtieġu li, f'każijiet xierqa, id-drittijiet tal-vittmi jiġu rikonoxxuti u bbilanċjati ma' dawk tad-difiża[560].

## Prattika promettenti

### Appoġġ lill-vittmi b'diżabilità fit-tagħlim

L-Assoċjazzjoni Portugiża għall-Appoġġ tal-Vittmi (APAV) tappoġġja lill-vittmi tal-kriminalità u tal-familji u l-ħbieb tagħhom. Minbarra appoġġ ġeneriku, l-APAV tipprovdi wkoll servizzi speċjalizzati bħal appoġġ legali, psikoloġiku u soċjali. L-APAV għandha rwol ukoll fil-prevenzjoni tal-kriminalità billi twettaq kampanji ta' għarfien u prevenzjoni immirati lejn udjenzi varji, l-aktar l-iskejjel. Tagħmel ukoll xogħol legali pro bono anki jekk mhijiex il-missjoni tal-APAV illi tirrappreżenta lil vittmi fil-proċedimenti tal-Qorti.

*Sors: FRA (2015), Victims of crime in the EU: the extent u nature of support for victims (Il-vittmi tal-kriminalità fl-UE: l-estensjoni u n-natura tal-appoġġ għall-vittmi, p. 114.*

**Il-liġi tal-UE** tipprovdi l-istess protezzjoni. Id-drittijiet tal-KEDB imsemmija hawn fuq huma stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea: L-Artikolu 2 (dritt għall-ħajja), l-Artikolu 4 (projbizzjoni tat-tortura u ta'

557 QEDB, *A vs Il-Kroazja*, Nru 55164/08, 14 ta' ta' Ottubru 2010, paragrafi 78 u 87.

558 QEDB, *M.C. vs Il-Bulgarija*, Nru 39272/98, 4 ta' ta' Diċembru 2003, paragrafi 150-151.

559 QEDB, *A. vs Ir-Renju Unit*, Nru 100/1997/884/1096, 23 ta' Settembru 1998, paragrafu 24.

560 QEDB, *Doorson vs In-Netherlands*, Nru 20524/92, 26 ta' Marzu 1996, paragrafu 70; QEDB, *Y. vs Is-Slovenja*, Nru 41107/10, 28 ta' Mejju 2015.

trattament jew piena inumana jew degradanti) u l-Artikolu 7 (rispett għall-ħajja privata u għal dik familjari). L-Ispjegazzjonijiet tal-Artikolu 52 (3) tal-Karta jikkonfermaw li dawn id-drittijiet jikkorrispondu għad-drittijiet fil-KEDB u għandhom jingħataw l-istess tifsira u skop(ara l-Kapitolu 1 u l-figura).

Madankollu, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprovdi wkoll dritt għall-proċess ġust għall-vittmi tal-kriminalità. L-Artikolu 47 japplika għad-drittijiet kollha li jirriżultaw mil-liġi tal-UE. Dan ifisser li, fejn hemm involuti d-drittijiet tal-Karta, jew fejn hemm drittijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni primarja jew sekondarja tal-UE (bħad-direttivi), japplikaw id-drittijiet li hemm fl-Artikolu 47. Skont l-Artikolu 47, drittijiet ta' proċess ġust jinkludu d-dritt għal smigħ ġust u pubbliku minn tribunal indipendenti, id-dritt sabiex persuna tingħata pariri u tiġi rrappreżentata, id-dritt għall-għajnuna legali u d-dritt għal rimedju effettiv. L-Istati Membri tal-UE huma mitluba li jipprovdu protezzjoni ġudizzjarja għal dawn id-drittijiet fuq livell nazzjonali (ara l-Kapitolu 1 u t-Taqsima 5.1 dwar it-tifsira ta' rimedju effettiv). Il-prinċipju ta' effettività jfisser li l-liġi domestika m'għandhiex tagħmilha impossibli jew diffiċli b'mod eċċessiv sabiex jiġu infurzati d-drittijiet taħt il-liġi tal-UE[561].

Skont il-liġi tal-UE, id-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità huma stabbiliti wkoll fid-Direttiva 2012/29/UE (id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi), li ssostitwixxiet id-Deċiżjoni Qafas dwar id-drittijiet tal-vittmi (għalkemm din tal-aħħar tibqa' fis-seħħ għad-Danimarka)[562]. Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tistabbilixxi standards minimi komuni dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità. Tiddikjara li "l-kriminalità hija dannu kontra s-soċjetà kif ukoll ksur tad-drittijiet individwali tal-vittmi" (Premessa 9). L-Artikolu 2 jiddefinixxi l-kelma "vittma" b'mod ġenerali: (i) persuna fiżika li tkun sofriet danni, inkluż dannu fiżiku jew mentali, sofferenza emottiva jew telf finanzjarju li kien direttament ikkawżat minn reat kriminali; (ii) membri tal-familja ta'

561 QtĠ-UE, C-33/76, *Rewe-Zentralfinanz eG u Rewe-Zentral AG vs Landwirtschaftskammer für das Saarland*, 16 ta' Diċembru 1976. Għal kawża aktar reċenti, ara QtĠ-UE, C-415/11, *Mohamed Aziz vs Caixa d´Estalvis de Catalunya, Tarragona i Manresa (Catalunyacaixa)*, 14 ta' Marzu 2013, paragrafu50, u l-QtĠ-UE, Kawżi konġunti C-482/13, C-484/13, C-485/13, C-487/13, *Unicaja Banco SA vs José Hidalgo Rueda u Oħrajn, Caixabank SA vs Manuel María Rueda Ledesma u Oħrajn, Caixabank SA vs José Labella Crespo u Oħrajn, u Caixabank SA vs Alberto Galán Luna u Oħrajn*, 21 ta' Jannar 2015.

562 Direttiva 2012/29/UE; Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI tal-15 ta' Marzu 2001 dwar il-pożizzjoni tal-vittmi fil-proċedimenti kriminali, ĠU L 82, 22 ta' Marzu 2001.

persuna li l-mewta tagħha kienet ikkawżata direttament minn reat kriminali u li jkunu sofrew dannu b'riżultat tal-mewt ta' dik il-persuna[563].

Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tobbliga lill-Istati Membri jipprovdu servizzi ta' appoġġ (Artikoli 8 u 9) u ċerti drittijiet ta' proċess ġust – id-dritt li wieħed jinstema' (Artikolu 10) u d-dritt għal għajnuna legali (Artikolu 13) – lill-vittmi. Fiha wkoll dispożizzjonijiet ġodda fuq dritt għal reviżjoni f'każ li tittieħed deċiżjoni li permezz tagħha l-awtur ma jiġix mixli (Artikolu 11) u tespandi d-dispożizzjonijiet dwar ħtiġijiet għall-protezzjoni speċifiċi (Artikoli 22-24).

Il-vittmi għandhom jingħataw appoġġ prattiku sabiex ikun jista' jkollhom aċċess għall-ġustizzja[564]. Din tinkludi appoġġ lill-vittma, li ssir sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tal-vittma, u taħriġ suffiċjenti tal-persunal tal-infurzar tal-liġi.

Il-QtĠ-UE għadha m'għamlitx ir-reviżjoni tal-kawżi tad-drittijiet tal-vittmi skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jew id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-vittmi, iżda indirizzat każijiet li jinvolvu d-Deċiżjoni Qafas dwar il-pożizzjoni tal-vittmi.

Eżempju: Fil-*proċedimenti kriminali kontra Maria Pupino*[565], is-sinjura Pupino, assistenta tal-kindergarden, ġiet akkużata li kkawżat korrimenti serji fuq l-istudenti tagħha. L-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni Qafas fih protezzjonijiet speċifiċi għall-vittmi "vulnerabbli". Referenza preliminari fuq l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet saret lill-QtĠ-UE.

Il-QtĠ-UE sostniet li tfal ta' età żgħira allegatament immaltrattati mill-għalliema tagħhom huma vittmi "vulnerabbli" skont id-Deċiżjoni Qafas. Għalhekk, ġew intitolati għad-dritt tal-protezzjoni speċifika pprovduta minnha. Il-qorti nazzjonali kellha tinterpreta d-dritt nazzjonali "safejn huwa possibbli, fid-dawl tat-test u tal-għan tad-Deċiżjoni Qafas".

563 Id-Deċiżjoni Qafas ma inkluditx membri familjari fil-każ ta' mewt tal-vittma. Id-definizzjoni fid-direttiva hija simili għal dik li tinsab fil-Kunsill tal-Ewropa, Kumitat tal-Ministri (2006), Rakkomandazzjoni Rec(2006)8 lill-Istati Membri dwar l-assistenza lill-vittmi tal-kriminalità, 14 ta' Ġunju 2006, paragrafu 1.1.

564 Għal diskussjoni dettaljata dwar id-drittijiet tal-vittmi għall-appoġġ, ara FRA (2015), *Victims of crime in the EU: the extent and nature of support for victims* (Il-vittmi tal-kriminalità fl-UE: l-ambitu u n-natura tal-appoġġ għall-vittmi).

565 QtĠ-UE, C-105/03, *Proċedimenti kriminali kontra Maria Pupino*, 16 ta' Ġunju 2005.

Il-KtE u d-dritt tal-Unjoni jipprovdu wkoll għal kumpens għall-vittmi tal-kriminalità. Dan l-obbligu jirriżulta mid-"dannu li jirriżulta mill-ksur tad-drittijiet li l-Istat kellu d-dmir li jipproteġi iżda li ma kienx kapaċi jiggarantixxi"[566]. It-taqsima 5.2.1 tagħti deskrizzjoni fid-dettall tal-QEDB u l-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE dwar il-kumpens b'mod ġenerali – iżda dispożizzjonijiet speċifiċi, addizzjonali jirrelataw mal-vittmi tal-kriminalità. Pereżempju, l-Artikolu 16 tad-Direttiva Drittijiet tal-Vittmi jindirizza wkoll il-kumpens, u d-Direttiva dwar il-Kumpens tal-UE stabbilixxiet sistema ta' kooperazzjoni sabiex tiffaċilita l-aċċess għal kumpens għall-vittmi tal-kriminalità f'sitwazzjonijiet transfruntiera[567]. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Kumpens għall-Vittmi ta' Reati Vjolenti tinvolvi standards minimi għal kumpens mill-Istat għall-vittmi tal-kriminalità[568]. Fl-aħħar, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa pproduċa diversi rakkomandazzjonijiet relatati mal-vittmi tal-kriminalità[569].

566 L-opinjoni tal-Avukat Ġenerali Lenz tas-6 ta' ta' Diċembru 1988 fil-QtĠ-UE, C-186/87, *Ian William Cowan vs Trésor public*, 2 ta' ta' Frar 1989. Il-każ kien jikkonċerna prinċipji ferm usa' milli d-drittijiet tal-vittmi.

567 Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE tad-29 ta' April 2004 li għandha x'taqsam mal-kumpens għall-vittmi tal-kriminalità, ĠU 2004 L 26.

568 Kunsill tal-Ewropa, Konvenzjoni dwar il-Kumpens għall-Vittmi ta' Reati Vjolenti, CETS Nru 116, 1983.

569 Kunsill tal-Ewropa, Kumitat tal-Ministri (2006), Rakkomandazzjoni Rec(2006)8 lill-Istati Membri dwar l-assistenza lill-vittmi tal-kriminalità, 14 ta' Ġunju 2006; Kunsill tal-Ewropa, Kumitat tal-Ministri (2005), Rakkomandazzjoni Rec(2005)9 lill-Istati Membri dwar il-protezzjoni tax-xhieda u l-kollaboraturi tal-ġustizzja, 20 ta' April 2005. Ara wkoll il-Kunsill tal-Ewropa, CEPEJ (2008), *Lista ta' kontroll biex tiġi promossa l-kwalità tal-ġustizzja u l-qrati*, pp.19-21 (aċċess għall-ġustizzja).

## 8.3. Priġunieri u detenuti qabel il-proċess

**Punti ewlenin**

- Il-priġunieri u d-detenuti qabel il-proċess jeħtieġu aċċess għall-ġustizzja biex jiddefendu ruħhom fil-proċedimenti kriminali jew jeżerċitaw rikorsi ċivili. Huma għandhom ukoll id-dritt għal rappreżentanza legali f'seduti dixxiplinari u kondizzjonali.
- L-Artikoli 5 (1), (3) u (4) tal-QEDB u l-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprovdu protezzjonijiet speċifiċi għall-priġunieri. L-Artikolu 5 (1) jiggarantixxi d-dritt għal-libertà; l-Artikolu 5 (3) jitlob li detenut jitressaq fil-pront quddiem imħallef; u l-Artikolu 5 (4) jagħti d-dritt lid-detenuti li jsegwu l-proċedimenti biex jikkontestaw il-leġittimità tad-detenzjoni tagħhom. Għalkemm din mhijiex speċifikament stabbilita fit-test tal-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Ispjegazzjonijiet għall-Karta jikkonfermaw li l-Artikolu 6 jiggarantixxi d-drittijiet stabbiliti kollha fl-Artikolu 5 tal-QEDB.
- L-Artikolu 5 (5) tal-QEDB u l-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprovdu d-dritt għal kumpens għall-arrest u għal detenzjoni illegali.

Priġunieri u detenuti qabel il-proċess jista' jkollhom bżonn jikkontestaw id-detenzjoni tagħhom, is-sentenza tagħhom jew il-kundizzjonijiet tad-detenzjoni. Għandhom ukoll id-dritt għall-assistenza legali f'seduti dixxiplinari u kondizzjonali. Priġunieri u detenuti qabel il-proċess jista' jkollhom bżonn ukoll aċċess għall-qorti biex jindirizzaw sensiela ta' kwistjonijiet relatati mad-drittijiet ċivili u obbligi relatati mal-ħajja tagħhom ta' barra mill-ħabs – pereżempju, impjieg, multi, dejn, u problemi familjari. Madankollu, minħabba li jkunu qegħdin il-ħabs, priġunieri u detenuti qabel il-proċess jista' jkollhom opportunità prattika limitata li jiksbu informazzjoni, parir jew rappreżentanza legali. Barra minn hekk, kumplikazzjonijiet oħrajn jistgħu jagħmlu lill-priġunieri aktar vulnerabbli: huma jista' jkollhom diżabilitajiet, problemi ta' saħħa mentali jew "kellhom ftit li xejn esperjenza edukattiva ta' suċċess"[570]. Din it-taqsima tistabbilixxi wħud mill-liġijiet Ewropej relatati mad-dritt għall-aċċess għall-ġustizzja għal dawk li jkunu miżmuma taħt kustodja jew imċaħħda mil-libertà tagħhom wara l-kundanna[571].

570 Kunsill tal-Ewropa, Kumitat tal-Ministri (1989), Rakkomandazzjoni Rec(89)12 lill-Istati Membri dwar l-Edukazzjoni fil-Ħabs, 13 ta' Ottubru 1989.

571 Din hija bbażata fuq id-definizzjoni ta' "priġunier" fir-Regola 10.1 tal-Kunsill tal-Ewropa, Kumitat tal-Ministri (2006), Rakkomandazzjoni Rec(2006)2 dwar ir-Regoli Penitenzjarji Ewropej, 11 ta' Jannar 2006. Ara t-Taqsima 8.1 għal referenzi dwar detenzjoni u problemi ta' saħħa mentali.

Għandu jiġi nnutat illi n-NU żviluppat ukoll linji gwida mhux vinkolanti fir-rigward ta' persuni miżmuma fi kwalunkwe forma ta' kustodja: l-abbozz ta' Standards Bażiċi għall-persuni imċaħħda mil-libertà tagħhom[572]. Il-linji gwida jaffermaw mill-ġdid li l-petizzjonijiet *habeas corpus* (petizzjonijiet ippreżentati mal-qrati minn persuni li joġġezzjonaw għad-detenzjoni tagħhom stess jew ta' xi ħaddieħor) għandhom jinstemgħu minn qorti kompetenti, indipendenti u imparzjali[573]. Id-dokument jipprovdi wkoll linja gwida fuq rappreżentanza ġudizzjarja u għajnuna legali[574], u d-dritt tad-detenut li jikkuntattja l-avukati, membri familjari u partijiet interessati oħrajn[575].

## 8.3.1. Aċċess għal qorti u għal avukat

Id-dritt għal għajnuna legali u d-dritt għal pariri, tad-difiża u li wieħed jiġi rrappreżentat ġew stabbiliti fil-Kapitoli 3 u 4. Id-drittijiet huma diskussi wkoll f'din it-taqsima minħabba d-diffikultajiet speċifiċi iffaċċjati mill-priġunieri u d-detenuti qabel il-proċess.

### Prattika promettenti

#### Promozzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja għall-priġunieri b'diżabilitajiet intellettwali

F'Wales, grupp ta' diversi aġenziji – inklużi karitajiet maġġuri tad-diżabilità, il-Fond tar-Riforma tal-Ħabsijiet, il-pulizija, il-ħabs u s-servizz tal-prosekuzzjoni, u l-gvern ta' Wales – pproduċew aċċess għall-manwal tal-ġustizzja. Għandu l-għan li jappoġġja ġestjoni responiva u xierqa ta' adulti b'diżabilitajiet fit-tagħlim fis-sistema tal-ġustizzja kriminali f'Wales. Għandu l-intenzjoni wkoll li jappoġġja lill-kummissarji, lil dawk li jippjanaw u lill-prattikanti mis-servizzi tas-saħħa, tal-kura soċjali u tas-sistema tal-ġustizzja kriminali fit-titjib tal-provvediment tas-servizz.

*Sors: Aċċess għall-ġustizzja: A Guidebook supporting the responsive and appropriate management of adults with a learning disability in the criminal justice system in Wales (2013).*

572 NU, Abbozz ta' prinċipji bażiċi u linji gwida dwar rimedji u proċeduri fuq id-dritt ta' kwalunkwe persuna mċaħħda mil-libertà tagħha b'arrest jew detenzjoni sabiex tressaq proċedimenti quddiem il-qorti.

573 Prinċipju 6 u Linja Gwida 4 Ara wkoll Linja Gwida 14 dwar l-obbligu tal-awtoritajiet li jiġġustifikaw il-ħtieġa u l-proporzjonalità tad-detenzjoni.

574 Prinċipju 9 u Linja Gwida 8.

575 Prinċipju 10.

**Skont il-liġi tal-KtE**, il-priġunieri għandhom id-dritt ta' aċċess għall-qrati f'każijiet mhux kriminali, u, permezz ta' dan, id-dritt ta' aċċess għall-avukati (ara t-Taqsima 2.1)[576]. Kwalunkwe restrizzjoni fuq l-aċċess ta' priġunier għal avukat trid tkun "proporzjonata skont l-għan li jrid jintlaħaq" u ma għandhiex tkun tali li "l-bażi essenzjali tad-dritt tkun affettwata"[577]. L-aċċess effettiv għal parir legali jeħtieġ komunikazzjonijiet kunfidenzjali; dan jista' jikkawża diffikultajiet prattiċi għall-individwi fil-ħabs (ara t-Taqsimiet 4.2.1 u 4.2.4). Għandu jiġi nnutat li l-Artikolu 8 tal-KEDB (id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u l-familja, id-dar u l-korrispondenza) jista' jinkiser jekk il-korrispondenza legali tinqara, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali – pereżempju, fejn ikun hemm biżżejjed raġuni biex wieħed jemmen li l-kontenut ta' ittra jista' jipperikola s-sigurtà fil-ħabs jew is-sikurezza ta' oħrajn[578].

L-Artikolu 6 tal-KEDB ġie kkwotat ukoll fir-rigward tal-proċeduri dixxiplinarji[579]. Dan huwa appoġġjat mill-Artikolu 59 (c) tar-Regoli Ewropej dwar il-Ħabs, li jistipula li l-priġunieri akkużati b'reati dixxiplinarji huma permessi jiddefendu lilhom infushom huma stess jew permezz ta' assistenza legali, jekk dan ikun meħtieġ mill-interessi tal-ġustizzja.

**Skont il-liġi tal-UE**, id-drittijiet tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jikkorrispondu għad-drittijiet stipulati fl-Artikolu 6 tal-KEDB[580]. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE tindika d-drittijiet speċifiċi għas-suspettati jew il-persuni akkużati fil-proċeduri kriminali – pereżempju, id-dritt għall-informazzjoni, għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni, u l-aċċess għal avukat[581].

### 8.3.2. Id-dritt li tikkontesta ċaħda ta' libertà

Il-legalità ta' detenzjoni hija kwistjoni li tirriżulta ta' spiss quddiem il-QEDB. VId-detenzjoni tinkludi d-detenzjoni involontarja ta' nies b'diżabbiltajiet

576 QEDB, *Golder vs Ir-Renju Unit*, Nru 4451/70, 21 ta' Frar 1975.

577 QEDB, *Ashingdane vs Ir-Renju Unit*, Nru 8225/78, 28 ta' Mejju 1985, paragrafu 57.

578 QEDB, *Piechowicz vs Il-Polonja*, Nru 20071/07, 17 ta' April 2012, paragrafi 239-40.

579 QEDB, *Gülmez vs It-Turkija*, Nru 16330/02, 20 ta' Mejju 2008, paragrafi 37-39.

580 Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, Art. 52 (3).

581 Id-Direttiva 2010/64/UE (ma tapplikax għad-Danimarka); Id-Direttiva 2012/13/UE (ma tapplikax għad-Danimarka); Id-Direttiva 2013/48/UE (ma tapplikax għall-Irlanda, ir-Renju Unit jew id-Danimarka).

psikosoċjali[582]. F'każijiet bħal dawn, tkun meħtieġa evidenza medika oġġettiva, bħalma huma s-salvagwardji proċedurali – inkluż ir-rappreżentazzjoni legali – li huma effettivi kemm fil-prattika kif ukoll fil-liġi[583].

Eżempju: Fi *Stanev vs Il-Bulgarija*[584], fis-sena 2000, qorti ddikjarat li r-rikorrent kien parzjalment nieqes mill-kapaċità ġuridika minħabba li kien qed ibati minn skiżofrenija. Fl-2002, ir-rikorrent tpoġġa taħt tutela parzjali kontra r-rieda tiegħu u ġie ammess f'dar għall-kura soċjali għan-nies b'"disturbi mentali" f'post remot. Wara żjarat uffiċjali li għamel fl-2003 u fl-2004, il-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament u Pieni Inumani jew Degradanti (CPT) kkonkluda li jista' jingħad li l-kundizzjonijiet fid-dar ammontaw għal trattament inuman u degradanti. Permezz tal-avukat tiegħu, ir-rikorrent talab lill-prosekutur pubbliku u lis-sindku biex jiftħu proċeduri għall-ħelsien tiegħu mit-tutela parzjali, iżda t-talbiet tiegħu ġew rifjutati. Il-gwardjan tiegħu wkoll irrifjuta li jieħu azzjoni bħal din. Fl-2006, fuq inizjattiva tal-avukat tiegħu, ir-rikorrent ġie eżaminat minn psikjatra indipendenti, li kkonkluda li d-dijanjożi ta' skiżofrenija ma kinitx preċiża. Il-psikjatra kien tal-opinjoni li ż-żmien li r-rikorrent qatta' fid-dar għall-kura soċjali kkawża ħsara kbira lil saħħtu.

Il-QEDB ikkonkludiet li d-deċiżjoni li r-rikorrent tpoġġa f'dar mingħajr ma nkiseb il-kunsens tiegħu minn qabel, kienet invalida fil-liġi Bulgara. Din fiha nnifisha kienet suffiċjenti għall-Qorti biex tistabilixxi li ċ-ċaħda tal-libertà tar-rikorrent kienet tmur kontra l-Artikolu 5 (1) tal-KEDB. Fir-rigward tal-Artikolu 5 (4) tal-ECHR, il-gvern ma weriex li kien hemm xi rimedju domestiku li kapaċi joffri lir-rikorrent l-opportunità diretta biex jikkontesta l-legalità tat-tqegħid tiegħu fid-dar għall-kura soċjali u l-implimentazzjoni kontinwa ta' din il-miżura. Il-qrati ma kinux involuti u l-leġiżlazzjoni domestika ma pprovditx reviżjoni ġuridika perjodika awtomatika ta' tqegħid fi djar bħal dawn. Barra minn hekk, peress li fil-liġi Bulgara, it-tqegħid tar-rikorrent fid-dar ma kienx rikonoxxut bħala ċaħda tal-libertà, ma kien hemm l-ebda dispożizzjoni għal xi rimedji legali domestiċi, li permezz tagħhom il-legalità tagħhom setgħet tiġi kkontestata f'termini ta'

582 QEDB, *Gorshkov vs L-Ukraina*, Nru 67531/01, 8 ta' ta' Novembru 2005, paragrafu 44. FRA (2012), *Involuntary placement u involuntary treatment of persons with mental health problems* (Il-kollokament u t-trattament involontarju ta' nies bi problemi ta' saħħa mentali), pp. 18-19.

583 QEDB, *Winterwerp vs In-Netherlands*, Nru 6301/73, 24 ta' Ottubru 1979, paragrafu 39, u QEDB, *Megyeri vs Il-Ġermanja*, Nru 13770/88, 12 ta' Mejju 1992, paragrafu23.

584 QEDB, *Stanev vs Il-Bulgarija* [QĠ], Nru 36760/06, 17 ta' ta' Jannar 2012.

ċaħda tal-libertà. Għalhekk, l-Artikolu 5 (4) inkiser. Finalment, minħabba li, għar-rikorrent, ma kien hemm l-ebda dritt għall-kumpens disponibbli fir-rigward tal-illegalità taċ-ċaħda għal-libertà tiegħu, il-QEDB sabet ukoll li kien hemm ksur tal-Artikolu 5 (5).

**Id-dritt tal-KtE u tal-UE** jipprovdi protezzjoni legali kontra ċ-ċaħda tal-libertà. L-Artikolu 5 (1) tal-KEDB u l-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jiggarantixxu l-libertà tal-persuna u - skont l-Ispjegazzjonijiet għall-Karta – jinkludu l-istess drittijiet[585]. Skont id-dritt tal-KtE u tal-UE, id-deċiżjoni li ċċaħħad lil persuna mil-libertà tagħha trid dejjem issir "f'konformità ma' proċedura preskritta mil-liġi"[586]. Id-detenzjoni trid tkun dejjem kompatibbli mal-iskopijiet stipulati fl-Artikolu 5 (1) tal-KEDB u l-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE[587].

Il-priġunieri huma intitolati għal aċċess għall-qorti biex jikkontestaw ċaħda ta' libertà. Biex ikun assigurat li l-aċċess għall-qorti jkun prattiku u effettiv, il-priġunieri jistgħu jkunu intitolati għal assistenza jew għal għajnuna legali. **Skont il-liġi tal-KtE**, għad-detenuti qabel il-proċess, l-Artikolu (5) 3 tal-KEDB jirrikjedi li n-nies akkużati b'reati kriminali għandhom "jitressqu b'mod immedjat quddiem imħallef jew uffiċjal" biex tittieħed deċiżjoni dwar id-detenzjoni tagħhom jew dwar il-proċess pendenti tar-rilaxx, u biex jiġi żgurat li l-kawża tinstema' fi żmien raġonevoli. Id-dispożizzjoni għandha l-għan li tipproteġi kontra trattament ħażin u inferenzi mhux iġġustifikati mal-libertà ta' individwu.

Fir-rigward tal-frażi "b'mod immedjat", il-QEDB qalet li kull dewmien ta' aktar minn erbat ijiem huwa twil wisq[588]. Madankollu, anke perjodu ta' inqas minn erbat ijiem jista' jkun inkompatibbli mal-immedjatezza meħtieġa jekk

585 L-ispjegazzjonijiet relatati mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ĠU 2007 C303/17

586 QEDB, *Tsarenko vs Ir-Russja*, Nru 5235/09, 3 ta' Marzu 2011, paragrafu 62.

587 QEDB, *L.B. vs Il-Belġju*, Nru 22831/08, 2 ta' ta' Ottubru 2012, paragrafi 92, 101. Ara wkoll il-Kunsill tal-Ewropea, il-Kumitat tal-Ministri (2006), ir-Rakkomandazzjoni Rec(2006)2 fuq ir-Regoli Ewropej dwar il-Ħabs, u l-Kunsill tal-Ewropa, il-Kumitat tal-Ministri (2006), ir-Rakkomandazzjoni Rec(2006)13 tal-Istati Membri fuq l-użu taż-żamma taħt arrest, il-kundizzjonijiet li skonthom din isseħħ, u l-provvediment ta' salvagwardji kontra l-abbuż.

588 QEDB, *McKay vs Ir-Renju Unit* [QĠ], Nru 543/03, 3 ta' Ottubru 2006, paragrafu 47. Qabbel dan mal-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (2014), *General Comment No. 35 on Art. 9 (Liberty and Security)*, 16 ta' Diċembru 2014, paragrafu33 (jiddikjara li dewmien ta' aktar minn 48 siegħa għandu jkun "assolutament eċċezzjonali").

iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ jiġġustifikaw preżentazzjoni aktar mgħaġġla quddiem il-qorti[589].

Eżempju: F'*Hassan u Oħrajn vs Franza*[590], disa' rikorrenti kienu allegatament involuti f'atti ta' piraterija. Ir-rikorrenti ġew arrestati u miżmuma taħt il-kustodja tal-militari Franċiżi qabel ma ttieħdu Franza f'ajruplan militari. F'każ wieħed inżammu taħt il-kustodja tal-awtoritajiet Franċiżi għal erbat ijiem u madwar għoxrin siegħa, u f'każ ieħor għal sitt ijiem u sittax il-siegħa, qabel ma nżammu taħt il-kustodja tal-pulizija għal 48 siegħa u tressqu quddiem Imħallef ġudizzjarju li qegħdhom taħt investigazzjoni ġudizzjarja. Sussegwentement, sitt rikorrenti rċevew sentenzi ta' ħabs.

Fir-rigward tal-Artikolu 5 (3) tal-KEDB, il-QEDB osservat li l-kuntest li fih ġew arrestati r-rikorrenti ma kienx 'normali': 6 000 kilometru mill-art Franċiża, f'sitwazzjoni fejn l-awtoritajiet Somali ma kinux kapaċi jqiegħduhom taħt proċess. Xejn ma ta x'jifhem li t-trasferiment ħa iktar fit-tul milli suppost. "Iċ-ċirkostanzi għal kollox eċċezzjonali" kienu r-raġuni għat-tul ta' żmien taċ-ċaħda mil-libertà li kellhom jissaportu r-rikorrenti bejn l-arrest u l-wasla tagħhom fuq l-art Franċiża. Madankollu, mal-wasla tagħhom fi Franza, ir-rikorrenti kienu miżmuma taħt il-kustodja tal-pulizija għal 48 siegħa minflok ittieħdu mill-ewwel quddiem Imħallef investigattiv. Xejn ma ġġustifika dan id-dewmien żejjed. L-Artikolu 5 (3) ma kienx imfassal biex jagħti lill-awtoritajiet "l-opportunità li jintensifikaw l-investigazzjonijiet tagħhom bl-iskop li jitressqu akkużi formali kontra s-suspettati". L-Artikolu 5 (3) tal-KEDB kien inkiser.

Meta detenut taħt arrest preventiv jidher quddiem il-Qorti, għandu jkun hemm analiżi ġenwina dwar il-merti[591]. Meta mħallef jieħu deċiżjoni fuq detenzjoni jew pleġġ, irid iqis il-preżunzjoni tal-innoċenza, jeżamina l-fatti kollha favur jew kontra il-ħelsien, u jwassal d-deċiżjoni tiegħu b'mod ċar[592]. Jekk tkunx ħaġa raġjonevoli li l-akkużat jinżamm taħt detenzjoni għandha tiġi vvalutata fuq il-fatti tal-każ[593]. Mhuwiex f'idejn id-detenut li jagħti prova li għandu jinħeles[594].

589 QEDB, *Gutsanovi vs Il-Bulgarija,* Nru 34529/10, 15 ta' Ottubru 2013, paragrafi 154 u 159.

590 QEDB, *Hassan u Oħrajn vs Franza*, Nri 46695/10 u 54588/10, 4 ta' Diċembru 2014.

591 QEDB, *Aquilina vs Malta*, Nru 25642/94, 29 ta' April 1999, paragrafu 47.

592 QEDB, *Bykov vs Ir-Russja* [QĠ], Nru 4378/02, 10 ta' Marzu 2009, paragrafu 63.

593 QEDB, *Idalov vs Ir-Russja* [QĠ], Nru 5826/03, 22 ta' Mejju 2012, paragrafu 139.

594 QEDB, *Bykov vs Ir-Russja* [QĠ], Nru 4378/02, 10 ta' Marzu 2009, paragrafu 64.

Protezzjoni ulterjuri tinstab fir-rekwiżit ta' 'ħeffa' taħt l-Artikolu 5 (4) tal-KEBD u l-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[595]. Skont l-Artikolu 5 (4) tal-KEDB, l-Istati huma meħtieġa li jistabilixxu proċessi legali indipendenti għad-detenuti sabiex jidhru quddiem l-Imħallfin, li jridu jiddecidu b'mod 'mħaffef' fuq il-legalità tal-kontinwazzjoni tad-detenzjoni. L-Istati huma obbligati li jiżguraw ruħhom li r-rekwiżiti li ġejjin huma ssodisfati:

- deċiżjonijiet dwar għajnuna legali u rappreżentazzjoni għandhom jittieħdu malajr[596];
- id-detenut huwa intitolat għal analiżijiet regolari[597];
- x'aktarx li r-rikorrent ikollu d-dritt għal rappreżentazzjoni legali sabiex jaċċessa il-qorti[598];
- jekk ikun hemm bżonn, l-assistenza legali għandha titħallas mill-istat u għandha tkun effettiva(ara l-Kapitolu 4 dwar id-dritt għal pariri, difiża u rappreżentazzjoni)[599].

L-Artikolu 5 (4) tal-KEDB huwa d-dispożizzjoni habeas corpus. Teħtieġ analiżi regolari dwar id-detenzjoni kontinwata u tippermetti li detenut jitlob lill- qorti tikkunsidra jekk il-bażi tad-detenzjoni għadhiex eżistenti. Il-legalita ta' detenzjoni skont l-Artikolu 5 (1) ma tassolvix l-Istati mir-rekwiżit taħt l-Artikolu 5 (4) ta' valutazzjoni mħaffa[600]. Il-kwistjoni ta' ħeffa għandha tiġi ddeterminata fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' kull każ[601]. Japplikaw l-istess fatturi ikkunsidrati dwar ir-rekwiżit ta' żmien raġonevoli skont l-Artikolu 6(1) tal-KEDB u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea (ara wkoll it-Taqsima 7.2 dwar il-kriterji sabiex tiġi ddeterminata r-raġonevolezza)[602]. Normalment iż-żmien jibda jgħodd minn meta ssir applikazzjoni għall-ħelsien/jinbdew il-proċedimenti u tispiċċa bid-deċiżjoni finali dwar il-legalità tad-detenzjoni

595 Spjegazzjonijiet relatati mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ĠU 2007 C303/17.
596 QEDB, *L.R. vs Franza*, Nru 33395/96, 27 ta' Ġunju 2002, paragrafu 38.
597 QEDB, *M.H. vs Ir-Renju Unit*, Nru 11577/06, 22 ta' Ottubru 2013, paragrafi97-99.
598 QEDB, *Megyeri vs Il-Ġermanja*, Nru 13770/88, 12 ta' Mejju 1992, paragrafu 23.
599 QEDB, *Magalhães Pereira vs Il-Portugall*, Nru 44872/98, 26 ta' Frar 2002, paragrafi 54-63.
600 QEDB, *Douiyeb vs In-Netherlands* [QĠ], Nru 31464/96, 4 ta' Awwissu 1999, paragrafu 57.
601 QEDB, *Mooren vs Il-Ġermanja* [QĠ], Nru 11364/03, 9 ta' Lulju 2009, paragrafu 106.
602 *Ibid.*, paragrafu 106.

tar-rikorrent[603] Il-kumplessità eċċezzjonali ta' kawża (pereżempju, minħabba kwistjonijiet mediċi jew evidenzjali kumplessi) ma tassolvix lill-awtoritajiet nazzjonali mill-obbligu tagħhom li jikkonformaw mar-rekwiżit ta' żmien raġjonevoli[604]. L-Artikolu 5 (4) japplika wkoll għall-proċeduri li ma jtemmux id-detenzjoni ta' rikorrent, iżda jagħtu jirriżultaw fiċ-ċaqliq tiegħu għal forma oħra ta' detenzjoni – per eżempju minn ġewwa sptar għal ġewwa ħabs[605].

**Skont il-liġi tal-UE**, għalkemm dan mhuwiex stabbilit b'mod speċifiku fit-test tal-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Ispjegazzjonijiet tal-Karta jikkonfermaw li l-Artikolu 6 jiggarantixxi d-drittijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-KEDB. Dan ifisser li l-każistika tal-QEDB hija importanti għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 6, għaliex dan l-Artikolu huwa mogħti l-istess sinifikat u skop bħall- Artikolu 5 tal-KEDB.

Il-Kunsill tal-Ewropa u l-Unjoni Ewropea pproduċew strumenti sabiex jiffaċilitaw li l-priġunieri jitħallew jiskuntaw is-sentenzi fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom[606]. Ġew prodotti wkoll standards sabiex jippromwovu u jiffaċilitaw it-trasferimenti ta' sanzjonijiet alternattivi[607]. Il-priġunieri m'għandhom qatt jerġgħu

603 QEDB, *Rehbock vs Is-Slovenja*, Nru 29462/95, 28 ta' Novembru 2000, paragrafu 85.

604 QEDB, *Frasik vs Il-Polonja*, Nru 22933/02, 5 ta' ta' Jannar 2010, paragrafu 63.

605 QEDB, *Kuttner vs L-Awstrija*, Nru 7997/08, 16 ta' Lulju 2015, paragrafi 36–38.

606 Il-Kunsill tal-Ewropa, Konvenzjoni dwar it-Trasferiment ta' Persuni Kkundannati, CETS Nru 112, 1983; Il-Kunsill tal-Ewropa, Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni dwar it-Trasferiment tal-Persuni Kkundannati, CETS Nru 167, 1997; Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/909/JHA tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku fuq deċizjonijiet ġudizzjarji f'oqsma kriminali li jimponi piena ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda mil-libertà għall-iskop ta' l-infurzar tagħhom fl-Unjoni Ewropea, ĠU L 327 ta' 5.12.2008, kif emendata bid-Deċiżjoni Kwadru 2009/299/ĠAI ĠU 2009 L 81. Ara wkoll QEDB, *Somogyi vs L-Ungerija*, Nru 5770/05, 11 ta' Ġunju 2011, paragrafu22 (ir-rikorrent qatta' iktar żmien fil-ħabs milli suppost wara t-trasferiment tas-sentenza tiegħu).

607 Kunsill tal-Ewropa, Konvenzjoni dwar is-superviżjoni ta' trasgressuri sentenzjati fuq kundizzjoni jew liberati fuq kundizzjoni, CETS Nru 51, 1964; Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2009/829/ĠAI tat-23 ta' Ottubru 2009 dwar l-applikazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni provviżorja, ĠU 2009 L 294; Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/947/ĠIA tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet li jinvolvu probation bil-ħsieb ta' sorveljanza ta' miżuri ta' probation u ta' sanzjonijiet alternattivi, ĠU 2008 L337/102. Kunsill tal-Ewropa, Kumitat tal-Ministri (2010), Rakkomandazzjoni Rec(2010)1 lill-Istati Membri dwar ir-Regoli ta' Probazzjoni Ewropej, tal-20 ta' Jannar 2010; Kunsill tal-Ewropa, Kumitat tal-Ministri (2000), Rakkomandazzjoni Rec(2000)22 lill-Istati Membri dwar it-titjib tal-implimentazzjoni tar-regoli Ewropej dwar is-sanzjonijiet u l-miżuri tal-komunità, tad-29 ta' Novembru 2000; Kunsill tal-Ewropa, Kumitat tal-Ministri (1992), Rakkomandazzjoni Rec(92)16 lill-Istati Membri dwar ir-regoli Ewropej dwar is-sanzjonijiet u l-miżuri tal-komunità, tad-19 ta' Ottubru 1992.

jintbagħtu taħt kustodja sempliċement għax ikunu barranin[608]. Skont il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea, b'mod konformi mad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew, l-individwi jistgħu jiġu trasferiti lejn stat ieħor b'mod prattikament awtomatiku[609]. Għaldaqstant, l-UE stabbilixxiet drittijiet f'direttivi sabiex issaħħaħ il-jedd għal proċessi ġusti fl-Istati Membri (ara fuq).

## 8.3.3. Kumpens għal detenzjoni illegali

L-Artikolu 5 (5) tal-KEDB jistabbilixxi dritt infurzabbli għal kumpens għal individwi arrestati jew detenuti bi ksur tal-Artikolu 5[610].Skont l-Ispjegazzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, drittijiet li huma garantiti mill-Artikolu 5 tal-KEDB huma protetti mill-Artikolu 6 tal-Karta.

Ma hemm l-ebda dritt għal ammont partikolari ta' kumpens[611]. L-Istati għandhom marġni wiesgħa ta' diskrezzjoni dwar l-ammont li għandu jitħallas, u jistgħu jitolbu prova tad-danni[612]. Madankollu, ikkreditar awtomatiku tal-perjodu totali tad-detenzjoni qabel il-proċess ta' individwu lejn piena oħra imposta fir-rigward ta' reat mhux relatat ma jikkonformax mad-dritt għal kumpens li jinsab fl-Artikolu 5 (5)[613]. Barra minn hekk, għotja ma tistax tkun ferm inqas minn dawk mogħtija mill-QEDB għal ksur simili tal-Artikolu 5[614].

608 Kunsill tal-Ewropa, Kumitat tal-Ministri (2012), Rakkomandazzjoni Rec(2012)12 lill-Istati Membri fir-rigward tal-ħabsin barranin, tal-10 ta' Ottubru 2012, paragrafu13.2.b (li tindirizza d-diffikultajiet li dawn il-ħabsin jistgħu jiffaċċjaw u li tistabbilixxi l-prinċipji bażiċi għat-trattament tagħhom).

609 Deċiżjoni Kwadru 2002/584/ĠAI dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri ĠU 2002 L 190/1.

610 Ara wkoll il-Protokoll 7 tal-KEDB, l-Artikolu 3 (li jindirizza l-kumpens f'każ ta' nuqqas ta' ġustizzja).

611 QEDB, *Damian-Burueana u Damian vs Ir-Rumanija*, Nru 6773/02, 26 ta' Mejju 2009, paragrafu 89.

612 QEDB, *Wassink vs In-Netherlands*, Nru 12535/86, 27 ta' Settembru 1990, paragrafu 38.

613 QEDB, *Włoch vs Il-Polonja (Nru 2)*, Nru 33475/08, 10 ta' Mejju 2011, paragrafu 32.

614 QEDB, *Cristina Boicenco vs Il-Moldova*, Nru 25688/09, 27 ta' Settembru 2011, paragrafu 43.

# 8.4. Liġi ambjentali

**Punti ewlenin**

- Il-KEDB ma tiżgurax dritt għal ambjent b'saħħtu, iżda drittijiet tal-KEDB - bħad-dritt tar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja - jistgħu jiġu implikati f'każijiet ambjentali. *Actio popularis* (litigazzjoni ta' interess pubbliku) għall-protezzjoni tal-ambjent mhuwiex previst mill-QEDB.
- L-UE adottat il-Konvenzjoni ta' Aarhus. Din tinvolvi lill-pubbliku fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ambjentali, u tiżgura aċċess għall-ġustizzja għal individwi u organizzazzjonijiet nongovernattivi meta tinkiser il-liġi ambjentali u/jew jinkisru d-dispożizzjonijiet tal-konvenzjoni.
- Regoli nazzjonali li jillimitaw ir-reputazzjoni ta' xi organizzazzjoni nongovernattiva jistgħu jmorru kontra l-liġi tal-UE.

L-ambjent ġie definit biex jinkludi r-riżorsi naturali bħall-arja, l-ilma, il-ħamrija, il-fawna u l-flora; proprjetà li tifforma parti mill-wirt kulturali; u l-aspetti karatteristiċi tal-pajsaġġ[615]. Kwistjonijiet ambjentali jistgħu jinvolvu drittijiet ċivili, politiċi, soċjali u ekonomiċi. Id-dritt għal ambjent san huwa wkoll dritt kollettiv minħabba li ambjenti b'saħħithom jaffettwaw lill-komunitajiet - kemm dawk preżenti kif ukoll dawk futuri.

Pereżempju, l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus tan-NU jistabbilixxi d-dritt tal-ġenerazzjonijiet preżenti u dawk futuri li jgħixu f'ambjent adegwat għal saħħithom u għall-benesseri tagħhom[616]. Il-konvenzjoni tirrikonoxxi li biex jinkiseb dan hemm bżonn tal-hemm imsejħa "tliet pilastri": aċċess għal informazzjoni, parteċipazzjoni pubblika, u aċċess għall-ġustizzja - jiġifieri t-tneħħija ta' ostakli għall-ġustizzja, bħalma huma l-ispejjeż eċċessivi għall-kontestazzjoni ta' deċiżjonijiet. It-Taqsima 6.2 tinnota li regoli legali stretti fis-seħħ jistgħu jwasslu għal ostakli proċedurali għall-aċċess għall-ġustizzja. L-Artikolu

615 Kunsill tal-Ewropa, Convention on Civil Liability for Damage Resulting from Activities Dangerous to the Environment (Konvenzjoni dwar ir-Responsabilità Ċivili għal Ħsara li Tirriżulta minn Attivitajiet Perikolużi għall-Ambjent), CETS Nru 150, 1993, Artikolu 2 (10).

616 NU, Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) (1998), Convention on Access to Information, Public Participation in Decision-Making u Access to Justice in Environmental Matters (Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, 25 ta' Ġunju 1998. Din ġiet ratifikata mill-UE u mill-Istati Membri kollha tal-UE ħlief wieħed (l-Irlanda).

9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus jiddeskrivi drittijiet speċifiċi dwar l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (it-tielet pilastru).

**Skont il-liġi tal-KtE**, il-KEDB ma tipprovdix għal dritt għal ambjent san, iżda l-każistika tal-QEDB tikkonferma li ċertu drittijiet tal-KEDB huma implikati f'każijiet ambjentali - pereżempju, l-Artikolu 2 (id-dritt għall-ħajja)[617] u l-Artikolu 8 (id-dritt għar-rispett lejn il-ħajja privata u tal-familja)[618]. Tniġġis ambjentali kbir jista' jaffettwa l-benesseri tal-individwi u jista' jżommhom milli jgawdu djarhom, u dan jaffettwa b'mod negattiv il-ħajja privata u tal-familja tagħhom[619].

Eżempju: F'*Tătar vs Ir-Rumanija*[620], ir-rikorrenti għexu f'żona residenzjali qrib impjant ta' estrazzjoni tad-deheb minn minjiera. Huma ppreżentaw diversi lmenti dwar ir-riskji li huma kienu esposti għalihom minħabba l-użu ta' proċedura teknika li kienet tinvolvi ċ-ċjanur tas-sodju li kienet qed tintuża mill-kumpanija. Fl-2000, minkejja li l-awtoritajiet assiguraw lir-rikorrenti li kien hemm biżżejjed mekkaniżmi ta' sikurezza, kwantità kbira ta' ilma mniġġes inxtered f'diversi xmajjar, li jaqsmu bosta fruntieri u li affettwaw l-ambjent ta' ħafna pajjiżi. Ir-rikorrenti sostnew li t-tniġġis kellu impatt ħażin fuq saħħithom.

Il-QEDB insistiet li l-Artikolu 8 huwa applikabbli f'każijiet ambjentali meta t-tniġġis huwa kkawżat mill-istat jew meta r-responsabilità taqa' fuq l-istat permezz ta' regolamentazzjoni inadegwata tas-settur privat. Il-Qorti ddeċidiet li l-awtoritajiet Rumeni naqsu milli jwettqu valutazzjoni minn qabel sodisfaċenti tar-riskji possibbli, ma tawx informazzjoni adegwata lill-persuni kkonċernati u ma waqqfux l-attività industrijali wara l-inċident. Għaldaqstant, l-Artikolu 8 inkiser. Għalkemm l-Artikolu 8 ma fihx rekwiżit proċedurali espliċitu, il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jwassal għal

617 Pereżempju, ara QEDB, *Öneryıldız vs It-Turkija* [QĠ], Nru 48939/99, 30 ta' Novembru 2004, paragrafi111-118 (dwar l-aspett proċedurali tal-Artikolu 2).

618 Pereżempju, ara QEDB, *Lopez Ostra vs Spanja*, Nru 16798/90, 9 ta' Diċembru 1994, paragrafu58; QEDB, *Taşkin u oħrajn vs It-Turkija, Nru 46117/99, 10 ta' Novembru 2004, paragrafu 126.* Ara wkoll il-Kunsill tal-Ewropa (2012), *Manwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-Ambjent*.Ara wkoll il-Kunsill tal-Ewropa, *Konvenzjoni dwar il-Ħarsien tal-Ambjent permezz tal-Liġi Kriminali*, CETS Nru 172, 1998 (li teħtieġ li l-Istati Partijiet jikkriminalizzaw reati ambjentali serji u jikkooperaw fl-infurzar tagħhom).

619 QEDB, *Guerra u oħrajn vs L-Italja* [QĠ], Nru 14967/89, 19 ta' Frar 1998, paragrafu 60.

620 QEDB, *Tătar vs Ir-Rumanija*, Nru 67021/01, 27 January 2009.

miżuri ta' interferenza għandu jkun wieħed ġust u jagħti r-rispett dovut għall-interessi tal-individwu kif iggarantit bl-Artikolu.

Dawk affettwati speċifikament biss għandhom id-dritt li jipparteċipaw fit-teħid tad-deċiżjonijiet fil-kawżi ambjentali. *Actio popolaris* - azzjoni legali biex tipproteġi jew tinforza d-drittijiet li jgawdi minnhom il-pubbliku (litigazzjoni ta' interess pubbliku) - biex tipproteġi l-ambjent mhijiex prevista[621].

Prattika promettenti

## Il-promozzjoni tad-demokrazija ambjentali fil-prattika

Il-Litwanja ġabet punteġġi għoljin fil-pilastri kollha tal-Indiċi tad-Demokrazija Ambjentali (EDI, Environmental Democracy Index ) – li jevalwa l-pajjiżi fuq il-bażi ta' standards ambjentali rikonoxxuti - u rċeviet punteġġ massimu fl-indiċi legali. Il-pubbliku jgawdi mid-dritt ta' appell għal rifjuti għall-għoti ta' informazzjoni ambjentali u li jippreżenta firxa wiesgħa ta' pretensjonijiet meta d-drittijiet jiġu miksura jew issir xi ħsara. Il-Litwanja ħadet diversi passi biex tistabbilixxi d-drittijiet legali li jappoġġjaw id-demokrazija ambjentali. Iktar dettalji jistgħu jinstabu fuq is-sit tal- EDI.

*Sors: www.environmentaldemocracyindex.org/country/ltu.*

Is-sentenzi tal-QEDB jirreferu għall-istandards internazzjonali dwar l-ambjent u d-drittijiet fil-Konvenzjoni ta' Aarhus[622]. Il-Qorti kkonfermat ukoll l-importanza tad-dritt għall-aċċess għal informazzjoni mill-gvern meta hemm possibilità ta' effetti serji fuq is-saħħa[623]. Tabilħaqq, meta gvern jinvolvi ruħu f'attivitajiet perikolużi li jista' jkollhom konsegwenzi negattivi moħbija fuq is-saħħa ta' dawk involuti, l-Artikolu 8 jirrikjedi li jkun hemm proċedura stabbilita effettiva u aċċessibbli sabiex dawk ikkonċernati jkunu jistgħu jfittxu kull tip ta' informazzjoni relevanti u xierqa[624]. Il-QEBD ippermetta wkoll assoċjazzjoni

621 QEDB, *Ilhan vs It-Turkija* [QĠ], Nru 22277/93, 27 ta' Ġunju 2000, paragrafi 52-53.

622 QEDB, *Tătar vs Ir-Rumanija*, Nru 67021/01, 27 ta' ta' Jannar 2009, paragrafi 93, 101, 113–116 u 118.

623 QEDB, *McGinley u Egan vs Ir-Renju Unit*, Nri 21825/93 u 23414/94, 9 ta' Ġunju 1998, paragrafu 101.

624 QEDB, *Giacomelli vs L-Italja*, Nru 59909/00, 2 ta' ta' Novembru 2006.

għal aċċess għall-ġustizzja meta jsir ilment dwar theddida konkreta u diretta għall-pussess personali tagħha u l-istil tal-ħajja tal-membri tagħha[625].

Id-dritt għall-protezzjoni tas-saħħa jinstab ukoll fl-Artikolu 11 tal-Karta Soċjali Ewropea tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-Karta Soċjali Riveduta[626]. Skont Protokoll addizzjonali għal din il-karta, li daħal fis-seħħ fl-1998, trejdunjins nazzjonali u organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, kif ukoll ċertu trejdunjins Ewropej, organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u NGOs internazzjonali, huma intitolati li jressqu lmenti dwar vjolazzjonijiet mal-Kumitat Ewropew tad-Drittijet Soċjali kontra l-Partijiet Statali skont il-Protokoll. Barra minn hekk, l-NGOs nazzjonali jistgħu jressqu lment jekk l-Istat ikkonċernat jagħmel dikjarazzjoni f'dan is-sens.

**Skont il-liġi tal-UE**, l-Artikolu 37 tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali taf-ferma li livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u ta' titjib tal-kwalità tal-ambjent għandhom jiġu integrati fil-politika tal-Unjoni[627]. Barra minn hekk, kif innu-tat tul dan il- manwal kollu, l-Artikolu 47 tal-Karta tal-UE tad-Drittijet Funda-mentali jipprovdi aċċess għad-drittijiet tal-ġustizzja għad-drittijiet kollha li jirriżultaw mid-dritt tal-UE.

Barra minn hekk, il-leġislazzjoni sekondarja tal-UE fiha aċċess għad-drittijiet tal-ġustizzja. Xi dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta Aarhus jistgħu jinstabu fid-Direttiva 2003/4/KE (aċċess għal pilastri ta' informazzjoni), id-Direttiva 2003/35/KE (pilastru tal-parteċipazzioni pubblika u l- aċċess għall-pilastru tal-ġustizzja) u r-Regolament (KE) Nru 1367/2006 (li japplika l-Konvenzjoni ta' Aarhus għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE)[628]. L-aċċess għar-regoli tal-ġus-tizzja huma issa inkorporati fl-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Impatt Ambjentali

625 QEDB, *Gorraiz Lizarraga u Oħrajn vs Spanja*, Nru 62543/00, 27 ta' April 2004.

626 Il-Kunsill tal-Ewropa, Karta Soċjali Ewropea, CETS Nru 35, 1961, u l-Kunsill tal-Ewropa, il-Karta Soċjali Riveduta, CETS Nru 163, 1996.

627 Ara wkoll it-TUE, Art. 3 (3) u TFUE, Artikoli 11 u 191.

628 Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Diretiva tal-Kunsill 90/313/KEE, ĠU 2003 L 41; Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja; Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE, ĠU 2003 L 156; Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, ĠU 2006 L 264. Ara wkoll, QtĠ-UE, C-240/09, *Lesoochranárske zoskupenie VLK vs Ministerstvo životného prostredia Slovenskej republiky*, 8 ta' Marzu 2011.

(EIA)[629], li tapplika għal bosta proġetti pubbliċi u privati definiti, u l-Artikolu 25 tad- Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali[630].

